IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.9.2021
COM(2021) 608 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tar-Rumanija

{SWD(2021) 276 final}

ANNESS

1. TAQSIMA 1: RIFORMI U INVESTIMENTI TAĦT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1.1. Deskrizzjoni tar-Riformi u l-Investimenti

A. KOMPONENT 1: IL-ĠESTJONI TAL-ILMA

L-objettiv tal-komponent huwa li jiżgura provvista sostenibbli tal-ilma għal futur sikur tan-nies, tal-ambjent u tal-ekonomija. B'mod partikolari, il-komponent għandu l-għan li: (1) iżid l-aċċess pubbliku, speċjalment fiż-żoni rurali, għas-servizzi pubbliċi tal-ilma u tas-sanità f'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea u jagħmluh aċċessibbli għall-gruppi soċjali kollha; (2) iżdid is-sikurezza tal-akkumulazzjonijiet eżistenti; (3) issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u ta' rispons tal-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Ilma (ANAR) f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza b'mod partikolari marbuta mal-infrastruttura tal-ġestjoni tal-ilma; (4) itejjeb il-preċiżjoni tat-tbassir tat-twissijiet tat-temp u tas-sistemi ta' twissija sabiex jitnaqqas l-għadd ta' mwiet u korrimenti kkawżati minn avvenimenti estremi tat-temp.

Il-komponent huwa magħmul minn żewġ riformi u seba' investimenti.

Il-miżuri inklużi fil-komponent huma mistennija jindirizzaw xi sfidi enfasizzati mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura ambjentali fost oħrajn (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 4, 2019 u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

A.1. DESKRIZZJONI TAR-RIFORMI U TAL-INVESTIMENTI GĦAS-SELF

Riforma 1. Tisħiħ tal-qafas regolatorju għall-ġestjoni sostenibbli tas-settur tal-ilma u tal-ilma mormi u l-aċċellerazzjoni tal-aċċess pubbliku għal servizzi ta' kwalità skont id-direttivi Ewropej

L-għan ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb il-kapaċità tal-operaturi tal-infrastruttura tal-ilma reġjonali, u li ttejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tal-kooperazzjoni bejnhom u l-awtoritajiet lokali/l-assoċjazzjonijiet tal-iżvilupp interkomunitarji (IDAs), is-sidien tal-infrastruttura tal-ilma u tal-kanali. Biex jinkiseb dan, għandhom isiru għadd ta' bidliet leġiżlattivi u regolatorji:

1) Emendi fil-Liġi Nru 241/2006 dwar il-provvista tal-ilma u d-drenaġġ għandhom isiru biex jippermettu dan li ġej:

- Approvazzjoni tal-istrateġija tat-tariffi tal-operatur reġjonali tal-ilma u tad-drenaġġ mil-laqgħa ġenerali tal-Assoċjazzjonijiet Interkomunali tal-Iżvilupp (IDAs), abbażi tal-mandat speċjali li rċevew mill-unitajiet amministrattivi lokali. Permezz ta' din il-bidla, iż-żmien meħtieġ għall-approvazzjoni tal-istrateġija tariffarja għandu jitnaqqas b'mod sinifikanti u dan għandu jippermetti l-estensjoni tal-infrastruttura tas-servizz tal-ilma u tal-ilma mormi.
- Tobbliga lill-awtoritajiet lokali tal-amministrazzjoni pubblika biex iżommu rekords tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi li ma jarmux ilma mormi fin-network pubbliku tad-drenaġġ u jibagħtu l-lista ta' dawn il-persuni lill-Gwardja Ambjentali Nazzjonali kull sena.
- Tobbliga lill-utenti biex jikkonnettjaw mas-sistemi pubbliċi eżistenti tad-drenaġġ jekk ma jkollhomx sistema individwali xierqa ta' ġbir u trattament.

- Tippermetti li jiġi organizzat, fejn xieraq, il-forniment tas-servizz tal-ilma biss, bil-kundizzjoni li l-ġbir tal-ilma mormi jsir permezz ta' sistemi individwali ta' ġbir u trattament li għandhom jiżguraw l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali bħas-sistemi ċentralizzati tal-ġbir u t-trattament.
- Tiżgura n-natura eċċezzjonali tas-sistemi individwali adegwati, fis-sens li dawn is-sistemi jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn is-sistemi ċentralizzati ma jkunux teknikament u ekonomikament fattibbli.
- Tipprojbixxi l-iskariku dirett fl-ambjent tal-ilma mormi mhux trattat minn sistemi individwali xierqa.
- Tiżviluppa kriterji għall-awtorizzazzjoni, il-kostruzzjoni, ir-reġistrazzjoni, it-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistemi individwali xierqa.

L-implimentazzjoni tar-riforma msemmija hawn fuq għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

2) id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tapprova l-programm nazzjonali l-Ewwel Konnessjoni mal-Ilma u s-Sanità, li għandu jappoġġa lill-familji u lill-persuni waħedhom bi dħul baxx (li għandhom introjtu nett medju fix-xahar fi flus taħt il-paga minima nazzjonali grossa garantita għal kull membru tal-familja) biex iħallsu l-ispejjeż imġarrba għall-konnessjoni mas-sistema tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ. L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2022.

3) L-iffirmar ta' ftehimiet ta' implimentazzjoni bejn l-Amministrazzjoni tal-Fond Ambjentali u l-awtoritajiet lokali li jipparteċipaw fil-Programm għall-Ewwel Konnessjoni mal-Ilma u mas-Sanità. Il-ftehimiet għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma. 2 Rikonfigurazzjoni tal-mekkaniżmu ekonomiku attwali tal-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Ilma (ANAR) sabiex jiġu żgurati l-modernizzazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema nazzjonali tal-ġestjoni tal-ilma u l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttiva dwar l-Għargħar

L-għan tar-riforma huwa li tiżgura l-modernizzazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema nazzjonali tal-ġestjoni tal-ilma u l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva 2000/60/KE (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) u d-Direttiva 2007/60/KE) (id-Direttiva dwar l-Għargħar) u li tiżgura l-aktar ġestjoni effiċjenti tal-ispejjeż fil-livell tal-ANAR.

Biex jinkiseb dan, mekkaniżmu ekonomiku ġdid li jippermetti lill-ANAR tissodisfa bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-konsumatur, inkluż billi tittejjeb il-konnessjoni bejn il-kompiti u l-istruttura tal-persunal, għandu jsir operattiv billi jitwettqu l-istudji meħtieġa għall-11-il baċin ta' xmajjar fir-Rumanija, li jkopru: (i) l-importanza ekonomika tal-ġestjoni u tal-użu sostenibbli tal-ilma; (ii) ix-xejriet fl-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-ilma u tal-volumi tal-ilma miġbura fil-livell tal-baċin/żona tax-xmara; u (iii) indikaturi makroekonomiċi fuq terminu medju u twil u l-mekkaniżmu ottimali ta' rkupru tal-ispejjeż għall-volumi tal-ilma pprovduti mill-ANAR lill-utenti tar-riżorsi tal-ilma skont ir-rekwiżiti tal-fluss ekoloġiku. L-istudji għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2022.

Abbażi ta' dawk l-istudji, l-emendi leġiżlattivi għal-Liġi dwar l-Ilma Nru 107/1996 għandhom jiġu adottati biex jirregolaw il-mekkaniżmu ekonomiku l-ġdid għar-riżorsi tal-ilma fir-Rumanija.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Ir-riforma 1 għandha tkun akkumpanjata minn tliet investimenti — Investimenti 1, 2 u 3.

Investiment 1. L-espansjoni tas-sistemi tal-ilma u tad-drenaġġ f'agglomerazzjonijiet b'ekwivalenza ta' popolazzjoni ta' aktar minn 2 000, prijoritizzata mill-Pjan Aċċellerat għall-Konformità mad-Direttivi Ewropej

L-għan ta' dan l-investiment huwa li jestendi l-kopertura tal-ilma u tas-sistemi tal-ġbir tal-ilma mormi f'muniċipalitajiet b'popolazzjoni ekwivalenti għal aktar minn 2 000 ruħ, prijoritizzati mill-Pjan għall-Aċċellerazzjoni tal-Konformità mad-Direttivi Ewropej.

Bħala riżultat tal-investiment, b'kollox għandhom jinbnew u jsiru operattivi total ta' 1 600 km ta' netwerks ta' distribuzzjoni tal-ilma u mill-inqas 2 500 km ta' network tad-drenaġġ f'agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 2 000 ekwivalent ta' popolazzjoni (l.e), prijoritizzati mill-Pjan Aċċellerat għall-Konformità mad-Direttivi Ewropej u f'konformità mal-emendi fil-Liġi Nru 241/2006 adottati skont ir-Riforma 1.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2. Ġbir tal-ilma mormi fl-agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni ekwivalenti għal inqas minn 2 000 ruħ li jipprevjeni l-kisba ta' status tajjeb tal-korpi tal-ilma u/jew jaffettwa żoni naturali protetti

L-objettiv tal-investiment huwa li jinbnew sistemi individwali jew sistemi (komuni) xierqa oħra għall-ġbir tal-ilma mormi fl-agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ekwivalenti għal inqas minn 2000 ruħ.

Bħala riżultat tal-investiment, mill-inqas total ta' 12 900 sistema individwali jew sistema xierqa oħra u mill-inqas total ta' 400 km ta' network tad-drenaġġ għandhom jinbnew u jsiru operattivi. L-investiment għandu jibda biss wara l-approvazzjoni tal-emendi leġiżlattivi dwar sistemi individwali xierqa (ir-Riforma 1) u d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li japprova l-Programm Nazzjonali għall-ewwel konnessjoni man-netwerks tal-ilma u tad-drenaġġ (ir-Riforma 1) u għandu jkun konformi mal-emendi fil-Liġi Nru 241/2006 adottati skont ir-Riforma 1.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 3. Appoġġ għall-konnessjoni tal-popolazzjoni bi dħul baxx man-netwerks eżistenti tal-ilma u tad-drenaġġ

L-objettiv tal-investiment huwa li jipprovdi appoġġ lill-familji u lill-persuni waħedhom bi dħul baxx (li għandhom dħul nett medju fix-xahar fi flus taħt il-paga minima nazzjonali grossa garantita għal kull membru tal-familja) biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-konnessjoni mas-sistema pubblika tal-provvista tal-ilma u tas-sanità.

Bħala riżultat tal-investiment, mill-inqas 88 400 unità domestika addizzjonali għandhom jiġu konnessi mal-ilma u mad-drenaġġ permezz tal-Ewwel Konnessjoni mal-Ilma u mas-Sanità tal-Programm Nazzjonali, adottat skont ir-Riforma 1. L-investiment għandu jiġi implimentat mill-awtoritajiet lokali permezz tal-operaturi pubbliċi tal-ilma u tad-drenaġġ li jiġġestixxu s-sistemi tal-bini ppjanati. L-investiment għandu jiffinanzja l-ispejjeż imġarrba u ġustifikati skont id-dispożizzjonijiet legali mill-awtoritajiet kontraenti mingħajr ma jinqabeż il-livell ta' EUR 2 000 għal kull unità domestika konnessa.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 4. Adattament għat-tibdil fil-klima permezz tal-awtomatizzazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni tat-tagħmir tar-rimi tal-ilma u tal-ħżin, tal-akkumulazzjonijiet eżistenti biex

jiġi żgurat il-fluss ekoloġiku u tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-ilma għall-popolazzjoni u jitnaqqas ir-riskju għall-għargħar

L-investiment jikkonsisti f'żewġ sottoinvestimenti: (1) ir-riabilitazzjoni tal-linji ta' difiża eżistenti skont id-Direttiva dwar l-Għargħar u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar; U (2) ir-riabilitazzjoni tal-akkumulazzjonijiet eżistenti li huma f'riskju li jikkollassaw.

L-objettiv tal-ewwel sottoinvestiment huwa li jiġu rinnovati l-linji eżistenti ta' difiża kontra l-għargħar. Bħala riżultat ta' dan is-sottoinvestiment, mill-inqas total ta' 510 km ta' linji ta' difiża kontra l-għargħar għandhom jiġu riabilitati f'konformità mad-Direttiva dwar l-Għargħar u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar. Ix-xogħlijiet ta' riabilitazzjoni għandhom jagħtu prijorità liż-żoni abbażi ta' pjanijiet ta' prevenzjoni u protezzjoni u mitigazzjoni tal-għargħar u għandhom jikkonsistu f'mili minn materjal lokali estratt miż-żoni tax-xatt tad-diga, segwiti mill-kisi bil-ħaxix.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

L-objettiv tat-tieni sottoinvestiment huwa t-tiswija u r-restawr ta' digi danneġġati u polders għall-prevenzjoni tal-għargħar fil-linji eżistenti ta' difiża kontra l-għargħar sabiex tiġi restawrata u tinżamm il-kapaċità tagħhom li jipprevjenu l-għargħar. Fir-rigward tad-digi, soġġett għall-eżitu tal-istudji tal-fattibbiltà li se jitwettqu għal 30 diga, is-sottoinvestiment għandu jiġi implimentat permezz tal-adozzjoni, sat-30 ta' Ġunju 2023, tad-disinni tal-proġett għar-riabilitazzjoni ta' 20 diga eżistenti, li għalihom ma hemm l-ebda alternattiva fattibbli biex jitnaqqsu r-riskji tal-għargħar. Abbażi ta' dawn id-disinji ta' proġetti, għandhom jiġu riabilitati 20 diga eżistenti, li għalihom l-istudji ta' fattibbiltà riveduti kkonkludew li ma hemmx alternattiva fattibbli biex jitnaqqsu r-riskji tal-għargħar. Ir-riabilitazzjoni għandha ssir f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-istudji tal-fattibbiltà u fid-disinni tal-proġetti, u għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-riżultati u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-VIA komprensiva u kumulattiva li għandha tkun tlestiet f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE (id-Direttiva VIA), kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) u l-Valutazzjoni Xierqa skont id-Direttiva 92/43/KEE (id-Direttiva dwar il-Ħabitats), inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa. Għandu jinkiseb status/potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma rilevanti skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u dan għandu jiġi ppruvat mill-aħħar *data* ta' appoġġ rilevanti, u kwalunkwe deterjorament għandu jiġi evitat. Fir-rigward tal-polders għall-prevenzjoni tal-għargħar, bħala riżultat ta' dan l-investiment, 20 polder għall-prevenzjoni tal-għargħar fil-linji eżistenti ta' difiża kontra l-għargħar għandhom jiġu riabilitati jew installati mill-ġdid.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment 5. Dotazzjoni xierqa tal-amministrazzjonijiet tal-baċiri tax-xmajjar għall-monitoraġġ tal-għargħar, il-prevenzjoni u r-rispons ta' emerġenza

L-objettiv tal-investiment huwa li l-amministrazzjonijiet tal-ANAR/tal-baċini jiġu mgħammra bil-makkinarju u t-tagħmir meħtieġ għall-intervent biex jimmitigaw l-impatti ta' avvenimenti estremi tat-temp.

Bħala riżultat tal-investiment, 11 l-Amministrazzjonijiet tal-Baċin tax-Xmara għandhom ikunu mgħammra b'makkinarju għall-aċċess u għall-intervent fuq art imħarbta, aċċess amfibju u trasport ta' borož tar-ramel/digi mobbli f'żoni li diffiċli jintlaħqu; Droni mgħammra b'sensuri LIDAR/Flir/fotogrammetrija; Teknoloġiji ġeoelettroreżistenti/ġeoreżistenti tal-korpi tad-digi, u l-infrastruttura tal-ħardwer u tas-softwer għall-analiżi tad-*data* u tal-ħżin tad-*data* miġbura mit-tagħmir imsemmi hawn fuq, sabiex jiġu appoġġati u mtejba l-prevenzjoni tal-għargħar u r-rispons għas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-vetturi li għandhom jinxtraw għandu jkollhom emissjonijiet speċifiċi ta' CO2, kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2019/631, li jkunu inqas minn 50gCO2/km.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

Investiment 6. Implimentazzjoni tal-katast tal-ilma

L-objettiv tal-investiment huwa li tiġi żgurata d-delimitazzjoni rapida tal-mogħdijiet tal-ilma minuri, bl-użu ta' tekniki għall-interpretazzjoni u għall-ipproċessar tal-informazzjoni semiawtomatika bis-satellita disponibbli fil-livell globali u Ewropew għal madwar 70 % tat-tul tal-passaġġi tal-ilma katastali, id-determinazzjoni permezz ta' metodi semiawtomatiċi ta' żoni idromorfoloġiċi attivi (erożjoni/sedimentazzjoni) biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u ta' punti kritiċi tal-infrastrutturi longitudinali tal-mogħdijiet tal-ilma (digi, tagħmir max-xatt) sabiex tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għargħar.

Il-katast tal-ilma għandu jiġi żviluppat u operazzjonalizzat billi (i) jinkiseb Mudell Diġitali tat-Terren (DTM)/Mudell Diġitali tal-Wiċċ (DSM) fil-livell nazzjonali, abbażi ta' informazzjoni satellitari li għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet kollha tal-Istat; (ii) żvilupp ta' softwer għad-determinazzjoni tal-modifika ta' qiegħ ix-xmara (proċess ta' sedimentazzjoni tal-erożjoni), monitoraġġ tal-estrazzjoni taż-żrar u potenzjal ta' landslide fiż-żoni ta' kumpless ta' għadajjar tad-digi; (iii) id-diġitizzazzjoni semiawtomatika u d-delineazzjoni ta' qigħien ta' xmajjar minuri bbażati fuq l-ortofoto tad-DTM/DSM u fuq l-immaġnijiet satellitari.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 7. Estensjoni tan-network nazzjonali ta' osservazzjoni tas-Sistema Meteoroloġika Integrata Nazzjonali (SIMIN)

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb il-kapaċità li jbassar fenomeni tat-temp severi (nowcasting) u b'hekk inaqqas jew jipprevjeni l-impatti negattivi tagħhom. Dan għandu jinkiseb permezz tal-estensjoni tan-network nazzjonali tal-osservazzjonijiet skont is-Sistema Meteoroloġika Integrata Nazzjonali (SIMIN) bi stazzjonijiet meteoroloġiċi tal-wiċċ awtomatiċi u awtonomi u stazzjonijiet agrometeoroloġiċi.

Bħala riżultat ta' dan l-investiment, 300 stazzjon meteoroloġiku tal-wiċċ awtomatiku u awtonomu u 100 stazzjon agrometeoroloġiku għandhom jiġu akkwistati u jsiru operattivi sal-31 ta' Diċembru 2025. Barra minn hekk, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għall-integrazzjoni tal-istazzjonijiet meteoroloġiċi addizzjonali fis-Sistema Meteoroloġika Integrata Nazzjonali (SIMIN) għandha ssir operattiva sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
1	Riforma 1. Tisħiħ tal-qafas regolatorju għall-ġestjoni sostenibbli tas-settur tal-ilma u tal-ilma mormi u l-aċċellerazzjoni tal-aċċess pubbliku għal servizzi ta' kwalità skont id-direttivi Ewropej	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi fil-Liġi Nru 241/2006 dwar il-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				Q4	2021	Dħul fis-seħħ tal-emendi fil-Liġi Nru 241/2006 dwar il-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ li għandhom: - Jippermettu l-approvazzjoni tal-istrateġija tat-tariffi tal-operatur reġjonali tal-ilma u tad-drenaġġ mil-laqgħa ġenerali tal-Assoċjazzjonijiet Interkomunali tal-Iżvilupp (IDAs), abbażi tal-mandat speċjali li rċevew mill-unitajiet amministrattivi lokali. Permezz ta' din il-bidla, iż-żmien meħtieġ għall-approvazzjoni tal-istrateġija tariffarja għandu jitnaqqas b'mod sinifikanti u dan għandu

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										jippermetti l-estensjoni tal-infrastruttura tas-servizz tal-ilma u tal-ilma mormi. - Tobbliga lill-awtoritajiet lokali tal-amministrazzjoni pubblika biex iżommu rekords tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi li ma jarmux ilma mormi fin-network pubbliku tad-drenaġġ u jibagħtu l-lista ta' dawn il-persuni lill-Gwardja Ambjentali Nazzjonali kull sena. - Tobbliga lill-utenti biex jikkonnettjaw mas-sistemi pubbliċi eżistenti tad-drenaġġ jekk ma jkollhomx sistema individwali xierqa ta' ġbir u trattament. - Tippermetti li jiġi

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										organizzat, fejn xieraq, il-forniment tas-servizz tal-ilma biss, bil-kundizzjoni li l-ġbir tal-ilma mormi jsir permezz ta' sistemi individwali ta' ġbir u trattament li għandhom jiżguraw l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali bħas-sistemi ċentralizzati tal-ġbir u t-trattament. - Tiżgura n-natura eċċezzjonali tas-sistemi individwali adegwati, li għandhom jindirizzaw biss sitwazzjonijiet fejn is-sistemi ċentralizzati ma jkunux teknikament u ekonomikament fattibbli. - Tipprojbixxi l-iskariku dirett fl-ambjent tal-ilma

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										mormi mhux trattat minn sistemi individwali xierqa. - Tiżviluppa kriterji għall-awtorizzazzjoni, il-kostruzzjoni, ir-reġistrazzjoni, it-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistemi individwali xierqa.
2	Riforma 1. It-tisħiħ tal-qafas regolatorju għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tas-settur tal-ilma mormi u tal-aċċellerazzjoni tal-aċċess tan-nies għal servizzi ta' kwalità skont id-direttivi Ewropej	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tapprova l-Ewwel Konnessjoni mal-Ilma u mas-Sanità tal-programm nazzjonali	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi għall-Ewwel Konnessjoni mal-Programm tal-Ilma u tas-Sanità				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tapprova l-programm nazzjonali l-Ewwel Konnessjoni mal-Ilma u s-Sanità, li għandu jappoġġa lill-familji u lill-persuni waħedhom bi dħul baxx (li għandhom introjtu nett medju fix-xahar fi flus taħt il-paga minima nazzjonali grossa garantita għal kull membru tal-familja) biex iħallsu l-ispejjeż imġarrba għall-konnessjoni mas-sistema tal-provvista tal-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										ilma u tad-drenaġġ. L-unitajiet domestiċi bi dħul baxx għandhom jiġu identifikati mill-awtoritajiet lokali. Il-programm tal-Ewwel Konnessjoni mbagħad għandu jiffinanzja, permezz tal-Amministrazzjoni tal-Fond Ambjentali, ix-xogħlijiet ta' konnessjoni għall-familji identifikati kkuntrattati mill-awtoritajiet lokali.
3	Riforma 1. It-tisħiħ tal-qafas regolatorju għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tas-settur tal-ilma mormi u tal-aċċellerazzjoni tal-aċċess tan-nies għal servizzi ta'	Stadju importanti	Ftehimiet ta' implimentazzjoni ffirmati mal-awtoritajiet lokali li jipparteċipaw fl-Ewwel Konnessjoni mal-Programm tal-Ilma u tas-	Ftehimiet ta' implimentazzjoni ffirmati mal-awtoritajiet lokali li jipparteċipaw fl-Ewwel Konnessjoni mal-Programm tal-Ilma u tas-Sanità				Q4	2022	L-amministrazzjoni tal-Fond Ambjentali għandha tiffirma l-ftehimiet ta' implimentazzjoni mal-awtoritajiet lokali li jipparteċipaw fl-Ewwel Konnessjoni mal-Programm tal-Ilma u tas-Sanità.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	kwalità skont id-direttivi Ewropej		Sanità							
4	Riforma 2. Rikonfigurazzjoni tal-mekkaniżmu ekonomiku attwali tal-ANAR biex jiġu żgurati l-modernizzazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema nazzjonali tal-ġestjoni tal-ilma u tal-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttiva dwar l-Għargħar	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tintroduċi emendi fil-Liġi dwar l-Ilma Nru 107/1996	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv għal emendi fil-Liġi dwar l-Ilma Nru 107/1996				Q3	2024	Abbażi tal-istudji mwettqa, l-emendi leġiżlattivi għal-Liġi dwar l-Ilma Nru 107/1996 għandhom jiġu adottati u jidħlu fis-seħħ biex jirregolaw il-mekkaniżmu ekonomiku l-ġdid għar-riżorsi tal-ilma fir-Rumanija. Il-mekkaniżmu l-ġdid għandu jtejjeb il-korrelazzjoni bejn is-sistema regolata tad-dħul tal-ilma tal-ANAR (l-Amministrazzjoni Rumena tal-Ilmijiet) u l-ispejjeż għal kull kategorija ta' utenti tal-ilma li l-ANAR tipprovdilhom il-volumi tal-ilma meħtieġa, skont ir-rekwiżiti tal-fluss ekoloġiku.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
5	Investiment 1. L-espansjoni tas-sistemi tal-ilma u tad-drenaġġ f'agglomerazzjoni jiet b'ekwivalenza ta' popolazzjoni ta' aktar minn 2 000, prijoritizzata mill-Pjan Aċċellerat għall-Konformità mad-Direttivi Ewropej	Mira	Netwerks ta' distribuzzjoni tal-ilma mibnija u operattivi		Kilometri (km)	0	400	Q3	2024	Mill-inqas 400 km ta' netwerks ta' distribuzzjoni tal-ilma għandhom jinbnew u jsiru operattivi fil-muniċipalitajiet li jinsabu fl-agglomerazzjonijiet prijoritizzati mill-Pjan Aċċellerat għall-Konformità mad-Direttivi Ewropej u f'konformità mal-emendi għal-Liġi Nru 241/2006 stabbiliti fl-Istadju importanti 1.
6	Investiment 1. L-espansjoni tas-sistemi tal-ilma u tad-drenaġġ f'agglomerazzjoni jiet b'ekwivalenza ta' popolazzjoni ta' aktar minn 2 000, prijoritizzata mill-Pjan Aċċellerat	Mira	Netwerks ta' distribuzzjoni tal-ilma mibnija u operattivi		Kilometri (km)	400	1 600	Q2	2026	Total ta' 1 600 km ta' netwerks ta' distribuzzjoni tal-ilma għandhom jinbnew u jsiru operattivi fil-muniċipalitajiet li jinsabu fl-agglomerazzjonijiet prijoritizzati mill-Pjan Aċċellerat għall-Konformità mad-Direttivi Ewropej u f'konformità

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	għall-Konformità mad-Direttivi Ewropej									mal-emendi fil-Liġi Nru 241/2006 stabbiliti fl-Istadju importanti 1.
7	Investiment 1. L-espansjoni tas-sistemi tal-ilma u tad-drenaġġ f'agglomerazzjoni jiet b'ekwivalenza ta' popolazzjoni ta' aktar minn 2 000, prijoritizzata mill-Pjan Aċċellerat għall-Konformità mad-Direttivi Ewropej	Mira	Netwerks tad-drenaġġ mibnija u operattivi		Kilometri (km)	0	300	Q3	2024	Mill-inqas 300 km ta' network tad-drenaġġ għandhom jinbnew u jsiru operattivi fl-agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ekwivalent għal aktar minn 2 000 ruħ, prijoritizzati mill-Pjan Aċċellerat għall-Konformità mad-Direttivi Ewropej u f'konformità mal-emendi fil-Liġi Nru 241/2006 stabbiliti fl-Objettiv Intermedju 1.
8	Investiment 1. L-espansjoni tas-sistemi tal-ilma u tad-drenaġġ f'agglomerazzjoni jiet b'ekwivalenza ta' popolazzjoni	Mira	Netwerks tad-drenaġġ mibnija u operattivi mibnija u operattivi fl-agglomerazzjoni jiet prijoritizzati		Kilometri (km)	300	2 500	Q2	2026	B'kollox mill-inqas 2 500 km ta' network tad-drenaġġ għandhom jinbnew u jsiru operattivi fl-agglomerazzjonijiet b'aktar minn 2000 ekwivalent ta'

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	ta' aktar minn 2 000, prijoritizzata mill-Pjan Aċċellerat għall-Konformità mad-Direttivi Ewropej		mill-Pjan Aċċellerat għall-Konformità mad-Direttivi Ewropej.							popolazzjoni (l.e), prijoritizzati mill-Pjan Aċċellerat għall-Konformità mad-Direttivi Ewropej u f'konformità mal-emendi fil-Liġi Nru 241/2006 stabbiliti fl-Objettiv Intermedju 1.
9	Investiment 2. Ġbir tal-ilma mormi fl-agglomerazzjoniji et b'popolazzjoni ekwivalenti għal inqas minn 2 000 ruħ li jipprevjeni l-kisba ta' status tajjeb tal-korpi tal-ilma u/jew jaffettwa żoni naturali protetti	Mira	Sistemi individwali jew sistemi xierqa oħra mibnija u operattivi fl-agglomerazzjoni jiet b'popolazzjoni ekwivalenti għal inqas minn 2 000 ruħ		Numru	0	1 000	Q4	2023	Mill-inqas 1 000 sistema individwali jew sistemi xierqa oħra għandhom jinbnew u jsiru operattivi biex itaffu t-tagħbija fl-agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ekwivalenti għal inqas minn 2 000 ruħ li jipprevjenu l-kisba ta' status tajjeb tal-korpi tal-ilma u/jew jaffettwaw żoni naturali protetti.
10	Investiment 2. Ġbir tal-ilma mormi fl-	Mira	Sistemi individwali jew sistemi xierqa		Numru	1 000	12 900	Q2	2026	B'kollox, mill-inqas 12 900 ta' sistemi individwali jew sistemi

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ekwivalenti għal inqas minn 2 000 ruħ li jipprevjeni l-kisba ta' status tajjeb tal-korpi tal-ilma u/jew jaffettwa żoni naturali protetti		oħra mibnija u operattivi fl-agglomerazzjoni jiet b'popolazzjoni ekwivalenti għal inqas minn 2 000 ruħ.							xierqa oħra għandhom jinbnew u jsiru operattivi biex itaffu t-tagħbija fl-agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ekwivalenti għal anqas minn 2 000 ruħ li jipprevjenu l-kisba ta' status tajjeb tal-korpi tal-ilma u/jew jaffettwaw żoni naturali protetti.
11	Investiment 2. Ġbir tal-ilma mormi fl-agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni ekwivalenti għal inqas minn 2 000 ruħ li jipprevjeni l-kisba ta' status tajjeb tal-korpi tal-ilma u/jew jaffettwa żoni naturali protetti	Mira	Network tad-drenaġġ mibni u operattiv fl-agglomerazzjoni jiet b'popolazzjoni ekwivalenti għal anqas minn 2 000 ruħ.		Kilometri (km)	0	100	Q2	2024	Mill-inqas 100 km ta' network tad-drenaġġ fl-agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ekwivalenti għal inqas minn 2 000 ruħ għandhom jinbnew u jkunu operattivi u jkunu konformi mal-emendi fil-Liġi Nru 241/2006 stabbiliti fl-istadju importanti 1.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
12	Investiment 2. Ġbir tal-ilma mormi fl-agglomerazzjoniji et b'popolazzjoni ekwivalenti għal inqas minn 2 000 ruħ li jipprevjeni l-kisba ta' status tajjeb tal-korpi tal-ilma u/jew jaffettwa żoni naturali protetti	Mira	Netwerks mibnija u operattivi tad-drenaġġ fl-agglomerazzjoni jiet b'popolazzjoni ekwivalenti għal anqas minn 2 000 ruħ		Kilometri (km)	100	400	Q2	2026	B'kollox, mill-inqas 400 km ta' network tad-drenaġġ fl-agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ekwivalenti għal inqas minn 2 000 għandhom jinbnew u jkunu operattivi u jkunu konformi mal-emendi fil-Liġi Nru 241/2006 stabbiliti fl-istadju importanti 1.
13	Investiment 3. Appoġġ għall-konnessjoni tal-popolazzjoni bi dħul baxx man-netwerks eżistenti tal-ilma u tad-drenaġġ	Mira	Unitajiet domestiċi konnessi man-networks tal-ilma u tad-drenaġġ permezz tal-Programm Nazzjonali tal-Ewwel Konnessjoni mal-Ilma u mas-		Numru	0	88 400	Q2	2026	Mill-inqas 88 400 unità domestika addizzjonali għandhom ikunu konnessi mal-ilma u mad-drenaġġ permezz tal-Ewwel Konnessjoni mal-Ilma u mas-Sanità tal-Programm Nazzjonali.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
			Sanità							
14	Investiment 4.1 Ir-riabilitazzjoni tal-linji eżistenti ta' difiża skont id-Direttiva dwar l-Għargħar u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar	Mira	Linji għad-difiża mill-għargħar riabilitati f'konformità mad-Direttiva dwar l-Għargħar u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar		Kilometri (km)	0	100	Q4	2024	Mill-inqas 100 km ta' linji ta' difiża kontra l-għargħar għandhom jiġu riabilitati f'konformità mad-Direttiva dwar l-Għargħar u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar. Ix-xogħlijiet ta' riabilitazzjoni għandhom jingħataw prijorità fuq il-bażi ta' pjanijiet ta' prevenzjoni u protezzjoni kontra l-għargħar, u għandhom jikkonsistu f'mili b'materjal lokali estratt miż-żoni tax-xatt tad-diga, segwiti b'kisi ta' ħaxix.
15	Investiment. 4.1. Ir-riabilitazzjoni tal-linji eżistenti ta' difiża skont id-Direttiva dwar l-	Mira	Linji għad-difiża mill-għargħar riabilitati f'konformità mad-Direttiva		Kilometri (km)	100	510	Q1	2026	B'kollox, mill-inqas 510 km ta' linji ta' difiża kontra l-għargħar għandhom jiġu riabilitati f'konformità mad-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	Għargħar u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar		dwar l-Għargħar u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar							Direttiva dwar l-Għargħar u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar. Ix-xogħlijiet ta' riabilitazzjoni għandhom jingħataw prijorità fuq il-bażi ta' pjanijiet ta' prevenzjoni u protezzjoni kontra l-għargħar, u għandhom jikkonsistu f'mili b'materjal lokali estratt miż-żoni tax-xatt tad-diga, segwiti b'kisi ta' ħaxix.
16	Investiment 4.2. Riabilitazzjoni ta' akkumulazzjoniji et eżistenti li jeħtieġu interventi ta' emerġenza biex jaħdmu fis-sikurezza	Stadju importanti	Adozzjoni tad-disinni tal-proġetti permezz ta' Deċiżjoni tal-Gvern/Ordni Ministerjali, kif applikabbli	Adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Gvern/Ordni Ministerjali, kif applikabbli				Q2	2023	Soġġett għall-eżitu tal-istudji tal-fattibbiltà għal 30 diga, id-disinni tal-proġetti għar-riabilitazzjoni ta' 20 diga eżistenti, li għalihom ma hemmx alternattiva fattibbli biex jitnaqqas ir-riskju tal-għargħar, għandu jiġi adottat permezz tad-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										Deċiżjoni tal-Gvern/Ordni Ministerjali, kif applikabbli (skont id-daqs tal-investiment). L-istudji tal-fattibbiltà għandhom jinkludu, b'mod partikolari, valutazzjoni u tqabbil tal-benefiċċji u l-impatti ta' alternattivi għar-rinnovazzjoni tad-digi, sabiex jiġu evitati r-riskji tal-għargħar, inkluża t-tneħħija possibbli tad-digi u s-sostituzzjoni tagħhom b'soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. Din l-analiżi tal-benefiċċji u tal-impatt għandha tivvaluta kemm il-benefiċċji fit-tul mistennija mill-għażliet differenti, sabiex jiġu evitati r-riskji tal-għargħar u b'kont meħud b'mod partikolari tal-previżjonijiet rigward

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										riskji futuri ta' għargħar, u r-riżultati ambjentali. Il-proġett għandu jkollu l-objettiv li jiżgura l-operat sikur tad-digi, inaqqas ir-riskju tal-għargħar, u jipproteġi l-korpi tal-ilma u l-bijodiversità permezz ta' miżuri li jiżguraw il-migrazzjoni tal-ħut, il-fluss ekoloġiku, u l-prevenzjoni tal-ewtrofikazzjoni tal-korpi tal-ilma. Dan għandu jkun konformi mal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar u l-Pjanijiet ta' Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar applikabbli, f'konformità mad-Direttiva 2007/60/KE (id-Direttiva dwar l-Għargħar). Kwalunkwe miżura

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										identifikata fil-qafas tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, il-valutazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma), u l-Valutazzjoni Xierqa skont id-Direttiva 92/43/KEE (id-Direttiva dwar il-Ħabitats) kif meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01) għandhom jiġu integrati fit-tfassil tal-proġett u jiġu osservati b'mod strett fl-istadji tal-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni, l-operat u d-dekummissjonar tal-infrastruttura, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										Id-deterjorament tal-istat ekoloġiku tal-korpi tal-ilma affettwati għandu jiġi evitat u l-miżura ma għandhiex tipprevjeni t-titjib tal-istat ekoloġiku jew tal-potenzjal tal-korpi tal-ilma affettwati. Fejn l-ilma jiġi estratt, għandu jingħata permess rilevanti mill-awtorità rilevanti, li jispeċifika l-kundizzjonijiet biex jiġi evitat id-deterjorament u jiżgura li l-korpi tal-ilma affettwati jibqgħu fi stat ekoloġiku tajjeb, f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u evidenzjat mill-aħħar *data* ta' appoġġ rilevanti. L-estrazzjoni tal-ilma għandha tiġi evitata meta l-korpi tal-ilma

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										kkonċernati (ilmijiet tal-wiċċ jew ta' taħt l-art) ikunu, jew projettati li huma (fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tat-tibdil fil-klima) fi stat inqas minn tajjeb jew status potenzjalment tajjeb.
17	Investiment 4.2. Riabilitazzjoni ta' akkumulazzjoniji et eżistenti li jeħtieġu interventi ta' emerġenza biex jaħdmu fis-sikurezza	Mira	Digi eżistenti riabilitati		Numru	0	20	Q1	2026	L-20 diga eżistenti, li għalihom l-istudji ta' fattibbiltà riveduti kkonkludew li ma hemmx alternattiva fattibbli biex jitnaqqsu r-riskji tal-għargħar, għandhom jiġu riabilitati, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-istadju importanti 16 u b'rispett sħiħ għar-riżultati u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-VIA komprensiva u kumulattiva li għandha tkun tlestiet skont id-Direttiva 2011/92/UE (id-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										Direttiva VIA), kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) u l-Valutazzjoni Xierqa skont id-Direttiva 92/43/KEE (id-Direttiva dwar il-Ħabitats), inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa. Għad-digi fejn it-tneħħija u s-sostituzzjoni b'soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura ġew identifikati bħala l-aħjar għażla, abbażi tal-eżitu tal-istudji tal-fattibbiltà, għandhom jiġu ffinalizzati studji ulterjuri sabiex jiġu vvalutati l-għażliet taż-żarmar. Għandu jinkiseb status/potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										rilevanti skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u dan għandu jiġi ppruvat mill-aħħar *data* ta' appoġġ rilevanti, u kwalunkwe deterjorament għandu jiġi evitat.
18	Investiment 5. Dotazzjoni xierqa tal-amministrazzjonijiet tal-baċiri tax-xmajjar għall-monitoraġġ tal-għargħar, il-prevenzjoni u r-rispons ta' emerġenza	Mira	L-Amministrazzjonijiet tal-Baċin tax-Xmara mgħammra b'makkinarju għall-aċċess u l-intervent fl-aħrax, aċċess amfibju u trasport ta' boroż/digi mobbli f'żoni li diffiċli jintlaħqu, droni mgħammra b'sensuri LIDAR/Flir/foto		Numru	0	11	Q3	2023	11-il amministrazzjoni tal-Baċin tax-Xmara għandhom ikunu mgħammra b'dan li ġej: - makkinarju għall-aċċess u l-intervent fuq art imħarbta, aċċess amfibju u trasport ta' boroż tar-ramel/digi mobbli f'żoni li diffiċli jintlaħqu. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C 58/01), il-vetturi li jridu jinxtraw għandu jkollhom emissjonijiet speċifiċi ta' CO2, kif definit fil-punt (h) tal-Artikolu 3(1) tar-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
			grammetrija, teknoloġiji ġeoelettroreżistenti/ġeoradar ta' korpi ta' digi kif ukoll infrastruttura ta' hardware u software							Regolament (UE) 2019/631, li jkunu inqas minn 50gCO2/km. Droni mgħammra b'sensuri LIDAR/Flir/fotogrammetrija, -teknoloġiji geo-electro resistive/geo radar tal-korpi tad-digi; -infrastruttura ta' hardware u software għall-analiżi tad-*data* u l-ħżin tad-*data* miġbura mit-tagħmir imsemmi hawn fuq, sabiex jiġu appoġġati u mtejba l-prevenzjoni tal-għargħar u r-rispons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza.
19	Investiment 6. Implimentazzjoni tal-katast tal-ilma	Stadju importanti	Katast tal-ilma żviluppat u operazzjonalizzat	Katast tal-ilma operattiv				Q4	2025	Il-katast tal-ilma għandu jiġi żviluppat u operazzjonalizzat permezz ta': - l-akkwist ta' Mudell

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										Diġitali tal-Art (DTM)/Mudell Diġitali tal-Wiċċ (DSM) fil-livell nazzjonali, abbażi ta' informazzjoni satellitari li għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet kollha tal-Istat; - żvilupp ta' softwer għad-determinazzjoni tal-modifika ta' qiegħ ix-xmara (proċess ta' sedimentazzjoni tal-erożjoni), monitoraġġ tal-estrazzjoni taż-żrar u potenzjal ta' landslide fiż-żoni ta' kumpless ta' għadajjar tad-digi; - diġitizzazzjoni semiawtomatika u delineazzjoni tal-qigħien tax-xmajjar minuri ibbażati fuq ortofoto tad-DTM/DSM u fuq l-immaġnijiet satellitari.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
20	Investiment 7. Estensjoni tan-network nazzjonali ta' osservazzjoni tas-Sistema Meteoroloġika Integrata Nazzjonali (SIMIN)	Mira	Stazzjonijiet meteoroloġiċi mixtrija u operattivi		Numru	0	400	Q4	2025	In-network ta' stazzjonijiet meteoroloġiċi awtonomi tal-wiċċ għandu jiġi estiż bl-akkwist u l-operazzjonalizzazzjoni ta' 300 stazzjon meteoroloġiku tal-wiċċ awtomatiku u awtonomu u 100 stazzjon agrometeoroloġiku.
21	Investiment 7. Estensjoni tan-network nazzjonali ta' osservazzjoni tas-Sistema Meteoroloġika Integrata Nazzjonali (SIMIN)	Stadju importanti	Sistema operattiva tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għall-integrazzjoni tal-istazzjonijiet meteoroloġiċi u agrometeoroloġiċi addizzjonali fis-Sistema Meteoroloġika Integrata	Sistema Meteoroloġika Nazzjonali (SIMIN) integrata mal-istazzjonijiet addizzjonali operattivi				Q2	2026	L-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għall-integrazzjoni tal-istazzjonijiet meteoroloġiċi addizzjonali fis-Sistema Meteoroloġika Integrata Nazzjonali (SIMIN) għandha ssir operattiva.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
			Nazzjonali (SIMIN)							

B. KOMPONENT 2: FORESTI U PROTEZZJONI TAL-BIJODIVERSITÀ

L-objettiv tal-komponent huwa li jarmonizza l-prattiki nazzjonali tal-ġestjoni tal-foresti ma' dawk dwar il-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-protezzjoni tal-ambjent u l-iżgurar ta' tranżizzjoni lejn Ewropa newtrali għall-klima bil-ħolqien ta' żoni ġodda koperti mill-foresti u r-restawr ta' ħabitats degradati.

Il-komponent huwa magħmul minn żewġ riformi u ħames investimenti.

Il-miżuri inklużi fil-komponent huma mistennija jindirizzaw xi sfidi enfasizzati mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura ambjentali fost oħrajn (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 4, 2019 u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Riforma 1. Riforma tas-sistemi ta' ġestjoni u governanza tal-foresti permezz tal-iżvilupp ta' Strateġija Nazzjonali ġdida għall-Foresti u leġiżlazzjoni sussegwenti

L-objettiv tar-riforma huwa li tiżgura qafas strateġiku u regolatorju ċar u robust għall-implimentazzjoni ta' politiki sostenibbli dwar il-foresti li jappoġġaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-azzjonijiet li ġejjin:

(1) Tlestija ta' studji indipendenti dwar id-dgħufijiet fil-governanza, kemm istituzzjonali kif ukoll regolatorji, u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni attwali dwar il-forestrija (sat-30 ta' Ġunju 2022);

(2) L-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Foresti 2020–2030 abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-valutazzjoni mwettqa taħt (1) hawn fuq (sat-30 ta' Settembru 2022);

(3) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-Ordinanzi Ministerjali emendati li jistabbilixxu r-regoli vinkolanti għall-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni previsti fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Foresti 2020–2030 adottata taħt (2) (sat-30 ta' Settembru 2023);

(4) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' atti leġiżlattivi li jemendaw u jissupplimentaw il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-foresti mmirati lejn is-simplifikazzjoni tal-qafas legali, il-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar u t-titjib tal-ġestjoni tal-foresti (sat-30 ta' Ġunju 2023).

Ir-riforma għandha tiġi appoġġata minn żewġ investimenti — Investiment 1 u 2.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

Investiment 1. Kampanja nazzjonali ta' afforestazzjoni u riforestazzjoni, inklużi l-foresti urbani

L-objettiv tal-investiment huwa li jinħolqu foresti u żoni ġodda b'veġetazzjoni tal-foresti f'żoni vulnerabbli għat-tibdil fil-klima permezz tal-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-art, il-finanzjament tal-afforestazzjoni, il-kura tal-pjantaġġuni, iż-żieda taż-żona ta' veġetazzjoni tal-foresti tul rotot ta' komunikazzjoni u fi ħdan agglomerazzjonijiet urbani (foresti urbani inklużi l-foresti żgħir) madwar il-muniċipalitajiet u bejn l-għelieqi b'għelejjel agrikoli, kif ukoll kategoriji protettivi oħra ta' purtieri tal-foresti.

Bħala riżultat ta’ dan l-investiment, total ta’ 56 700 ettaru ta’ żoni ġodda għandhom jiġu afforestati jew imsaġġra mill-ġdid u għandu jinħoloq total ta’ 3 150 000m^2 ta’ żoni ġodda ta’ foresti urbani, f’konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Foresti, adottata skont ir-Riforma 1.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment 2. Żvilupp ta’ kapaċitajiet moderni ta’ produzzjoni ta’ materjal riproduttiv tal-foresti

L-objettiv tal-investiment huwa li jiġu żviluppati biżżejjed kapaċitajiet ta’ produzzjoni riproduttiva (speċijiet ta’ siġar u ekotipi) li huma adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi futuri tar-Rumanija.

Bħala riżultat ta’ dan l-investiment, mill-inqas 90 mixtla ta’ siġar ġodda u rinnovati għandhom isiru operattivi, f’konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Foresti adottata skont ir-Riforma 1.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Settembru 2024.

B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
22	Riforma 1. Riforma tas-sistemi ta' ġestjoni u governanza tal-foresti permezz tal-iżvilupp ta' Strateġija Nazzjonali ġdida għall-Foresti u leġiżlazzjoni sussegwenti	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Foresti 2020–2030	Adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Foresti 2020–2030				Q3	2022	L-istrateġija Nazzjonali għall-Foresti 2020-2030 għandha tiġi adottata. L-istrateġija għandha, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-istudji indipendenti, tistabbilixxi regoli vinkolanti għall-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni kif ġej: a. Ir-rekwiżiti biex l-ispeċijiet u l-ekotipi jkunu reżiljenti għat-tibdil fil-klima u mingħajr impatt negattiv fuq il-bijodiversità. L-istrateġija għandha twieġeb għall-ħtieġa li jkun hemm linji gwida aġġornati dwar it-tħawwil tas-siġar fir-Rumanija u għandha toħloq salvagwardji, b'mod partikolari, biex teskludi l-użu jew ir-rilaxx ta' speċijiet aljeni invażivi. b. Rekwiżiti għall-produzzjoni ta' materjal riproduttiv biex jiġu mmirati speċijiet ta' siġar u ekotipi li huma adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi futuri pproġettati tar-Rumanija fi

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										kwantitajiet suffiċjenti bl-involviment tas-settur privat, u għal miżuri li jiskoraġġixxu l-ħolqien ta' mixtliet kummerċjali għall-produzzjoni b'newba qasira jew monokultura. c. Rekwiżiti għall-afforestazzjoni biex jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-objettivi tal-konservazzjoni tal-bijodiversità, il-ġestjoni tal-ilma u l-protezzjoni tal-ħamrija billi jipprojbixxu l-afforestazzjoni jew ir-riforestazzjoni fuq art agrikola b'valur naturali għoli, bwar jew artijiet mistagħdra, minbarra r-restawr tal-ħabitat. d. Rekwiżiti għal miżuri preventivi li jżidu l-kapaċità ta' assorbiment naturali tal-ħamrija li għandhom jiġu inklużi fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-foresti u rekwiżiti speċifiċi ta' adattament għat-tibdil fil-klima biex jiġi żgurat li l-ġestjoni tal-foresti tkun ibbażata fuq il-monitoraġġ tal-ispeċijiet. e. Rekwiżiti għall-afforestazzjoni

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										urbana li għandhom jinkisbu permezz ta' approċċ fil-livell tal-pajsaġġ li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-konnettività ma' żoni naturali jew seminaturali (bħal foresti jew żoni agrikoli) b'enfasi fuq il-konnessjoni tal-ħabitats mal-infrastruttura ekoloġika u l-kurituri ekoloġiċi. f. Rekwiżiti għal proġetti ta' afforestazzjoni u riforestazzjoni li għandhom jitwettqu f'żoni esposti u vulnerabbli għal perikli klimatiċi, b'mod partikolari għan-nixfa u l-għargħar, u fejn xieraq l-afforestazzjoni jew ir-riforestazzjoni jnaqqsu r-riskji li jirriżultaw. g. L-istrateġija għandha tistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa forestali għall-użu tal-enerġija. h. L-istrateġija għandha tinkludi azzjonijiet speċifiċi biex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar, bħall-implimentazzjoni sħiħa tas-SUMAL inkluż il-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										monitoraġġ tal-qtugħ tas-siġar permezz tat-telerilevament, it-tisħiħ tar-reġim tas-sanzjonijiet, u miżuri oħra kif xieraq. i. L-istrateġija għandha tinkludi wkoll miżuri konkreti għall-protezzjoni tal-ħabitats u l-ispeċijiet tal-foresti, u b'mod partikolari l-allinjament tan-normi tal-forestrija mal-kunsiderazzjonijiet tal-bijodiversità.
23	Riforma 1. Riforma tas-sistemi ta' ġestjoni u governanza tal-foresti permezz tal-iżvilupp ta' Strateġija Nazzjonali ġdida għall-Foresti u leġiżlazzjoni sussegwenti	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Ordinanzi Ministerjali emendati li jistabbilixxu regoli vinkolanti għall-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni previsti fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Forestrija 2020–2030	Dispożizzjoni fl-Ordinanzi Ministerjali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi				Q3	2022	Dħul fis-seħħ tal-Ordinanzi Ministerjali (MO) emendati li ġejjin f'konformità mar-regoli vinkolanti għall-afforestazzjoni u għar-riforestazzjoni previsti fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Foresti 2020–2030: a. L-ordni Nru 766/2018 dwar l-elaborazzjoni u l-emendar tal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti, inkluż tad-dispożizzjonijiet għall-użu tal-art tal-foresti, kif ukoll tal-Metodoloġija rigward l-approvazzjoni tal-kwoti

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										annwali tal-tagħlil bir-riħ. b. L-Ordni Nru 1648/2000 dwar l-approvazzjoni ta' regoli tekniċi dwar kompożizzjonijiet, skemi u teknoloġiji għar-riġenerazzjoni tal-foresti u għall-afforestazzjoni tal-art degradata c. L-Ordni Nru 1649/2000 dwar l-approvazzjoni tan-Normi Tekniċi għall-kura u l-ġestjoni tal-istands d. L-Ordni Nru 1650/2000 dwar l-approvazzjoni tan-Normi Tekniċi dwar l-għażla u l-applikazzjoni tat-trattamenti e. L-Ordni Nru 1653/2000 dwar l-approvazzjoni tan-Normi Tekniċi rigward il-kontroll annwali tar-riġenerazzjonijiet f. L-Ordni Nru 1672/2000 dwar l-approvazzjoni tan-Normi Tekniċi għall-ġestjoni tal-foresti

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
24	Riforma 1. Riforma tas-sistemi ta' ġestjoni u governanza tal-foresti permezz tal-iżvilupp ta' Strateġija Nazzjonali ġdida għall-Foresti u leġiżlazzjoni sussegwenti	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-atti leġiżlattivi li jemendaw u jissupplimentaw il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-foresti	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-atti leġiżlattivi				Q2	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-atti leġiżlattivi li ġejjin, immirati lejn is-simplifikazzjoni tal-qafas legali, il-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar u t-titjib tal-ġestjoni tal-foresti: (i) Kodiċi Forestali Ġdid, li jistabbilixxi emendi għas-sistema tal-penali kriminali; (ii) L-Ordinanza ta' Emerġenza Nru 85/2006 li tistabbilixxi l-metodi għall-valutazzjoni tal-ħsara lill-veġetazzjoni tal-foresti fil-foresti u lil hinn minnhom; (iii) Il-liġi Nru 171/2010 dwar is-sanzjonar ta' reati tal-foresti, li tistabbilixxi metodi ta' kalkolu għall-ħsara ambjentali u finanzjarja kkawżata minn qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u kriminalità oħra marbuta mal-foresti, (iv) Deċiżjonijiet oħra tal-gvern biex jiġi miġġieled il-qtugħ illegali tas-siġar u tittejjeb il-ġestjoni tal-foresti: Emendi għad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 743/2015, id-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										Deċiżjoni tal-Gvern Nru 1076/2009, id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 229/2009, id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 497/2020;
25	Investiment 1. Kampanja nazzjonali ta' afforestazzjoni u riforestazzjoni, inklużi l-foresti urbani	Mira	Żoni ġodda ta' art afforestata jew riforestata		ettari	0	25 000	Q4	2023	Żoni ġodda ta' art afforestata jew riforestata (mill-inqas 25 000 ettaru), f'konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Foresti: a. Għandhom jintużaw biss l-ispeċijiet u l-ekotipi li huma reżiljenti għall-impatti futuri previsti tat-tibdil fil-klima u ma għandu jkollhom l-ebda impatt negattiv fuq il-bijodiversità. L-użu ta' speċijiet mhux indiġeni għandu jkun permess biss meta jintwera li l-użu tagħhom iwassal għal kundizzjonijiet favorevoli u xierqa tal-ekosistema (bħall-klima, il-ħamrija, iż-żoni ta' veġetazzjoni, ir-reżiljenza għan-nirien) u li l-ispeċijiet indiġeni preżenti ma għadhomx adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi mmudellati fil-ġejjieni u għall-kundizzjonijiet pedoidroloġiċi.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										b. Għandhom jintużaw biss speċijiet ta' siġar u ekotipi li huma adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi futuri previsti għar-Rumanija; c. L-afforestazzjoni għandha tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-objettivi tal-konservazzjoni tal-bijodiversità, il-ġestjoni tal-ilma u l-protezzjoni tal-ħamrija. L-afforestazzjoni ma għandhiex isseħħ fuq art agrikola ta' valur naturali għoli, art bil-ħaxix jew mistagħdra, sakemm l-għan tal-intervent ma jkunx li jiġu restawrati l-ħabitats. d. Proġetti ta' afforestazzjoni jew riforestazzjoni għandhom jitwettqu f'żoni li huma esposti u vulnerabbli għal perikli klimatiċi, b'mod partikolari għal nixfiet u għargħar. e. Proġetti ta' afforestazzjoni u riforestazzjoni għandhom ikunu soġġetti għal proċedura ta' Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA), jekk ikun iddeterminat

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										hekk fil-proċedura ta' skrinjar tal-EIA; u l-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti rilevanti għall-azzjonijiet ta' afforestazzjoni u riforestazzjoni għandhom jgħaddu minn proċedura sħiħa ta' Valutazzjoni Ambjentali Strateġika (rapport ambjentali), b'mod partikolari jekk jaffettwaw ħabitats u/jew speċijiet protetti.
26	Investiment 1. Kampanja nazzjonali ta' afforestazzjoni u riforestazzjoni, inklużi l-foresti urbani	Mira	Żoni ġodda ta' art afforestata jew riforestata		ettari	25 000	56 700	Q2	2026	Żoni ġodda ta' art afforestata jew riforestata (total ta' 56 700 ettaru), f'konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Foresti, u f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fil-Mira 25.
27	Investiment 1. Kampanja nazzjonali ta' afforestazzjoni u riforestazzjoni, inklużi l-foresti urbani	Mira	Jinħolqu żoni ġodda ta' foresti urbani.		m^2	0	500 000	Q4	2023	Żoni ġodda ta' foresti urbani (mill-inqas 500 000 m^2), f'konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Foresti: a. Għandhom jintużaw biss l-ispeċijiet u l-ekotipi li huma reżiljenti għall-impatti futuri previsti tat-tibdil fil-klima u ma

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										għandu jkollhom l-ebda impatt negattiv fuq il-bijodiversità. L-użu ta' speċijiet mhux indiġeni għandu jkun permess biss meta jintwera li l-użu tagħhom iwassal għal kundizzjonijiet favorevoli u xierqa tal-ekosistema (bħall-klima, il-ħamrija, iż-żoni ta' veġetazzjoni, ir-reżiljenza għan-nirien) u li l-ispeċijiet indiġeni preżenti ma għadhomx adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi mmudellati fil-ġejjieni u għall-kundizzjonijiet pedoidroloġiċi. b. Għandhom jintużaw biss speċijiet u ekotipi li huma adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi futuri previsti għar-Rumanija; c. L-afforestazzjoni urbana għandha titwettaq billi jittieħed approċċ fil-livell tal-pajsaġġ li jsaħħaħ il-konnessjonijiet ma' żoni naturali jew seminaturali (bħal foresti jew żoni agrikoli) b'enfasi fuq il-konnessjoni tal-ħabitats permezz ta' infrastruttura ekoloġika u kurituri ekoloġiċi. L-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										għażla tal-ispeċijiet u l-ekotipi għandha tqis ir-rwol tagħhom fit-tindif tal-arja u fil-forniment ta' servizzi ekosistemiċi oħra liż-żoni urbani. d. L-afforestazzjoni għandha tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-objettivi tal-konservazzjoni tal-bijodiversità, il-ġestjoni tal-ilma u l-protezzjoni tal-ħamrija. L-afforestazzjoni ma għandhiex isseħħ fuq art agrikola ta' valur naturali għoli, art bil-ħaxix jew mistagħdra, sakemm l-għan tal-intervent ma jkunx li jiġu restawrati l-ħabitats. e. Proġetti ta' afforestazzjoni jew riforestazzjoni għandhom jitwettqu f'żoni li huma esposti u vulnerabbli għal perikli klimatiċi, b'mod partikolari għal nixfiet u għargħar.
28	Investiment 1. Kampanja nazzjonali ta' afforestazzjoni u	Mira	Jinħolqu żoni ġodda ta' foresti urbani		m^2	500 000	3 150 000	Q2	2026	Żoni ġodda ta' foresti urbani (total ta' 3 150 000 m^2), f'konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti fl-Istrateġija għall-Foresti, u f'konformità mar-rekwiżiti

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	riforestazzjoni, inklużi l-foresti urbani									speċifikati fil-Mira 25.
29	Investiment 2. Żvilupp ta' kapaċitajiet moderni ta' produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-foresti	Mira	Mixtliet ta' siġar ġodda u rinnovati (stabbiliti jew riabilitati)		Numru	0	90	Q3	2024	Tħaddim ta' mixtliet ġodda u rinnovati ta' siġar (mill-inqas 90), f'konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Foresti. Il-produzzjoni tal-materjal riproduttiv għandha timmira lejn speċijiet u ekotipi ta' siġar li huma adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi futuri projettati tar-Rumanija.

B.3. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għas-self

Riforma 2. Riforma tas-sistema ta' ġestjoni ta' żoni naturali protetti għall-implimentazzjoni koerenti u effettiva tal-Istrateġija Ewropea għall-Bijodiversità

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tħaddem il-qafas attwali għad-dežinjazzjoni ta' żoni protetti tan-natura, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu li jorbot leġiżlazzjoni speċifika għad-diversi setturi b'impatt fuq il-bijodiversità, jiġifieri l-edukazzjoni, l-agrikoltura, il-forestrija, il-kaċċa, it-turiżmu, l-organizzazzjoni spazjali, it-trasport u l-enerġija.

Dan għandu jinkiseb permezz tal-adozzjoni u tad-dħul fis-seħħ ta' żewġ atti leġiżlattivi:

(1) att leġiżlattiv li jistabbilixxi l-kumitat interistituzzjonali biex janalizza l-qafas legali applikabbli għas-setturi b'impatt fuq il-bijodiversità u biex ifassal u jippromwovi proposti biex jiġi emendat jew supplimentat il-qafas legali fid-dawl ta' informazzjoni aġġornata dwar id-distribuzzjoni u d-dinamika tal-istatus tal-konservazzjoni tal-ispeċijiet u tal-ħabitats (sat-30 ta' Ġunju 2022);

(2) att leġiżlattiv li jimmodifika l-qafas legali applikabbli għal setturi b'impatt fuq il-bijodiversità, bil-għan li jiġi żgurat li l-qafas legali eżistenti fid-diversi setturi rilevanti ma jaffettwax/jirrestrinġix l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni fil-pjanijiet ta' ġestjoni taż-żoni naturali protetti (sat-30 ta' Ġunju 2025). L-att leġiżlattiv għandu jkun ibbażat fuq il-proposti tal-kumitat stabbilit skont (1).

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment 3. Aġġornament tal-pjanijiet ta' ġestjoni approvati u l-identifikazzjoni ta' żoni potenzjali għal protezzjoni stretta fil-ħabitats naturali tal-art u tal-baħar sabiex tiġi implimentata l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030

L-investiment jikkonsisti f'żewġ sottoinvestimenti.

L-objettiv tal-ewwel sottoinvestiment (Investiment 3.1) huwa li jiġu aġġornati l-pjanijiet ta' ġestjoni approvati. L-objettiv tat-tieni sottoinvestiment (Investiment 3.2) huwa li jiġu identifikati oqsma potenzjali għal protezzjoni stretta f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030.

Fir-rigward tal-aġġornament tal-pjanijiet ta' ġestjoni eżistenti, bħala riżultat tal-investiment, mill-inqas 250 pjan ta' ġestjoni ta' żoni naturali protetti għandhom jiġu rieżaminati u aġġornati f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-implimentazzjoni ta' dan is-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Fir-rigward taż-żoni strettament protetti, żewġ atti leġiżlattivi għandhom jiġu adottati u jidħlu fis-seħħ: (1) att leġiżlattiv għad-dežinjazzjoni ta' żoni strettament protetti identifikati fiż-żoni protetti tan-Natura2000 bi pjanijiet ta' ġestjoni eżistenti jew li jinkludu foresti primarji u antiki (sal-31 ta' Diċembru 2023); u (2) att leġiżlattiv għad-dežinjazzjoni ta' żoni strettament protetti identifikati f'żoni protetti ta' Natura 2000 mingħajr pjanijiet ta' ġestjoni eżistenti u f'żoni oħra (sal-31 ta' Diċembru 2025).

L-implimentazzjoni ta' dan is-sottoinvestiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 4. Investimenti integrati għar-rikostruzzjoni ekoloġika tal-ħabitats u l-konservazzjoni ta' speċijiet relatati mal-mergħat, żoni akkwatiċi u żoni li jiddependu fuq l-ilma

Dan l-investiment jikkonsisti f'ħames sottoinvestimenti.

L-objettiv tal-ewwel sottoinvestiment (Investiment 4.1) huwa li tiġi restawrata l-konnettività tal-mogħdijiet tal-ilma permezz tat-tneħħija tal-ostakli fil-mogħdijiet tal-ilma u bħala riżultat tikkontribwixxi għar-restawr tal-konnettività laterali tal-ħabitats u l-ispeċijiet akkwatiċi dipendenti fuq l-ilma, f'konformità mal-pjanijiet ta' ġestjoni applikabbli taż-żoni naturali protetti. Bħala riżultat ta' dan is-sottoinvestiment, il-konnettività ta' 1 700 ettaru ta' ħabitats riparji għandha tiġi restawrata

L-implimentazzjoni ta' dan is-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

It-tieni sottoinvestiment (Investiment 4.2) għandu l-għan li jibni mill-ġdid il-ħabitats tal-bwar fiż-żoni naturali protetti. Bħala riżultat ta' dan is-sottoinvestiment, mill-inqas 2 800 ettaru ta' ħabitats tal-mergħat għandhom jiġu rrestawrati ekoloġikament.

L-implimentazzjoni ta' dan is-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

It-tielet sottoinvestiment (Investiment 4.3) għandu l-għan li jnaqqas l-ewtrofikazzjoni u li żżomm id-diversità bijoloġika tal-għadajjar tad-Delta tad-Danubju. L-azzjonijiet li għandhom jiġu koperti taħt dan is-sottoinvestiment jinkludu r-regolamentazzjoni tal-livell tal-ilma f'żewġ għadajjar, it-tfassil u l-kisba tal-profil ottimali tal-konfini tal-għadajjar, it-tneħħija tal-kulur, il-konsolidazzjoni tal-banek, ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni, il-qtugħ għar-riġenerazzjoni tal-veġetazzjoni u s-siġar fil-perimetru, it-tneħħija tal-injam u l-bajjiet li joskuraw iċ-ċirkolazzjoni tal-ilma u jikkawżaw is-sedimentazzjoni, il-monitoraġġ tal-ispeċijiet u l-ħabitats fiż-żona, u xogħlijiet ta' tnixxija fuq skala żgħira għal ċirkolazzjoni ottimali tal-ilma. Bħala riżultat ta' dan is-sottoinvestiment, mill-inqas 100 ettaru ta' żoni tal-għadajjar għandhom ikunu bbenefikaw mit-tneħħija ta' pjanti akkwatiċi, abbażi tal-istudju tal-fattibbiltà aġġornat (Ġunju 2021).

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-objettiv tar-raba' sottoinvestiment (Investiment 4.4) huwa li tiġi żviluppata sistema ta' monitoraġġ tal-isturjun selvaġġ tul id-Danubju t'Isfel (1 500 km), flimkien mal-IA, sabiex tiġi miġġielda l-kaċċa illegali fiha. Bħala riżultat ta' dan is-sottoinvestiment għandu jibda jopera network għall-monitoraġġ, il-komunikazzjoni u t-trażmissjoni tad-data tal-isturjun selvaġġ. Huwa mistenni li dan l-investiment ma jagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-vetturi li għandhom jinxtraw għandu jkollhom emissjonijiet speċifiċi ta' CO2, kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2019/631, li jkunu inqas minn 50gCO2/km. Il-bastimenti tat-trasport fuq l-ilma li se jinxtraw għandhom jikkorrispondu mal-aħjar teknoloġija disponibbli mil-lat ambjentali.

L-implimentazzjoni ta' dan is-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2024.

Fl-aħħar nett, l-objettiv tal-ħames sottoinvestiment (Investiment 4.5) huwa li jimmodernizza l-aċċess pubbliku u l-infrastruttura tal-viżitaturi tad-Delta tad-Danubju sabiex titnaqqas il-pressjoni fuq il-ħabitats u l-ispeċijiet. Bħala riżultat ta' dan is-sottoinvestiment, għandhom jinbnew 10 ċentri tal-viżitaturi, bil-għan li tittaffa l-pressjoni tat-turiżmu fuq il-ħabitats billi l-flussi turistiċi jiġu diretti u mmonitorjati lejn network ta' 10 ċentri tal-viżitaturi assoċjati ma' 40 punt ta' osservazzjoni mgħammra kif xieraq għall-ħtiġijiet tal-kategoriji kollha ta' viżitaturi. Il-bini taċ-ċentri tal-viżitaturi għandu juża teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, approċċi bbażati fuq l-ekosistema, u materjali b'mod tradizzjonali lejn l-arkitettura komunitarja tad-Delta tad-Danubju.

L-implimentazzjoni ta' dan is-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 5. Sistemi integrati ta’ mitigazzjoni tar-riskju tal-għargħar fil-baċini tax-xmajjar tal-foresti

L-objettiv tal-investiment huwa li jitnaqqas ir-riskju tal-għargħar sabiex jiġu protetti n-nies, l-infrastruttura u l-objettivi soċjoekonomiċi fiż-żoni ta’ riskju, kif ukoll biex jiġu protetti l-ambjent u l-bijodiversità permezz ta’ miżuri ambjentali rilevanti, b’mod partikolari dawk relatati mal-iżgurar tal-migrazzjoni tal-ħut u mal-iżgurar tal-fluss ekoloġiku.

L-investiment għandu jitwettaq f’żewġ stadji:

(1) l-adozzjoni tad-disinn tal-proġett għax-xogħlijiet ta’ modernizzazzjoni għall-protezzjoni mill-għargħar, li għandhom jinkludu: (i) ir-restawr ta’ mill-inqas 6 strutturi bil-ħsara ta’ żamma tal-alluvju biex jiġu installati miżuri longitudinali (slielem tal-ħut u fluss ekoloġiku); (ii) il-kostruzzjoni ta’ mill-inqas 30 struttura alluvjali ġodda, inklużi slielem tal-ħut u fluss ekoloġiku, b’għoli massimu ta’ 5 m; (iii) restawr ta’ mill-inqas erba’ ettari ta’ art permezz tar-riforestazzjoni, it-tnaqqija, jew il-bini ta’ ċnut bit-twig; u (iv) restawr ta’ mill-inqas 30 km ta’ qiegħ ta’ ilmijiet torrenzjali. Din l-implimentazzjoni ta’ dan il-pass għandha titlesta sal-31 ta’ Marzu 2023.

(2) it-tlestija tax-xogħlijiet ta’ modernizzazzjoni għall-protezzjoni mill-għargħar abbażi tad-disinn tal-proġett adottat taħt (1) hawn fuq. L-implimentazzjoni ta’ dan il-pass għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Kwalunkwe miżura identifikata fil-qafas tal-valutazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) bħala meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01) għandha tiġi integrata fid-disinn tal-proġett u għandha tiġi osservata b’mod strett fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni, it-tħaddim u d-dekummissjonar. Id-deterjorament tal-istat ekoloġiku tal-korpi tal-ilma affettwati għandu jiġi evitat u l-miżura ma għandhiex tipprevjeni t-titjib tal-istat ekoloġiku jew tal-potenzjal tal-korpi tal-ilma affettwati.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

B.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
30	Riforma 2. Riforma tas-sistema ta' ġestjoni ta' żoni naturali protetti għall-implimentazzjoni koerenti u effettiva tal-Istrateġija Ewropea għall-Bijodiversità	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li jistabbilixxi l-kumitat interistituzzjonali biex janalizza l-qafas legali applikabbli għas-setturi b'impatt fuq il-bijodiversità	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv				Q2	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li jistabbilixxi l-kumitat interistituzzjonali biex janalizza l-qafas legali applikabbli għas-setturi b'impatt fuq il-bijodiversità, jiġifieri l-edukazzjoni, l-agrikoltura, il-forestrija, il-kaċċa, it-turiżmu, l-organizzazzjoni spazjali, it-trasport u l-enerġija. Il-Kumitat għandu jitmexxa mill-Ministeru tal-Ambjent, l-Ilma u l-Foresti u għandu jinkludi l-ministeri kompetenti u l-awtoritajiet subordinati responsabbli għas-setturi rilevanti: l-edukazzjoni, l-agrikoltura, il-forestrija, il-kaċċa, it-turiżmu, l-organizzazzjoni spazjali, it-trasport u l-enerġija. Il-kumitat għandu jħejji proposti għar-reviżjoni tal-qafas legali fid-dawl ta'

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										informazzjoni aġġornata dwar id-distribuzzjoni u d-dinamika tal-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u tal-ħabitats.
31	Riforma 2. Riforma tas-sistema ta' ġestjoni ta' żoni naturali protetti għall-implimentazzjoni koerenti u effettiva tal-Istrateġija Ewropea għall-Bijodiversità	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li jimmodifika l-qafas legali applikabbli għas-setturi b'impatt fuq il-bijodiversità	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv				Q2	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li jimmodifika l-qafas legali applikabbli għas-setturi b'impatt fuq il-bijodiversità. L-għan ta' dawn l-emendi leġiżlattivi għandu jkun li jiġi żgurat li l-qafas legali eżistenti fid-diversi setturi rilevanti ma jaffettwax/jirrestrinġix l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni fil-pjanijiet ta' ġestjoni taż-żoni naturali protetti. L-att leġiżlattiv għandu jkun ibbażat fuq il-proposti tal-kumitat fid-dawl ta' informazzjoni aġġornata dwar id-distribuzzjoni u d-dinamika tal-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u tal-ħabitats.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
32	Investiment 3.1 Aġġornament tal-pjanijiet approvati ta' ġestjoni	Mira	Daħlu fis-seħħ żoni naturali protetti bi pjanijiet ta' ġestjoni aġġornati		Numru	0	100	Q1	2025	Żoni naturali protetti (mill-inqas 100) bi pjanijiet ta' ġestjoni aġġornati għandhom jidħlu fis-seħħ. Għandha tingħata prijorità liż-żoni potenzjalment milquta minn proġetti ta' infrastruttura li għalihom ir-Rumanija impenjat ruħha, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, li tkompli tiġbor *data* ta' monitoraġġ bil-ħsieb li tiddefinixxi objettivi ta' konservazzjoni speċifiċi għas-sit għall-ħabitats u għall-ispeċijiet, inklużi l-ispeċijiet ta' għasafar migratorji.
33	Investiment. 3.1 Aġġornament tal-pjanijiet approvati ta' ġestjoni	Mira	Daħlu fis-seħħ żoni naturali protetti bi pjanijiet ta' ġestjoni aġġornati		Numru	100	250	Q2	2026	Daħlu fis-seħħ mill-inqas 250 żona naturali protetta bi pjanijiet ta' ġestjoni aġġornati. Għandha tingħata prijorità liż-żoni potenzjalment milquta minn proġetti ta' infrastruttura li għalihom ir-Rumanija impenjat ruħha, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE,

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										li tkompli tiġbor *data* ta' monitoraġġ bil-ħsieb li tiddefinixxi objettivi ta' konservazzjoni speċifiċi għas-sit għall-ħabitats u għall-ispeċijiet, inklużi l-ispeċijiet ta' għasafar migratorji.
34	Investiment 3.2 Identifikazzjoni ta' żoni potenzjali għal protezzjoni stretta f'ħabitats naturali tal-art u tal-baħar sabiex tiġi implimentata l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv għad-dežinjazzjoni ta' żoni strettament protetti (identifikati fiż-żoni protetti tan-Natura 2000 bi pjanijiet ta' ġestjoni eżistenti jew li jinkludu foresti primarji u antiki)	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv				Q4	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv għad-dežinjazzjoni ta' żoni strettament protetti. L-att għandu jkun ibbażat fuq l-analiżi/l-istudji u l-immappjar tad-demarkazzjoni taż-żoni proposti għal nuqqas ta' intervent (strettament protetti), li huma meħtieġa biex jissostanzjaw proposta għal att leġiżlattiv, abbażi tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030. L-att leġiżlattiv għandu jindika żoni strettament protetti identifikati fiż-żoni protetti tan-Natura 2000 bi pjanijiet ta' ġestjoni eżistenti jew li jinkludu foresti primarji u

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										antiki.
35	Investiment 3.2. Identifikazzjoni ta' żoni potenzjali għal protezzjoni stretta f'ħabitats naturali tal-art u tal-baħar sabiex tiġi implimentata l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv għad-dežinjazzjoni ta' żoni strettament protetti (identifikati fiż-żoni protetti tan-Natura 2000 mingħajr pjanijiet ta' ġestjoni eżistenti u f'żoni oħra)	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv				Q4	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv għad-dežinjazzjoni ta' żoni strettament protetti. L-att għandu jkun ibbażat fuq l-analiżi/l-istudji u l-immappjar tad-demarkazzjoni taż-żoni proposti għal nuqqas ta' intervent (strettament protetti), li huma meħtieġa biex jissostanzjaw proposta għal att leġiżlattiv, abbażi tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità 2030. L-att leġiżlattiv għandu jindika żoni strettament protetti identifikati fiż-żoni protetti tan-Natura 2000 mingħajr pjanijiet ta' ġestjoni eżistenti u f'żoni addizzjonali.
36	Investiment 4.1. Tneħħija ta' ostakli fil-mogħdijiet tal-ilma sabiex jiġi ffaċilitat ir-	Mira	Ħabitats riparji b'konnettività restawrata		ettari	0	1 700	Q2	2026	Ħabitats riparji b'konnettività restawrata (mill-inqas 1 700 ettaru)

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	restawr tal-konnettività ta' ħabitats u speċijiet dipendenti									
37	Investiment 4.2. Rikostruzzjoni ta' ħabitats tal-bwar f'żoni naturali protetti	Mira	Ħabitats tal-bwar restawrati ekoloġikament		ettari	0	2 800	Q2	2026	Ħabitats tal-mergħat (mill-inqas 2 800 ettaru) restawrati ekoloġikament.
38	Investiment 4.3 Tneħħija tal-kulur tal-għadajjar tad-Delta tad-Danubju sabiex titnaqqas l-ewtrofikazzjoni u tinżamm id-diversità bijoloġika	Mira	Żoni tal-għadajjar li bbenefikaw mit-tneħħija ta' pjanti akkwatiċi		ettari	0	100	Q2	2026	Żoni tal-għadajjar (mill-inqas 100 ettaru) li bbenefikaw mit-tneħħija ta' pjanti akkwatiċi, abbażi tal-istudju ta' fattibbiltà aġġornat (Ġunju 2021).
39	Investiment 4.4. Implimentazzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ għall-isturjuni selvaġġi tul id-Danubju	Stadju importanti	Network għall-monitoraġġ, il-komunikazzjoni u t-trażmissjoni tad-*data* tal-	In-network huwa operattiv				Q3	2024	Network għall-monitoraġġ, il-komunikazzjoni u t-trażmissjoni tad-*data* tal-isturjun selvaġġi operazzjonali. Il-miżuri għandhom jiżviluppaw

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	t'Isfel		isturjun selvaġġ operazzjonali							sistema ta' monitoraġġ tal-isturjun selvaġġ tul id-Danubju t'Isfel (1 500 km), flimkien mal-IA, bil-għan li tiġi miġġielda l-kaċċa illegali. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C 58/01), il-vetturi li jridu jinxtraw għandu jkollhom emissjonijiet speċifiċi ta' CO2, kif definit fil-punt (h) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/631, li jkunu inqas minn 50gCO2/km. Il-bastimenti tat-trasport fuq l-ilma li se jinxtraw għandhom jikkorrispondu mal-aħjar teknoloġija disponibbli mil-lat ambjentali.
40	Investiment 4.5. Rikonfigurazzjoni tal-aċċess pubbliku u tal-infrastruttura taż-	Mira	Ċentri tal-viżitaturi mibnija biex itaffu l-pressjoni tat-		Numru	0	10	Q2	2026	Jinbnew 10 ċentri tal-viżitaturi, immirati biex itaffu l-pressjoni tat-turiżmu fuq il-ħabitats billi jidderieġu u jimmonitorjaw il-flussi

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	żjarat tad-Delta tad-Danubju sabiex titnaqqas il-pressjoni tat-turiżmu fuq il-ħabitats u l-ispeċijiet		turiżmu fuq il-ħabitats							turistiċi lejn network ta' 10 ċentri tal-viżitaturi assoċjati ma' 40 punt ta' osservazzjoni mgħammra b'mod xieraq u mgħammra għall-ħtiġijiet tal-kategoriji kollha ta' viżitaturi. Il-postijiet għandhom jintgħażlu skont il-kriterji fil-Pjan ta' Ġestjoni għar-Riżerva tad-Delta tad-Danubju li bħalissa qed jiġi rivedut. Il-bini taċ-ċentri tal-viżitaturi għandu juża teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, approċċi bbażati fuq l-ekosistema, u materjali b'mod tradizzjonali lejn l-arkitettura komunitarja tad-Delta tad-Danubju.
41	Investiment 5. Sistemi integrati ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-għargħar fil-bażini tax-xmajjar tal-foresti	Stadju importanti	Adozzjoni tad-disinn tal-proġett	Adozzjoni tad-disinn tal-proġett				Q1	2023	Id-disinn tal-proġett għax-xogħlijiet ta' modernizzazzjoni għall-protezzjoni mill-għargħar għandu jiġi adottat. Dan għandu jinkludi: - Restawr ta' mill-inqas sitt

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										strutturi bil-ħsara ta' żamma tal-alluvju biex jiġu installati miżuri longitudinali (slielem tal-ħut u fluss ekoloġiku); - Kostruzzjoni ta' mill-inqas 30 struttura alluvjali ġodda, inklużi slielem tal-ħut u fluss ekoloġiku, b'għoli massimu ta' ħames m; - Mill-inqas erba' ettari ta' art restawrata permezz tar-riforestazzjoni, it-tnaqqija, jew il-bini ta' ċnut bit-twig; - mill-inqas 30 km ta' qigħien ta' ilmijiet torrenzjali restawrati. Kwalunkwe miżura identifikata fil-qafas tal-valutazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) bħala meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01) għandha tiġi integrata fid-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										disinn tal-proġett u għandha tiġi osservata b'mod strett fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni, it-tħaddim u d-dekummissjonar. Id-deterjorament tal-istat ekoloġiku tal-korpi tal-ilma affettwati għandu jiġi evitat u l-miżura ma għandhiex tipprevjeni t-titjib tal-istat ekoloġiku jew tal-potenzjal tal-korpi tal-ilma affettwati.
42	Investiment 5. Sistemi integrati ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-għargħar fil-baċini tax-xmajjar tal-foresti	Stadju importanti	Tlestija tal-modernizzazzjoni tax-xogħlijiet għall-protezzjoni mill-għargħar.	Tlestija tal-modernizzazzjoni tax-xogħlijiet għall-protezzjoni mill-għargħar.				Q2	2026	Il-proġett għall-immodernizzar tal-protezzjoni kontra l-għargħar għandu jitlesta, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-istadju importanti 41.

C. KOMPONENT 3: ĠESTJONI TAL-ISKART

L-objettiv tal-komponent huwa li jaċċellera l-espansjoni u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni tal-iskart fir-Rumanija b'enfasi fuq il-ġbir separat, il-prevenzjoni, it-tnaqqis, l-użu mill-ġdid u l-irkupru biex ikun hemm konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE u mat-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari.

Il-komponent huwa magħmul minn riforma waħda u tliet investimenti.

Il-miżuri inklużi fil-komponent huma mistennija jindirizzaw xi sfidi enfasizzati mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura ambjentali fost oħrajn (ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, 2019 u 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għas-self

Riforma 1. It-titjib tal-governanza tal-ġestjoni tal-iskart biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jinħoloq qafas strateġiku u legali għat-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari billi tiġi adottata l-Istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari u Pjan ta' Azzjoni, u jiġu emendati ċerti atti legali relatati mal-ġestjoni tal-iskart.

L-implimentazzjoni ta' din ir-riforma għandha tikkonsisti fil-passi li ġejjin:

(1) L-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari biex jiġi stabbilit il-qafas għat-trasformazzjoni tal-ekonomija Rumena lejn operat ċirkolari, li tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodotti (sal-31 ta' Settembru 2022);

(2) Id-dħul fis-seħħ tal-atti leġiżlattivi meħtieġa għall-operazzjonalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-iskart unitarju skont il-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart, b'mod partikolari leġiżlazzjonijiet relatati mat-trattament tal-iskart, mas-servizzi tas-sanità tal-muniċipalitajiet u mal-iffissar ta' tariffi tas-servizzi tas-sanità u mar-responsabbiltà estiża tal-produttur tal-imballaġġ (sal-31 ta' Settembru 2022);

(3) L-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari li tiddefinixxi l-passi ewlenin ta' implimentazzjoni tal-Istrateġija (imsemmija taħt (1) hawn fuq), l-awtoritajiet responsabbli u skeda ta' żmien vinkolanti tal-azzjonijiet (sal-31 ta' Settembru 2023). L-azzjonijiet kollha assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi skont l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni għandhom jitlestew sat-30 ta' Marzu 2026.

Bħala riżultat tar-riforma, il-kontroll u l-monitoraġġ u l-parametri tal-kwalità ambjentali tas-sistema Rumena tal-ġestjoni tal-iskart għandhom jittejbu u l-livell tal-ġbir tal-iskart separat għandu jiżdied. Sat-30 ta' Ġunju 2026 għandha tintlaħaq kontribuzzjoni ta' 4,5 punti perċentwali lejn il-mira nazzjonali ta' 50 % għar-riċiklaġġ u t-tħejjija għall-mira tal-użu mill-ġdid sal-2025.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Ir-riforma 1 għandha tkun akkumpanjata minn tliet investimenti — Investimenti 1, 2 u 3.

Investiment 1. Żvilupp, modernizzazzjoni u tlestija ta' sistemi integrati għall-ġestjoni tal-iskart muniċipali fil-livell tal-kontea jew fil-livell tal-belt/muniċipalità

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiġu żviluppati u mmodernizzati s-sistemi integrati tal-ġestjoni tal-iskart u l-infrastruttura għall-ġestjoni tal-iskart pubbliku fil-livell tal-kontea jew tal-belt/muniċipalità.

L-investiment għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri l-ġodda għat-tħejjija, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali skont id-Direttiva (UE) 2018/851 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart. L-investimenti għandhom ikunu bbażati fuq il-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart, il-Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kontej u l-Pjan ta' Ġestjoni tal-Iskart tal-Muniċipalità ta' Bucharest, u jikkontribwixxu għall-miri tar-riċiklaġġ tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha tinkludi:

(a) l-istabbiliment ta' ċentri volontarji għall-ġbir tal-iskart, sabiex jiġi żgurat il-ġbir separat tal-iskart domestiku għal għadd ta' flussi ta' skart (I.1.a), li b'riżultat tagħhom 565 ċentru ta' ġbir volontarju għandhom ikunu operattivi sat-30 ta' Ġunju 2026.

(b) l-istabbiliment ta' ekogżejjer diġitalizzati għall-ġbir separat tal-iskart fil-livell lokali, b'mod predominanti f'żoni ta' blokok ta' appartamenti (I.1.b), li b'riżultat tagħhom 13 752 ekogżira diġitalizzata għall-ġbir separat tal-iskart għandhom ikunu operattivi sat-30 ta' Ġunju 2026.

(c) ċentri integrati għal agglomerazzjonijiet urbani għall-ġbir separat tal-iskart (I.1.c), li b'riżultat tagħhom iċ-ċentri integrati għall-ġbir tal-iskart għandhom ikunu operattivi fi 15-il agglomerazzjoni urbana sat-30 ta' Ġunju 2026.

(d) il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-iskart biex jintlaħqu l-miri tar-riċiklaġġ tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari (I.1.d), li b'riżultat tiegħu għandhom jibdew joperaw 26 faċilità tar-riċiklaġġ tal-iskart sat-30 ta' Ġunju 2026 biex jintlaħqu l-miri tar-riċiklaġġ tal-Istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari.

L-investimenti ta' hawn fuq (a-d) għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart, il-Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kontej u l-Pjan ta' Ġestjoni tal-Iskart tal-Muniċipalità ta' Bucharest, kif applikabbli.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-vetturi mixtrija taħt din il-miżura għandhom ikunu l-aħjar teknoloġija disponibbli mil-lat ambjentali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2. Żvilupp tal-infrastruttura għad-demel u l-ġestjoni ta' skart agrikolu kompostabbli ieħor

L-objettiv tal-investiment huwa li jiġu żviluppati sistemi ta' ġbir u rkupru tad-demel.

L-investiment għandu jikkonsisti primarjament fl-istabbiliment ta' sistemi komunali integrati għall-irkupru tad-demel, stazzjonijiet għall-ikkompostjar u tagħmir għall-ġestjoni tal-kompost għal komunitajiet kbar ta' azjendi agrikoli, sistemi tal-bijogass u x-xiri ta' tagħmir għall-ġestjoni tal-kompost agrikolu. L-investimenti proposti għandhom l-għan li jimmodernizzaw l-infrastruttura, inaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka u tal-metan u jnaqqsu t-tniġġis min-nitrati.

Bħala riżultat tal-investiment, 254 sistema integrata għall-ġbir tal-iskart agrikolu kompostabbli għandhom jiġu stabbiliti u jsiru operattivi sat-30 ta' Ġunju 2026.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-vetturi mixtrija taħt din il-miżura għandhom ikunu l-aħjar teknoloġija disponibbli mil-lat ambjentali.

L-investiment għandu jkun konformi mal-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 3. L-iżvilupp tal-monitoraġġ pubbliku, tal-kontroll u tal-kapaċitajiet industrijali għall-ġestjoni tal-ilma mormi u għall-prevenzjoni tat-tniġġis

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li l-awtoritajiet pubbliċi rispettivi jiġu mgħammra għall-attivitajiet ta' monitoraġġ, kontroll u rapportar tal-ġestjoni tal-iskart.

L-investiment għandu jiġi implimentat permezz ta' żewġ linji ta' azzjoni:

(1) It-tagħmir ta' 43 Kummissarju Nazzjonali tal-Kontea tal-Gwardja Ambjentali b'tagħmir diġitali (sistema tal-ICT, sistemi tal-iskennjar tat-trakkijiet, dashcam u kameras tal-vidjo li jintlibsu fuq il-persuna, vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ) għal attivitajiet ta' monitoraġġ u kontroll tal-ġestjoni tal-iskart (sal-31 ta' Diċembru 2024). B'riżultat ta' dan, sal-31 ta' Diċembru 2025 għandhom jitwettqu 400 missjoni ta' kontroll mill-Kummissarji tal-Gwardja Ambjentali Nazzjonali bl-użu tat-tagħmir diġitali l-ġdid.

(2) Ix-xiri u l-operazzjonalizzazzjoni ta' 513-il apparat ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja, tar-radjuattività u tal-istorbju għall-Aġenzija Nazzjonali għall-Ħarsien tal-Ambjent biex jiġu żgurati l-ġbir, it-trażmissjoni, il-ħżin u jkun jista' jsir ir-rapportar tad-*data* dwar il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-ambjent (sat-30 ta' Ġunju 2025).

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-vetturi mixtrija taħt din il-miżura għandhom ikunu l-aħjar teknoloġija disponibbli mil-lat ambjentali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
43	Reforma 1 It-titjib tal-governanza tal-ġestjoni tal-iskart biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari	Adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari b'Deċiżjoni tal-Gvern				Q3	2022	L-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari, li għandha tkun ibbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-proġett tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku li għaddej. L-istrateġija għandha tistabbilixxi regoli għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodotti u tiddefinixxi l-elementi ewlenin li ġejjin: - metodi u għodod regolatorji, finanzjarji u ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-appoġġ ta' inizjattivi ċirkolari; - identifikazzjoni tas-setturi li għandhom jiġu koperti; - reviżjoni ta' inċentivi ambjentali u ekonomiċi fuq l-iskart sabiex ir-riċiklaġġ isir aktar konvenjenti mir-rimi fil-miżbliet u l-inċinerazzjoni; - linji gwida għall-użu tal-metodi/għodod finanzjarji u ta' ġestjoni fis-setturi rispettivi; - qafas ta' governanza għall-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										kollaborazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati (l-awtoritajiet, l-akkademja, is-settur privat, is-settur mingħajr skop ta' qligħ u ċ-ċittadini). L-istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari għandha tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-miri tal-UE dwar ir-riċiklaġġ tal-iskart, b'mod partikolari fir-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali u t-tnaqqis tar-rati għolja ta' rimi fil-landfills.
44	Reforma 1 It-titjib tal-governanza tal-ġestjoni tal-iskart biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari	L-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari b'Deċiżjoni tal-Gvern tar-Rumanija				Q3	2023	Il-pjan ta' Azzjoni għandu jiddefinixxi l-passi ewlenin tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija adottata taħt l-istadju importanti 43, l-awtoritajiet responsabbli u skeda ta' żmien vinkolanti għall-azzjonijiet identifikati abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-esperti li għandhom jiġu fformulati fi ħdan il-proġett tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. Il-pjan għandu jinkludi sistema adegwata ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-għodod korrettivi biex tiġi żgurata l-kisba tal-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										azzjonijiet ewlenin ippjanati.
45	Reforma 1 It-titjib tal-governanza tal-ġestjoni tal-iskart biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari	Stadju importanti	L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tal-Istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari u l-Pjan ta' Azzjoni assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi	L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fl-Istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari u l-Pjan ta' Azzjoni assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi				Q1	2026	It-tlestija tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha previsti fl-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari u assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi.
46	Reforma 1 It-titjib tal-governanza tal-ġestjoni tal-iskart biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-atti leġiżlattivi meħtieġa għall-operazzjonalizzazzjoni tal-ġestjoni unitarja tal-iskart skont il-Pjan	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-atti leġiżlattivi għall-prattika tal-ġestjoni tal-iskart				Q3	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-atti leġiżlattivi meħtieġa biex tiġi kkonsolidata l-ġestjoni konformi tal-iskart fir-Rumanija, b'mod partikolari permezz tal-miżuri ta' governanza dwar il-ġestjoni tal-iskart muniċipali fil-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart, sabiex jintlaħqu l-miri tal-ġestjoni tal-iskart tad-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Iskart.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
			Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart							L-atti leġiżlattivi li ġejjin għandhom jidħlu fis-seħħ: 1. L-Ordinanza dwar ir-reġim tal-iskart, li għandha tirregola r-responsabbiltà estiża tal-produttur skont id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart. L-Ordinanza għandha tintroduċi wkoll penali severi biex tiskoraġġixxi r-rimi fil-landfills, ir-rimi illegali tal-iskart u l-ħruq illegali fil-beraħ. 2. L-Ordinanza għall-emenda tal-Liġi 101/2006 (Il-Liġi dwar is-Sanità). 3. Emenda tal-Ordni 109/2007 tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali għas-Servizzi Pubbliċi tal-Utilitajiet tal-Komunità (ANRSC) dwar il-Metodoloġija tat-Tariffi tas-Sanità L-Ordinanza (Nru 2) u l-Ordni ANRSC (Nru 3) emendata għandhom jirregolaw: - l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-istrumenti ekonomiċi (ħallas mar-rimi, taxxa fuq il-landfills u responsabbiltà estiża tal-produttur);

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										- ir-rwol tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali għas-Servizzi ta' Utilitajiet Pubbliċi tal-Komunità bħala l-awtorità regolatorja nazzjonali għall-politika tat-tariffi tal-iskart muniċipali; - ir-responsabbiltajiet finanzjarji tal-assoċjazzjonijiet tal-iżvilupp interkomunitarju fir-rigward tal-proġetti ta' sistemi integrati ta' ġestjoni tal-iskart.
47	Reforma 1 It-titjib tal-governanza tal-ġestjoni tal-iskart biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari	Mira	Kontribuzzjoni ta' 4,5 % għall-mira nazzjonali ta' 50 % f'riċiklaġġ u tħejjija għall-użu mill-ġdid sal-2025	Kontribuzzjoni ta' 4,5 % għall-mira nazzjonali ta' 50 % f'riċiklaġġ u tħejjija għall-użu mill-ġdid		45,5	50	Q2	2026	Kontribuzzjoni ta' 4,5 punti perċentwali mill-investimenti tal-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru u Reżiljenza fil-ġestjoni tal-iskart muniċipali għall-mira nazzjonali ta' 50 % f'riċiklaġġ u tħejjija għall-użu mill-ġdid tal-iskart muniċipali li għandha tintlaħaq sal-2025 (kif definit fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, (2008/98/KE emendata bid-Direttiva (UE) 2018/851) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/753/UE tat-18 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi regoli u metodi ta' kalkolu għall-verifika tal-konformità

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										mal-miri stabbiliti fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/98/KE). Il-kontribuzzjoni għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-volumi tal-iskart muniċipali mill-infrastruttura appoġġata mill-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, li għandu jiġi rriċiklat fl-2025. Il-kontribuzzjoni għandha tiġi kkalkulata b'rabta mal-mira nazzjonali ta' 50 % f'riċiklaġġ u tħejjija għall-użu mill-ġdid stabbilita għall-2025.
48	Investiment 1.a Stabbiliment ta' ċentri ta' ġbir volontarji	Mira	Ċentri ta' ġbir volontarji stabbiliti u operattivi		Numru	0	250	Q3	2024	Mill-inqas 250 ċentru volontarju ta' ġbir stabbiliti u operazzjonali, f'konformità mal-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart/Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kontej u l-Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Muniċipalità ta' Bucharest. Iċ-ċentri ta' ġbir volontarji huma previsti għall-komunitajiet b'madwar 50 000 abitant. Iċ-ċentri għandhom ikunu jinsabu fuq il-fruntiera jew barra mill-Unità Amministrattiva Territorjali. Iċ-ċentri għandhom jiżguraw il-ġbir

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										separat tal-iskart domestiku li ma jistax jinġabar b'sistema bieb bieb, rispettivament skart riċiklabbli u bijoskart li ma jistgħux jinġabru f'kontenituri individwali, kif ukoll flussi ta' skart speċjali (skart goff, skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, batteriji użati, skart perikoluż, skart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni). Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-vetturi mixtrija skont din il-miżura għandhom ikunu l-aqwa teknoloġija disponibbli mil-lat ambjentali.
49	Investiment 1.a Stabbiliment ta' ċentri ta' ġbir volontarji	Mira	Ċentri ta' ġbir volontarji stabbiliti u operattivi		Numru	250	565	Q2	2026	565 ċentru volontarju ta' ġbir, stabbiliti u operazzjonali, f'konformità mal-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart/Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kontej u l-Pjan ta' Ġestjoni tal-Iskart tal-Muniċipalità ta' Bucharest. Iċ-ċentri ta' ġbir volontarji huma previsti għall-komunitajiet b'madwar 50 000 abitant. Iċ-ċentri għandhom ikunu jinsabu fuq il-fruntiera jew barra

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										mill-Unità Amministrattiva Territorjali. Iċ-ċentri għandhom jiżguraw il-ġbir separat tal-iskart domestiku li ma jistax jinġabar b'sistema bieb bieb, rispettivament skart riċiklabbli u bijoskart li ma jistgħux jinġabru f'kontenituri individwali, kif ukoll flussi ta' skart speċjali (skart goff, skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, batteriji użati, skart perikoluż, skart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni).
50	Investiment 1.b Kostruzzjoni ta' ekogżejjer diġitalizzati għall-ġbir separat tal-iskart fil-livell lokali	Mira	Ekogżejjer diġitalizzati għall-ġbir separat tal-iskart, stabbiliti u operattivi		Numru	0	7 000	Q4	2024	Mill-inqas 7 000 ekogżira diġitalizzata għall-ġbir separat tal-iskart, stabbiliti u operazzjonali, f'konformità mal-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart/Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kontej u l-Pjan għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Muniċipalità ta' Bucharest. L-ekogżejjer diġitalizzati għandhom jintużaw biex iservu żoni ta' blokok ta' appartamenti fil-lokalitajiet. Għandha tingħata prijorità lil komunitajiet bl-ogħla ħtiġijiet f'korrelazzjoni mal-Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kontea/il-Pjan

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										Nazzjonali ta' Ġestjoni u komplementari għall-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni abbażi tal-kriterji li ġejjin: - il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-iskart b'rabta mad-daqs tal-lokalità (muniċipalitajiet tal-grad I, muniċipalitajiet u bliet żgħar tal-grad II); - livell baxx ta' ġbir ta' skart separat; - disponibbiltà ta' faċilitajiet eżistenti għat-trattament tal-iskart. L-ekogżejjer diġitalizzati għandhom jiżguraw il-ġbir separat tal-iskart domestiku, prinċipalment f'żoni ta' blokok, għall-flussi ta' skart li ġejjin, miġbura separatament: skart tal-karta u tal-kartun, skart tal-plastik, skart tal-metall, skart tal-ħġieġ, bijoskart, skart residwu. Kull ekogżira għandha sservi mill-inqas 200 abitant.
51	Investiment 1.b Kostruzzjoni ta' ekogżejjer diġitalizzati	Mira	Ekogżejjer diġitalizzati għall-ġbir separat tal-		Numru	7 000	13 752	Q2	2026	13 752 ekogżira diġitalizzata għall-ġbir separat tal-iskart, stabbiliti u operazzjonali, f'konformità mal-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	għall-ġbir separat tal-iskart fil-livell lokali		iskart, stabbiliti u operattivi							Iskart/Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kontej u l-Pjan għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Muniċipalità ta' Bucharest. L-ekogżejjer diġitalizzati għandhom jintużaw biex iservu żoni ta' blokok ta' appartamenti fil-lokalitajiet. Għandha tingħata prijorità lil komunitajiet bl-ogħla ħtiġijiet f'korrelazzjoni mal-Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kontea/il-Pjan Nazzjonali ta' Ġestjoni u komplementari għall-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni abbażi tal-kriterji li ġejjin: - il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-iskart b'rabta mad-daqs tal-lokalità (muniċipalitajiet tal-grad I, muniċipalitajiet u bliet żgħar tal-grad II); - livell baxx ta' ġbir ta' skart separat; - disponibbiltà ta' faċilitajiet eżistenti għat-trattament tal-iskart. L-ekogżejjer diġitalizzati għandhom jiżguraw il-ġbir separat tal-iskart domestiku, prinċipalment f'żoni ta'

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										blokok, għall-flussi tal-iskart li ġejjin, miġbura separatament: skart tal-karta u tal-kartun, skart tal-plastik, skart tal-metall, skart tal-ħġieġ, bijoskart, skart residwu. Kull ekogżira għandha sservi mill-inqas 200 abitant.
52	Investiment 1.c Ċentri integrati għal agglomerazzjonijiet urbani li jikkonċernaw il-ġbir separat	Mira	Ċentri integrati għall-ġbir tal-iskart stabbiliti u li joperaw f'agglomerazzjonijiet urbani		Numru	0	7	Q4	2024	Mill-inqas seba' ċentri integrat għall-ġbir tal-iskart stabbiliti u li joperaw f'agglomerazzjonijiet urbani, f'konformità mal-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart/Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kontej u l-Pjan għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Muniċipalità ta' Bucharest. Il-postijiet għandhom jiżguraw kopertura tar-reġjuni l-aktar popolati kif ġej: - Bucharest (in-naħa tat-Tramuntana) u r-reġjun ta' Ilfov affiljat; - Bucharest (in-naħa tan-Nofsinhar) u r-reġjun ta' Ilfov affiljat; - Constanta; - Galati u Braila; - Iasi; - Bacau;

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										- Craiova; - Ploiesti; - Timisoara; - Cluj-Napoca; - Sibiu; - Brasov; - Baia Mare; - Targu Mures; - Buzau. Iċ-ċentri għandhom jiżguraw il-ġbir separat tal-iskart domestiku li ma jistax jinġabar b'sistema bieb bieb, rispettivament skart riċiklabbli u bijoskart li ma jistgħux jinġabru f'kontenituri individwali, kif ukoll flussi ta' skart speċjali - skart goff, skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, batteriji użati, skart perikoluż, skart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-vetturi mixtrija skont din il-miżura għandhom ikunu l-aqwa teknoloġija disponibbli mil-lat ambjentali.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
53	Investiment 1.c Ċentri integrati għal agglomerazzjonijiet urbani li jikkonċernaw il-ġbir separat	Mira	Ċentri integrati għall-ġbir tal-iskart stabbiliti u li joperaw f'agglomerazzjonijiet urbani		Numru	7	15	Q2	2026	Mill-inqas tmien ċentri integrati addizzjonali għall-ġbir tal-iskart għandhom jiġu stabbiliti u mħaddma f'agglomerazzjonijiet urbani, f'konformità mal-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart/Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kontej u l-Pjan għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Muniċipalità ta' Bucharest. Il-postijiet għandhom jiżguraw kopertura tar-reġjuni l-aktar popolati kif ġej: - Bucharest (in-naħa tat-Tramuntana) u r-reġjun ta' Ilfov affiljat; - Bucharest (in-naħa tan-Nofsinhar) u r-reġjun ta' Ilfov affiljat; - Constanta; - Galati u Braila; - Iasi; - Bacau; - Craiova; - Ploiesti; - Timisoara; - Cluj-Napoca; - Sibiu;

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										- Brasov; - Baia Mare; - Targu Mures; - Buzau. Iċ-ċentri għandhom jiżguraw il-ġbir separat tal-iskart domestiku li ma jistax jinġabar b'sistema bieb bieb, rispettivament skart riċiklabbli u bijoskart li ma jistgħux jinġabru f'kontenituri individwali, kif ukoll flussi ta' skart speċjali - skart goff, skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, batteriji użati, skart perikoluż, skart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni.
54	Investiment 1.d Kostruzzjoni ta' faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-iskart biex jintlaħqu l-miri tar-riċiklaġġ tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari	Mira	Faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-iskart mibnija u li qed joperaw		Numru	0	26	Q2	2026	26 faċilità tar-riċiklaġġ tal-iskart għandhom jinbnew u jitħaddmu biex jilħqu l-miri tar-riċiklaġġ tal-Istrateġija Nazzjonali għal Ekonomija Ċirkolari u f'konformità mal-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart/Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kontej u l-Pjan għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Muniċipalità ta' Bucharest. Għandu jingħata appoġġ lill-operaturi ekonomiċi privati li jinvestu

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										f'faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-iskart miġbur b'mod separat biex jitnaqqas l-impatt tal-iskart fuq l-ambjent u fuq il-popolazzjoni, jitnaqqas il-konsum tar-riżorsi sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli fir-reġjuni kollha u jintlaħqu l-miri tar-riċiklaġġ tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari. Proġetti tal-ogħla livell, diġitalizzati permezz tad-disinn tal-operat, il-monitoraġġ u l-intervent tagħhom, it-tnaqqis tal-konsum teknoloġiku tal-enerġija, it-teknoloġija tat-trasport u l-manutenzjoni għandhom jingħataw prijorità. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-vetturi mixtrija skont din il-miżura għandhom ikunu l-aqwa teknoloġija disponibbli mil-lat ambjentali.
55	Investiment 2 Żvilupp tal-infrastruttura għad-demel u	Mira	Sistemi integrati għall-ġbir tal-iskart agrikolu		Numru	0	254	Q2	2026	Għandhom jiġu stabbiliti u jsiru operattivi mill-inqas 254 sistema integrata għall-ġbir tal-iskart agrikolu kompostabbli, f'konformità mal-Pjan

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	l-ġestjoni ta' skart agrikolu kompostabbli ieħor		kompostabbli, stabbiliti u operattivi.							Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart, kif ġej: - 150 sistema integrata komunali (pjattaforma komunali, pjattaformi individwali għall-bdiewa żgħar u medji, u tagħmir personalizzat għall-ġestjoni tal-kompost); - 94 sistema komunali integrati għall-komunitajiet bi pjattaforma komunali eżistenti (pjattaformi individwali għal bdiewa żgħar u medji, u tagħmir personalizzat għall-ġestjoni tal-kompost); - Ħames sistemi ta' kompostjar għal komunitajiet b'azjendi agrikoli kbar (stazzjon għall-ikkompostjar u tagħmir personalizzat għall-ġestjoni tal-kompost); - Ħames sistemi tal-bijogass għall-komunitajiet b'azjendi agrikoli kbar ħafna (b'kapaċitajiet elettriċi ta' mill-inqas 300KWh u b'kapaċitajiet ta' tisħin ta' mill-inqas 300kWth). L-azjendi agrikoli l-kbar u l-komunitajiet tal-bdiewa (il-komuni u l-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										bliet) għandhom jintgħażlu filwaqt li jitqies l-aħjar impatt ambjentali pożittiv meta mqabbel mal-ispiża pubblika tal-investimenti, abbażi ta' linji gwida li jispeċifikaw b'mod ċar il-kriterji tal-għażla, inkluż: - l-għadd ta' annimali, sabiex jiġi ppruvat is-sors attwali (mhux storiku) tat-tniġġis; - il-konċentrazzjoni u x-xejra tan-nitrati fl-ilmijiet ta' taħt l-art; - id-disponibbiltà ta' sit xieraq għall-kostruzzjoni; - analiżi pożittiva tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji; dimostrazzjoni tas-sostenibbiltà fit-tul tal-investiment, inklużi mudelli tal-ekonomija ċirkolari (b'enfasi fuq l-istazzjonijiet tal-bijogass); - disponibbiltà ta' riżorsi finanzjarji għal kofinanzjament u għal aktar operazzjoni ta' investimenti; - konsultazzjonijiet pubbliċi pożittivi biex tintwera l-aċċettazzjoni soċjali tal-investiment ambjentali.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										Il-bdiewa fuq skala żgħira u medja li jibbenefikaw minn pjattaformi żgħar għandhom jgħixu fil-komunitajiet fejn il-pjattaformi tal-ġestjoni tad-demel huma funzjonali jew għandhom jinbnew pjattaformi ġodda u għandhom ikunu s-sidien tal-annimali mrobbija f'dawk il-komunitajiet. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-vetturi mixtrija skont din il-miżura għandhom ikunu l-aqwa teknoloġija disponibbli mil-lat ambjentali.
56	Investiment 3.a Tagħmir ta' Monitoraġġ u Kontroll għall-Gwardja Ambjentali Nazzjonali	Mira	Il-Kummissarju tal-Kontea tal-Gwardja Ambjentali Nazzjonali mgħammra b'tagħmir diġitali għall-monitoraġġ u l-attivitajiet ta' kontroll tal-		Numru	0	43	Q4	2024	L-operazzjonalizzazzjoni tat-tagħmir għal 43 Kummissarju tal-Gwardja Ambjentali għall-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' kontroll tal-ġestjoni tal-iskart, sabiex tiżdied it-traċċabbiltà tal-iskart, tiżdied il-viżibbiltà fuq ir-rotta reali tal-vjeġġi tal-iskart u b'hekk jitnaqqsu l-kwantitajiet tat-trasport illegali tal-iskart. Għandu jinxtara t-tagħmir li ġej: - sistema integrata waħda tal-ICT li

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
			ġestjoni tal-iskart							tagħti servizz lit-43 Kummissarju; - tmien sistemi ta' skannjar tat-trakkijiet; - 271 dash cam; - 16-il Vettura tal-Ajru bla ekwipaġġ; - tmien vetturi utilitarji mgħammra b'komunikazzjoni bir-radju għat-trasport tat-tagħmir tal-monitoraġġ; - 709 kamera li jintlibsu. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-vetturi mixtrija skont din il-miżura għandhom ikunu tal-aqwa teknoloġija disponibbli mil-lat ambjentali.
57	Investiment 3.a Tagħmir ta' Monitoraġġ u Kontroll għall-Gwardja Ambjentali Nazzjonali	Mira	400 missjonijiet ta' kontroll bl-użu tat-tagħmir ta' monitoraġġ u kontroll		Numru	0	400	Q4	2025	400 missjoni ta' kontroll imwettqa mill-Kummissarji tal-Gwardja Ambjentali Nazzjonali bl-użu tat-tagħmir diġitali, akkwistat taħt l-istadju importanti 56, għall-attivitajiet ta' monitoraġġ u kontroll.
58	Investiment 3.b Tagħmir tal-	Mira	l-operazzjonaliz		Numru	0	513	Q2	2025	It-tagħmir tal-kwalità tal-arja, ir-radjuattività u l-monitoraġġ tal-istorbju

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwatitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	kwalità tal-arja, ir-radjuattività u l-monitoraġġ tal-istorbju għall-Aġenzija Nazzjonali għall-Ħarsien tal-Ambjent		zazzjoni tat-tagħmir tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja, tar-radjuattività u tal-istorbju							għandu jiġi akkwistat u jsir operattiv. It-tagħmir għandu jiżgura l-ġbir, it-trażmissjoni, il-ħżin u jippermetti r-rappurtar tad-*data* dwar il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa fl-ambjent. Ix-xiri ta' dan it-tagħmir għandu jsir biss wara l-adozzjoni tal-Programm Nazzjonali għall-Kontroll tal-Ajru (parti mill-komponent tat-Trasport Sostenibbli tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u mbassar li jiġi adottat f'Ġunju 2022) abbażi tal-ħtiġijiet previsti fil-programm.

D. KOMPONENT 4: TRASPORT SOSTENIBBLI

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza diversi sfidi relatati mat-trasport sostenibbli biex jippromwovi l-mobilità intelliġenti, sikura u inklużiva fir-Rumanija. Dan għandu jitqies b'rabta mal-komponent 10 "Fond Lokali" li jinkludi miżuri komplementari għall-mobbiltà sostenibbli fiż-żoni urbani.

L-objettiv ta' dan il-komponent huwa li jtejjeb is-sostenibbiltà tas-settur tat-trasport Rumen billi jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tiegħu. Ir-riformi li jappoġġaw l-investimenti jinkludu bidliet regolatorji li jinċentivaw it-trasport bit-triq mingħajr emissjonijiet, itejbu l-governanza tal-intrapriżi tal-istat fis-setturi tat-trasport, itejbu s-sikurezza fit-toroq, jippromwovu trasport pubbliku nadif, jippromwovu bidla modali lejn il-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilmijiet interni.

Ir-riformi u l-investimenti għandhom jikkontribwixxu għall-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lir-Rumanija fl-2019 u l-2020, dwar il-ħtieġa: (i) " ta' investiment bil-quddiem fi proġetti maturi ta' investiment pubbliku u promozzjoni tal-investiment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku" u "li l-investiment jiġi ffokat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq it-trasport sostenibbli" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3, 2020) filwaqt li "jitqiesu d-disparitajiet reġjonali" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4, 2019); (ii) "li titjieb it-tħejjija u l-prijoritizzazzjoni ta' proġetti kbar u tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tagħhom (ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 4, 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). L-investimenti fl-infrastruttura tat-toroq huma ffukati fuq in-network ewlieni tat-TEN-T, jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika u soċjali u huma akkumpanjati minn riformi sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq, l-iżvilupp fl-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, it-titjib tas-sikurezza fit-toroq u l-promozzjoni tat-trasport pubbliku nadif u l-bidla modali.

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Riforma 1. Trasport sostenibbli, dekarbonizzazzjoni u sikurezza fit-toroq

Ir-riforma għandha l-għan li tappoġġa t-tranżizzjoni lejn mobbiltà sostenibbli u intelliġenti billi tiżviluppa u ttejjeb il-qafas strateġiku, legali u operazzjonali tas-sistema tat-trasport fir-Rumanija. Ir-riforma proposta hija marbuta ma' miżuri għal mobbiltà urbana sostenibbli inklużi fil-komponent "Fond Lokali" sabiex jiġu żgurati l-komplementarjetà u s-sinerġiji mal-miżuri meħuda fil-livell lokali.

Ir-riforma tinkludi:

1.1 Id-dekarbonizzazzjoni tat-toroq f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"

Pakkett leġiżlattiv għandu jimplimenta sistema ġdida ta' tassazzjoni f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u prinċipji oħra ta' tassazzjoni ambjentali. Il-pakkett għandu jinkludi (i) imposti bbażati fuq id-distanza għal vetturi tqal tal-merkanzija (trakkijiet u tipi oħra ta' trakkijiet) u (ii), skemi ta' inċentivi għat-tiġdid tal-flotta (b'mod partikolari karozzi

żgħar/kowċis/xarabanks) permezz ta' skemi ta' skrappjar, flimkien ma' miżuri ta' tassazzjoni għas-sjieda tal-vetturi tal-passiġġieri li jniġġsu l-aktar. Is-sistema l-ġdida ta' imposti għandha tiġi implimentata b'mod mhux diskriminatorju.

Il-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura għandu jwettaq analiżi biex jiddefinixxi b'mod aktar speċifiku l-livell tal-imposti, b'mod partikolari għat-traffiku tqil, bl-inċentivi speċifiċi għall-vetturi elettriċi/ibridi, inklużi l-vetturi ħfief, iż-żmien għall-introduzzjoni gradwali ta' tali imposti, il-kategoriji ta' vetturi li għandhom jiġu inklużi fis-sistema ta' pedaġġ, il-livell ta' tniġġis tal-vetturi tal-passiġġieri, il-kategoriji tat-toroq u l-livell ta' kopertura tan-network tat-toroq nazzjonali integrat fir-Rumanija. Id-dħul addizzjonali ġġenerat għandu jintuża għall-manutenzjoni tan-network tat-toroq u għal investimenti ġodda fit-trasport sostenibbli.

Ir-riforma għandha l-għan ukoll li taqbeż b'mill-inqas tliet punti perċentwali l-miri minimi tal-akkwist ta' vetturi pubbliċi nodfa stabbiliti fid-Direttiva tal-UE dwar il-Vetturi Nodfa.

Il-pakkett leġiżlattiv għandu jinkludi miżuri li jistimulaw l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero u programmi ta' tiġdid tal-flotta minn individwi, kumpaniji privati u istituzzjonijiet pubbliċi, li jikkontribwixxu għal żieda ta' mill-inqas 100 % fl-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet żero rreġistrati fir-Rumanija meta mqabbel mal-valur inizjali fl-2020, u l-iskrappjar ta' 250 000 vettura li jniġġsu (EURO 3 jew inqas) sat-30 ta' Ġunju 2026.

Element importanti li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tat-trasport, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja fiż-żoni urbani u fil-livell tal-pajjiż, huwa l-Programm Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja (NAPCP), li kellu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni sa April 2019 skont id-Direttiva (UE) 2016/2284, u li l-awtoritajiet Rumeni indikaw li se jiġi approvat sat-30 ta' Ġunju 2022.[1]

Il-pakkett leġiżlattiv approvat mill-Parlament Rumen għandu jidħol fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2024 u l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tas-sistema ta' imposti sat-30 ta' Ġunju 2026.

1.2 Infrastruttura tal-fjuwils alternattivi

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiġi żviluppata l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi għall-vetturi tat-triq, b'mod partikolari għandhom jiġu installati punti tal-irriċċarġjar elettriku addizzjonali biex jintlaħqu mill-inqas 30 000 punt tal-irriċċarġjar sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment appoġġat mill-RRF jikkonsisti fil-finanzjament ta' mill-inqas 15 283 punt tal-iċċarġjar elettriku, li minnhom 14 200 punt għandhom ikunu punti tal-irriċċarġjar b'potenza qawwija (li jippermettu trasferiment tal-elettriku lil vettura elettrika b'potenza ta' aktar minn 22 kW) u 1 083 punt għandhom ikunu punti tal-irriċċarġjar b'potenza normali (li jippermettu trasferiment tal-elettriku lil vettura elettrika b'potenza ta' 22 kW jew inqas, minbarra apparati b'potenza ta' 3,7 kW jew inqas).

Fir-rigward tal-aċċessibbiltà pubblika, it-13 200 punt tal-irriċċarġjar elettriku inklużi fil-komponent tal-Fond Lokali għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku, skont il-punt 7 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/94/UE, u 2 083 punt (83 punt fil-komponent tal-Fond Lokali u 2 000 punt fil-komponent tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni) għandhom ikunu punti tal-irriċċarġjar semipubbliċi/privati.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

[1]Ir-Rumanija għadha ma ssodisfatx dan l-obbligu legali u hemm fis-seħħ proċediment ta' ksur. Ir-rikonoxximent tad-data tas-sottomissjoni tal-NAPCP fil-qafas tal-Pjan ma jfissirx approvazzjoni mill-Kummissjoni. Dan huwa tabilħaqq mingħajr preġudizzju għall-proċediment ta' ksur li għaddej dwar in-nuqqas ta' sottomissjoni tal-NAPCP.

1.3 Sikurezza fit-toroq

Ir-riforma tikkonsisti fi Strateġija Nazzjonali għas-Sikurezza fit-Toroq li għandha tinkludi l-miżuri ġodda li ġejjin:

1. Spezzjoni tas-sikurezza: il-valutazzjoni teknika biex tiġi ddeterminata s-sikurezza fit-toroq għandha tiġi ottimizzata; l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tax-xogħol ta' kompetenza teknika fuq vetturi bil-mutur; l-istabbiliment ta' laboratorji ta' riċerka u esperti li jkopru metodoloġiji għall-monitoraġġ, l-ispezzjoni u l-ittestjar tal-vetturi matul il-ħajja tagħhom;

2. L-iżvilupp ta' bażijiet ta' *data* dwar il-karatteristiċi tas-sikurezza fit-toroq fl-istazzjonijiet tal-ittestjar u fl-unitajiet tat-tiswija tal-vetturi; l-iżvilupp tal-metodoloġija għall-ġbir tad-*data* u l-bażi primarja għall-ġbir tad-*data* għall-analiżi tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza fit-toroq;

3. L-introduzzjoni ta' limiti ta' veloċità aktar stretti f'sezzjonijiet perikoluży, u żieda fl-infurzar tal-pieni għar-reati;

4. Strateġija dwar l-eliminazzjoni tal-black spots (hotspots) fin-network tat-toroq u tal-awtostradi nazzjonali. L-267 black spot (hotspot) identifikati għandhom jiġu eliminati sal-2030, li minnhom 129 huma appoġġati mill-Pjan sat-30 ta' Ġunju 2026.

Din ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja u d-dħul fis-seħħ relatat ta' miżuri ta' infurzar. Dawn il-miżuri jikkumplimentaw il-miżuri għas-sikurezza fit-toroq f'żoni urbani inklużi fil-komponent tal-"Fond Lokali".

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

1.4 Strateġija u pakkett leġiżlattiv dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti (ITS)

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiġi żviluppata Sistema Intelliġenti tat-Trasport biex jittejbu l-effiċjenza u s-sikurezza tat-trasport bis-saħħa tad-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni dwar it-trasport.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tal-ħolqien ta' dokument strateġiku għal Sistemi Intelliġenti tat-Trasport (ITS) li għandu jiġi approvat mill-Gvern Rumen. L-istrateġija tal-ITS għandha tiġi żviluppata flimkien ma' politiki tat-trasport intermodali biex jaqdu l-ħtiġijiet għal operat effiċjenti f'nodi multimodali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

1.5 Żvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja u ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jsaħħaħ l-effiċjenza u l-kompetittività tal-ferroviji fir-Rumanija.

L-istrateġija tinkludi l-objettivi tal-modernizzazzjoni u tal-iżvilupp meħtieġa biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-mobbiltà attwali u futuri tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll rekwiżiti identifikati biex tiżdied il-kompetittività tat-trasport ferrovjarju. Fl-istess ħin, huma ppjanati azzjonijiet biex jimmodernizzaw l-operat tal-infrastruttura ferrovjarja sabiex tiżdied il-prestazzjoni tat-traffiku tal-ferroviji u biex l-operat tagħha jsir aktar effiċjenti sabiex jiġu limitati l-ispejjeż tat-trasport ferrovjarju.

Ir-riforma tinkludi l-"Istrateġija għall-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja 2021–2025", approvata fi tmiem l-2020. Din tinkludi l-manutenzjoni, it-tiswijiet u t-tiġdid kollu meħtieġ biex tiġi riabilitata l-infrastruttura eżistenti u tinżamm bil-parametri tal-prestazzjoni meħtieġa biex issostni t-trasport ferrovjarju kompetittiv fil-livell nazzjonali.

Il-miżura għandha tinkludi l-Pjan ta' Investiment 2020–2030, li għandu jipprijoritizza l-investimenti ferrovjarji fl-implimentazzjoni tat-TEN-T u tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), b'mekkaniżmu b'indikaturi u kriterji ċari għall-prijoritizzazzjoni tal-investimenti fl-infrastruttura ferrovjarja, kif ukoll l-arranġamenti istituzzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu u t-tħejjija ta' proġetti ta' investiment.

Il-miżura tinkludi wkoll strateġija u pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-ERTMS matul l-2025–2030, inklużi: miżuri ċari għall-implimentazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-ERTMS għan-network Ewlieni tat-TEN-T fuq perjodu ta' żmien medju u twil (orizzont 2030); atturi responsabbli; estimi tal-baġit; miżuri tal-kapaċità amministrattiva fil-livell nazzjonali għal korpi responsabbli biex jiġġestixxu b'mod sħiħ il-proċess ta' ċertifikazzjoni għas-setturi kollha kkunsidrati matul il-kostruzzjoni tagħhom sabiex tiġi żgurata l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

1.6 Strateġija tat-tbaħħir u l-integrazzjoni ma' modi oħra ta' trasport

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jkompli jiġi żviluppat it-trasport fuq l-ilma (passaġġi fuq l-ilma interni u fil-portijiet tagħhom) fir-Rumanija, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar il-Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti.

Il-miżura tinkludi l-adozzjoni tal-istrateġija tat-Trasport Marittimu u l-ippjanar ta' miżuri ta' intervent għall-iżvilupp tas-settur, integrati ma' modi oħra ta' trasport, kif ukoll l-iżvilupp u l-approvazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija.

Għandha titwettaq analiżi tas-sitwazzjoni attwali tal-passaġġi fuq l-ilma Rumeni (kemm interni kif ukoll marittimi) u s-sitwazzjoni attwali tal-portijiet Rumeni f'termini ta' infrastruttura, b'enfasi fuq kif tista' tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tal-vapuri u tal-portijiet, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti għall-UE kollha bħad-Direttiva 2014/94/UE dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi. L-istrateġija għandha tikkunsidra miżuri għall-ekoloġizzazzjoni tal-operazzjonijiet portwarji kollha (emissjonijiet, storbju, tniġġis). Sabiex tiġi promossa n-navigabbiltà tad-Danubju b'mod sostenibbli, għandu jiġi żviluppat approċċ li jgħaqqad l-infrastruttura sostenibbli, il-fjuwils alternattivi u d-diġitalizzazzjoni, filwaqt li titqies is-sensittività ambjentali tad-Danubju. Għandhom isiru proposti biex jiġi emendat il-qafas legali u istituzzjonali dwar kif għandha tiġi ġestita l-infrastruttura navali bl-objettivi li: it-trasport fuq l-ilma jiġi integrat ma' modi oħra ta' trasport, jitnaqqas tal-impatt ambjentali tal-portijiet (marittimi u interni) u tat-tbaħħir, jitfasslu pjanijiet għall-iżvilupp ta' portijiet intermodali u jiżdied it-trasport tal-merkanzija fuq id-Danubju b'15 % sal-2026 b'mod sostenibbli.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Investiment 1. Modernizzazzjoni u tiġdid tal-infrastruttura ferrovjarja

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li "jimmodernizza" l-linji ferrovjarji (inklużi s-sostituzzjoni tal-ferroviji, it-traversi, is-sottostrat, l-elettrifikazzjoni, il-konsolidazzjoni/il-kostruzzjoni ta' pontijiet/pontijiet, il-livell 2 tal-ERTMS) f'konformità mal-istandards tat-TEN-T, u li "jiġġeddu" (sostituzzjoni tal-ferroviji, it-traversi u l-ġebel imkisser, biex b'hekk il-linja tinġieb f'veloċità kostruttiva) u jiġu elettrifikati sezzjonijiet ferrovjarji speċifiċi. Barra minn hekk, huma previsti ħdax-il investiment bi "gwadann rapidu" biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet tal-veloċità tal-ferroviji, tiżdied il-veloċità tal-ferrovija u tiżdied is-sikurezza ferrovjarja. Proġetti bi "gwadann rapidu" għandhom jiġu implimentati biex tiġi żgurata l-vijabbiltà tat-trasport ferrovjarju tul il-kurituri tat-TEN-T sar-rinnovazzjoni tagħhom. B'kollox, l-investiment għandu jwassal għal 315-il km ta' linji ferrovjarji rinnovati b'żieda

fil-kapaċità ta’ 30 % u bl-ERTMS 2 installata; 110 km ta’ linji tal-ferrovija elettrifikati; 2 426 km (2 163 proġett bi “gwadann rapidu” b’binarju wieħed + it-tiġdid ta’ 263 km ta’ linji ferrovjarji) ta’ ferroviji mġedda b’veloċità miżjuda bi 15 % (li jilħqu veloċità medja ta’ minimu ta’ 100 km/h).

L-investiment jinkludi wkoll portafoll ta’ 17-il proġett elettroniku ta’ ċentralizzazzjoni li għandhom jiġu implimentati permezz tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, li għandhom distribuzzjoni spazjali bbilanċjata fir-Rumanija u jirrappreżentaw sezzjonijiet ferrovjarji ġenwini li jfornu l-kurituri TEN-T. Is-17-il proġett ta’ ċentralizzazzjoni elettronika għandhom isolvu problemi ta’ kapaċità għal 111-il stazzjon ferrovjarju fuq tul totali ta’ aktar minn 973 km. B’konsegwenza ta’ dan, huwa stmat li l-volumi tat-traffiku jiżdiedu b’10 sa 15 %. Barra minn hekk, il-proġetti elettroniċi ta’ ċentralizzazzjoni proposti għandhom isolvu l-konġestjonijiet fit-toroq mill-passaġġi invell billi jnaqqsu b’mod sinifikanti l-ħinijiet ta’ stennija.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta’ mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B’mod partikolari, il-proġetti għandhom jirrispettaw bis-sħiħ ir-riżultati u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE, kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE u tad-Direttiva tal-Kunsill92/43/KEE, inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri ta’ mitigazzjoni meħtieġa. Dan għandu jiżgura li l-investiment ma jkollux impatt sinifikanti jew irriversibbli fuq il-korpi tal-ilma affettwati u ma jikkawżax impatti negattivi sinifikanti fuq il-ħabitats u l-ispeċijiet protetti.

L-implimentazzjoni tal-investimenti għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026, b’50 % tax-xogħlijiet jitlestew sal-31 ta’ Diċembru 2024.

Investiment 2. Vetturi ferrovjarji

L-objettiv ta’ dan l-investiment f’vetturi ferrovjarji ġodda b’emissjonijiet żero u mtejba huwa li tiżdied il-kwalità tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u b’hekk jiżdied l-użu ta’ dan it-tip ta’ trasport sostenibbli fir-rigward tat-trasport bit-triq permezz ta’ bidla modali.

Il-vetturi ferrovjarji ġodda għandhom ikunu disponibbli mingħajr ħlas għall-operaturi tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri skont kuntratti ta’ servizz pubbliku mogħtija f’konformità sħiħa mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi indikaturi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
59	Riforma 1. Trasport sostenibbli, dekarbonizzazzjoni u sikurezza fit-toroq Dekarbonizzazzjoni tat-toroq f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi għall-implimentazzjoni ta' sistema ġdida ta' imposti bbażata fuq id-distanza għall-vetturi tqal (trakkijiet), u taxxi ogħla fuq is-sjieda għall-vetturi tal-passiġġieri li jniġġsu l-aktar (karozzi/xarabanks/kowċis) abbażi tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u l-prinċipju tat-tassazzjoni ekoloġika	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				Q2	2023	Pakkett leġiżlattiv għall-implimentazzjoni ta' sistema ġdida ta' tariffi bbażata fuq id-distanza għall-vetturi tqal (trakkijiet), u taxxi ogħla fuq is-sjieda għal vetturi tal-passiġġieri li jniġġsu l-aktar (karozzi/xarabanks/kowċis) abbażi tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u l-prinċipju tat-tassazzjoni ekoloġika. Is-sistema l-ġdida ta' imposti għall-vetturi għandha tinkludi: - livell speċifiku ta' tariffi bbażati fuq id-distanza u kriterji ċari għall-imposti fuq il-vetturi tqal f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"; - inċentivi għal vetturi u modi ta' trasport nodfa/b'emissjonijiet baxxi; - sistema ta' deterrenti għall-użu tal-aktar vetturi li jniġġsu inkluż permezz ta' miżuri fiskali/finanzjarji permezz tal-livelli tat-taxxi tas-sjieda għall-vetturi privati tal-passiġġieri; - l-użu tad-dħul biex isostni l-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi indikaturi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										manutenzjoni tat-toroq u investiment ġdid fit-trasport sostenibbli; - trasferiment ta' 10 % tat-traffiku mit-triq (passiġġieri u merkanzija) għall-ferrovija bejn l-2020 u l-2026; - skeda ta' żmien għall-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tas-sistema tal-imposti sat-Q2 tal-2026.
60	Riforma 1. Trasport sostenibbli, dekarbonizzazzjoni u sikurezza fit-toroq Dekarbonizzazzjoni tat-toroq f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi biex tingħata spinta lill-użu ta' vetturi nodfa u programmi ta' tiġdid tal-flotta minn utenti domestiċi, kumpaniji privati u istituzzjonijiet pubbliċi	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi biex tingħata spinta lill-użu ta' vetturi nodfa u programmi ta' tiġdid tal-flotta				Q2	2024	Il-liġi għandha tinkludi inċentivi finanzjarji u fiskali biex: - jiżdied l-għadd ta' vetturi mingħajr emissjonijiet b'mill-inqas 100 % sal-2025 meta mqabbel mal-valur inizjali fl-2020; - skrappjar ta' mill-inqas 250 000 vettura li tniġġes (inqas minn EURO 3) bejn l-2022 u t-Q2 tal-2026.
61	Riforma 1. Trasport sostenibbli, dekarbonizzazzjoni u sikurezza fit-toroq Dekarbonizzazzjoni	Mira	Vetturi nodfa ġodda akkwistati minn entitajiet pubbliċi, mill-inqas 3 % aktar		Perċentwali (%)	0	3	Q4	2025	Il-mira tirreferi għall-perċentwal ta' vetturi nodfa mill-għadd totali ta' vetturi mixtrija mill-istituzzjonijiet pubbliċi. Il-mira hija li jinqabżu b'mill-inqas 3 punti perċentwali l-miri minimi tal-akkwist

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi indikaturi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	tat-toroq f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"		mil-limiti tad-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa							għas-sehem ta' vetturi nodfa fl-għadd totali ta' vetturi skont il-kategorija stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa (id-Direttiva (UE) 2019/1161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva 2009/33/KE) matul il-perjodu 2021–2025. Għaċ-ċarezza, dan ikun ifisser mira ta' mill-inqas 21,7 % għall-vetturi ħfief, 9 % għall-vetturi tqal u 27 % għax-xarabanks, peress li l-miri minimi tal-akkwist stabbiliti għar-Rumanija fid-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa huma: 18,7 % għall-vetturi ħfief, 6 % għall-vetturi tqal, 24 % għax-xarabanks.
62	Riforma 1. Trasport sostenibbli, dekarbonizzazzjoni u sikurezza fit-toroq Dekarbonizzazzjoni tat-toroq f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"	Mira	Vetturi bil-mutur li jniġġsu skrappjati (EURO 3 jew inqas)		Numru	0	250 000	Q2	2026	Mill-inqas 250 000 vettura li tniġġes (bi standards ta' emissjonijiet EURO 3 jew inqas) li għandhom aktar minn 15-il sena għandhom jiġu skreppjati bejn l-2022 u nofs l-2026.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi indikaturi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
63	Riforma 1. Trasport sostenibbli, dekarbonizzazzjoni u sikurezza fit-toroq Dekarbonizzazzjoni tat-toroq f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"	Mira	Żieda fl-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet żero		Numru	0	29 500	Q1	2026	Il-mira tirreferi għaż-żieda fl-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet żero (tal-elettriku u tal-idroġenu, kif definit fid-Direttiva 2014/94/UE dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi) (M1 — karozzi tal-passiġġieri, N1 - vetturi kummerċjali ħfief; N2 u N3 - vetturi tqal, ibbażati fuq standards tal-UNECE) irreġistrati fir-Rumanija bejn tmiem l-2020 u tmiem l-2025. Id-*data* uffiċjali għall-aħħar tal-2025 għandha tiġi rrappurtata mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika sal-aħħar tal-Q1 tal-2026 lill-Osservatorju Ewropew tal-Fjuwils Alternattivi għal skopijiet ta' monitoraġġ.
64	Riforma 1. Trasport sostenibbli, dekarbonizzazzjoni u sikurezza fit-toroq/Infrastruttura tal-fjuwils alternattivi	Mira	Punti tal-irriċċarġjar elettriku installati fil-livell nazzjonali		Numru	1 836	30 000	Q2	2026	Il-mira nazzjonali għall-punti tal-irriċċarġjar elettriku għall-vetturi tat-triq b'emissjonijiet żero għandha tikkonsisti minn: a. 1 836 punt tal-irriċċarġjar diġà eżistenti b. sal-2030 għandhom jiġu installati 2 896 punt tal-irriċċarġjar b'potenza għolja (mill-inqas 50 kW) (li

Nru Sek.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi indikaturi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										minnhom 264 punt tal-irriċċarġjar elettriku jiġu proposti permezz tal-proġetti tal-iżvilupp tan-network tal-awtostradi ffinanzjati mill-RRF) fin-network tat-toroq/awtostradi nazzjonali, skont l-istrateġija C.N.A.I.R. għall-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-irriċċarġjar għall-vetturi elettriċi fin-network TEN-T fir-Rumanija c. 13 283 punt tal-irriċċarġjar iffinanzjati mill-komponent "Fond Lokali" mill-Ministeru għall-Iżvilupp (13 200 punt tal-irriċċarġjar b'potenza għolja u 83 punt tal-irriċċarġjar b'potenza normali) imqassma kif ġej: - punti tal-irriċċarġjar fil-muniċipalitajiet tar-residenza tal-kontea: 4 000; - punti tal-irriċċarġjar f'muniċipalitajiet oħra: 1 876; - punti tal-irriċċarġjar fil-bliet: 1 600; - punti tal-irriċċarġjar f'żoni rurali: 5 724.

Nru Sek.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi indikaturi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										- proġett pilota: lżgurar ta' livell għoli ta' sikurezza fit-toroq f'sezzjoni tal-awtostrada li tippermetti lill-vetturi awtonomi jiċċirkolaw. L-identifikazzjoni tal-black/hot spots għas-sikurezza fit-toroq titwettaq mill-Pulizija Rumena, li għandha wkoll tiċċertifika l-eliminazzjoni tagħhom bħala riżultat tax-xogħol imwettaq mis-C.N.A.I.R.
86	I4. L-iżvilupp tan-network tat-trasport taħt l-art fil-muniċipalitajiet ta' Bucharest u Cluj-Napoca	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti għal 50 % tax-xogħlijiet, wara offerti miftuħa u kompetittivi u wara li l-permessi rilevanti jkunu nkisbu.	Iffirmar ta' kuntratti				Q4	2022	L-iffirmar tal-kuntratti bejn il-Ministeru tat-Trasport/il-Kunsill tal-Belt ta' Cluj-Napoca u l-kumpaniji rebbieħa għandu jiġi ffirmat, wara sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva għall-akkwist ta' 50 % tax-xogħlijiet fuq il-linji tal-metro ġodda f'Bucharest u Cluj-Napoca, kif ġej: • M4 Bucharest: Stazzjon tal-Filaret tat-Tramuntana (sitt stazzjonijiet), tul ta' 5,2 km; • M1 Cluj-Napoca: SF. Maria - United Europe (disa' stazzjonijiet), tul ta' 7,5 km Ix-xogħlijiet inklużi f'dan l-investiment

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										huma: Xogħol ta' reżistenza strutturali, stazzjonijiet, interstazzjonijiet, mini, galleriji, kostruzzjonijiet oħra. Il-proċess tas-sejħa għall-offerti għandu jitwettaq skont L98/2016 u l-emendi sussegwenti tiegħu, li ttrasponew id-Direttiva 2014/24/UE Ewropea rilevanti. Jekk ikun meħtieġ l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerta għandhom jinkorporaw bis-sħiħ kwalunkwe riżultat u kundizzjoni mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali.
87	I4. L-iżvilupp tan-network tat-trasport taħt l-art fil-muniċipalitajiet ta' Bucharest u Cluj-Napoca	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti għal 100 % tax-xogħlijiet, wara offerti miftuħa u kompetittivi u wara li l-permessi rilevanti jkunu nkisbu.	Iffirmar ta' kuntratti				Q4	2023	L-istadju importanti jirreferi għall-iffirmar ta' kuntratti bejn il-Ministeru tat-Trasport/il-Kunsill tal-Belt ta' Cluj-Napoca u l-kumpaniji rebbieħa, wara sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva għall-akkwist ta' 100% ta' xogħlijiet, inklużi xogħlijiet ta' reżistenza strutturali, stazzjonijiet, interstazzjonijiet, mini, galleriji, kostruzzjonijiet oħra, għal-linji tal-metro l-ġodda: • M4 Bucharest: Stazzjon tal-Filaret

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										tat-Tramuntana (sitt stazzjonijiet), tul ta' 5,2 km; • M1 Cluj-Napoca: SF. Maria - United Europe (disa' stazzjonijiet), tul ta' 7,5 km Ix-xogħlijiet inklużi f'dan l-investiment huma: xogħol ta' reżistenza strutturali; stazzjonijiet, interstazzjonijiet, mini, galleriji, kostruzzjonijiet oħra. Il-proċess tas-sejħa għall-offerti għandu jitwettaq skont L98/2016 u l-emendi sussegwenti tiegħu, li ttrasponew id-Direttiva 2014/24/UE Ewropea rilevanti. Jekk ikun meħtieġ l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerta għandhom jinkorporaw bis-sħiħ kwalunkwe riżultat u kundizzjoni mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali.
88	I4. L-iżvilupp tan-network tat-trasport taħt l-art fil-muniċipalitajiet ta' Bucharest u Cluj-Napoca	Mira	Kostruzzjoni ta' 50 % tal-investimenti tal-linji tal-metro f'Bucharest u Cluj-Napoca		Perċentwali (%)	0	50	Q4	2024	Tlestija ta' mill-inqas 50 % tax-xogħlijiet (iċċertifikati b'rapport ta' superviżjoni) għal linji tal-metro ġodda f'Bucharest u Cluj-Napoca, inklużi xogħlijiet ta' reżistenza strutturali, stazzjonijiet, interstazzjonijiet, mini,

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										galleriji, kostruzzjonijiet oħra, kif ġej: • M4 Bucharest: North Station - Filaret; • M1 Cluj-Napoca: SF. Maria - United Europe.
89	I4. L-iżvilupp tan-network tat-trasport taħt l-art fil-muniċipalitajiet ta' Bucharest u Cluj-Napoca	Mira	Kilometri ta' linji tal-metro ġodda f'Bucharest u Cluj-Napoca lesti		Kilometri (km)	0	12,7	Q2	2026	Tlestija tax-xogħlijiet fuq l-istruttura ewlenija (stazzjonijiet ta' xogħlijiet ta' reżistenza strutturali, interstazzjonijiet, mini, galleriji, kostruzzjonijiet oħra) ta' linji tal-metro ġodda f'Bucharest u f'Cluj-Napoca, għal tul totali ta' 12,7 km kif ġej: • M4: Bucharest - Sezzjoni 1: North Station - Filaret (sitt stazzjonijiet), tul 5,2km; • M1: Cluj-Napoca — Taqsima 1: SF. Maria - United Europe (disa' 9 stazzjonijiet), tul 7,5km.

E. KOMPONENT 5: MEWĠA TA' RINNOVAZZJONI

Fl-istrateġija Nazzjonali tagħha ta' Rinnovazzjoni fit-Tul, ir-Rumanija tistma l-ħtieġa li tinvesti EUR 12,8 biljun fir-rinnovazzjonijiet tal-bini biex tikseb tnaqqis ta' 0,83 Mtoe mill-konsum finali tal-enerġija fl-2030 meta mqabbel max-xenarju bażi.

L-objettiv tal-komponent huwa li tiżdied il-veloċità u l-kwalità tar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, filwaqt li tiġi indirizzata l-isfida tal-protezzjoni tal-wirt. Ir-riformi u l-investimenti f'dan il-komponent għandhom l-għan li jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja u fil-konsum finali tal-enerġija f'konformità mal-objettivi għall-2030 stabbiliti fl-Istrateġija Nazzjonali ta' Rinnovazzjoni fit-Tul.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tar-Rumanija tal-aħħar sentejn biex "tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq [...] effiċjenza fl-enerġija u l-livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4, 2019) u biex "tiffoka fuq investimenti għat-tranżizzjoni ekoloġika [...], b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nadifa u effiċjenti" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għas-self

Riforma 1. Qafas regolatorju simplifikat u aġġornat biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-investimenti fit-tranżizzjoni lejn bini ekoloġiku u reżiljenti

Ir-riforma għandha tissimplifika l-qafas leġiżlattiv u regolatorju li jikkonċerna l-attivitajiet ta' rinnovazzjoni tal-bini, biex tħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika. Ir-riforma għandha tkopri s-sottoriformi li ġejjin:

- R1.a. Kodifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-investimenti fit-tranżizzjoni lejn il-bini ekoloġiku. L-Ippjanar Spazjali, l-Ippjanar Urban u l-kodiċi tal-Kostruzzjoni għandhom jgħaqqdu, jissimplifikaw u jikkodifikaw f'att leġiżlattiv uniku mill-inqas għaxar atti leġiżlattivi fl-oqsma tal-ippjanar spazjali, l-urbaniżmu u l-kostruzzjoni. L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi huma inklużi fir-Riforma 5 tal-Komponent 10 Fond Lokali sal-31 ta' Diċembru 2022. L-objettiv ta' dan l-element ta' riforma huwa li jitnaqqas b'mill-inqas 50 % iż-żmien meħtieġ għall-ħruġ tal-permessi tal-bini mill-entitajiet rilevanti, meta mqabbel mal-2020, minn 270 jum għal 135 jum għall-proċess kollu tal-kisba tal-permessi tal-bini. Il-kodiċi għandu jintegra wkoll il-prinċipji ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, bħall-promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, il-kurituri tal-bijodiversità, u l-ekonomija ċirkolari. Għandu jippromwovi wkoll id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-awtorizzazzjoni. L-implimentazzjoni tas-sottoriforma għandha titlesta sal-31 ta' Ġunju 2025.
- R1.b. Ottimizzazzjoni tal-qafas leġiżlattiv u regolatorju biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-investimenti fit-tranżizzjoni lejn il-bini ekoloġiku. Fir-rigward tal-qafas leġiżlattiv, l-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 18/2009 dwar il-programm nazzjonali pluriennali għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini residenzjali għandha tiġi emendata biex jiżdied il-livell ta' ambizzjoni tar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija għal iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % sa 60 % ta' ffrankar tal-enerġija primarja għall-bini residenzjali. Fir-rigward tal-qafas regolatorju tekniku l-ġdid, dan għandu jinkludi l-linji gwida adottati u operazzjonali li ġejjin: Linji gwida dwar il-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Żero (NZEB), linji gwida biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni

tal-Immudellar tal-Informazzjoni dwar il-Bini (BIM), u metodoloġija għal approċċ mhux invażiv għall-effiċjenza enerġetika fuq bini storiku. Il-qafas regolatorju l-ġdid għandu l-għan li jipprovdi gwida dwar l-implimentazzjoni teknika tar-rekwiżiti tal-NZEB, biex jappoġġa lill-awtoritajiet tal-amministrazzjoni pubblika ċentrali responsabbli mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-NZEB; u biex jiġu stabbiliti standards biex jinkiseb iffrankar fl-effiċjenza enerġetika u tar-risorżi tal-bini storiku mingħajr ma jiġi affettwat il-valur arkitettoniku u storiku tagħhom. L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma 2. Qafas strateġiku, leġiżlattiv u proċedurali għall-appoġġ tar-reżiljenza sismika tal-istokk tal-bini

Ir-riforma għandha tkopri s-sottoriformi li ġejjin:

- R2.a. L-adozzjoni ta' Strateġija Nazzjonali għat-Tnaqqis tar-Riskju Sismiku. L-istrateġija għandha tinkludi pjan ta' azzjoni b'objettivi speċifiċi biex jitnaqqas ir-riskju sismiku fit-terminu qasir, medju u twil (2030, 2040 u 2050) għat-tipi differenti ta' bini vulnerabbli, inkluż is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u t-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-ġestjoni sismika. Ir-riforma għandha tiżgura approċċ integrat u konsistenti bejn l-ippjanar tal-enerġija u r-rinnovazzjonijiet sismiċi, u għandha tnaqqas minn diversi snin għal diversi xhur iż-żmien meħtieġ biex titlesta b'mod effettiv il-prijoritizzazzjoni tal-interventi fuq l-istokk tal-bini. Dan l-element ta' riforma għandu jiġi implimentat permezz tal-adozzjoni tal-Istrateġija mill-Gvern u għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.
- R2.b. Ottimizzar tal-qafas leġiżlattiv għat-tnaqqis tar-riskju sismiku tal-bini eżistenti. L-objettiv tas-sottoriforma huwa li jittejjeb il-programm eżistenti għall-modifika tal-istokk tal-bini eżistenti, li fil-passat ma kellux approċċ integrat għar-rinnovazzjonijiet sismiċi u tal-enerġija. Is-sottoriforma għandha tbiddel il-programm fi programm multiannwali, għandha tintroduċi fil-lista tal-ispejjeż eliġibbli x-xogħlijiet meħtieġa biex tiżdied il-prestazzjoni tal-enerġija, għandha testendih għall-bini pubbliku u mhux biss għall-bini privat, u tintroduċi wkoll il-klassi tar-riskju sismiku RSII fost il-kriterji eliġibbli. Dan l-element ta' riforma għandu jiġi implimentat permezz tad-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida dwar it-tnaqqis tar-riskju sismiku tal-bini u l-implimentazzjoni tiegħu għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment 1. L-istabbiliment ta' fond ta' mewġa ta' rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti

L-objettiv tal-investiment huwa li tiżdied ir-rata ta' rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini b'aktar minn familja waħda u tal-bini pubbliku fir-Rumanija. Peress li r-Rumanija hija wieħed mill-pajjiżi Ewropej l-aktar esposti għar-riskju sismiku, ir-rinnovazzjoni tal-enerġija għandha, fejn meħtieġ, titwettaq b'mod parallel mar-rinnovazzjoni sismika biex jiġi żgurat approċċ kosteffiċjenti u effett fit-tul tal-investiment. Ix-xogħlijiet għandhom jirrispettaw ukoll l-estetika u l-kwalità arkitettonika tal-bini, billi jqisu r-rekwiżiti possibbli ta' protezzjoni kulturali tar-rinnovazzjoni fil-każ ta' bini li jappartjeni għall-wirt kulturali. L-investiment għandu jtejjeb ukoll l-aċċessibbiltà tal-bini billi joħloq faċilitajiet u jadatta l-bini għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità kif ukoll għall-popolazzjoni li qed tixjieħ.

L-investiment għandu jitwettaq fuq żewġ assi:

- Assi 1 — Investimenti f'binjiet residenzjali b'diversi familji għat-tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti

Sal-31 ta' Marzu 2022 għandha tiġi stabbilita skema nazzjonali ta' appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u tar-rinnovazzjoni integrata (il-konsolidazzjoni sismika u l-effiċjenza enerġetika) ta' bini residenzjali b'aktar minn familja waħda. L-objettiv tal-

investiment huwa li jinkiseb iffrankar totali fis-CO_2 ta' mill-inqas 0,15 miljun tunnellata u ffrankar totali fl-enerġija primarja ta' mill-inqas 0,15 Mtep. L-iskema għandha tistipula li r-rinnovazzjonijiet kollha huma, bħala medja, mistennija li jiksbu minimu ta' 30 % f'iffrankar tad-domanda għall-enerġija primarja. F'każ ta' rinnovazzjoni kbira ta' bini li jkollu aktar minn għaxar spazji ta' parkeġġ, l-infrastruttura tal-kejbils għal kull spazju tal-parkeġġ għandha tiżgura l-possibbiltà li jiġu installati punti tal-irriċċarġjar għall-vetturi elettriċi u għandu jiġi installat punt tal-irriċċarġjar wieħed għal kull ħames spazji ta' parkeġġ.

Il-Ministeru għall-Iżvilupp, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Amministrazzjoni għandu jkun responsabbli għall-pubblikazzjoni tas-sejħiet għall-proposti għall-awtoritajiet pubbliċi lokali, filwaqt li l-awtoritajiet lokali għandhom ikunu responsabbli għall-għoti tal-kuntratti. Sejħa waħda għall-proposti għandha tkopri kemm ir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika kif ukoll il-konsolidazzjoni sismika tal-bini residenzjali u għandha tkun iddedikata għaż-żoni bl-ogħla riskju sismiku. L-ispeċifikazzjoni tas-sejħa għandha teħtieġ li tingħata prijorità lill-komunitajiet f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. Sejħa separata għal proposti għandha tkopri rinnovazzjonijiet moderati tal-effiċjenza fl-enerġija biss u għandha tkun iddedikata għal komunitajiet f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. It-tielet sejħa għall-proposti għandha tkopri rinnovazzjonijiet tal-enerġija moderati (90 %) u profondi (10 %), u għandha tiġi allokata lill-Unitajiet Amministrattivi Lokali kollha, inklużi s-sitt setturi ta' Bucharest, skont l-għadd ta' binjiet u l-popolazzjoni tagħhom tal-kontea. Jekk xi fondi jibqgħu mhux ikkuntrattati wara dan l-ewwel ċiklu, il-finanzjament li jifdal għandu jkun disponibbli bl-istess kundizzjonijiet għall-Unitajiet Amministrattivi Lokali kollha fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

Bini residenzjali b'aktar minn familja waħda kklassifikat fil-klassi tar-riskju sismiku I jew II (RSI u RSII) għandu jiġi eskluż mill-finanzjament ta' interventi għall-effiċjenza enerġetika biss.

L-implimentazzjoni tal-investimenti taħt dan l-assi għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

- Assi 2 — Investimenti f'binjiet residenzjali b'aktar minn familja waħda għat-tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti

Sal-31 ta' Marzu 2022 għandha tiġi stabbilita skema nazzjonali ta' appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u tar-rinnovazzjoni integrata (il-konsolidazzjoni sismika u l-effiċjenza enerġetika) ta' bini pubbliku. L-objettiv tal-investiment huwa li jinkiseb iffrankar totali fis-CO_2 ta' mill-inqas 0,075 miljun tunnellata u ffrankar totali fl-enerġija primarja ta' mill-inqas 0,0215 Mtep. L-iskema għandha tistipula li r-rinnovazzjonijiet kollha huma, bħala medja, mistennija li jiksbu minimu ta' 30 % f'iffrankar tad-domanda għall-enerġija primarja. F'każ ta' rinnovazzjoni kbira ta' bini li jkollu aktar minn għaxar spazji ta' parkeġġ, għandu jiġi żgurat li jiġi installat tal-anqas punt tal-irriċċarġjar wieħed għall-vetturi elettriċi jew li tiġi installata infrastruttura integrata.

Il-Ministeru għall-Iżvilupp, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Amministrazzjoni għandu jimmonitorja l-implimentazzjoni u x-xogħlijiet li għandhom jitwettqu permezz tal-Kumpanija Nazzjonali tal-Investiment jew direttament mill-muniċipalitajiet ċentrali, il-kunsilli tal-kontea, il-muniċipalitajiet tas-sede tal-kontea u muniċipalitajiet oħra rilevanti, inklużi s-sitt setturi ta' Bucharest. Il-Ministeru għandu jkun responsabbli għall-pubblikazzjoni tas-sejħiet għall-proposti għall-awtoritajiet pubbliċi. Kemm jista' jkun, is-sejħiet għandhom jiġu aggregati f'pakketti tal-akkwist ċentralizzati kbar u għandha tiġi żviluppata dokumentazzjoni tal-offerti standard b'indikaturi tal-prestazzjoni u rekwiżiti speċifiċi u proċeduri ta' evalwazzjoni teknika u ekonomika.

Għandha tiġi organizzata sejħa għal proġetti integrati (konsolidazzjoni sismika u effiċjenza enerġetika) għall-unitajiet amministrattivi lokali bl-ogħla riskju sismiku. Sejħa separata għal proġetti għandha tkopri r-rinnovazzjonijiet tal-enerġija moderati (80 %) u profondi (20 %).

Jekk xi fondi jibqgħu mhux ikkuntrattati wara dan l-ewwel ċiklu, il-finanzjament li jifdal għandu jkun disponibbli bl-istess kundizzjonijiet għall-Unitajiet Amministrattivi Lokali kollha fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

Il-binjiet pubbliċi kklassifikati fil-klassijiet tar-riskju sismiku tal-RSI u tal-RSII għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament tal-interventi tal-effiċjenza enerġetika biss.

L-implimentazzjoni tal-investimenti taħt dan l-assi għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2. Implimentazzjoni tar-Reġistru Nazzjonali tal-Bini

L-objettiv tal-investiment huwa li tinħoloq bażi tad-*data* nazzjonali tal-istokk tal-bini, li tindika informazzjoni ewlenija bħat-tipoloġija tal-bini, il-konsum tal-enerġija u r-riskju sismiku tiegħu. Il-bażi tad-*data* għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' analiżijiet tal-politika u għall-formulazzjoni u għall-evalwazzjoni tal-programmi, biex tidentifika binjiet fil-mira għal programmi differenti, tidentifika prestazzjoni tajba/ħażina, tipprijoritizza l-investimenti, u ssegwi l-progress kumplessivi.

L-investiment għandu jistabbilixxi Reġistru Nazzjonali tal-Bini, li huwa sistema tal-IT dwar l-istokk tal-bini pubbliku u privat nazzjonali eżistenti. Ir-reġistru għandu jkun ġeoreferenzjat, konness u interoperabbli ma' banek tad-*data* urbani fil-livell lokali u ma' sistemi ta' reġistri nazzjonali oħra. Fl-ewwel fażi pilota, ir-reġistru għandu jinkludi taqsima b'informazzjoni dwar il-bini kollu li qed jiġi rinnovat skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Dan għandu jippermetti l-monitoraġġ tal-konsum tal-enerġija ta' dak il-bini.

Il-passaport tal-enerġija tal-bini għandu jkun parti mir-reġistri u jkun fih l-informazzjoni kollha dwar l-interventi relatati mal-enerġija f'format diġitali. Ir-reġistri għandhom ikunu parti mir-Reġistru Nazzjonali tal-Bini bħala sistema integrata.

Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Bini għandu jkun disponibbli online mat-taqsima pilota sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 3. Tisħiħ tal-kapaċità professjonali tal-professjonisti u tal-ħaddiema fis-settur tar-rinnovazzjoni permezz tal-iżvilupp ta' taħriġ dwar il-kostruzzjoni b'effiċjenza enerġetika

L-objettiv tal-investiment huwa li jikkomplementa l-investimenti fir-rinnovazzjoni tal-bini billi jsaħħaħ il-ħiliet u l-kapaċità tal-professjonisti u tal-forza tax-xogħol fis-settur tal-kostruzzjoni, li bħalissa mhuwiex biżżejjed biex jitwettqu r-rinnovazzjonijiet tal-enerġija ambizzjużi meħtieġa.

Il-programmi ta' taħriġ għandhom jikkonsistu f'korsijiet qosra fil-programmi ta' tagħlim tul il-ħajja biex jittejbu l-ħiliet tal-professjonisti u tal-forza tax-xogħol b'impjiegi ekoloġiċi fil-kuntest tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini, li għandhom jitwasslu f'reġjuni differenti mifruxa b'mod uniformi madwar it-territorju Rumen. Għandhom jiġu żviluppati sħubijiet bejn iċ-ċentri ta' taħriġ, l-universitajiet u l-istituzzjonijiet rilevanti. Is-sessjonijiet ta' taħriġ għandhom ikunu strutturati f'moduli u għandhom jinkludu kemm korsijiet teoretiċi kif ukoll korsijiet prattiċi. L-investiment għandu jkopri l-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità f'korsijiet/programmi ta' speċjalizzazzjoni u taħriġ.

L-objettiv tal-investiment huwa li jiġu żviluppati għaxar skemi ta' ċertifikazzjoni fil-qasam tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini għall-ispeċjalisti u l-kwalifiki għall-ħaddiema tal-kostruzzjoni, li jkopru total ta' mill-inqas 8 000 persuna.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 4. Ekonomija ċirkolari u żieda fl-effiċjenza enerġetika ta' bini storiku

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiġu indirizzati l-isfidi fir-rinnovazzjoni tal-enerġija u l-effiċjenza tar-risorżi tal-bini storiku bħal monumenti storiċi u bini li jinsab f'żoni protetti, permezz ta' approċċ interdixxiplinari u integrat li jimplimenta l-prinċipji tas-sostenibbiltà u l-ekonomija ċirkolari, f'konformità mal-"Istrateġija Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Monumenti Storiċi". L-investiment għandu jippromwovi l-ġbir, it-tiswija u l-użu mill-ġdid ta' materjal minn xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fuq bini storiku, u b'hekk jikkontribwixxi kemm għall-objettivi dwar il-konservazzjoni tal-patrimonju kif ukoll dwar il-klima u l-effiċjenza enerġetika u tar-risorżi, f'konformità mal-istrateġija tal-UE tal-mewġa ta' Rinnovazzjoni.

L-investiment għandu i) jiżviluppa u jittestja materjali u soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda għal interventi fl-effiċjenza enerġetika fuq bini storiku; ii) jiżviluppaw ħiliet professjonali għal interventi fl-effiċjenza tal-enerġija u tar-riżorsi fuq bini storiku; iii) joħloq ċentru pilota għall-ġbir u l-użu mill-ġdid ta' materjali storiċi tal-kostruzzjoni minn xogħlijiet ta' twaqqigħ fuq bini storiku; iv) jiżgura l-manutenzjoni regolari tal-bini storiku.

Sal-31 ta' Diċembru 2024 għandu jkun operattiv ċentru pilota fi ħdan l-Istitut tal-Patrimonju Nazzjonali għall-ġbir u l-użu mill-ġdid ta' materjali minn bini storiku u għandhom jiġu żviluppati żewġ skemi ta' ċertifikazzjoni għal interventi fl-effiċjenza enerġetika u tar-risorżi fuq bini storiku, li jkopru total ta' mill-inqas 200 persuna sal-31 ta' Diċembru 2025.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
90	Riforma 1. Qafas regolatorju simplifikat u aġġornat biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-investimenti fit-tranżizzjoni lejn bini ekoloġiku u reżiljenti	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi fil-qafas leġiżlattiv eżistenti dwar il-programm nazzjonali pluriennali għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini residenzjali (l-Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 18/2009)	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi fl-Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 18/2009				Q4	2022	L-emendi għall-programm nazzjonali pluriennali għat-titjib tal-prestazzjoni tal-bini residenzjali fl-użu tal-enerġija għandhom iżidu l-livell ta' ambizzjoni tar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija għal iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % sa 60 % ta' ffrankar fl-enerġija primarja għall-bini residenzjali billi tiġi stabbilita lista aġġornata tan-nefqa għal rinnovazzjoni moderata jew profonda li għandha tkun eliġibbli għall-appoġġ u billi tiżdied l-ambizzjoni tal-indikaturi tal-prestazzjoni għall-proġetti ppreżentati taħt il-programm.
91	Riforma 1. Qafas	Stadju importanti	Il-qafas regolatorju	Pubblikazzjoni fil-Gazzetta				Q4	2022	Il-qafas regolatorju tekniku għandu jinkludi

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	regolatorju simplifikat u aġġornat biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-investimenti fit-tranżizzjoni lejn bini ekoloġiku u reżiljenti		tekniku dwar l-investimenti għat-tranżizzjoni lejn bini ekoloġiku u diġitali huwa operattiv	Uffiċjali						l-linji gwida adottati u operazzjonali li ġejjin: 1. "Il-linji gwida dwar il-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib iż-Żero (NZEB)" għandhom jipprovdu gwida dwar l-implimentazzjoni teknika tar-rekwiżiti tal-NZEB, biex jgħinu lill-awtoritajiet tal-amministrazzjoni pubblika ċentrali responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' NZEB. Il-linji gwida għandhom jinkludu l-indikaturi rilevanti u l-mekkaniżmi għall-ġbir u l-monitoraġġ tagħhom. 2."Il-metodoloġija għal approċċ mhux invażiv tal-effiċjenza enerġetika fuq bini storiku" għandha tistabbilixxi standards

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										biex jinkiseb iffrankar fl-effiċjenza enerġetika u tar-risorżi fil-bini storiku mingħajr ma jiġi affettwat il-valur arkitettoniku u storiku tiegħu.
92	Riforma 1. Qafas regolatorju simplifikat u aġġornat biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-investimenti fit-tranżizzjoni lejn bini ekoloġiku u reżiljenti	Mira	Tnaqqis taż-żmien għall-ħruġ tal-permessi tal-bini		Perċentwali (%)	0	50	Q2	2025	Tnaqqis b'mill-inqas 50 % taż-żmien meħtieġ għall-ħruġ tal-permessi tal-bini mill-entitajiet rilevanti, meta mqabbel mal-2020, minn 270 jum għal 135 jum għall-proċess kollu tal-kisba tal-permessi tal-bini.
93	Riforma 2. Qafas strateġiku, leġiżlattiv u proċedurali għall-appoġġ	Stadju importanti	L-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġija Nazzjonali għat-Tnaqqis tar-Riskju Sismiku	L-adozzjoni mill-Gvern tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Tnaqqis tar-Riskju Sismiku.				Q4	2022	L-istrateġija għandha tiddefinixxi l-kriterji għall-prijoritizzazzjoni tal-investimenti fit-tnaqqis tar-riskju sismiku għall-istokk tal-bini

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	tar-reżiljenza sismika tal-istokk tal-bini		għall-modifiki retroattivi sismiċi tal-istokk tal-bini eżistenti.							eżistenti abbażi tal-livell ta' riskju sismiku għall-bini u għall-komunitajiet u tal-benefiċċji tal-azzjonijiet għat-tnaqqis tar-riskju. L-introduzzjoni ta' metodoloġija ta' valutazzjoni viżwali rapida għat-tieni livell ta' valutazzjoni tar-riskju sismiku għandha tikkontribwixxi biex jitnaqqas iż-żmien meħtieġ biex titlesta b'mod effettiv il-prijoritizzazzjoni tal-interventi fuq l-istokk tal-bini abbażi tad-*data* dwar il-vulnerabbiltà minn diversi snin għal diversi xhur. Hija għandha tqis il-miżuri proposti mill-Istrateġija ta' Rinnovazzjoni fit-Tul permezz tal-iżvilupp ta'

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										gwida ta' intervent integrat obbligatorja.
94	Riforma 2. Qafas strateġiku, leġiżlattiv u proċedurali għall-appoġġ tar-reżiljenza sismika tal-istokk tal-bini	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida dwar it-tnaqqis tar-riskju sismiku tal-bini	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida dwar it-tnaqqis tar-riskju sismiku tal-bini				Q4	2022	Dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida dwar it-tnaqqis tar-riskju sismiku tal-bini. Il-liġi għandha tkopri l-azzjonijiet li ġejjin: - tinkludi approċċ pluriennali għall-modifika tal-istokk tal-bini eżistenti - tintroduċi fil-lista ta' eliġibbli; l-ispejjeż tat-tipi differenti ta' xogħlijiet eliġibbli meħtieġa biex tiżdied il-prestazzjoni tal-enerġija; - testendi l-programm għall-bini pubbliku flimkien ma' bini residenzjali b'aktar minn familja waħda; - tintroduċi l-klassi sismika RsII mal-kriterji eliġibbli, flimkien mal-klassi

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										sismika tal-RsI.
95	Investiment 1. L-istabbiliment ta' fond tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti	Stadju importanti	L-istabbiliment ta' skema nazzjonali ta' appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u tar-rinnovazzjoni integrata (il-konsolidazzjoni sismika u l-effiċjenza enerġetika) ta' bini residenzjali b'aktar minn familja waħda.	Pubblikazzjoni tal-ordni ministerjali li tistabbilixxi l-iskema ta' finanzjament				Q1	2022	L-iskema għandha tiffinanzja r-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' mill-inqas 4,3 miljun m² ta' bini residenzjali. L-iskema għandha tiffinanzja t-tipi ta' proġetti li ġejjin: - proġetti integrati (konsolidazzjoni sismika u effiċjenza enerġetika); - proġetti ta' rinnovazzjoni tal-enerġija. L-iskema ta' finanzjament għandha tiżgura li mill-inqas 90 % mill-allokazzjoni totali għandha tintuża għal xogħlijiet ta' effiċjenza tal-enerġija u mhux aktar minn 10 % tal-allokazzjoni għandha tintuża għall-konsolidazzjoni sismika

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										u xogħlijiet komplementari oħra (bħas-sikurezza kontra n-nirien, l-aċċessibbiltà.) L-iskema kollha għandha tiżgura li l-kuntratti kollha jiksbu r-rekwiżit rilevanti tal-effiċjenza enerġetika ta' tnaqqis minimu fil-konsum tal-enerġija b'mill-inqas 50 % meta mqabbel mal-konsum annwali tal-enerġija għat-tisħin qabel ir-rinnovazzjoni għal kull bini (ħlief għal bini bi status ta' beni kulturali), li għandu jwassal għal minimu ta' 30 % (rinnovazzjoni moderata) u ta' 60 % (rinnovazzjoni profonda) tal-iffrankar tad-domanda għall-enerġija primarja meta mqabbel mal-istat ta' qabel ir-rinnovazzjoni u li jikkonforma mal-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										Gwida Teknika "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (2021/C58/01).
96	Investiment 1. L-istabbiliment ta' fond tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti	Stadju importanti	L-istabbiliment ta' skema nazzjonali ta' appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u tar-rinnovazzjoni integrata (il-konsolidazzjoni sismika u l-effiċjenza enerġetika) ta' bini pubbliku.	Pubblikazzjoni tal-ordni li tistabbilixxi l-iskema ta'				Q1	2022	L-iskema għandha tiffinanzja r-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' mill-inqas 2,3 miljun m² ta' bini pubbliku. L-iskema għandha tiżgura t-tipi ta' proġetti li ġejjin: - proġetti integrati (konsolidazzjoni sismika u effiċjenza enerġetika) - proġetti ta' rinnovazzjoni tal-enerġija. L-iskema ta' finanzjament għandha tiżgura li mill-inqas 90 % mill-allokazzjoni totali għandha tintuża għal xogħlijiet ta' effiċjenza tal-enerġija u mhux aktar minn 10 % tal-allokazzjoni għandha

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										tintuża għall-konsolidazzjoni sismika u xogħlijiet komplementari oħra (bħas-sikurezza kontra n-nirien, l-aċċessibbiltà.) L-iskema kollha għandha tiżgura li l-kuntratti kollha jiksbu r-rekwiżit rilevanti tal-effiċjenza enerġetika ta' tnaqqis minimu fil-konsum tal-enerġija b'mill-inqas 50 % meta mqabbel mal-konsum annwali tal-enerġija għat-tisħin qabel ir-rinnovazzjoni għal kull bini (ħlief għal bini bi status ta' beni kulturali), li għandu jwassal għal minimu ta' 30 % (rinnovazzjoni moderata) u ta' 60 % (rinnovazzjoni profonda) tal-iffrankar tad-domanda għall-enerġija primarja meta mqabbel mal-istat ta'

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										qabel ir-rinnovazzjoni u li jikkonforma mal-Gwida Teknika "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (2021/C58/01).
97	Investiment 1. L-istabbiliment ta' fond tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti	Stadju importanti	Sejħiet għal proposti għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni integrata (konsolidazzjoni sismika u effiċjenza enerġetika) għal bini residenzjali	Pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa				Q2	2022	Il-Ministeru għall-Iżvilupp, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Amministrazzjoni għandu jippubblika dan it-tliet sejħiet li ġejjin għal proposti għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u għar-rinnovazzjoni integrata (konsolidazzjoni sismika u effiċjenza enerġetika) ta' bini residenzjali: - sejħa għal proġetti integrati fejn l-interventi ta' konsolidazzjoni sismika għandhom jitwettqu b'mod integrat ma' dawk biex

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										tiżdied effiċjenza enerġetika. Is-sejħa għandha tkun iddedikata għal unitajiet amministrattivi lokali li jinsabu f'żoni fejn l-ogħla valur tal-aċċellerazzjoni tal-art għat-terremot disinn a(g), skont il-mappa tat-tqassim f'żoni tat-territorju Rumen fil-Kodiċi tad-disinn sismiku P100-1 huwa ta' 0,2 g għal IMR=225 sena jew aktar. L-ispeċifikazzjoni tas-sejħa għandha teħtieġ li tingħata prijorità lill-komunitajiet f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. - sejħa għal proġetti ta' rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ddedikati għal

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										komunitajiet f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali b'baġit ta' mill-inqas 20 % tal-allokazzjoni għall-Investiment 1, fejn l-Assi 1 jikkorrispondi għall-effiċjenza enerġetika. - sejħa għal proġetti territorjali ta' rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika miftuħa għall-Unitajiet Amministrattivi Lokali kollha inklużi s-sitt setturi ta' Bucharest għal kull kontea skont l-għadd ta' binjiet residenzjali b'aktar minn familja waħda u l-popolazzjoni tal-kontea. Il-binjiet li huma kklassifikati fil-klassijiet tar-riskju sismiku RsI u RsII għandhom jiġu

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										eskluży mill-kuntratti tal-effiċjenza enerġetika mogħtija fit-tieni u fit-tielet sejħa. It-tliet sejħiet għal proposti kollha għandhom jinkludu kriterji tal-għażla li jistipulaw li l-kuntratti kollha għandhom jiddikjaraw ir-rekwiżit tal-effiċjenza enerġetika rilevanti ta' tnaqqis minimu fil-konsum tal-enerġija għat-tisħin b'mill-inqas 50 % meta mqabbel mal-konsum annwali tal-enerġija għat-tisħin qabel ir-rinnovazzjoni għal kull binja (ħlief għal bini bi status ta' beni kulturali), li għandu jwassal għal iffrankar fl-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % meta mqabbel mal-istat ta' qabel ir-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										rinnovazzjoni (rinnovazzjoni moderata). It-tielet sejħa għandha tirrikjedi li 10 % tal-baġit jintefaq fuq proġetti li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 60 % (rinnovazzjoni profonda) meta mqabbel mal-istat ta' qabel ir-rinnovazzjoni. L-investiment ma għandux ikopri s-sostituzzjoni tal-bojlers tal-gass. Jekk xi fondi jibqgħu mhux ikkuntrattati wara l-ewwel ċiklu, il-finanzjament li jifdal għandu jsir disponibbli bl-istess kundizzjonijiet għall-unitajiet amministrattivi lokali kollha fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
98	Investiment 1. L-istabbiliment ta' fond tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti	Stadju importanti	Sejħa għal proposti għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u għar-rinnovazzjoni integrata (konsolidazzjoni sismika u effiċjenza enerġetika) (bini pubbliku)	Pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa				Q2	2022	Sejħiet għal proposti ppubblikati mill-Ministeru għall-Iżvilupp, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Amministrazzjoni għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u għar-rinnovazzjoni integrata (konsolidazzjoni sismika u effiċjenza enerġetika) ta' binjiet pubbliċi għal tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti: - sejħa għal proġetti integrati fejn l-interventi ta' konsolidazzjoni sismika għandhom jitwettqu b'mod integrat ma' dawk biex tiżdied effiċjenza enerġetika. Is-sejħa għandha tkun iddedikata għal unitajiet amministrattivi lokali li

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										jinsabu f'żoni fejn l-ogħla valur tal-aċċellerazzjoni tal-art għat-terremot disinn a(g), skont il-mappa tat-tqassim f'żoni tat-territorju Rumen fil-Kodiċi tad-disinn sismiku P100-1 huwa ta' 0,2 g għal IMR=225 sena jew aktar. - sejħa għal proġetti ta' rinnovazzjoni tal-enerġija moderati (80 %) u profondi (20 %), iddedikati għall-awtoritajiet pubbliċi ċentrali, għall-kunsilli tal-kontea, għall-muniċipalitajiet sede tal-kontea u muniċipalitajiet oħra, inklużi s-sitt setturi ta' Bucharest. Il-binjiet ikklassifikati fil-klassijiet tar-riskju sismiku RsI u RsII

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										għandhom jiġu esklużi mill-kuntratti mogħtija fit-tieni sejħa. Iż-żewġ sejħiet għal proposti għandhom jinkludu kriterji tal-għażla li jistipulaw li l-kuntratti kollha għandhom jiddikjaraw ir-rekwiżit tal-effiċjenza enerġetika rilevanti ta' tnaqqis minimu fil-konsum tal-enerġija għat-tisħin b'mill-inqas 50 % meta mqabbel mal-konsum annwali tal-enerġija għat-tisħin qabel ir-rinnovazzjoni għal kull binja (ħlief għal bini bi status ta' beni kulturali), li għandu jwassal għal iffrankar fl-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % (rinnovazzjoni moderata) meta mqabbel mal-istat ta' qabel ir-rinnovazzjoni. It-tieni

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										sejħa għandha tirrikjedi li 20 % tal-baġit jintefaq fuq proġetti li jwasslu għal iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 60 % (rinnovazzjoni profonda) meta mqabbel mal-istat ta' qabel ir-rinnovazzjoni. L-investimenti ma għandhomx ikopru s-sostituzzjoni tal-bojlers tal-gass. Jekk xi fondi jibqgħu mhux ikkuntrattati wara l-ewwel ċiklu, il-finanzjament li jifdal għandu jsir disponibbli bl-istess kundizzjonijiet għall-muniċipalitajiet kollha fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.
99	Investiment 1. L-istabbiliment ta' fond tal-	Stadju importanti	Iffirmar ta' kuntratti għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza	Iffirmar ta' kuntratti				Q4	2022	Iffirmar ta' kuntratti għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni integrata

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti		enerġetika u r-rinnovazzjoni integrata (konsolidazzjoni sismika u effiċjenza enerġetika) għal bini residenzjali							(konsolidazzjoni sismika u effiċjenza enerġetika) għat-tranżizzjoni lejn bini ekoloġiku u reżiljenti (bini residenzjali), għandu jsir f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-istadji importanti 95 u 97.
100	Investiment 1. L-istabbiliment ta' fond tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti	Stadju importanti	Iffirmar ta' kuntratti għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni integrata (konsolidazzjoni sismika u effiċjenza enerġetika) għall-bini pubbliku	Iffirmar ta' kuntratti				Q4	2022	Iffirmar ta' kuntratti għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni integrata (konsolidazzjoni sismika u effiċjenza enerġetika) għat-tranżizzjoni lejn bini ekoloġiku u reżiljenti (bini residenzjali), għandu jsir f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-istadji importanti 96 u 98.
101	Investiment 1. L-istabbiliment	Mira	Tlestija tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-		Għadd (m^2)	0	1 400 000	Q3	2024	Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini residenzjali, skont il-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	ta' fond tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti		bini residenzjali b'aktar minn familja waħda							kundizzjonijiet fl-istadji importanti 95 u 97
102	Investiment 1. L-istabbiliment ta' fond tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti	Mira	Tlestija tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini residenzjali b'aktar minn familja waħda		Għadd (m^2)	1 400 000	2 800 000	Q4	2025	Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini residenzjali, skont il-kundizzjonijiet fl-istadji importanti 95 u 97
103	Investiment 1. L-	Mira	Tlestija tar-rinnovazzjoni		Għadd (m^2)	2 800 000	4 364 500	Q2	2026	Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	istabbiliment ta' fond tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti		tal-enerġija tal-bini residenzjali b'aktar minn familja waħda							residenzjali, skont il-kundizzjonijiet fl-istadji importanti 95 u 97
104	Investiment 1. L-istabbiliment ta' fond tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti	Mira	Tlestija tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini pubbliku		Għadd (m^2)	0	770 000	Q3	2024	Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini pubbliku, skont il-kundizzjonijiet fl-istadji importanti 96 u 98
105	Investiment	Mira	Tlestija tar-		Għadd	770 000	1 540	Q4	2025	Rinnovazzjoni tal-

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	1. L-istabbiliment ta' fond tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti		rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini pubbliku		(m^2)		000			enerġija ta' bini pubbliku, skont il-kundizzjonijiet fl-istadji importanti 96 u 98
106	Investiment 1. L-istabbiliment ta' fond tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-	Mira	Tlestija tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini pubbliku		Għadd (m^2)	1 540 000	2 313 634	Q2	2026	Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini pubbliku, skont il-kundizzjonijiet fl-istadji importanti 96 u 98

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	bini eżistenti									
107	Investiment 2. Implimentazzjoni tar-Reġistru Nazzjonali tal-Bini	Stadju importanti	Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Bini Diġitali Ġie stabbilit u operattiv.	Ir-reġistru diġitali nazzjonali tal-bini huwa disponibbli online, b'taqsima pilota li tinkludi l-informazzjoni relatata mal-bini rinnovat permezz tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza				Q4	2024	Is-sistema ta' informazzjoni tar-reġistru għandu jkun fiha bażi ta' *data* ġeoreferenzjata ta' binjiet pubbliċi u privati, komplementari għall-ġeoportal INSPIRE, illinkjata u interoperabbli ma' bażi tad-*data* urbana fil-livell lokali u ma' sistemi ta' reġistri nazzjonali oħra. Il-passaport tal-enerġija tal-bini għandu jkun parti mir-reġistri u jkun fih l-informazzjoni kollha dwar l-interventi relatati mal-enerġija f'format diġitali. Ir-reġistri għandhom ikunu parti mir-Reġistru Nazzjonali tal-Bini bħala sistema integrata. L-għan tar-reġistru huwa li jsegwi d-*data* dwar ir-rinnovazzjoni tal-enerġija

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										(l-iffrankar tal-enerġija, it-tnaqqis tal-emissjonijiet), kif ukoll id-*data* dwar il-vulnerabbiltà sismika u karatteristiċi oħra tal-bini.
108	Investiment 3. Tisħiħ tal-kapaċità professjonali tal-professjonisti u tal-ħaddiema fis-settur tar-rinnovazzjoni permezz tal-iżvilupp ta' taħriġ dwar il-kostruzzjoni b'effiċjenza enerġetika	Mira	Stabbiliment ta' skemi ta' ċertifikazzjoni fil-qasam tal-prestazzjoni tal-bini fl-użu tal-enerġija		Numru	0	10	Q1	2023	Għandhom jiġu stabbiliti mill-inqas għaxar skemi ta' ċertifikazzjoni għall-ħaddiema u l-ispeċjalisti fil-kostruzzjoni. Għandhom jiġu pprovduti ċertifikazzjonijiet fi programmi ta' taħriġ fil-forma ta' korsijiet qosra fi programmi ta' tagħlim tul il-ħajja li għandhom jingħataw f'reġjuni differenti mifruxa b'mod uniformi madwar it-territorju Rumen. It-taħriġ għandu jkun iddedikat għat-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti u tal-ħaddiema fil-kuntest

Nru Sek.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini.
182	Investiment 14. Żieda fir-reżiljenza u ċ-ċibersigurtà tas-servizzi tal-infrastruttura tal-Fornitur tas-Servizz tal-Internet ipprovduti lill-awtoritajiet pubbliċi fir-Rumanija	Mira	Hubs li għandhom jippermettu aċċess għas-servizzi tal-Fornitur tas-Servizz tal-Internet (ISP) għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet ta' interess pubbliku ċentrali u lokali		Numru	0	41	Q4	2024	Kull wieħed mill-41 kontea fir-Rumanija għandu jiġi assenjat ċentru wieħed. L-għadd ta' hubs siguri ta' kapaċità għolja konnessi ma' network nazzjonali tad-distribuzzjoni tal-Internet, b'fornituri multipli tal-Livell I u mekkaniżmi ta' Sigurtà assoċjati, li jiżguraw l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi ċentrali u lokali għall-Internet u s-servizzi assoċjati mal-Internet. Servizzi ta' sigurtà pprovduti: - Protezzjoni kontra d-doS (denial-of-service) f'multipli ta' 10Gbps - Servizzi tal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters Assoċjati (CERT) (udjenzi tas-sigurtà, monitoraġġ ta' avvenimenti ta' sigurtà fin-network kollu, rispons għal inċidenti ta' sigurtà)

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mira	Kwart	Sena	
										- Servizzi ta' Ċentri ta' Operazzjonijiet ta' Sigurtà Assoċjati (mekkaniżmi ta' notifika u eskalazzjoni għall-benefiċjarji) - Reputazzjoni u mekkaniżmi ta' filtrazzjoni għal traffiku malizzjuż ibbażati fuq ir-reputazzjoni u r-residenza malizzjuża fil-livell tas-servizzi tad-DNS ipprovduti lill-benefiċjarji - Analiżi tas-sandbox għas-servizzi pprovduti.
183	Investiment 15. Il-ħolqien ta' ħiliet ġodda taċ-ċibersigurtà għas-soċjetà u l-ekonomija	Mira	Ħarrieġa li jippartekipaw fit-taħriġ dwar iċ-ċibersigurtà		Numru	0	5 000	Q2	2026	Temm it-taħriġ ta' ħarrieġa taċ-ċibersigurtà, applikabbli fl-oqsma prijoritarji tal-ekonomija u s-soċjetà u speċifiku għall-gradwati u l-istudenti (għodod disponibbli mingħajr ħlas għad-ditti u l-amministrazzjoni pubblika għal korsijiet ċibernetiċi, kontroll aktar rigoruż tal-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u fl-ambjent).
184	Investiment 15.	Mira	Entitajiet li		Numru	0	1 000	Q2	2026	Dan l-investiment għandu l-

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mira	Kwart	Sena	
	Il-ħolqien ta' ħiliet ġodda taċ-ċibersigurtà għas-soċjetà u l-ekonomija		jirċievu s-sett ta' għodod u servizzi tal-Gvern biex jiżdied il-livell ta' maturità taċ-ċibersigurtà							objettivi li ġejjin: - L-iżvilupp ta' Programm Nazzjonali għall-analiżi, ir-rieżami u d-dokumentazzjoni tal-ħtiġijiet ta' ħiliet ċibernetiċi u l-konsegwenzi tagħhom fuq l-oqsma ta' prijorità tal-ekonomija u s-soċjetà. - Evalwazzjoni, dokumentazzjoni u monitoraġġ tal-livell ta' maturità fiċ-ċibersigurtà (operazzjonali, teknoloġija, ħiliet) għal 1 000 attur ekonomiku u tal-amministrazzjoni pubblika ewlenin (inklużi kumpaniji, SMEs, skejjel, sptarijiet, korpi tal-gvern ċentrali u lokali). Il-ħolqien u t-twassil ta' "sett ta' għodod u servizzi tal-gvern" biex jiżdied il-livell ta' maturità fiċ-ċibersigurtà ta' 1 000 attur ewlieni identifikati. L-atturi ewlenin għandhom jintgħażlu abbażi taż-żewġ kriterji li ġejjin:

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju bażi	Mira	Kwart	Sena	
										- atturi magħżula biex ikunu rappreżentattivi għad-dominji speċifikati mid-Direttiva NIS u t-traspożizzjoni tad-Direttiva NIS fil-liġi Rumena (jiġifieri l-Liġi 362/2018) - atturi magħżula abbażi ta' valutazzjoni tal-maturità taċ-ċibersigurtà li diġà twettqet mill-awtorità nazzjonali kompetenti Rumena fiċ-ċibersigurtà (jiġifieri CERT-RO) abbażi ta' stħarriġ li għandu jinkludi awtovalutazzjoni tal-maturità.
185	Investiment 16. Programm avvanzat ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali għall-impjegati taċ-ċivil	Mira	Impjegati taċ-ċivil imħarrġa diġitalment		Numru	0	32 500	Q2	2026	30 000 uffiċjal pubbliku mħarrġa biex jiksbu ħiliet diġitali avvanzati (eż. amministratur tal-bażi tad-*data* (SQL, MySQL); maniġer tas-sistema; analisti tan-negozju; analista tad-data; programmaturi fuq diversi pjattaformi) u 2500 uffiċjali għolja taċ-ċivil b'taħriġ fit-tmexxija u ġestjoni tat-talenti
186	Investiment 17. Skemi ta'	Mira	Libreriji konvertiti f'ċentri		Numru	0	1 135	Q4	2025	Mill-inqas 1 135 libreriji għandhom jiġu diġitalizzati, kif

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mira	Kwart	Sena	
	finanzjament biex il-libreriji jsiru ċentri tal-ħiliet diġitali		diġitali							ġej: - 105 librerija inklużi 5 uffiċċju ċentrali tal-libreriji tal-kontej u 100 librerija rurali jew muniċipali għandhom jiġu rinnovati u mgħammra b'kompjuters u tagħmir tekniku. Ir-rinnovazzjoni għandha ssir f'konformità mal-Gwida Teknika "tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01). - 1 030 libreriji għandhom jibbenefikaw minn tagħmir tal-IT ġdid jew imtejjeb.
187	Investiment 17. Skemi ta' finanzjament biex il-libreriji jsiru ċentri tal-ħiliet diġitali	Mira	Ċittadini li rċevew taħriġ għall-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali		Numru	0	100 000	Q2	2026	Ċittadini minn komunitajiet żvantaġġati li rċevew taħriġ għall-iżvilupp ta' ħiliet diġitali bażiċi fil-libreriji konvertiti f'ċentri diġitali. Il-ħiliet diġitali bażiċi għandhom jinkludu l-litteriżmu diġitali, il-komunikazzjoni, il-litteriżmu medjatiku, il-kreatur tal-kontenut diġitali, is-sigurtà diġitali, l-edukazzjoni intraprenditorjali diġitali.

G.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għas-self

Investiment 18. Trasformazzjoni diġitali u l-Proċess Robotiku Awtomatizzazzjoni fl-amministrazzjoni pubblika

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali, iżid il-produttività u r-reżiljenza, inaqqas l-iżbalji u l-ħin għall-ipproċessar (taċ-ċittadini) jitlob lill-amministrazzjoni pubblika billi jadotta soluzzjonijiet ta' Awtomatizzazzjoni tal-Proċess Robotiku (awtomatizzazzjoni ta' kompiti impenjattivi, ripetittivi u bbażati fuq ir-regoli).

L-investiment jikkonsisti fl-użu ta' teknoloġiji avvanzati, id-definizzjoni mill-ġdid tal-proċess tan-negozju u t-titjib tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet għas-settur pubbliku. Għall-ewwel, konsulent għandu janalizza l-flussi tax-xogħol eżistenti fl-istituzzjonijiet pubbliċi u jipproponi soluzzjonijiet teknoloġiċi xierqa tal-RPA. Il-pass li jmiss għandu jkun it-tnedija tas-sejħa għall-istituzzjonijiet li jixtiequ jibbenefikaw minn soluzzjonijiet tal-RPA.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 19. Skemi għat-titjib tal-ħiliet/taħriġ mill-ġdid tal-impjegati fid-ditti

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-intrapriżi żgħar u medji billi jżid il-ħiliet diġitali tal-impjegati tagħhom.

L-investiment għandu jiġi implimentat f'diversi fażijiet. Għall-ewwel, għandu jiġi żviluppat kurrikulu għat-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol. L-enfasi għandha tkun fuq teknoloġiji emerġenti (bħall-internet tal-oġġetti, il-big data, it-tagħlim awtomatiku, l-intelliġenza artifiċjali, l-awtomatizzazzjoni tal-proċess robotiku, il-blockchain). Fit-tieni fażi, konsulent għandu jappoġġa l-amministrazzjoni fl-istabbiliment tal-istruttura tat-taħriġ u mbagħad il-klassijiet għandhom isiru għall-impjegati tal-SMEs li applikaw biex ikunu parti mill-programm.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

G.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mira	Kwart	Sena	
188	Investiment 18. Trasformazzjoni diġitali u l-Awtomatizzazzjoni tal-Proċess Robotiku fl-amministrazzjoni pubblika	Mira	L-awtomazzjoni tal-Proċess robotiku (RPA) u l-promozzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) implimentata fl-amministrazzjoni pubblika		Numru	0	18	Q4	2025	Dan l-investiment għandu jimplimenta soluzzjonijiet li jappoġġaw l-Awtomazzjoni tal-Proċess Robotiku u l-intelliġenza artifiċjali għal 18 istituzzjoni pubblika tal-amministrazzjoni ċentrali.

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mira	Kwart	Sena	
189	Investiment 19. Skemi għat-titjib tal-ħiliet/taħriġ mill-ġdid tal-impjegati fid-ditti	Ewlieni	Tnedija tas-sejħa għal "Appoġġ għall-Għotjiet għall-Ħiliet Diġitali"	Pubblikazzjoni tas-sejħa				Q1	2022	Sejħa għal għotjiet għall-appoġġ tal-SMEs f'taħriġ għal ħiliet diġitali bħal għodod u tagħmir diġitali, it-tishiħ tal-ħiliet diġitali, inklużi ħiliet relatati mat-teknoloġiji cloud, u teknogiji speċifiċi għall-Industrija 4.0.
190	Investiment 19. Skemi għat-titjib tal-ħiliet/taħriġ mill-ġdid tal-impjegati fid-ditti	Mira	L-SMEs iffinanzjati għat-taħriġ tal-persunal tagħhom fil-ħiliet diġitali		Numru	0	2 000	Q4	2025	L-għadd ta' SMEs iffinanzjati biex jappoġġaw lill-impjegati tagħhom biex jipparteċipaw f'taħriġ għall-ħiliet diġitali f'konformità mal-istadju 189.

H. KOMPONENT 8: RIFORMI TAT-TAXXA U L-PENSJONIJIET

Dan il-komponent jinkludi sett ta' riformi u investimenti biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin fl-amministrazzjoni tat-taxxa, is-sistema tat-taxxa, il-qafas baġitarju tal-gvern, is-sistema tal-pensjonijiet u l-appoġġ tal-gvern għan-negozji:

i. Ir-riforma tal-amministrazzjoni tat-taxxa u rieżami tal-qafas tat-taxxa biex tissaħħaħ is-sistema tat-taxxa u biex jiżdied id-dħul miġbur mill-amministrazzjoni tat-taxxa b'mill-inqas 3 pps tal-PDG (2,5pps mir-riforma tal-amministrazzjoni tat-taxxa u 0,5pps mir-rieżami tal-qafas tat-taxxa) u biex jitnaqqas id-distakk tal-VAT b'mill-inqas 5 pps, it-tnejn meta mqabbla mal-2019.

ii. Ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi permezz ta' qafas leġiżlattiv ġdid biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali f'ambjent ta' popolazzjoni li qed tixjieħ, biex jiġu kkoreġuti l-inugwaljanzi, biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà u l-prevedibbiltà tas-sistema u jiġi rrispettat il-prinċipju kontributorju fir-rigward tal-benefiċjarji tal-intitolamenti tal-pensjoni. Għandha wkoll l-għan li timmodernizza s-sistema tal-pensjonijiet permezz ta' applikazzjonijiet u servizzi diġitali. Ir-riforma tal-pensjonijiet pubbliċi għandha l-għan li tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti (ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 2.2 u 2.3, 2019), u b'mod partikolari tiżgura s-sostenibbiltà fiskali, l-ekwalizzazzjoni tal-età tal-irtirar u l-istabbiltà finanzjarja tal-pilastru II tal-pensjonijiet.

iii. It-titjib tal-effiċjenza tal-infiq pubbliku, billi tiżdied it-trasparenza tal-proċess baġitarju, tittejjeb is-sistema ta' monitoraġġ u rappurtar tal-programmi baġitarji, tingħata prijorità lil proġetti kbar ta' investiment, jitwettqu rieżamijiet tal-infiq fis-setturi pubbliċi kollha, jissaħħaħ ir-rwol tal-kunsill fiskali. Id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri baġitarji hija mistennija tappoġġa dawn l-għanijiet.

iv. It-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali biex tbassar in-nefqa fuq il-pensjonijiet permezz tal-użu ta' għodod kumplessi ta' mudellar ekonomiku. L-għan ewlieni tar-riforma huwa li tiġi żviluppata l-kapaċità li jiġi stmat l-impatt tar-riformi strutturali tas-sistema tal-pensjonijiet fuq perjodu medju sa twil, billi tittejjeb b'mod sinifikanti l-preċiżjoni tal-projezzjonijiet u b'hekk tiġi vvalutata l-implikazzjoni għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet.

v. Iż-żieda tal-kompetittività, il-kapaċità tal-innovazzjoni, il-produttività u l-internazzjonalizzazzjoni tan-negozju (speċjalment l-SMEs) billi jiġu pprovduti sorsi alternattivi ta' finanzjament permezz tal-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni ta' Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

H.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Riforma 1. Riforma tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali (ANAF) permezz tad-diġitalizzazzjoni

Din ir-riforma tindirizza l-ħtieġa urġenti għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ANAF sabiex il-ġbir tat-taxxa jsir aktar effiċjenti bil-għan li jiżdied il-proporzjon bejn id-dħul u l-PDG (b' 2,5 punti perċentwali b'Q4 2025 meta mqabbel mal-2019) u biex titnaqqas id-

diskrepanza tal-VAT (b' 5 punti perċentwali b'Q2 2026 meta mqabbel mal-2019). Ir-riforma għandha l-għan li toħloq qafas proċedurali u ta' appoġġ għall-implimentazzjoni u l-użu tal-ġestjoni integrata tar-riskju fil-livell tal-amministrazzjoni tat-taxxa mill-funzjonijiet kollha tal-amministrazzjoni biex tistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni, l-ippjanar, il-valutazzjoni u l-adattament tal-attivitajiet fil-proċess tal-amministrazzjoni tat-taxxa skont ir-riskji tat-taxxa identifikati (aġġornati kontinwament).

B'mod speċifiku, ir-riforma tinkludi l-elementi li ġejjin:

- id-dħul fis-seħħ tal-qafas legali għar-reġistrazzjoni obbligatorja tal-kontribwenti korporattivi fl-SPV (Spazju Privat Virtwali). Dan l-att għandu jemenda l-Kodiċi ta' Proċedura Fiskali u għandu jintroduċi l-obbligu għall-persuni ġuridiċi li jirreġistraw fl-SPV.
- id-dħul fis-seħħ tal-qafas legali li jiddefinixxi l-kriterji tar-riskju għall-klassifikazzjoni tal-kontribwenti permezz ta' Ordni tal-President tal-ANAF. Dan huwa l-ewwel pass lejn l-operazzjonalizzazzjoni u l-iżvilupp sħiħ ta' sistema integrata ta' ġestjoni tar-riskju tat-taxxa, inkluż permezz tal-operazzjonalizzazzjoni tal-analiżi ċentralizzata tar-riskju u ta' reġistru tar-riskju elettroniku ċentralizzat. Id-definizzjoni tal-kriterji tar-riskju għandha ssir skont il-kategoriji ewlenin ta' riskji ta' nuqqas ta' konformità fiskali, jiġifieri: Ir-riskji relatati mar-reġistrazzjoni tat-taxxa, il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet, il-livell tad-dikjarazzjoni, u l-ħlas u jqisu l-istandards internazzjonali. Il-kriterji l-ġodda tar-riskju għandhom jikkontribwixxu għal sistema ta' amministrazzjoni tat-taxxa bbażata fuq ir-riskju, li fiha l-miżuri u l-kontrolli tal-amministrazzjoni tat-taxxa għandhom jiġu adattati għar-riskju tat-taxxa ta' kull klassi ta' kontribwenti.
- id-dħul fis-seħħ tal-qafas legali emendat fil-qasam tal-attività tal-korpi ta' spezzjoni tat-taxxa, bil-għan li jissaħħu l-kapaċità u l-effettività tal-istrutturi ta' kontroll tat-taxxa għall-prevenzjoni tal-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa nazzjonali u transfruntiera permezz ta' identifikazzjoni bikrija u mmirata tar-riskji ewlenin tat-taxxa. Parti mill-bidliet fil-qafas legali ġew implimentati fl-2020. Dan jistabbilixxi s-setgħat tal-awtoritajiet tat-taxxa (korpi ta' spezzjoni tat-taxxa, korpi ta' kontroll kontra l-frodi, u korpi responsabbli għall-verifika tas-sitwazzjoni tat-taxxa personali) biex iwettqu kontrolli dokumentarji. L-ANAF se twettaq analiżi tal-qafas istituzzjonali u legali tal-attivitajiet tal-istrutturi ta' kontroll. B'kont meħud tal-konklużjonijiet u r-riżultati ta' din l-analiżi, ir-reviżjoni tal-qafas legali tal-korpi ta' spezzjoni tat-taxxa għandha tiġi ffinalizzata. Din ir-riforma għandha ssaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni mal-ispettorati tax-xogħol, kif ukoll ma' istituzzjonijiet oħra fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u tax-xogħol, biex tipprevjeni u tillimita l-fenomenu tal-evażjoni tat-taxxa fuq ix-xogħol griż/iswed.

Din ir-riforma għandha twassal ukoll biex ikun hemm mill-inqas 600 000 reġistru tal-flus kontanti konnessi mas-sistema tal-ANAF, żieda fis-sehem tal-awditi dokumentarji meta mqabbla ma' dawk fuq il-post, u għal għadd akbar ta' spezzjonijiet tat-taxxa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025 u hija bbażata fuq tliet investimenti.

Riforma 2. Modernizzazzjoni tas-sistema doganali u implimentazzjoni tad-dwana elettronika

Ir-riforma għandha ttejjeb il-funzjonament tal-Amministrazzjoni Doganali permezz tal-promozzjoni ta' emendi għall-qafas legali eżistenti, tibdil fil-kompetenzi u proċeduri interni u permezz ta' investiment f'tagħmir meħtieġ għall-attività ta' kontroll fit-territorju nazzjonali u fil-fruntiera esterna tal-UE.

L-għan ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb il-kapaċità amministrattiva u operattiva tal-amministrazzjoni Doganali u li tidderieġi l-attività ta' żdoganar lejn ambjent kompletament

elettroniku. L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali, kif ukoll bejn l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri, għandu jitwettaq esklussivament permezz ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar u t-tixrid tad-data.

B'mod partikolari, għandhom jitwettqu l-azzjonijiet li ġejjin:

- l-operazzjonalizzazzjoni tal-amministrazzjoni doganali,
- l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT doganali f'konformità mar-rekwiżiti tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni;
- l-iffukar tal-approvazzjoni doganali fuq l-ambjent elettroniku u t-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi;
- is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet doganali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023 u hija bbażata fuq investiment wieħed.

Riforma 3. Titjib tal-mekkaniżmu tal-ipprogrammar baġitarju

Din ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju emendat li għandu:

- jiżgura ppjanar baġitarju pluriennali,
- jagħmel il-prijoritizzazzjoni tal-investiment pubbliku aktar effiċjenti,
- jintroduċi rieżamijiet sistematiċi tal-infiq allinjati maċ-ċiklu baġitarju u bi pjan ta' implimentazzjoni ċar tas-sejbiet fil-baġits sussegwenti, u soġġetti għal evalwazzjonijiet *ex post* indipendenti.

Wieħed mill-objettivi ta' din ir-riforma huwa li jittejjeb il-mekkaniżmu tal-ipprogrammar baġitarju u li tiġi mmodernizzata s-sistema tal-IT għall-iżvilupp u l-ġestjoni tal-baġit nazzjonali, billi jsir użu estensiv tad-data u l-informazzjoni li jirriflettu bl-aħjar mod in-nefqa baġitarja, fil-livell tal-politika u tal-programm (analiżi tal-proċeduri baġitarji, simplifikazzjoni taż-żmien biex jiġu ġġenerati r-rapporti u l-format li fih jiġu ġġenerati r-rapporti), b'effett fuq:

- Żieda fit-trasparenza fil-proċess baġitarju billi jiġu ppubblikati analiżijiet u rapporti li jissimplifikaw il-proċess ta' nfiq għal programmi speċifiċi;
- it-titjib tas-sistema għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-programmi baġitarji.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025 u hija bbażata fuq investiment wieħed.

Riforma 4. Rieżami tal-qafas tat-taxxa

Rieżami tas-sistema tat-taxxa għandha tippermetti lir-Rumanija ttejjeb il-kompetittività, filwaqt li tappoġġa s-sostenibbiltà fiskali u l-għanijiet ambjentali. Dan għandu jġib ukoll sistema tat-taxxa aktar ġusta, aktar effiċjenti, aktar sempliċi u aktar trasparenti li tkun kapaċi tappoġġa aħjar l-ekonomija u tiffaċilita l-konformità tal-kontribwenti.

Ir-rieżami komprensiv tas-sistema tat-taxxa fil-pjan għandu jidentifika distorsjonijiet u oqsma fejn il-leġislazzjoni tat-taxxa rilevanti għandha tiġi aġġustata, b'mod partikolari għat-taxxa fuq l-introjtu korporattiv, it-taxxa fuq l-introjtu u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kif ukoll it-tassazzjoni fuq il-proprjetà, sabiex jiġu infurmati d-deċiżjonijiet għall-irtirar gradwali ta' inċentivi tat-taxxa eċċessivi. Ir-rieżami tal-qafas tat-taxxa għandu jkollu l-għan ukoll li jespandi t-tassazzjoni ekoloġika, inkluż bħala miżura ta' akkumpanjament għall-komponenti tat-trasport u l-enerġija sostenibbli.

Fit-twettiq ta' din ir-riforma, il-leġiżlazzjoni fiskali Rumena għandha tkun soġġetta għal analiżi bir-reqqa, b'appoġġ għall-assistenza teknika pprovduta minn istituzzjoni indipendenti, b'mod partikolari fl-oqsma tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali dovuti fuq l-introjtu miksub minn persuni fiżiċi, it-taxxa korporattiva (inklużi skemi speċjali li jistgħu jibbenefikaw mill-eċċezzjonijiet), it-taxxi fuq il-proprjetà (li huma taxxi lokali) u t-taxxi ekoloġiċi. Din l-analiżi sistematika għandha tiġi segwita mill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu minnha biex jiġi żgurat li s-sistema tat-taxxa tippromwovi aħjar it-tkabbir ekonomiku sostenibbli.

B'mod speċifiku fir-rigward tat-taxxi fuq il-proprjetà, ir-riforma għandha tindirizza l-arbitraġġ potenzjali bejn iż-żewġ sistemi tat-taxxa applikabbli rispettivament għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jaqilgħu introjtu minn proprjetà immobbli, u biex tiddetermina awtomatikament il-valur taxxabbli tal-proprjetajiet soġġetti għat-taxxa lokali, filwaqt li twaqqaf il-prattika tal-użu ta' bażi taxxabbli li mhijiex marbuta mal-valur tas-suq.

L-objettivi speċifiċi ta' din ir-riforma huma li:

- ittejjeb l-istruttura tad-dħul mit-taxxa;
- iżżid il-proporzjon tad-dħul mit-taxxa mal-PDG b' 0,5 punti perċentwali sal-2025 meta mqabbel mal-2019;
- telimina d-distorsjonijiet u l-lakuni fis-sistema tat-taxxa li jippermettu lill-kontribwenti jimminimizzaw it-taxxi (li jimminaw il-ġustizzja tas-sistema), b'mod partikolari t-taxxa fuq l-introjtu u l-kontribuzzjonijiet soċjali;
- tissimplifika r-regoli tat-taxxa biex jiffaċilitaw il-konformità u l-amministrazzjoni, u l-eliminazzjoni ta' eżenzjonijiet u trattamenti preferenzjali;
- tikseb sistema tat-taxxa aktar effiċjenti u distribuzzjoni aktar ġusta tal-piż tat-taxxa;
- temenda t-tassazzjoni fuq il-proprjetà, inkluż b'mod partikolari billi tinkoraġġixxi l-impożizzjoni mingħajr ħlas ta' kwoti mill-awtoritajiet lokali f'firxiet definiti ċentralment u billi tistma l-bażi tat-taxxa kemm jista' jkun qrib il-valur tas-suq tal-proprjetà.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025 u hija bbażata fuq investiment wieħed.

Riforma 5. L-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni tal-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp

L-objettiv tar-riforma huwa li l-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp (BND) jitħaddem sabiex jindirizza b'mod dirett il-fallimenti tas-suq finanzjarju, billi jipprovdi finanzjament għal proġetti ta' benefiċjarji eliġibbli bi profil ta' riskju għoli iżda b'potenzjal għoli li joħloq valur miżjud u impjiegi u li s-settur privat ftit li xejn għandu aptit li jiżgura finanzjament. Ir-riforma ssegwi proġett iffinanzjat taħt il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali.

Il-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp għandu jiġi stabbilit bħala istituzzjoni ta' kreditu 100 % proprjetà tal-Istat li topera taħt is-superviżjoni tal-Bank Nazzjonali tar-Rumanija u skont il-leġiżlazzjoni lokali u tal-UE applikabbli. Il-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp għandu jkollu kapital azzjonarju ta' RON 3 biljun (madwar EUR 600 miljun).

L-operazzjonalizzazzjoni tal-BND għandha tinkludi wkoll l-akkwist ta' sistema tal-IT, ix-xiri ta' liċenzji tas-softwer u ħardwer kif ukoll servizzi tal-IT.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), l-istrateġija ta' investiment u self tal-Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp għandha:

- tirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u

- teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà permezz ta' lista ta' esklużjoni: (i) attivitajiet u assi relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream;[14] (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti;[15] (iii) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi[16] u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[17]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. u
- tirrikjedi l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali mill-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà; u
- teħtieġ lill-benefiċjarji ta' appoġġ ta' ekwità u finanzjament korporattiv bi skop ġenerali li jiksbu aktar minn 50 % tad-dħul tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti minn attivitajiet u/jew assi fil-lista ta' esklużjoni biex jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġiċi.

Din ir-riforma hija mirfuda minn investiment u l-implimentazzjoni tagħha għandha titlesta sal-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 6. Riforma tas-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi

Ir-riforma tinvolvi l-adozzjoni ta' liġi ġdida dwar is-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi, bil-kontribut ta' assistenza teknika, li se tissostitwixxi l-Liġi 127/2019. Wieħed mill-għanijiet tal-leġiżlazzjoni l-ġdida għandu jkun li n-nefqa pubblika grossa totali tal-pensjonijiet (inklużi l-iskemi tal-pensjonijiet pubbliċi eżistenti kollha) tinżamm stabbli fit-tul (2022–2070) għal 9.4 % tal-PDG, inkluż mekkaniżmu ta' bbrejkjar f'każ li jinqabeż il-limitu massimu tan-nefqa.

Il-liġi l-ġdida għandha:

- tintroduċi formula ta' kalkolu ġdida għal pensjonijiet u pensjonijiet ġodda li qed jitħallsu. Il-parametri tal-formula għandhom jintgħażlu bir-reqqa f'konformità mal-mira għan-nefqa tal-pensjonijiet bħala perċentwal tal-PDG. Barra minn hekk, ma għandhomx jippermettu żidiet *ad hoc* fil-livelli tal-pensjonijiet;
- tintroduċi regola ġdida ta' indiċjar tal-pensjonijiet f'konformità man-nefqa tal-pensjonijiet bħala perċentwal tal-mira tal-PDG u mekkaniżmi kontra indiċjar *ad hoc*;

[14] Ħlief għal proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01).

[15] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet l-għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[16] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni , dment li tali azzjonijiet ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[17] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti , fejn l-azzjonijiet huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; Li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- tnaqqas b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet għall-irtirar kmieni, tintroduċi inċentivi biex tespandi l-ħajja tax-xogħol u żżid b'mod volontarju l-età tal-irtirar standard sa 70 sena f'konformità maż-żidiet fl-istennija tal-għomor, u tibbilanċja l-età statutorja tal-irtirar għall-irġiel u n-nisa għal 65 sena sal-2035;
- tintroduċi inċentivi għall-posponiment tal-irtirar;
- tirrevedi l-pensjonijiet speċjali biex iġġibhom konformi mal-prinċipju kontributorju;
- issaħħaħ il-prinċipju kontributorju tas-sistema;
- iżżid l-adegwatezza tal-pensjonijiet minimi u aktar baxxi, b'mod partikolari għal dawk taħt il-livell limitu tal-faqar;
- tiżgura l-vijabbiltà finanzjarja tal-Pilastru II tas-sistema tal-pensjonijiet billi żżid il-kontribuzzjonijiet għal dan il-pilastru tal-pensjonijiet.

Il-Gvern għandu jfittex assistenza teknika biex iħejji l-abbozz ta' liġi, li għandha tkun soġġetta wkoll għal konsultazzjoni mas-sħab soċjali. Bħala parti mit-tħejjija tal-liġi, għandu jkun hemm valutazzjoni ex-ante tal-impatt tas-sistema l-ġdida tal-pensjonijiet b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà fiskali, li għandha tikkontribwixxi għall-proċess ta' riforma. Emendi għall-abbozz ta' liġi, li jżidu l-ispiża tar-riforma u jirriżultaw f'devjazzjoni mill-mira fiskali għandhom ikunu akkumpanjati minn miżuri ta' kumpens biex il-proporzjon tan-nefqa mal-PDG jinżamm stabbli. Il-kalkolu mill-ġdid tal-pensjonijiet għandu jkun konformi mal-qafas legali l-ġdid u ma għandux iżid in-nefqa pubblika grossa totali tal-pensjonijiet lil hinn mill-punt ta' riferiment ta' 9.4 % tal-PDG.

Analiżi tal-pensjonijiet speċjali għandha titwettaq ukoll bil-ħsieb li jiġu identifikati soluzzjonijiet konkreti mmirati lejn ir-razzjonalizzazzjoni tal-pensjonijiet speċjali, u biex jiġu kkoreġuti l-inugwaljanzi bejn il-benefiċjarji ta' dawn il-kategoriji tal-pensjoni u l-benefiċjarji tas-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi mill-perspettiva tal-aspett kontributorju, filwaqt li titqies ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

L-assistenza teknika hija prevista (permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti) biex tipproduċi analiżi ex-ante tar-riforma tal-pensjonijiet, biex telabora l-leġiżlazzjoni tar-riforma, u biex tipproduċi analiżi ex-post u valutazzjoni tal-impatt.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Marzu 2023.

<u>Investiment 1. L-iffaċilitar tal-konformità tal-kontribwenti permezz tal-iżvilupp ta' servizzi diġitali</u>

L-objettivi speċifiċi ta' dan l-investiment huma:

- it-tnaqqis tal-interazzjoni wiċċ imb' wiċċ mal-kontribwenti minħabba l-espansjoni tas-servizzi diġitali u l-forniment ta' servizzi lill-kontribwenti fil-bini tal-unitajiet tat-taxxa bħala kwistjoni ta' prijorità fis-sistema self-service; l-iżgurar tal-inklużjoni diġitali tal-kontribwenti;
- l-iżvilupp ta' servizzi attwali remoti (elettroniċi jew telefoniċi) permezz ta' funzjonalitajiet ġodda u/jew il-ħolqien ta' servizzi ġodda;
- is-simplifikazzjoni tal-formoli, it-traspożizzjoni elettronika tagħhom u l-introduzzjoni ta' formoli mimlija minn qabel/abolizzjoni tal-obbligi ta' rappurtar, fejn possibbli;
- it-titjib tal-komunikazzjoni mal-kontribwenti u l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' konsulenza dwar is-servizzi offruti lill-kontribwenti, li għandu jippermetti l-involviment ta' ċerti kategoriji ta' kontribwenti mill-mument tal-ħolqien tas-servizzi l-ġodda, sabiex il-ħtiġijiet, l-aspettattivi, il-possibbiltajiet u l-ħiliet tal-kontribwenti jkunu magħrufa mill-fażi tal-konċepiment u tat-tfassil.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-azzjonijiet li ġejjin:

- ċentralizzazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-kontribwenti korporattivi
- tfassil mill-ġdid u ottimizzazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni — VIES_RO (Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud);
- l-implimentazzjoni tas-sistema tal-IT tal-One Stop Shop (OSS_RO) f'konformità mar-rekwiżiti doganali intra-Komunitarji, nazzjonali u speċifiċi;
- l-iżvilupp ta' ċentri telefoniċi;
- l-iżvilupp ta' servizzi attwali remoti (elettroniċi jew telefoniċi) permezz ta' funzjonalitajiet ġodda u/jew il-ħolqien ta' servizzi ġodda;
- l-implimentazzjoni ta' faċilitajiet għall-interazzjoni mal-kontribwenti fil-bini tal-unitajiet tat-taxxa;
- l-implimentazzjoni ta' sett ta' soluzzjonijiet għall-għarfien tal-kontribwenti/klijenti;
- it-twaqqif ta' pjattaforma tal-irkant online għall-valutazzjoni tal-proprjetà immobbli u l-assi mobbli ta' valur sinifikanti.

  L-ikkuntrattar ta' servizzi ta' assistenza teknika huwa previst għat-tħejjija u t-tlestija tad-dokumentazzjoni tal-akkwist li għandha titwettaq fil-qafas tal-proġetti u għall-implimentazzjoni tagħhom.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 2. It-titjib tal-proċessi tal-amministrazzjoni tat-taxxa u tat-taxxa, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tar-riskju

L-objettivi speċifiċi ta' dan l-investiment huma li:

- l-operazzjonalizzazzjoni u l-iżvilupp sħaħ ta' sistema integrata ta' ġestjoni tar-riskju tat-taxxa, inkluż permezz tal-operazzjonalizzazzjoni tal-analiżi tar-riskju u r-reġistru ċentralizzati;
- l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tan-nuqqas ta' konformità fiskali u tal-lakuni fiskali permezz tal-użu intelliġenti ta' data u informazzjoni biex jiġu identifikati oqsma ta' riskju fiskali għoli (inkluż fil-qasam tax-xogħol mhux iddikjarat/sottodikjarat);
- l-introduzzjoni ta' programmi volontarji ta' konformità;
- l-adozzjoni ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, inkluż it-trattament ta' skemi ta' ottimizzazzjoni tat-taxxa, fl-amministrazzjoni ta' kontribwenti kbar;
- it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-istrutturi ta' kontroll tat-taxxa għall-prevenzjoni tal-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa nazzjonali u transkonfinali permezz ta' identifikazzjoni bikrija u mmirata tar-riskji ewlenin tat-taxxa;
- ir-riorganizzazzjoni tar-riżorsi umani fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni progressiva tal-proċessi tan-negozju.

L-investiment huwa mistenni li jkollu impatt fuq iż-żieda fil-livell tal-konformità tat-taxxa, l-iżgurar ta' ambjent tas-suq kompetittiv billi jitnaqqsu l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa u fuq il-kisba tad-dħul ippjanat tal-baġit billi tiżdied l-effiċjenza tal-ġbir.

L-investiment jikkonsisti fl-azzjonijiet li ġejjin:

- l-iskjerament ta' pjattaforma għall-isfruttament ta' data u informazzjoni;
- l-implimentazzjoni tas-sistema ta' fatturazzjoni elettronika;

- l-implimentazzjoni tas-sistema elettronika ta’ mmarkar fiskali;
- it-titjib u l-espansjoni tal-pjattaforma użata għall-iskambju internazzjonali ta’ informazzjoni;
- ċentralizzazzjoni tas-Sistema ta’ Informazzjoni tat-Teżor tal-Istat (TREZOR).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025.

Investiment 3. L-iżgurar tal-kapaċità ta’ rispons għall-isfidi attwali u futuri fil-qasam tal-informazzjoni, inkluż fil-kuntest tal-pandemija, permezz tat-trasformazzjoni diġitali tal-Ministeru tal-Finanzi/Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali

L-objettivi speċifiċi ta’ dan l-investiment huma li:

- l-implimentazzjoni ta’ ċentru finanzjarju għall-ġbir, il-ġestjoni u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati kollha ta’ informazzjoni affidabbli, validata u attwali ta’ natura finanzjarja jew fir-rigward tal-flus pubbliċi;
- l-iżgurar tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT kemm fil-livell tal-Ministeru tal-Finanzi (MF) kif ukoll tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali (ANAF) u ma’ dawk ta’ istituzzjonijiet oħra;
- l-istandardizzazzjoni tal-applikazzjoni u l-ġestjoni uniformi tad-data;
- il-ġestjoni taċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza tad-data, inkluż il-kondiviżjoni tad-data f’ħin reali b’mod sigur u b’data preċiża/aġġornata;
- il-modernizzazzjoni u l-adattament taċ-Ċentru Nazzjonali għall-Informazzjoni Finanzjarja (NCFI) għal rekwiżiti ġodda, it-trasformazzjoni diġitali interna, inkluża d-dematerjalizzazzjoni tal-flussi tax-xogħol interni fil-livell MF/ANAF, l-iżgurar tal-flessibbiltà fis-sigħat u l-impjiegi, iż-żieda fil-livelli tal-ħiliet, inklużi l-ħiliet diġitali tal-impjegati;
- il-modernizzazzjoni tas-sistema tal-IT tal-Ministeru tal-Finanzi/ANAF kollu permezz ta’ aġġornament teknoloġiku, li għandu jiġi implimentat billi l-infrastruttura tal-ħardwer u tas-softwer tinbidel f’teknoloġiji ġodda, jiżdied l-għadd ta’ tagħmir tal-IT użat fl-amministrazzjoni, b’rabta ma’ proċessi awtomatizzati, u tiġi żviluppata l-infrastruttura ta’ appoġġ meħtieġa biex jiġi appoġġat l-iżvilupp teknoloġiku kontinwu fil-livell taċ-ċentri tad-data tal-Ministeru tal-Finanzi.

L-investiment jikkonsisti fl-azzjonijiet li ġejjin:

- l-aġġornament tas-softwer tal-ħardwer u tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-sistema tal-IT;
- it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà tas-sistema tal-IT tal-Ministeru tal-Finanzi;
- implimentazzjoni/titjib tal-infrastruttura fiżika sottostanti (l-enerġija elettrika, l-arja kkundizzjonata, l-allarm u t-tifi tan-nar, is-sigurtà fiżika, l-amministrazzjoni u l-monitoraġġ) fiċ-ċentru tad-data ewlieni eżistenti
- it-trasformazzjoni diġitali interna, inkluża l-modernizzazzjoni taċ-Ċentru Nazzjonali għall-Informazzjoni Finanzjarja (NCFI), fosthom id-diġitalizzazzjoni tal-monitoraġġ ta’ proġetti ta’ sħubija/konċessjoni pubbliċi-privati u tal-ġestjoni tar-riskji tat-taxxa relatati u s-sistema ta’ informazzjoni tal-Istat dwar il-wirt pubbliku u privat — Patrim.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025.

Investiment 4. Implimentazzjoni tad-dwana elettronika

Biex jimmodernizza s-sistema doganali u jimplimenta d-dwana elettronika, il-gvern għandu jinvesti:

- fl-operazzjonalizzazzjoni tal-Awtorità Doganali.
- sabiex l-uffiċċji doganali tal-fruntiera jiġu mgħammra bi skanners.
- fl-infrastruttura tal-ħardwer tas-softwer biex tiżdied il-kapaċità tal-ipproċessar u tal-ħżin għall-applikazzjonijiet stabbiliti mid-DĠ TAXUD.
- fl-aġġornament u l-liċenzjar għall-infrastruttura virtwalizzata u l-implimentazzjoni ta' pjattaforma ta' virtwalizzazzjoni bl-amministrazzjoni u l-awtomatizzazzjoni inklużi.
- fis-Soluzzjoni tas-Sigurtà għall-infrastruttura tal-IT tas-Sistema Integrata ta' Informazzjoni Doganali, inklużi s-servizzi ta' appoġġ, il-liċenzji u l-abbonamenti
- fil-liċenzji għall-bażijiet tad-data meħtieġa għat-tħaddim tal-komponenti tas-Sistema Integrata ta' Informazzjoni Doganali
- f'soluzzjonijiet għall-ġestjoni ċentralizzata tal-utenti, tal-istazzjonijiet tax-xogħol u tas-servizzi ta' aġġornament għas-sistemi operattivi tas-Sistema Integrata ta' Informazzjoni Doganali
- fl-implimentazzjoni tas-sistema tal-IT fuq id-dikjarazzjoni doganali b'sett ta' data mnaqqas għal kunsinni ta' valur baxx, wara d-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2021 tad-dispożizzjonijiet leġislattivi l-ġodda li jimplimentaw il- "pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku", bil-għan li jiġi ffaċilitat il-kummerċ transfruntier u tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT.
- fis-sistema ICS2 — Fażijiet 1, 2 u 3
- fl-implimentazzjoni tal-Fażi 5 tal-NCTS_RO u tal-AES_RO
- fl-allinjament tas-sistema EMCS_RO mal-EMCS Fażi 4
- fil-Modernizzazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tal-Importazzjoni fil-qafas tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni
- fis-Single Window tal-UE għad-Dwana — CERTEX
- fil-Ġestjoni Uniformi tal-Utenti u l-Firma Diġitali UUM & DS
- fis-sistema għall-monitoraġġ tas-superviżjoni u l-kontroll tad-dwana
- fl-Applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni u l-Ġestjoni tal-Attivitajiet fiż-Żona Ħielsa
- fl-Applikazzjoni għall-Ġestjoni ta' Deċiżjonijiet Nazzjonali (Awtorizzazzjonijiet)

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 5. Titjib tal-mekkaniżmu tal-ipprogrammar baġitarju

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiġi evalwata, aġġornata u modernizzata s-sistema tal-IT (BUGET_NG) għall-iżvilupp u l-ġestjoni tal-baġit nazzjonali, billi jsir użu estensiv tad-data u l-informazzjoni li jirriflettu bl-aħjar mod in-nefqa baġitarja. L-investiment għandu jnaqqas iż-żmien biex jiġu ġġenerati rapporti u għandu jottimizza l-format li fih jiġu ġġenerati r-rapporti. Dan għandu jżid ukoll it-trasparenza fil-proċess baġitarju billi jiġu ppubblikati analiżijiet u rapporti li jissimplifikaw il-proċess ta' nfiq għal programmi speċifiċi; L-investiment għandu wkoll itejjeb is-sistema għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-programmi baġitarji.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 6. Strument ta' mmudellar ekonomiku (Għodod ta' Simulazzjoni tal-Għażliet ta' Riforma tal-Pensjonijiet) biex tittejjeb il-kapaċità istituzzjonali biex tbassar l-infiq fuq il-pensjonijiet

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiġi żviluppata l-kapaċità li jiġi stmat l-impatt tar-riformi strutturali tas-sistema tal-pensjonijiet fuq terminu medju sa twil, billi jittejbu b'mod sinifikanti l-projezzjonijiet li saru u tiġi analizzata s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. B'mod partikolari, dan l-investiment għandu l-għan li jottimizza l-funzjonament tal-mudell, l-iżvilupp u t-titjib tal-kapaċità li jintuża u li janalizza r-riżultati miksuba u jħejji l-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni Ewropea. L-implimentazzjoni ta' din il-miżura tirrikjedi li l-Ministeru tal-Finanzi jespandi t-tim tiegħu billi juża l-mudell minn 1 għal 8 espert (persunal diġà eżistenti) u assistenza teknika għall-aġġornament/l-iżvilupp tal-mudell, iħarreġ lill-persunal dwar l-użu tal-għodda u dwar it-titjib tat-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Eurostat.

L-investiment għandu jinkludi assistenza teknika mill-Bank Dinji biex:

- jiġi aġġornat/żviluppat il-mudell tal-Għodod ta' Simulazzjoni tal-Għażliet ta' Riforma tal-Pensjonijiet skont il-karatteristiċi tas-sistema tal-pensjonijiet Rumena.
- jiġi ppersonalizzat il-mudell sabiex jiġu ġġenerati riżultati kompatibbli mar-Rapport dwar it-Tixjiħ u l-kalkolu tar-Responsabbiltà akkumulata sa dik id-data (ADL) mitlub regolarment mill-Kummissjoni Ewropea.
- Jiġu riċevuti sessjonijiet ta' taħriġ/sessjonijiet ta' ħidma
- Jiġi rrealizzat/interpretat l-impatt *ex ante* tar-riformi tas-sistema tal-pensjonijiet
- Jiġu prodotti rapporti analitiċi, inklużi proposti biex tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 7. Appoġġ tekniku għar-reviżjoni tal-qafas tat-tassazzjoni

Ir-reviżjoni tal-prinċipji tat-taxxa fuq il-proprjetà għandha, fost l-objettivi tagħha, il-valutazzjoni awtomatika tal-proprjetajiet soġġetti għat-taxxa lokali għal finijiet ta' tassazzjoni. Din il-miżura għandha tiġi implimentata bl-appoġġ ta' servizz ta' konsulenza (assistenza teknika meħtieġa għall-elaborazzjoni tat-termini ta' referenza tal-konsulenza li għandha tiżviluppa l-għodda tal-IT) billi tinħoloq sistema tal-IT biex tiġi awtomatizzata l-valutazzjoni tal-proprjetà immobbli għall-fini tad-determinazzjoni tal-bażi tat-taxxa bl-użu ta' informazzjoni disponibbli fis-sistemi ta' istituzzjonijiet oħra (eż. l-Aġenzija tar-Reġistru tal-Artijiet u tal-Artijiet, awtoritajiet lokali) kif ukoll informazzjoni pubblika (eż. avviżi dwar il-proprjetà, katalogi użati mill-valutazzjoni tal-professjonisti, data statistika).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 8. Operazzjonalizzazzjoni tal-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp

Il-kisba tal-objettivi tar-riforma relatata teħtieġ investimenti fix-xiri ta' softwer (liċenzji) u ħardwer (laptops), servizzi tal-IT għall-persunal li inizjalment kienu stmati għal madwar 165 persuna, taħriġ tal-persunal tal-Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp biex iwettaq l-operazzjonijiet u tal-persunal tal-Ministeru tal-Finanzi involut fil-valutazzjoni tal-attività u l-prestazzjoni tal-bank.

It-taħriġ tal-persunal tal-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp għandu jkollu l-għan li jtejjeb l-għarfien, il-ħiliet professjonali u l-bini ta' kompetenzi tekniċi tal-persunal għall-implimentazzjoni ta' 3 prodott finanzjarju ġdid mill-kategoriji li ġejjin: dejn, garanzija u ekwità. Il-konsulent għandu jipproponi l-istruttura/id-disinn tal-prodotti, l-abbozz ta'

ftehimiet/kuntratti mal-benefiċjarji, jidentifika l-benefiċjarji fil-mira, il-mezzi ta' distribuzzjoni, il-proċedura, il-politiki, il-pjan ta' komunikazzjoni u l-linji gwida għal prodotti ġodda. Il-persunal tal-ministeru għandu jiġi mħarreġ sabiex jiżviluppa l-ħiliet meħtieġa biex janalizza, jimmonitorja u jivvaluta l-prestazzjoni tal-bank tal-iżvilupp.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 9. Appoġġ għall-proċess tal-valutazzjoni tal-fajls tal-pensjonijiet

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa d-diġitizzazzjoni ta' madwar 5 miljun fajl tal-pensjoni li bħalissa jinsabu f'arkivji u formati differenti f'bażi tad-data unika. Il-fajls diġitali għandhom jintużaw biex jiġu vvalutati l-fajls eżistenti tal-pensjonijiet u biex jiġi kkunsidrat il-kalkolu mill-ġdid ta' xi pensjonijiet abbażi tal-leġiżlazzjoni l-ġdida. Il-bażi tad-data l-ġdida għandha tintuża wkoll għall-forniment ta' servizzi diġitali liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-istituzzjonijiet tal-istat u għall-valutazzjoni tal-politiki rilevanti.

L-investiment għandu jkun appoġġat mill-akkwist ta' tagħmir tal-IT u mhux tal-IT u r-reklutaġġ ta' persunal temporanju għal perijodu massimu ta' 18-il xahar biex jaħdmu fuq il-ġbir u l-ipproċessar tad-data.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 10. Effiċjenza operazzjonali u servizzi elettroniċi avvanzati permezz tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-pensjonijiet

L-objettiv tal-investiment huwa li jiġu stabbiliti u aġġornati s-sistemi u l-pjattaformi elettroniċi tad-Dar Nazzjonali għall-Pensjonijiet Pubbliċi (CNPP), li hija l-aġenzija pubblika nazzjonali tal-pensjonijiet. Dawn is-sistemi għandhom jippermettu d-diġitalizzazzjoni interna tal-awtorità u l-forniment ta' servizzi pubbliċi personalizzati lil atturi esterni (ċittadini, istituzzjonijiet, gvern) abbażi tal-identità diġitali u l-aċċess mill-bogħod. Is-sistema għandha tappoġġa wkoll it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-gvern permezz tal-implimentazzjoni ta' sistemi u soluzzjonijiet kumplessi għall-analiżi tad-data storika u tiżgura l-interoperabbiltà u ċ-ċibersigurtà. Dan l-investiment għandu jippermetti wkoll l-aġġornament tal-ħiliet diġitali tal-persunal tas-CNPP.

L-investiment għandu jiġi implimentat billi jitwettqu proċeduri ta' akkwist pubbliku għall-ikkuntrattar tas-servizzi ta' kitba mill-ġdid u ta' liċenzjar mill-ġdid tas-sistemi Orizzont, DIAFIX u Domino, sabiex jiġu appoġġati r-riformi leġiżlattivi, il-forniment ta' infrastruttura tal-ħardwer tal-klijenti (PCs, network multifunzjonali), il-Komponenti ta' Komunikazzjoni u Sigurtà fil-Fondi tal-Pensjoni Territorjali (CTP) u fil-livell ċentrali, l-iżvilupp ta' "Spazji Privati Virtwali tas-CNPP għal kull ċittadin".

Sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà, l-investiment għandu jinkludi l-iżvilupp ta' mekkaniżmi moderni u siguri għall-interkonnessjoni tas-sistemi tal-IT permezz ta' teknoloġiji tar-reġistru, hub tal-interoperabbiltà, arkitettura bbażata fuq is-servizz għall-iskambju tad-data.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

H.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mira	Kwart	Sena	
191	Riforma 1. Riforma tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali (ANAF) permezz tad-diġitalizzazzjoni	Ewlieni	Id-dħul fis-seħħ tal-qafas legali għar-reġistrazzjoni obbligatorja tal-kontribwenti li huma persuni ġuridiċi fl-SPV (Spazju Privat Virtwali).	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tar-reġistrazzjoni obbligatorja ta' persuni ġuridiċi li jħallsu t-taxxa fl-SPV				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-qafas legali biex ir-reġistrazzjoni fl-Ispazju Privat Virtwali (SPV) issir obbligatorja għall-persuni ġuridiċi kollha li jħallsu t-taxxa. Dan l-att għandu jemenda l-Kodiċi ta' Proċedura Fiskali u għandu jintroduċi l-obbligu għall-persuna ġuridika li tirreġistra fl-SPV.
192	Riforma 1. Riforma tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali (ANAF) permezz tad-diġitalizzazzjoni	Mira	Persuni ġuridiċi addizzjonali li jħallsu t-taxxa rreġistrati fl-SPV		Numru	509 79	1 00 9 67 9	Q4	2022	Mill-inqas 500 000 persuna ġuridika kontribwenti rreġistraw addizzjonalment fl-SPV meta mqabbla mas-509 679 fil-bidu ta' April 2021. B'dawn il-500 000 kontribwent addizzjonali, l-SPV għandu jkopri 90 % tal-għadd totali tal-kontribwenti l-kbar (skont id-definizzjoni l-ġdida li għandha tkun disponibbli malli tiġi approvata l-modifika tfil-qafas

										ta' flussi ottimali; - l-iżgurar tal-iżvilupp sostenibbli tal-bażijiet tad-*data* biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT; - il-ġestjoni tal-proċessi tal-IT biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti (għat-trasparenza, il-kejl u t-traċċabilità); - it-trasformazzjoni diġitali interna tal-Ministeru tal-Finanzi/l-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali.
228	Investiment 3. L-iżgurar tal-kapaċità ta' rispons għall-isfidi attwali u futuri fil-qasam tal-informazzjoni, inkluż fil-kuntest tal-pandemija, permezz tat-	Stadju importanti	Aktar sigurtà ċibernetika fis-sistema tal-kompjuter tal-Ministeru tal-Finanzi u tal-ANAF	Sistema ta' ċibersigurtà operattiva				Q2	2023	Għandha tissaħħaħ is-sigurtà fil-livell ta' sistema ta' informazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi/l-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali fir-rigward tan-network tal-internet. F'dan is-sens, huma meqjusin l-akkwist ta' komponenti għall-firewall tal-applikazzjonijiet tal-web, il-

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mir a	Kwart	Sena	
	trasformazzjoni diġitali tal-Ministeru tal-Finanzi/l-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali									kontrollur għall-konsenja tal-applikazzjonijiet, iċ-ċentru tal-operazzjoni tas-sigurtà, id-detezzjoni u r-rispons ta' network, it-tagħmir għall-firewall - OSI LAYER 3 bis-servizzi IPS IDS inklużi, l-aġġornament tal-infrastruttura tad-Direttorju Attiv eżistenti għall-ġestjoni ċentralizzata tal-utenti, il-hardware u s-software għall-aġġornamenti awtomatiċi ta' patches tas-sigurtà fl-applikazzjonijiet użati. Għandhom jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li ġejjin: - il-ġestjoni taċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza tal-pjattaformi tal-IT; - il-ġestjoni tal-privatezza u s-sigurtà tad-data u l-informazzjoni;
229	Investiment 3. L-iżgurar tal-kapaċità ta' rispons għall-	Mira	80 % tal-infrastruttura tal-hardware u tas-software		Perċentw al (%)	30,6 7	80	Q2	2023	Il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-hardware u tas-software u infrastruttura ta' appoġġ għall-forniment ta'

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mir a	Kwart	Sena	
	isfidi attwali u futuri fil-qasam tal-informazzjoni, inkluż fil-kuntest tal-pandemija, permezz tat-trasformazzjoni diġitali tal-Ministeru tal-Finanzi/l-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali		tal-IT ma għandhiex aktar minn erba' (4) snin							servizzi elettroniċi lill-kontribwenti. L-aġġornament tal-infrastruttura għandu jkun rifless fl-inventarju tal-assi fissi tas-settur pubbliku fejn is-software u l-hardware huma rreġistrati bħala assi fissi skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.
230	Investiment 4. L-implimentazzjoni ta' dwana elettronika	Mira	Infrastruttura mtejba tal-hardware u tas-software		Perċentw al (%)	0	100	Q4	2022	Infrastruttura mtejba tal-hardware u tas-software. Dawn il-proġetti jikkonċernaw l-infrastruttura tal-IT, permezz ta' investimenti tal-hardware u tas-software, li jipprovdu l-appoġġ meħtieġ għall-operat ġenerali tas-sistema tal-IT doganali. Għalhekk, din il-mira tintuża biex jiġi determinat il-grad ta' titjib fl-infrastruttura (tal-hardware u tas-software) u

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju bażi	Mira	Kwart	Sena	
										tinvolvi investimenti fi: soluzzjonijiet programmabbli tan-network, aġġornamenti u liċenzji għall-kodiċi tas-software Vmware, b'appoġġ/abbonament inkluż, soluzzjonijiet għas-sigurtà tal-infrastruttura għal sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni tad-dwana integrata, inklużi servizzi ta' appoġġ, liċenzji u abbonamenti, il-liċenzji tal-Edizzjoni Enterprise tal-bażi tad-*data* Oracle għal bażijiet tad-*data* meħtieġa għall-operat tal-komponenti tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali Integrata, soluzzjonijiet għall-ġestjoni ċentralizzata tal-utenti, stazzjonijiet tax-xogħol u servizzi ta' aġġornament għas-sistemi li joperaw is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali Integrata.
231	Investiment 4. L-implimentazzjoni	Stadju importanti	Għoti ta' kuntratt għal	Kuntratt iffirmat				Q4	2023	L-ikkuntrattar tas-servizzi għall-iżvilupp ta' sistemi

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju bażi	Mira	Kwart	Sena	
	ta' dwana elettronika		sistemi ġodda tal-IT għad-dwana							ġodda tal-IT għad-dwana: 1. L-implimentazzjoni tas-sistema tal-IT għad-Dikjarazzjoni Doganali b'sett ta' *data* mnaqqas għal vjeġġi ta' valur baxx 2. Allinjament mas-sistema ICS2 (Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni) - il-Fażi 1, rispettivament l-interkonnessjoni tas-sistema nazzjonali tal-analiżi tar-riskju RMF-RO (Qafas ta' ġestjoni tar-riskju) mas-sistema trans-Ewropea ICS2 sabiex titwettaq analiżi sħiħa tar-riskju għas-sikurezza u s-sigurtà għall-merkanzija ttrasportata bl-ajru mill-operaturi postali u t-trasportaturi express. 3. Allinjament tas-sistema EMCS_RO (Sistema ta'

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju bażi	Mira	Kwart	Sena	
										Kontroll tal-Moviment tas-Sisa) mal-Faża 4 tal-EMCS, rispettivament l-allinjament mal-verżjonijiet attwali, tas-sistema EMCS (Sistema ta' Kontroll tal-Moviment tas-Sisa) 4. Implimentazzjoni tal-faża 5 tal-NCTS_RO (Sistema Nazzjonali ta' Tranżitu Komuni) u tal-AES_RO 5. Il-modernizzazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tal-Importazzjoni fi ħdan il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, rispettivament il-modernizzazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tal-Importazzjoni u b'mod impliċitu l-aġġornamenti tal-applikazzjonijiet relatati. 6. Investimenti fil-Ġestjoni Uniformi tal-Utenti u tal-Firma Diġitali, jiġifieri l-iżvilupp u l-

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju bażi	Mira	Kwart	Sena	
										implimentazzjoni tas-sistema tal-Ġestjoni Uniformi tal-Utenti u tal-Firma Diġitali (UUM & DS) 7. Allinjament mas-Sistema ICS2 - il-fażi 2 8. Allinjament mas-Sistema ICS2 - il-fażi 3 9. Sistema ta' Monitoraġġ tas-superviżjoni doganali u l-attività ta' kontroll 10. Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni u l-ġestjoni ta' attivitajiet fiż-Żona Ħielsa 11. Applikazzjoni għall-ġestjoni ta' deċiżjonijiet nazzjonali (awtorizzazzjonijiet), 12. Punt Uniku ta' Kuntatt tal-UE għad-Dwana – CERTEX (Skambju ta' Ċertifikati), rispettivament l-estensjoni tal-funzjonalitajiet

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mira	Kwart	Sena	
										CSW-CERTEX tal-EU, anki bid-disponibbiltà għall-ġestjoni tal-kwantità u l-format tad-dokument portabbli (PDF)
232	Investiment 4. L-implimentazzjoni ta' dwana elettronika	Mira	Sistemi tal-IT għad-dwana operativa		Numru	0	12	Q4	2025	It-12-il sistema tal-IT mixtrija huma operattivi u funzjonali.
233	Investiment 4. L-implimentazzjoni ta' dwana elettronika	Mira	Perċentwal tal-attività ta' żdoganar, skambju ta' informazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali, skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri mwettaq		Perċentwal (%)	80	100	Q4	2024	L-attività attwali ta' żdoganar, l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali u l-iskambji bejn l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri mwettqa elettronikament hija ta' 80 %. Dan l-investiment għandu jgħolli l-perċentwal għal 100 %. Tiġi operattiva l-Awtorità Doganali u jiġi implimentat qafas organizzattiv u funzjonali uniku tal-amministrazzjoni doganali sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni integrata tal-

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mir a	Kwart	Sena	
			b'mod elettroniku							istrutturi kollha tagħha biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-kapaċità operattiva fil-ġlieda kontra l-frodi doganali u tat-taxxa; Il-modernizzazzjoni tas-sistema tal-IT tal-Ministeru tal-Finanzi/l-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali fil-qasam tad-dwana, li tindirizza kwistjonijiet tal-infrastruttura tal-IT, kif ukoll dawk kumplimentari għalihom, meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi, akkumpanjata minn proċeduri doganali simplifikati.
234	Investiment 5. It-titjib tal-mekkaniżmu tal-ipprogrammar baġitarju	Stadju importanti	L-aġġornament tal-applikazzjoni IT BUGET_NG	Laġġornament tal-applikazzjoni Budget_NG				Q4	2023	L-aġġornament u l-modernizzazzjoni tas-sistema tal-IT għall-iżvilupp u l-ġestjoni tal-baġit nazzjonali għall-finijiet li ġejjin: - il-ġestjoni tad-*data* u l-informazzjoni li jirriflettu bl-aħjar mod in-nefqa baġitarja, fil-livell ta' politika u ta'

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mir a	Kwart	Sena	
										programm (analiżi tal-proċeduri baġitarji, simplifikazzjoni tal-ħin biex jiġu ġġenerati r-rapporti u l-format li fih jiġu ġġenerati r-rapporti), - Żieda fit-trasparenza tal-proċess baġitarju billi jiġu ppubblikati analiżijiet u rapporti biex jiġi ssimplifikat il-proċess tan-nefqa għal programmi speċifiċi. - it-titjib tas-sistema għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-programmi baġitarji.
235	Investiment 6. Strument ta' mmudellar ekonomiku (Għodod ta' Simulazzjoni tal-Għażliet għal Riforma fil-Pensjonijiet) biex titjieb il-kapaċità istituzzjonali fit-tbassir tal-infiq	Stadju importanti	Għodda ta' mudellar ekonomiku (il-mudell ta' Għodod ta' Simulazzjoni tal-Għażliet għal Riforma fil-Pensjonijiet) operattiva	Għodda ta' mudellar ekonomiku (il-mudell ta' Għodod ta' Simulazzjoni tal-Għażliet għal Riforma fil-Pensjonijiet) operattiva				Q4	2023	L-għodda ta' mmudellar ekonomiku (il-mudell ta' Għodod ta' Simulazzjoni tal-Għażliet għal Riforma fil-Pensjonijiet) għandha tkun operattiva biex ittejjeb il-kapaċità għall-istima tal-impatt (*ex-ante*) tar-riformi strutturali tal-pensjonijiet fuq terminu medju sa terminu twil, billi ttejjeb b'mod sinifikanti l-projezzjonijiet li saru u

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju bażi	Mira	Kwart	Sena	
	fuq il-pensjonijiet									tanalizza s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Il-kisba ta' assistenza teknika għall-iżvilupp tal-mudell ta' Għodod ta' Simulazzjoni tal-Għażliet għal Riforma fil-Pensjonijiet u t-tisħiħ tal-utilizzabbiltà tiegħu (inkluża l-espansjoni tat-tim) għandha tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-projezzjonijiet tal-pensjonijiet u tal-analiżi tas-sostenibbiltà.
236	Investiment 6. Strument ta' mmudellar ekonomiku (Għodod ta' Simulazzjoni tal-Għażliet għal Riforma fil-Pensjonijiet) biex titjieb il-kapaċità istituzzjonali fit-tbassir tal-infiq fuq il-pensjonijiet	Mira	It-tkabbir tat-tim minn espert wieħed għal tmien esperti u t-titjib tal-kapaċità tar-riforma strutturali tal-pensjonijiet fuq perjodu medju u twil billi tmien	Persunal imħarreġ		1	8	Q4	2023	Jiżdied l-għarfien espert rilevanti dwar ir-riforma tal-pensjonijiet fil-Ministeru tal-Finanzi billi l-persunal responsabbli jitħarreġ biex juża s-sett ta' għodod il-ġdid. Il-mira li t-tim jiżdied għal tmien esperti (persunal diġà eżistenti, l-ebda ħtieġa li jiġu reklutati esperti ġodda) biex jittrattaw ir-riformi tal-pensjonijiet hija inkluża fil-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza.

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mir a	Kwart	Sena	
			persuni jiġu pprovduti b'taħriġ biex jużaw il-mudell ta' Għodod ta' Simulazzjoni tal-Għażliet għal Riforma fil-Pensjonijiet							F'dan il-punt, il-kapaċità tal-immudellar attwali tal-Ministeru tal-Finanzi hija limitata ħafna, b'espert apposta wieħed biss li jaħdem bil-mudell ta' Għodod ta' Simulazzjoni tal-Għażliet għal Riforma fil-Pensjonijiet (id-delegat tal-AWG), li ma attenda l-ebda taħriġ professjonali dwar dan is-suġġett. Ladarba jiġu mħarrġa, l-esperti tal-Ministeru tal-Finanzi għandhom ikunu kompletament responsabbli minn din l-għodda biex ikunu jistgħu jivvalutaw malajr l-implikazzjonijiet tar-riformi.
237	Investiment 7. Appoġġ tekniku għar-reviżjoni tal-qafas tat-tassazzjoni	Stadju importanti	Sistema tal-IT li tippermetti l-implimentazzjoni ta' mudell ta' valutazzjoni awtomatika	Sistema tal-IT operattiva				Q4	2025	Sistema tal-IT żviluppata u operattiva biex tevalwa proprjetajiet soġġetti għal taxxi fuq il-proprjetà. Dawn il-valuri għandhom jintużaw biex tiġi ddeterminata l-bażi tat-taxxa għat-tassazzjoni fuq il-proprjetà fejn dan l-approċċ

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mir a	Kwart	Sena	
			tal-proprjetà operattiva							għandu jkun disponibbli (bħal tranżazzjonijiet suffiċjenti li jkunu disponibbli għall-mudell ta' valutazzjoni awtomatizzat).
238	Investiment 8. Isir operazzjonali l-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp	Stadju importanti	Ix-xiri ta' software (liċenzji) u hardware (laptops), servizzi tal-IT għall-persunal, taħriġ għall-persunal tal-Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp u għall-persunal tal-Ministeru tal-Finanzi	Kuntratti ta' xiri ffirmati				Q4	2024	L-ikkuntrattar tax-xiri ta': - software (liċenzji) u hardware (laptops), - Servizzi tal-IT għall-persunal inizjalment stmati għal madwar 165 persuna, - servizz ta' taħriġ għall-persunal tal-Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp għall-operat u għall-persunal tal-Ministeru tal-Finanzi involut fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-bank.
239	Investiment 9. Appoġġ għall-proċess tal-valutazzjoni tal-fajls tal-pensjonijiet	Stadju importanti	Il-fajls kollha tal-pensjonijiet ikkalkulati mill-ġdid	Il-fajls kollha tal-pensjonijiet ikkalkulati mill-ġdid				Q4	2023	Il-fajls kollha tal-pensjonijiet ikkalkulati mill-ġdid abbażi tal-liġi l-ġdida dwar il-pensjonijiet għad-dħul fis-seħħ fl-01/04/2023 (L-istadju 214) Il-Gvern għandu jibgħat bil-

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mir a	Kwart	Sena	
										posta liċ-ċittadini kollha id-deċiżjoni dwar ir-riżultat tal-kalkolu mill-ġdid sad-data tat-tlestija tal-objettiv. Il-persunal temporanju għandu jiġi impjegat għal perjodu ta' 18-il xahar sabiex jappoġġa l-implimentazzjoni ta' din ir-riforma. Il-persunal involut fil-kalkolu mill-ġdid/il-valutazzjoni tal-pensjonijiet għandu jiġi remunerat skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru nr.153/2017 dwar ir-remunerazzjoni tal-persunal imħallas minn fondi pubbliċi, kif emendata — l-Anness VIII — Salarji għall-persunal f'unitajiet territorjali.
240	Investiment 10. Effiċjenza operazzjonali u servizzi elettroniċi avvanzati permezz tad-	Stadju importanti	Sistema tal-IT operattiva fl-Aġenzija Nazzjonali tal-Pensjonijiet Pubbliċi	Sistema tal-IT operattiva				Q4	2024	L-implimentazzjoni ta' sistema tal-IT fl-Aġenzija Nazzjonali tal-Pensjonijiet Pubbliċi (CNPP) Is-sistema l-ġdida tal-informatika għandha tikkonsisti minn sett ta'

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mir a	Kwart	Sena	
	diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-pensjonijiet									komponenti li għandhom joperaw b'mod integrat u ċentralizzat, kif ġej: - Portal - Il-komponent tal-komunikazzjoni ma' persuni pubbliċi li jipprevedi ukoll mas-sett attwali ta' servizzi elettroniċi, sett ġdid ta' funzjonalitajiet : - Servizzi elettroniċi fil-qasam tal-pensjonijiet u drittijiet oħra tal-assigurazzjoni soċjali; - Servizz elettroniku għall-ikkompletar tal-applikazzjoni għal biljetti tat-trattament u servizzi elettroniċi fil-qasam tar-rekords tal-kontribwenti - Servizzi elettroniċi fil-qasam tal-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u tal-mard okkupazzjonali

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Xen arju bażi	Mir a	Kwart	Sena	
										- l-applikazzjoni "e-Talon" - li għandha tiġġenera awtomatikament il-kupun ta' kull xahar tal-pensjoni f'formati elettroniċi u stampati għall-pensjonanti attivi kollha

I. KOMPONENT 9: APPOĠĠ GĦAN-NEGOZJU, IR-RIĊERKA, L-IŻVILUPP U L-INNOVAZZJONI

Dan il-komponent jinkludi ġabra ta' riformi u investimenti biex jissaħħaħ l-ambjent tan-negozju fir-Rumanija, inkluż is-settur tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

L-objettiv ta' dan il-komponent huwa li jappoġġa lin-negozji fir-Rumanija, speċjalment intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif ukoll organizzazzjonijiet pubbliċi li jwettqu riċerka, żvilupp u innovazzjoni. Ir-riformi li jappoġġaw l-investimenti jinkludu bidliet regolatorji biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għad-ditti billi tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni/il-proċeduri tal-bidu/tal-ħruġ kif ukoll billi jinkisbu l-liċenzji. Ir-riformi jindirizzaw ukoll il-governanza mhux ċara, il-frammentazzjoni u l-effettività tas-sistema tal-iżvilupp tar-riċerka u l-innovazzjoni, u jippromwovu l-kooperazzjoni tagħha mas-settur privat. L-investimenti huma relatati mal-ħolqien ta' pjattaforma diġitali għall-forniment ta' servizzi pubbliċi simplifikati għan-negozji inkluż biex jinkisbu liċenzji, aċċess għal finanzjament minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u minn kumpaniji permezz ta' strumenti finanzjarji u għotjiet. L-investimenti komplementari għandhom ikunu relatati mal-finanzjament ta' ċentri ta' kompetenza fir-riċerka u proġetti ta' riċerka mmexxija minn riċerkaturi b'reputazzjoni internazzjonali.

Ir-riformi u l-investimenti għandhom jikkontribwixxu biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż mogħtija lir-Rumanija fl-2019 u l-2020, dwar il-ħtieġa li jittejbu l-kwalità u l-prevedibbiltà tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 5 tal-2019); u biex jiġu antiċipati proġetti maturi ta' investiment pubbliku li jippromwovu l-kompetittività tal-ekonomija, bħall-appoġġ għall-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u l-integrazzjoni ta' fornituri lokali fil-ktajjen tal-valur strateġiċi tal-UE (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika DNSH (2021/C58/01).

I.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għas-self

Riforma 1. It-trasparenza leġiżlattiva, it-tneħħija tal-burokrazija u s-simplifikazzjoni proċedurali għan-negozji

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-ambjent tan-negozji billi tiġi ssimplifikata u tiżdied it-trasparenza tal-proċeduri regolatorji għall-kumpaniji.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ ta' tliet gruppi differenti ta' inizjattivi/emendi leġiżlattivi: l-ewwel nett, id-dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi għar-razzjonalizzazzjoni, is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti regolatorji relatati man-negozju, b'mod partikolari fit-twaqqif ta' kumpanija, għall-ħruġ mis-suq/għall-għeluq ta' negozju kif ukoll għar-rekwiżiti regolatorji għall-kumpaniji biex jirrappurtaw l-obbligi tas-suq tax-xogħol; it-tieni, id-dħul fis-seħħ ta' bidliet leġiżlattivi relatati mat-test tal-SMEs (l-evalwazzjoni *ex-ante* tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-proposti leġiżlattivi fuq l-Intrapriżi Żgħar u Medji); it-tielet, id-dħul fis-seħħ tal-liġi li timplimenta s-sistema unika ta' liċenzjar industrijali li għandha tinforza b'mod effettiv, fost l-oħrajn, l-approvazzjoni taċita (is-silenzju bħala kunsens) għal tipi speċifiċi ta' liċenzji wara r-reġistrazzjoni tagħhom fuq il-pjattaforma elettronika, l-adozzjoni tal-prinċipju ta' "darba biss", li jippermetti li d-ditti jkunu obbligati jipprovdu l-istess informazzjoni jew dokumenti lill-istituzzjonijiet pubbliċi darba biss, u l-adozzjoni tal-emendi leġiżlattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa ta' Punt ta' Kuntatt Uniku Elettroniku, inkluża d-definizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tiegħu.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025. L-emendi leġiżlattivi għar-razzjonalizzazzjoni, is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni sħiħa tal-proċeduri relatati man-negozju kif ukoll għal-"Liċenzja Industrijali Unika" għandhom jidħlu fis-seħħ sat-30 ta' Settembru 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022, rispettivament.

Investiment 1 — Pjattaformi diġitali dwar it-trasparenza leġiżlattiva, it-tneħħija tal-burokrazija u s-simplifikazzjoni proċedurali għan-negozji.

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jipprovdi aċċess diġitali sħiħ u l-possibbiltà li jitwettqu operazzjonijiet relatati ma' rekwiżiti regolatorji speċifiċi għan-negozju.

L-investiment għandu jikkonsisti fit-twaqqif u t-tħaddim sħiħ ta' pjattaforma diġitali pubblika li tipprovdi servizzi pubbliċi għan-negozji relatati mat-twaqqif/il-ħruġ mis-suq għad-ditti, l-awtorizzazzjoni ta' rappreżentanzi barranin fir-Rumanija u l-kisba ta' liċenzji relatati mal-industrija.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 2 — Strumenti finanzjarji għas-settur privat

Sottoinvestiment 2.1: Garanzija ta' Portafoll għar-Reżiljenza

L-objettiv ta' dan is-sottoinvestiment huwa li jindirizza l-ostakli finanzjarji li jiffaċċjaw l-intrapriżi Rumeni fl-aċċess għall-finanzi, jiġifieri: żieda fl-ispiża tal-finanzjament, nuqqas ta' kollateral u kanali ta' kreditu indeboliti. B'mod partikolari, is-sottoinvestiment għandu jkollu fil-mira l-isfidi tal-likwidità/tas-solvenza tal-intrapriżi Rumeni, li jirriżultaw minn tnaqqis sinifikanti u temporanju fid-dħul tagħhom, minħabba l-kriżi tal-COVID-19. F'dan il-kuntest, l-istrument għandu jitfassal biex itejjeb l-aċċess għall-finanzi u jagħti ħajja ġdida lill-kanali ta' self imblukkati matul u wara l-kriżi tal-COVID-19, billi jappoġġa l-investimenti jew il-ħtiġijiet ta' kapital operatorju tal-intrapriżi. L-investiment għandu jieħu l-forma ta' garanzija tal-portafoll, li għandha tiġi implimentata bħala kontribuzzjoni għal InvestEU mill-Fond Ewropew tal-Investiment ("FEI").

Sabiex jiġi żgurat li s-sottoinvestiment jikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern Rumen għandu jirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU. Il-Ftehim ta' garanzija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-FEI għandu jeskludi wkoll il-lista li ġejja ta' attivitajiet u ta' assi mill-eliġibbiltà: (i) l-attivitajiet u l-assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[18] u (ii) l-attivitajiet u l-assi taħt is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) li jiksbu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[19].

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024, meta l-Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU japprova l-operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew ta' investiment fil-mira.

Sottoinvestiment 2.2: Garanzija tal-Portafoll tal-Azzjoni Klimatika

[18] Ħlief il-proġetti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni relatata, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[19] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet l-għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

L-objettiv ta' dan is-sottoinvestiment huwa li jwassal il-finanzi u l-investimenti lill-SMEs (sa 249 impjegat), lill-kumpaniji b'sa 500 impjegat, u lill-individwi permezz ta' kapital operatorju, linji ta' kreditu, self għall-investiment, jew lokazzjonijiet, immirati lejn investimenti u finanzjament għal titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-intrapriżi u fis-settur residenzjali u tal-bini. L-għan tal-istrument għandu jkun li jindirizza l-isfidi attwali tar-Rumanija fl-appoġġ għall-investimenti fis-setturi tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli. L-investiment għandu jieħu l-forma ta' garanzija tal-portafoll, li għandha tiġi implimentata bħala kontribuzzjoni għal InvestEU mill-Fond Ewropew tal-Investiment ("FEI"). L-għanijiet speċifiċi u l-ambizzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika tal-istrument, kif ukoll l-istruttura u l-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom ikunu allinjati bis-sħiħ u jikkorrispondu ma' dawk tal-istrument tal-Kompartiment tal-UE InvestEU, li bħalissa qed jiġi żviluppat.

Sabiex jiġi żgurat li s-sottoinvestiment jikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern Rumen għandu jirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU. Il-Ftehim ta' garanzija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-FEI għandu jeskludi wkoll il-lista li ġejja ta' attivitajiet u ta' assi mill-eliġibbiltà: (i) l-attivitajiet u l-assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[20] u (ii) l-attivitajiet u l-assi taħt is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) li jiksbu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[21].

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024, meta l-Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU japprova l-operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew ta' investiment fil-mira.

Is-sottoinvestiment 2.3 għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja: Fond tal-Kapital ta' Riskju għall-Irkupru

L-objettiv ta' dan is-sottoinvestiment huwa li jipprovdi appoġġ ta' ekwità għall-SMEs, il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, inklużi negozji ġodda, il-kumpaniji fi stadji bikrija u avvanzati ta' tkabbir, u l-proġetti ta' infrastruttura ffukati fuq l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. L-appoġġ għandu jingħata permezz ta' fondi ta' kapital ta' riskju u fondi ta' infrastruttura, bħala parti minn Fond ta' Kapital ta' Riskju, ġestit mill-Fond Ewropew tal-Investiment ("FEI").

Sabiex jiġi żgurat li s-sottoinvestiment jikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikant" (2021/C58/01), il-ftehim ta' finanzjament bejn il-Gvern Rumen u l-FEI, u l-politika ta' investiment sussegwenti tal-istrument finanzjarju għandu

- jirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u

[20] Ħlief il-proġetti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni relatata, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikant" (2021/C58/01).

[21] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet l-għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

- jeskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u ta' assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[22]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-skema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[23]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi [24]u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[25]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u
- li jirrikjedu li l-kumpaniji li jkunu kisbu aktar minn 50 % tad-dħul tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti minn attivitajiet u/jew assi li huma koperti mil-lista ta' esklużjoni jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika; u
- li jirrikjedu l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarju mill-FEI għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Sottomiżura 2.4: Fond ta' fondi għad-diġitalizzazzjoni, l-azzjoni klimatika u oqsma oħra ta' interess

L-objettiv tas-sottoinvestiment huwa li jipprovdi appoġġ lil kumpaniji kbar (b'aktar minn 500 impjegat u/jew fatturat annwali li jaqbeż EUR 50 miljun u total tal-karta tal-bilanċ annwali li jaqbeż it-EUR 43 m.), entitajiet pubbliċi u entitajiet bi skop speċjali, permezz ta' investimenti li jikkontribwixxu għall-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, kif ukoll investimenti fid-diġitalizzazzjoni u l-assi fissi permezz ta' Fond ta' Fondi. Dan għandu jinkoraġġixxi ammont akbar ta' investiment li jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi u diġitali mill-kumpaniji fil-mira u jinkoraġġixxi t-tkabbir u l-espansjoni tal-kumpaniji, u b'hekk joħloq opportunitajiet ġodda ta' impjieg u jappoġġa rkupru ekonomiku usa'. L-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' Fond ta' Fondi, li l-ġestjoni tiegħu għandha tiġi fdata lill-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI").

Sabiex jiġi żgurat li s-sottoinvestiment jikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikant" (2021/C58/01), il-ftehim ta' finanzjament bejn il-Gvern Rumen u l-BEI, u l-politika ta' investiment sussegwenti tal-istrument finanzjarju għandu

[22] Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[23] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet l-għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[24]Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, li jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni fil-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[25] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f' impjanti ta' trattament mekkaniku-bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- jirrikjedu l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u
- jeskludu l-lista li ġejja ta' attivitajiet u ta' assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[26]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-skema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[27]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi[28] u impjanti tat-trattament mekkaniku-bijoloġiku[29]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u
- jirrikjedu l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali nazzjonali u tal-UE rilevanti mill-benefiċjarju tal-BEI għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Sottoinvestiment 2.5: Investiment fl-effiċjenza enerġetika fis-settur residenzjali u tal-bini

L-istrument finanzjarju għandu jieħu l-forma ta' garanzija tal-portafoll, implimentata mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

L-objettiv ta' dan is-sottoinvestiment huwa li jwassal il-finanzjament u l-investimenti għall-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli fis-settur residenzjali u tal-bini. Is-sottoinvestiment għandu jieħu l-forma ta' garanzija tal-portafoll, li għandha tiġi implimentata bħala kontribuzzjoni għal InvestEU mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ("BERŻ").

Sabiex jiġi żgurat li s-sottoinvestiment jikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern Rumen għandu jirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU. Barra minn hekk, il-ftehim ta' garanzija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-BERŻ għandu jeskludi mill-eliġibbiltà l-lista ta' attivitajiet u assi li ġejjin: (i) l-attivitajiet u l-assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[30] u (ii) l-

[26] Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[27] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet l-għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[28]Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, li jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni fil-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[29] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f' impjanti ta' trattament mekkaniku-bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[30] Ħlief il-proġetti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni relatata, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikant" (2021/C58/01).

attivitajiet u l-assi taħt is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) li jiksbu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[31].

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024, meta l-Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU japprova l-operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew ta' investiment fil-mira.

Investiment 3. Skemi ta' għajnuna mis-settur privat

Sottoinvestiment 1 - Skema ta' għajnuna għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs

L-objettiv ta' dan is-sottoinvestiment huwa li jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li mbagħad tista' tikkontribwixxi għal kompetittività akbar, li tippermetti l-innovazzjoni ta' dawn il-kumpaniji, filwaqt li tiffaċilita mudelli ta' ħidma ġodda. Dan is-sottoinvestiment għandu jindirizza waħda mill-isfidi ewlenin tal-SMEs: il-pressjoni biex jadattaw il-mudelli tan-negozju tagħhom għar-realtajiet diġitali.

Is-sottoinvestiment jikkonsisti f'żewġ strumenti: i) skema ta' għotjiet li tappoġġa lill-intraprendituri fl-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali avvanzati (bħall-intelliġenza artifiċjali, id-*data* u l-cloud computing, il-blockchain, il-computing ta' prestazzjoni għolja u l-quantum, l-internet tal-oġġetti, iċ-ċibersigurtà) u ii) skema ta' għotjiet sa EUR 100 000 għal kull intrapriża li tappoġġa lill-SMEs biex jadottaw teknoloġiji diġitali (bħax-xiri ta' hardware tal-ICT, l-iżvilupp u/jew l-adattament ta' applikazzjonijiet/liċenzji tas-software, inkluż soluzzjonijiet ta' awtomatizzazzjoni ta' software għall-Awtomatizzazzjoni tal-Proċess Robotiku, l-akkwist ta' teknoloġiji blockchain, l-akkwist ta' sistemi ta' intelliġenza artifiċjali, it-tagħlim awtomatiku, ir-realtà awmentata, ir-realtà virtwali, l-akkwist ta' siti web għall-preżentazzjonijiet, ix-xiri ta' servizzi tal-cloud u tal-internet tal-oġġetti, it-taħriġ tal-persunal li juża tagħmir tal-IT, il-konsulenza/l-analiżi biex jiġu identifikati soluzzjonijiet tekniċi li l-SMEs jeħtieġu). L-investimenti kollha għandhom jikkonformaw mal-kriterji tal-għażla tal-oqsma ta' intervent li ġejjin ippreżentati fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241: 021quater (EUR 130 miljun), 021 quinquies (allokazzjoni ta' EUR 20 miljun), 010 (allokazzjoni ta' EUR 315-il miljun), 012 (allokazzjoni ta' EUR 35 miljun). Għall-implimentazzjoni, il-Ministeru għall-Investimenti u l-Proġetti Ewropej għandu jniedi l-linji gwida għas-sejħiet għal proġetti u għandu jiddelega l-monitoraġġ tal-proġetti lil amministratur abbażi ta' att delegat. Il-Ministeru għandu jiżgura li tiġi implimentata sistema effettiva ta' ġestjoni u kontroll fil-livell tal-amministratur u għandu jkun jista' jieħu azzjoni korrettiva kull meta jkun meħtieġ, inkluż billi jwettaq kontrolli kampjunarji fil-livell tal-SMEs, filwaqt li l-amministratur għandu jimmonitorja u jirrapporta regolarment dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-proġett skont il-kundizzjonijiet rispettivi kollha.

Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), l-applikanti għandhom jippreżentaw kwalunkwe riskju potenzjali għall-ambjent li jirriżulta mill-attivitajiet tagħhom u l-metodi tagħhom biex itaffu dawk ir-riskji. Il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) għandha tiġi ċċertifikata minn awditur indipendenti fi tmiem il-perjodu ta' investiment.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

[31] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet l-għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

Sottoinvestiment 2 — Skema de minimis biex tgħin lid-ditti Rumeni fl-elenkar fil-borża

L-objettiv ta' dan is-sottoinvestiment huwa li jappoġġa lill-kumpaniji biex iżidu l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' strumenti speċifiċi, jiġifieri l-ħruġ ta' ishma ġodda.

Is-sottoinvestiment għandu jikkonsisti f'finanzjament ta' skema *de minimis* għal kumpaniji b'uffiċċji rreġistrati fir-Rumanija u li jkunu lesti li jwettqu ħruġ ta' stokks, ikkwalifikati minn qabel għall-elenkar, skont il-kundizzjonijiet tal-Borża ta' Bucharest, fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Meta titqies l-istruttura attwali tal-operaturi ekonomiċi attivi fir-Rumanija, kif ukoll l-aktar segmenti dinamiċi tal-ekonomija, il-kumpaniji fil-kategorija tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju kif ukoll dawk attivi f'setturi bi tkabbir għoli u bi ħtiġijiet finanzjarji sostanzjali, bħall-IT u l-enerġija, huma mistennija li jkunu l-benefiċjarji ewlenin ta' dan l-investiment.

Sabiex jiġi żgurat li s-sottoinvestiment jikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kumpaniji li jkunu kisbu aktar minn 50 % tad-dħul tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti minn attivitajiet u/jew assi li huma koperti mil-lista ta' esklużjoni għandhom ikunu obbligati jadottaw u jippubblikaw il-pjanijiet tat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-lista ta' attivitajiet u assi li ġejja għandha tiġi eskluża: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[32]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-skema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[33]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi[34] u impjanti tat-trattament mekkaniku-bijoloġiku[35]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment 4. Proġetti transfruntieri u multinazzjonali — Proċessuri b'konsum baxx tal-enerġija u Ċippi Semikondutturi

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa l-iżvilupp tal-qasam tal-mikroelettronika fir-Rumanija, jindirizza waħda mill-isfidi eżistenti fil-livell tal-UE u jappoġġa t-tranżizzjoni diġitali.
L-investiment jikkonsisti f'azzjonijiet biex: i) jiġu strutturati u żviluppati ħiliet għad-disinn, il-manifattura u l-applikazzjoni ta' komponenti u sistemi mikroelettroniċi f'ekosistema

[32] Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[33] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet l-għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[34]Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, li jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni fil-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[35] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f' impjanti ta' trattament mekkaniku-bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

nazzjonali koerenti; ii) tiġi żgurata l-proprjetà intellettwali u titħaffef l-applikazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati f'oqsma ewlenin tal-ekonomija nazzjonali bħall-industrija tal-karozzi, tas-saħħa jew tal-agrikoltura ta' preċiżjoni, tal-ispazju, tad-difiża, ajrunawtika; iii) jikkoordina mal-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet fil-livell Ewropew inkluż permezz tal-parteċipazzjoni jew tal-assoċjazzjoni ta' mill-inqas għaxar membri tal-ekosistema nazzjonali fi proġett multinazzjonali, ippjanat li jiġi priċipalment implimentat bħala Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI). F'dan il-kuntest, mill-inqas tliet (3) entitajiet Rumeni ta' konsorzji huma mistennija jwieġbu għas-sejħiet għal proġetti mill-Impriża Konġunta tat-Teknoloġiji Diġitali Ewlenin (KDT JU).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

Riforma 2. Simplifikazzjoni tal-governanza tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiċċara u tissimplifika l-governanza tas-sistema tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fir-Rumanija.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata billi ssir operattiva l-Unità ta' Riforma tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politika fil-Ministeru tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u d-Diġitalizzazzjoni, bil-mandat li timplimenta u timmonitorja r-rakkomandazzjonijiet tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politika msarrfin f'riformi tal-ekosistema nazzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. L-unità għandha tkun operattiva bejn l-2021 u l-2026 u għandha taħdem biex tfassal mill-ġdid b'mod koordinat mal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, l-arkitettura u l-funzjonijiet tas-sistema tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fir-Rumanija, biex ittejjeb il-kwalità tal-investimenti. Din ir-riforma għandha twitti t-triq għad-dħul fis-seħħ ta' sistema permanenti li tiżgura t-tfassil u l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni armonizzati tal-politika tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fil-ministeri u l-aġenziji kollha, lil hinn mill-iskeda ta' żmien tal-RRF. Ir-riforma għandha tistabbilixxi wkoll korp uniku li jiżgura koordinazzjoni interministerjali fil-livell tal-Gvern u li jibbaża wkoll fuq il-koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet tas-settur privat.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026. L-unità ta' Riforma tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politika għandu jkollha mandat ċar u ssir operattiva sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma 3. Riforma tal-karriera tar-riċerka

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiżdied l-attrattività tal-karriera tar-riċerka u l-prestazzjoni tar-riċerkaturi.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata billi jiġu promulgati modifiki leġiżlattivi li jagħtu dettalji dwar l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni u l-miżuri ta' kondotta fir-riċerka xjentifika li skonthom ir-riċerkaturi jiksbu aċċess għall-finanzjament u għall-boroż ta' studju. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom ikunu allinjati bl-istess mod mal-aħjar prattiki Ewropej, inkluż għall-promozzjoni fil-karriera tar-riċerka msejsa fuq il-prinċipji bbażati fuq il-mertu, ir-reklutaġġ fuq proċeduri trasparenti, miftuħa u kompetittivi, kif ukoll prattiki tajbin fl-etika u l-integrità fir-riċerka xjentifika. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tinkludi wkoll qafas għal inċentivi finanzjarji u mhux finanzjarji biex tinkoraġġixxi l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi mill-istituzzjonijiet tar-riċerka Rumeni.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma 4. Kooperazzjoni msaħħa bejn in-negozju u r-riċerka

L-objettiv tar-riforma huwa li tiżdied il-kooperazzjoni bejn in-negozji u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka pubbliċi fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni u biex jinħoloq ambjent favorevoli għall-investimenti pubbliċi u privati fis-settur.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata billi jiġu promulgati emendi leġiżlattivi li jissimplifikaw u jiddiġitalizzaw l-ikkuntrattar, il-finanzjament, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti ta' riċerka. Barra minn hekk, dawn għandhom jiżguraw aċċess miftuħ għal riżultati tanġibbli ta' proġetti sinifikanti u mhux sensittivi ffinanzjati pubblikament, kif ukoll l-evalwazzjoni tagħhom minn riċerkaturi rikonoxxuti internazzjonalment qabel l-approvazzjoni mill-Awtorità Kontraenti Pubblika u tul il-ħajja tal-proġetti. Barra minn hekk, l-emendi għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' sorsi stabbli u prevedibbli ta' finanzjament għar-riċerka fil-livell lokali u nazzjonali, kif ukoll iċ-ċentralizzazzjoni tagħhom f'punt uniku ta' kuntatt elettroniku. Il-Ministeru tar-Riċerka, l-Innovazzjoni u d-Diġitalizzazzjoni għandu jimplimenta b'mod konġunt l-emendi leġiżlattivi mal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, inkluż mar-rappreżentanti tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-aġenziji subordinati tiegħu, il-Ministeru tal-Finanzi, il-Ministeru tal-Ekonomija u għandu iqis r-rakkomandazzjonijiet tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politika ta' Orizzont Ewropa 2021-2022.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 5. Appoġġ għall-integrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fir-Rumanija fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jiżdiedu l-prestazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fir-Rumanija u l-integrazzjoni tagħhom fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata bid-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tinkoraġġixxi, tiffaċilita u tirregola l-integrazzjoni volontarja u funzjonali u l-amalgamazzjoni tal-istituzzjonijiet tar-riċerka. Il-qafas leġiżlattiv għandu jqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politika ta' Orizzont Ewropa 2021-2022, u għandu jispeċifika mill-inqas: evalwazzjoni esterna perjodika tal-prestazzjoni tal-organizzazzjonijiet kollha tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fir-Rumanija, u l-kapaċità tagħhom li jżidu l-valur lill-komunità xjentifika internazzjonali u joħolqu impatt soċjali u ekonomiku. L-evalwazzjoni perjodika għandha tidentifika sinerġiji u fużjonijiet potenzjali fost l-istituti ta' riċerka, u l-aċċess għall-appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka għandu jiddependi fuq ir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet perjodiċi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 5. L-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni ta' Ċentri ta' Kompetenza

L-objettiv tal-investiment huwa li jindirizza l-frammentazzjoni tematika tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni bl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-missjonijiet ta' Orizzont Ewropa fil-livel nazzjonali.

L-investiment isegwi l-istabbiliment ta' ħames "Ċentri ta' Kompetenza" biex jitwettqu attivitajiet ta' riċerka f'konformità mal-prijoritajiet ta' riċerka strateġiċi Rumeni u Ewropej. Iċ-ċentri għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' sejħa kompetittiva bħala konsorzji ta' istituti tar-riċerka pubbliċi u privati, li għandha tinkludi l-parteċipazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u sħab fil-konsorzji għandhom jimplimentaw b'mod konġunt l-aġenda Strateġika tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-missjoni korrispondenti ta' Orizzont Ewropa, filwaqt li jsaħħu l-kollaborazzjoni bejn il-qasam akkademiku u tan-negozju f'oqsma tar-riċerka relevanti għas-soċjetà. Il-proġetti għandhom jikkontribwixxu biex jinstabu soluzzjonijiet biex ħajjet iċ-ċittadini titjieb, biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet lokali u biex jiżdied l-impatt tar-riżultati tar-riċerka fil-livell komunitarju. Il-ħames "Ċentri ta' Kompetenza" għandhom jużaw ukoll ir-

riżorsi biex jaġġornaw it-tagħmir u l-infrastrutturi kondiviżi tar-riċerka u jxerrdu r-riżultati tar-riċerka.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 6. L-iżvilupp ta' programmi ta' mentoraġġ ta' Orizzont Ewropa

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżdiedu r-rati ta' suċċess tal-applikazzjonijiet għall-programm Orizzont Ewropa.

L-investiment għandu jagħti 500 vawċer lir-riċerkaturi li applikaw għall-programm Orizzont Ewropa u li għaddew mill-fażi ta' eliġibbiltà. Il-vawċers għandhom l-għan li jappoġġaw lill-applikanti fil-kitba tal-proposta tal-proġett, l-iskambju tal-persunal f'organizzazzjonijiet li jinsabu fuq nett f'termini tal-kisba ta' proġetti ta' Orizzont jew b'esperjenza fil-kitba ta' proposti ta' suċċess għall-H2020, il-parteċipazzjoni f'każijiet ta' senserija u l-aċċess għall-Infrastruttura għad-Dawl Estrem - il-Fiżika Nukleari.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-proġetti u r-riċerka li jirrigwardaw il-lista ta' attivitajiet u assi li ġejja għandhom jiġu esklużi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[36]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-skema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[37]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi[38] u impjanti tat-trattament mekkaniku-bijoloġiku[39]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 7. It-tisħiħ tal-eċċellenza u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni tar-Rumanija fi sħubijiet u missjonijiet f'Orizzont Ewropa

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżdiedu r-rati ta' suċċess tal-applikazzjonijiet għall-programm Orizzont Ewropa. L-investiment għandu jagħti finanzjament komplementari għall-proġetti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni li diġà huma kkuntrattati fil-kuntest tas-Sħubijiet ekoloġiċi jew diġitali Ewropej għar-riċerka l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-miżuri previsti huma: i) il-kofinanzjament ta' proġetti ta' riċerka rrakkomandati għall-finanzjament taħt is-Sħubijiet Ewropej għall-perjodu ta' tranżizzjoni (2022-2023) – Orizzont Ewropa (abbażi tal-

[36] Ħlief għal proġetti relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll ma' infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[37] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet l-għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[38] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura relatati ma' impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, li jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni fil-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[39] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f' impjanti ta' trattament mekkaniku-bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

kundizzjonijiet tal-programm ta' ħidma minn Orizzont Ewropa). Sa 20 proġett għandhom jiġu ffinanzjati b'baġit massimu ta' EUR 300 000 għal kull sieħeb Rumen; ii) il-proġetti komplementari bil-għan li jiżdied l-impatt tal-proġetti ta' Orizzont 2020 li diġà huma ffinanzjati (li jinsabu għaddejjin jew li ġew iffinalizzati reċentement). Sa 15-il proġett għandhom jiġu ffinanzjati b'baġit massimu ta' EUR 1 000 000; iii) il-proġetti tal-bini tal-kapaċità. Sa 20 proġett għandhom jiġu ffinanzjati b'baġit massimu ta' EUR 500 000.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), ir-riċerka relatata mal-lista ta' attivitajiet u assi li ġejja għandha tiġi eskluża mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[40]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-skema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[41]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi[42] u impjanti tat-trattament mekkaniku-bijoloġiku[43]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 8. Żvilupp ta' programm biex jattira riżorsi umani speċjalizzati ħafna minn barra l-pajjiż f'attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiżdied il-kapaċità tar-riċerka tal-organizzazzjoni tar-riċerka, tal-iżvilupp u l-innovazzjoni.

L-investiment għandu jagħti finanzjament lil 100 proġett ta' riċerka mmexxija minn riċerkaturi internazzjonali ewlenin magħżula abbażi ta' għadd ta' kriterji ta' kwalità. Il-kandidati għandhom jintgħażlu fuq bażi kompetittiva u għandhom ikunu affiljati ma' istituzzjonijiet ta' riċerka ospitanti fir-Rumanija u għandhom jikkontribwixxu biex tiżdied il-kapaċità ta' riċerka tal-organizzazzjoni ospitanti. Dawn għandhom ikunu gradwati tal-PhD li wettqu riċerka barra mir-Rumanija fit-tliet (3) snin preċedenti. Huma għandhom ikunu jistgħu jattiraw finanzjament b'mod indipendenti għat-timijiet ta' riċerka tagħhom, u jikkoordinaw l-għotja tal-proġett u l-fondi u jieħdu deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi. Meta jagħmlu dan, l-attivitajiet tar-riċerkaturi internazzjonali għandhom jibbenefikaw mill-prestazzjoni tal-istituti ta' riċerka ospitanti.

[40] Ħlief għal proġetti relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll ma' infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[41] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet l-għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[42] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura relatati ma' impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, li jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni fil-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[43] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f' impjanti ta' trattament mekkaniku-bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-proġetti ta' riċerka li jirrigwardaw il-lista ta' attivitajiet u assi li ġejja għandhom jiġu esklużi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[44]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-skema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[45]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi[46] u impjanti tat-trattament mekkaniku-bijoloġiku[47]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 9 — Appoġġ għad-detenturi ta' ċertifikati ta' eċċellenza li ngħataw fil-Fellowship individwali Marie Sklodowska Curie

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiżdied l-attrattività tal-karriera tar-riċerka u li jiġu appoġġati r-riċerki kkonfermati fit-twettiq tal-proġett ta' riċerka tagħhom.

L-investiment huwa biex jiġu ppremjati 50 riċerkatur eċċellenti li jingħataw is-Siġill ta' Eċċellenza tal-Fellowship individwali Marie Sklodowska Curie sal-31 ta' Diċembru 2023.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-proġetti ta' riċerka li jirrigwardaw il-lista ta' attivitajiet u assi li ġejja għandhom jiġu esklużi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiett (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi u impjanti tat-trattament mekkaniku-bijoloġiku; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investimenti 10 — Stabbiliment u appoġġ finanzjarju ta' network nazzjonali ta' tmien ċentri reġjonali ta' gwida għall-karriera bħala parti mill-Pjattaforma Talent taż-Żona Ewropea tar-Riċerka

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jippromwovi karriera tar-riċerka u jattira studenti biex iwettqu attivitajiet ta' riċerka u jiżviluppaw l-interess fiċ-ċittadini għar-riċerka.

[44] Ħlief għal proġetti relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll ma' infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[45] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet l-għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[46] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura relatati ma' impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, li jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni fil-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[47] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f' impjanti ta' trattament mekkaniku-bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

L-investiment huwa biex jitwaqqfu u jsiru operattivi tmien (8) ċentri ta' orjentazzjoni għall-interessati fir-riċerka li għandhom jipprovdu gwida għall-karriera ta' riċerkatur, jippromwovu l-professjoni tar-riċerka u jikklassifikaw sinerġiji diretti mal-investiment 4.4. It-tmien (8) ċentri għandhom jaħdmu wkoll bħala network u jsiru punt ta' dħul uniku għall-karriera tar-riċerka u jorbtu l-attivitajiet ta' orjentazzjoni tal-karriera tar-riċerka ma' programm edukattiv iffukat fuq ix-xjenza għas-soċjetà u magħha, filwaqt li jippromwovu wkoll ir-riżultati tar-riċerka Rumena, u jqajmu kuxjenza dwar il-benefiċċji tax-xjenza fis-soċjetà.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

I.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tas-self

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
241	Riforma 1. It-trasparenza leġiżlattiva, it-tneħħija tal-burokrazija u s-simplifikazzjoni proċedurali għan-negozji	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi għar-razzjonalizzazzjoni, is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni sħiħa tal-proċeduri relatati man-negozju	Id-dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' i) il-Liġi Nru 31/1990 – il-Liġi tal-Kumpaniji, ii) il-Liġi Nru 26/1990, ippubblikata mill-ġdid, rigward ir-reġistru kummerċjali, iii) id-Digriet-Liġi Nru 122/1990 dwar l-awtorizzazzjoni u l-funzjonament fir-Rumanija tar-rappreżentanti ta' kumpaniji u organizzazzjonijiet ekonomiċi barranin u iv) il-Liġi Nru 53/2003 – il-Kodiċi tax-				Q3	2022	Il-bidliet leġiżlattivi għandhom inaqqsu l-piż amministrattiv tal-ambjent tan-negozju billi jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni/il-proċeduri ta' stabbiliment/ta' ħruġ tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-proċessi li ġejjin: a) l-istabbiliment ta' kumpanija, il-ħruġ mis-suq/l-għeluq ta' negozju; b) ir-razzjonalizzazzjoni, is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri għall-awtorizzazzjoni u l-operat ta' rappreżentanzi barranin fir-Rumanija; c) ir-rappurtar tal-obbligi tas-suq tax-xogħol għall-kumpaniji u rappurtar obbligatorju ieħor Bidliet leġiżlattivi għandhom isiru fl-atti normattivi li ġejjin: - Il-Liġi tal-kumpaniji nru 31/1990, mibdija mill-Ministeru tal-Ġustizzja; - Il-Liġi Nru 26/1990, ippubblikata mill-ġdid, dwar ir-reġistru kummerċjali; - Id-digriet Amministrattiv Nru 122/1990 dwar l-awtorizzazzjoni u l-funzjonament fir-Rumanija tar-

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
				Xogħol						rappreżentanti ta' kumpaniji barranin u ta' organizzazzjonijiet ekonomiċi, mibdija mill-Ministeru tal-Ekonomija, l-Intraprenditorija u t-Turiżmu; - Il-liġi Nru 153/2003 dwar il-Kodiċi tax-Xogħol, mibdija mill-Ministeru tax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali
242	Riforma 1. It-trasparenza leġiżlattiva, it-tneħħija tal-burokrazija u s-simplifikazzjoni proċedurali għan-negozji	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi biex jissimplifikaw u jagħmlu t-twettiq tat-test tal-SMEs trasparenti u applikabbli	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Liġi Nru 346/2004 dwar il-promozzjoni tal-istabbiliment u l-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju				Q3	2022	Il-bidliet leġiżlattivi huma relatati mat-test tal-SMEs (l-evalwazzjoni *ex-ante* tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-proposti leġiżlattivi fuq l-SMEs). Il-bidliet għandhom jiżguraw li: - Jiġi kkonsultat kampjun akbar u rappreżentattiv ta' SMEs - ir-riżultati tat-test tal-SMEs għal kull proposta leġiżlattiva jiġu ppubblikati fi żmien 30 jum - ir-riżultati tat-test tal-SMEs huma inkorporati fil-proposta/emendi leġiżlattivi relatati mal-SMEs.
243	Riforma 1. It-trasparenza leġiżlattiva, it-tneħħija tal-	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi "Liċenzja Industrijali	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Liċenzja				Q4	2022	Il-liġi tal-Liċenzja Industrijali Unika, għandha tiżgura: i. ir-riorganizzazzjoni tal-proċeduri

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
	burokrazija u s-simplifikazzjoni proċedurali għan-negozji		Unika"	Industrijali Unika						meħtieġa biex jinkisbu l-liċenzji relatati mal-industrija, ii. l-integrazzjoni ta' liċenzji settorjali eżistenti fi proċedura waħda simplifikata, iii. it-tfassil mill-ġdid tal-proċeduri ta' applikazzjoni, l-istituzzjoni ta' Korp ta' Koordinazzjoni, grupp ta' ħidma Interministerjali, biex jikkoordina dawn il-proċeduri, iv. it-tneħħija tal-kontrolli doppji u tar-rekwiżiti mhux meħtieġa għat-tiġdid tal-liċenzji, v. il-ħolqien ta' tassonomija ta' tipi ta' liċenzji, skont il-karatteristiċi u l-karatteristiċi ewlenin tagħhom vi. emenda fil-liġi tal-2003 li tistabbilixxi l-politika tas-"silenzju bħala kunsens" – l-Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 27/2003 – bil-għan li jkun hemm żmien għall-approvazzjoni taċita (is-silenzju bħala kunsens) li jidħol fis-seħħ meta l-pjattaforma elettronika

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
										tirreġistra t-talba għal liċenzja. It-talba għal liċenzja għandha tingħata awtomatikament jekk/meta sseħħ l-approvazzjoni taċita; vii. L-adozzjoni, fil-leġiżlazzjoni Rumena tal-prinċipju ta' "darba biss", li jippermetti d-dritt li l-investituri jkunu meħtieġa biss li jipprovdu l-istess informazzjoni jew dokumenti lill-istituzzjonijiet pubbliċi darba biss; viii. L-adozzjoni tal-emendi leġiżlattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa ta' Punt ta' Kuntatt Uniku Elettroniku, inkluża d-definizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tiegħu.
244	Riforma 1. It-trasparenza leġiżlattiva, it-tneħħija tal-burokrazija u s-simplifikazzjoni proċedurali għan-negozji	Mira	It-tnaqqis taż-żmien medju meħtieġ għat-twettiq ta' rekwiżiti regolatorji relatati mal-ambjent tan-		Perċentwal (%)	0	50	Q4	2025	Jitnaqqas il-ħin b'50 % għal: 1. it-twaqqif/il-ħruġ mis-suq tad-ditti, 2. l-awtorizzazzjoni ta' rappreżentanzi barranin fir-Rumanija; is-settur tal-manifattura 3. Il-ksib ta' liċenzji/permessi relatati mal-industrija

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
			negozju							Il-linja bażi li għandha tintuża: - 20 jum - il-bidu ta' negozju fl-2020 - 30 jum - l-awtorizzazzjoni ta' rappreżentant barrani fl-2020 - medja ta' 217-il jum – il-kisba ta' liċenzji/permessi relatati mal-industrija fl-2020 (Eżempju: 147 jum - it-trattament ta' Permessi tal-Bini))
245	Riforma 1, it-trasparenza leġiżlattiva, it-tneħħija tal-burokrazija u s-simplifikazzjoni proċedurali għan-negozji	Mira	Atti leġiżlattivi/modifiki relatati mal-SMEs li għalihom ġie applikat it-test		Perċentwal (%)	50 % [2020]	100 %	Q4	2025	100 % tal-atti leġiżlattivi/modifiki relatati mal-SMEs li għalihom ġie applikat it-test.
246	Investiment 1. Pjattaformi diġitali dwar it-trasparenza leġiżlattiva, it-tneħħija tal-burokrazija u s-simplifikazzjoni proċedurali għan-negozji.	Stadju importanti	It-twaqqif ta' pjattaformi diġitali, konnessi ma' punt uniku ta' kuntatt elettroniku u kompletament operazzjonali.	Pjattaformi diġitali stabbiliti u operattivi				Q4	2023	L-istabbiliment ta' mill-inqas seba' pjattaformi diġitali pubbliċi operazzjonali li huma konnessi ma' punt uniku ta' kuntatt elettroniku u kompletament operazzjonali u li jibnu fuq bażijiet ta' *data* diġitali rilevanti attwali kif ġej: - is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-istabbiliment/il-ħruġ mis-suq tal-

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
										kumpaniji, l-istabbiliment u l-operat ta' postijiet tax-xogħol - l-introduzzjoni ta' Punt Uniku ta' Servizz għal-liċenzji/l-awtorizzazzjonijiet/iċ-ċertifikazzjonijiet - l-integrazzjoni tal-bidliet leġiżlattivi dwar l-effiċjenza u t-trasparenza tal-kontrolli fuq l-attività tan-negozji - it-trasparenza tal-ġbir tal-fondi u l-ġestjoni tal-fondi għall-benefiċċju tad-detenturi tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati tagħhom - stimulazzjoni tal-kompetittività tal-ambjent tan-negozju, biex jiġu żgurati t-trasparenza leġiżlattiva, it-tneħħija tal-burokrazija u s-simplifikazzjoni proċedurali - l-integrazzjoni tas-servizzi ddedikati għall-impjegaturi u l-impjiegi - l-obbligi ta' simplifikazzjoni u d-dispożizzjonijiet legali f'termini ta' arkivjar.
247	Investiment 2.1, Strumenti finanzjarji għas-settur privat -	Stadju importanti	L-iffirmar tal-ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-	Ftehim iffirmat				Q4	2021	L-iffirmar tal-Ftehim ta' Kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern Rumen, inkluż: . Konformità mal-Gwida Teknika

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
	Garanzija tal-portafoll għar-reżiljenza		Kummissjoni Ewropea u l-Gvern Rumen.							"La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) għat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu tal-verifika tas-sostenibbiltà u l-lista ta' esklużjoni. . Kriterji biex jiġi żgurat li l-istrument finanzjarju jkun konformi man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 (SWD (2021) 12 final) relatata mal-istrumenti finanzjarji. Meta jitqies li l-istrument propost għandu jiġi implimentat bħala kontribuzzjoni għal InvestEU (Kompartiment ta' SM jew żieda ta' prodott eżistenti taħt il-Kompartiment tal-UE), il-punti (a) u (b) imsemmija hawn fuq għandhom jiġu żgurati permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' InvestEU u l-politika ta' self u l-kriterji ta' esklużjoni tas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni magħżul. L-esklużjonijiet addizzjonali meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti"

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
										(2021/C58/01) għandhom jiġu speċifikati fil-ftehim ta' garanzija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). L-istrument finanzjarju jieħu l-forma ta' garanzija tal-portafoll, implimentata mill-FEI, u jwassal finanzi u investimenti lill-SMEs b'massimu ta' 249 impjegat, lill-kumpaniji b'sa 500 impjegat, u individwi ("benefiċjarji") permezz ta' kapital operatorju, linji ta' kreditu, self għall-investiment, jew lokazzjoni. L-istrument finanzjarju għandu jindirizza l-ostakli attwali li jiffaċċjaw l-intrapriżi Rumeni fl-aċċess għal finanzjament, jiġifieri: żieda fil-kost tal-finanzjament, nuqqas ta' kollateral u kanali ta' kreditu indeboliti. B'mod partikolari, l-istrument għandu jimmira lejn l-isfidi ta' likwidità/solvenza li jiffaċċjaw l-intrapriżi minħabba l-inabbiltà tagħhom li jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħhom li jirriżultaw mit-tnaqqis sinifikanti temporanju fid-dħul tagħhom, minħabba l-kriżi tal-COVID-19. F'dan il-kuntest, l-istrument għandu

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
										jitfassal biex itejjeb l-aċċess għall-finanzi u jagħti ħajja ġdida lill-kanali ta' self imblukkati matul u wara l-kriżi tal-COVID-19 billi jappoġġa l-investimenti jew il-ħtiġijiet ta' kapital operatorju tal-intrapriżi. Huwa mistenni li mill-inqas 1 500 benefiċjarju għandhom jiġu appoġġati taħt l-istrument. L-istruttura tal-istrument għandha tippermetti l-provvediment ta' fondi privati. Kwalunkwe redditu għall-istrument finanzjarju, inkluż minn ripagamenti, kif ukoll profitti miksuba permezz tal-użu ta' fondi tal-RRF, nieqes ir-remunerazzjoni tal-maniġer tal-fond u tal-intermedjarji finanzjarji, għandhom jintużaw għall-istess għanijiet tal-politika, inkluż wara l-2026.
248	Investiment 2.1, Strumenti finanzjarji għas-settur privat - Garanzija tal-portafoll għar-reżiljenza	Mira	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal mill-inqas		Perċentwal (%)	0	50	Q2	2023	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal mill-inqas 50 % tal-ammont totali tar-riżorsi allokati għall-istrument, skont ir-rekwiżiti speċifikati fl-istadju 247, approvati mill-Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
			50 % tal-ammont totali ta' riżorsi allokati għall-istrument, approvati mill-Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU.							
249	Investiment 2.1, Strumenti finanzjarji għas-settur privat - Garanzija tal-portafoll għar-reżiljenza	Mira	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tar-riżorsi allokati għall-istrument, approvati mill-Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU.		Perċentwal (%)	50	100	Q2	2024	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' riżorsi allokati għall-istrument, skont ir-rekwiżiti speċifikati fl-istadju 247, approvati mill-Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU
250	Investiment 2.2, Strumenti finanzjarji għas-settur privat -	Stadju importanti	L-iffirmar tal-ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-	Ftehim iffirmat				Q4	2021	L-iffirmar tal-Ftehim ta' Kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern Rumen, inkluż: a. Il-kriterji tal-għażla għall-konformità

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
	Garanzija tal-Portafoll għal Azzjoni Klimatika		Kummissjoni Ewropea u l-Gvern Rumen.							mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, u lista ta' esklużjoni. b. Kriterji biex jiġi żgurat li l-istrument finanzjarju jkun konformi man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 (SWD (2021) 12 final) relatata mal-istrumenti finanzjarji. Meta jitqies li l-istrument propost għandu jiġi implimentat bħala kontribut għal InvestEU (iż-żieda potenzjali ta' prodott eżistenti taħt il-Kompartiment tal-UE), il-punti (a), u (b) imsemmija hawn fuq għandhom jiġu żgurati permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet InvestEU u l-politika ta' self u l-kriterji ta' esklużjoni tas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni magħżul. L-esklużjonijiet addizzjonali meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) għandhom jiġu speċifikati fil-ftehim ta' garanzija

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
										bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). L-istrument finanzjarju jieħu l-forma ta' garanzija tal-portafoll, implimentata mill-FEI, u jwassal finanzi u investimenti lill-SMEs b'massimu ta' 249 impjegat, kumpaniji b'massimu ta' 500 impjegat, u individwi ("benefiċjarji") permezz ta' kapital operatorju, linji ta' kreditu, self għall-investiment, jew lokazzjoni, immirati lejn investimenti u finanzjament għal titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-intrapriżi u s-settur residenzjali u tal-bini. Huwa mistenni li mill-inqas 250 benefiċjarju għandhom jiġu appoġġati taħt l-istrument. L-għan tal-istrument għandu jkun li jindirizza l-isfidi attwali tar-Rumanija fl-appoġġ għall-investimenti fis-setturi tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli. L-għanijiet speċifiċi u l-ambizzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika tal-istrument, kif ukoll l-istruttura u l-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom ikunu allinjati bis-sħiħ u jikkorrispondu ma' dawk tal-istrument

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
										tal-Kompartiment tal-UE InvestEU, li bħalissa qed jiġi żviluppat. L-istruttura tal-istrument għandha tippermetti l-provvediment ta' fondi privati. Kwalunkwe redditu għall-istrument finanzjarju, inkluż minn ripagamenti, kif ukoll profitti miksuba permezz tal-użu ta' fondi tal-RRF, nieqes ir-remunerazzjoni tal-maniġer tal-fond u tal-intermedjarji finanzjarji, għandhom jintużaw għall-istess għanijiet tal-politika, inkluż wara l-2026.
251	Investiment 2.2, Strumenti finanzjarji għas-settur privat - Garanzija tal-Portafoll għal Azzjoni Klimatika	Mira	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal mill-inqas 50 % tal-ammont totali tar-riżorsi allokati għall-istrument, approvati mill-		Perċentwal (%)	0	50	Q2	2023	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal mill-inqas 50 % tal-ammont totali tar-riżorsi allokati għall-istrument, skont ir-rekwiżiti speċifikati fl-istadju 250, approvati mill-Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
			Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU.							
252	Investiment 2.2, Strumenti finanzjarji għas-settur privat - Garanzija tal-Portafoll għal Azzjoni Klimatika	Mira	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' riżorsi allokati għall-istrument, approvati mill-Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU.		Perċentwal (%)	50	100	Q2	2024	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' riżorsi allokati għall-istrument, skont ir-rekwiżiti speċifikati fl-istadju 250, approvati mill-Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU
253	Investiment 2.3, Strumenti finanzjarji għas-settur privat - Fond ta' Kapital ta' Riskju għall-Irkupru	Stadju importanti	L-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-Fond Ewropew tal-Investiment u l-Gvern Rumen għall-ħolqien	Ftehim iffirmat				Q4	2021	L-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-Fond Ewropew tal-Investiment u l-Gvern Rumen, u l-adozzjoni tal-politika ta' investiment tal-Fond. Din tal-aħħar għandha: - tiġi adottat mill-korpi governattivi tal-istrument finanzjarju; - tkun konformi man-Nota ta' Gwida tal-

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
			tal-Fond ta' Kapital ta' Riskju għall-Irkupru ("il-Fond") u l-adozzjoni tal-politika ta' investiment tal-Fond.							Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 (SWD (2021) 12 final) relatata mal-istrumenti finanzjarji; - tinkludi kriterji tal-għażla biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni, ir-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali; - tinkludi r-rekwiżit għall-benefiċjarji li jkunu kisbu aktar minn 50 % tad-dħul tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti minn attivitajiet jew assi fil-lista ta' esklużjoni biex jadottaw u jippubblikaw il-pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika. Il-Fond għandu jipprovdi l-appoġġ tal-istrumenti finanzjarji (ekwità) għall-SMEs, il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, inklużi n-negozji ġodda, il-kumpaniji fi stadji bikrija u avvanzati ta' tkabbir, u proġetti ta' infrastruttura ffukati fuq l-enerġija rinnovabbli u l-

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
										effiċjenza enerġetika. L-appoġġ għandu jingħata permezz ta' fondi ta' kapital ta' riskju u fondi ta' infrastruttura. L-għadd fil-mira ta' benefiċjarji għandu jkun ta' 100. Il-ġestjoni tal-Fond għandha tiġi fdata f'idejn il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). Għandu jiġi stabbilit Kumitat tal-Investiment li jkun responsabbli mill-approvazzjoni ta' operazzjonijiet ma' intermedjarji kif propost mill-maniġer tal-fond (FEI) abbażi tal-ħtiġijiet tas-suq u b'mod miftuħ u konformi mas-suq. It-tariffi tal-ġestjoni tal-FEI jinkludu l-element tal-prestazzjoni. L-istruttura tal-Fond għandha tippermetti li jiġu ppreovduti fondi privati. Kwalunkwe redditu għall-Fond jew għall-istrumenti finanzjarji, inkluż minn ripagamenti, kif ukoll profitti miksuba permezz tal-użu tal-fondi tal-RRF, nieqes ir-remunerazzjoni tal-maniġer tal-fond u l-intermedjarji finanzjarji, għandhom jintużaw għall-istess għanijiet ta' politika, inkluż wara l-2026.
254	Investiment 2.3,	Stadju	L-	Il-Kumitat tal-	Perċentw	0	50	Q4	2024	L-operazzjonijiet ta' finanzjament jew

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
	Strumenti finanzjarji għas-settur privat - Fond ta' Kapital ta' Riskju għall-Irkupru	importanti	operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 50 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew investiment fil-mira approvati mill-Kumitat tal-Investiment.	Investiment għandu japprova mill-inqas 50 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew investiment fil-mira	al (%)					ta' investiment li jammontaw għal 50 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew tal-investiment fil-mira approvati mill-Kumitat tal-Investiment, skont ir-rekwiżiti speċifikati fl-istadju 253.
255	Investiment 2.3, Strumenti finanzjarji għas-settur privat - Fond ta' Kapital ta' Riskju għall-Irkupru	Stadju importanti	L-operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' finanzjament	Il-Kumitat tal-Investiment għandu japprova 100 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew ta' investiment fil-mira	Perċentwal (%)	50	100	Q2	2026	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew investiment fil-mira approvati mill-Kumitat tal-Investiment, skont ir-rekwiżiti speċifikati fl-istadju 253, sat-30 ta' Ġunju 2026.

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
			jew investiment fil-mira approvati mill-Kumitat tal-Investiment.							
256	Investiment 2.4, Strumenti finanzjarji għas-settur privat - Fond għad-diġitalizzazzjoni, l-azzjoni klimatika, u oqsma oħra ta' interess	Stadju importanti	L-istabbiliment tal-istrument finanzjarju ("il-Fond"), u l-adozzjoni tal-politika ta' investiment tal-Fond.					Q1	2022	L-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Gvern Rumen, u l-adozzjoni tal-politika ta' investiment tal-Fond. Din tal-aħħar għandha: - tiġi adottata mill-korpi governattivi tal-istrument finanzjarju; - tkun konformi man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 (SWD (2021) 12 final) relatata mal-istrumenti finanzjarji; - tinkludi kriterji tal-għażla biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali; - tinkludi l-impenn biex jiġu investiti

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
										mill-inqas 33 % tal-fondi li jappoġġaw it-tranżizzjoni klimatika u 16 % tal-fondi li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali, bl-użu tal-metodoloġija tal-Annessi VI u VII tar-Regolament RRF. Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ permezz ta' strumenti finanzjarji (tad-dejn) lil mill-inqas 25 kumpanija kbira (b'aktar minn 500 impjegat u/jew fatturat annwali li jaqbeż il-EUR 50 miljun u t-total tal-karta bilanċjali annwali li jaqbeż it-EUR 43 miljun), entitajiet pubbliċi u entitajiet bi skop speċjali, permezz ta' investimenti li jikkontribwixxu għall-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, kif ukoll investimenti fid-diġitalizzazzjoni u l-assi fissi, bil-għan li jiġi xprunat ammont akbar ta' investiment li jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi u diġitali mill-kumpaniji fil-mira u li jiġi xprunat ukoll it-tkabbir u l-espansjoni ta' kumpaniji, li bħala konsegwenza joħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg u jappoġġaw rkupru ekonomiku usa'. L-ammont allokat għall-oqsma ta'

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Bażi linja	Għan	Trimestru	Sena	
										intervent relatati mal-klima, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF, għandu jkun ta' EUR 100 m. L-ammont allokat għall-oqsma ta' intervent relatati mad-diġitalizzazzjoni, f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament RRF, għandu jkun ta' EUR 50 miljun. Il-Fond jista' jinkludi wkoll nefqa ulterjuri relatata mal-klima u d-diġitalizzazzjoni Il-ġestjoni tal-Fond għandha tiġi fdata lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI). Għandu jiġi stabbilit Kumitat tal-Investiment li jinkludi esperti indipendenti, u jkun responsabbli għall-approvazzjoni tal-komponenti relatati mal-għotjiet tal-proġetti tar-riċevituri finali (destinatarji ta' investiment) kif propost mill-maniġer tal-fond (BEI) abbażi tal-ħtiġijiet tas-suq u b'mod miftuħ u konformi mas-suq. L-istruttura tal-Fond għandha tippermetti li jiġu ppreovduti fondi privati. Kwalunkwe redditu għall-Fond jew għall-istrumenti finanzjarji, inkluż minn ripagamenti, kif ukoll profitti miksuba

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi Kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi Kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għall-ikkompletar		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni għall-mobbiltà urbana sostenibbli u l-implimentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli fil-livell sottonazzjonali. Il-leġiżlazzjoni għandha tinkludi miżuri biex tistimula t-tiġdid tal-flotta tat-trasport pubbliku b'vetturi nodfa, iżżid is-sikurezza fit-toroq u tiżgura standards minimi ta' kwalità nazzjonali. Dan jorbot lill-muniċipalitajiet urbani biex jindirizzaw it-tniġġis tal-arja fil-livell tal-belt u taż-żona funzjonali permezz tal-adozzjoni ta' sensiela ta' politiki tat-trasport, bħall-istabbiliment ta' żoni b'emissjonijiet baxxi u inċentivi għall-użu ta' mezzi alternattivi ta' trasport. Fl-aħħar nett, tistabbilixxi linji gwida li l-muniċipalitajiet urbani għandhom isegwu meta jabbozzaw il-Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli, u tinkariga

Korp Nazzjonali *ad hoc* taħt il-Ministeru għall-Iżvilupp, għax-Xogħlijiet Lokali u l-Amministrazzjoni biex jipprovdi appoġġ kif meħtieġ.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026. Kemm il-leġiżlazzjoni kif ukoll l-Entità Nazzjonali li tappoġġa l-abbozzar ta' Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli għandhom ikunu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment 1 Mobbiltà urbana sostenibbli

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżdied l-aċċess għal soluzzjonijiet ta' mobbiltà sostenibbli u sikuri f'żoni urbani u rurali.

L-investiment għandu jtejjeb l-infrastruttura tat-trasport, jiżgura s-sostenibbiltà ambjentali tagħha permezz ta' vetturi ġodda tat-trasport pubbliku b'emissjonijiet żero, jibni 13 200 punti tal-iċċarġjar addizzjonali għall-vetturi elettriċi kif ukoll 1 091 km ta' korsiji għar-roti fil-livell lokali/metropolitan. L-investimenti għandhom jikkonsistu b'mod ugwali f'sistemi ta' trasport intelliġenti u infrastruttura oħra tal-ICT biex tiżdied is-sigurtà fit-toroq, jitnaqqas il-ħin tal-ivvjaġġar u l-konġestjonijiet tat-traffiku. L-investimenti għandhom jikkontribwixxu biex jiżdied is-sehem tal-vjaġġi bl-użu tat-trasport pubbliku lokali b'vetturi b'emissjonijiet żero (il-karozzi tal-linja, trolleybuses li jużaw magni b'emissjonijiet żero jew batteriji, trammijiet) għal 60 % fl-2025 apparagun ta' 45,4 % fl-2019. Bl-istess mod, wara l-implimentazzjoni tal-investimenti fil-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, ir-Rumanija se jkollha t-total ta' mill-inqas 30 000 punt tal-iċċarġjar, iffinanzjati minn diversi sorsi, inkluż il-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-investimenti għandhom ikunu bbażati b'mod ugwali fuq allinjament obbligatorju mal-Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli/mal-Iżvilupp Sostenibbli Integrat/mal-Pjan Urban Ġenerali approvati jew li qed jiġu żviluppati, li jiżguraw kopertura b'servizzi tal-mobbiltà fiż-żona funzjonali u periurbana, l-għoti ta' prijorità u promozzjoni lit-trasport pubbliku fit-traffiku lokali permezz tal-ippjanar ta' rotot preferenzjali u ta' korsiji għall-karozzi tal-linja fuq l-aktar arterji ffrekwentati/ikkonġestjonati, u li jkollhom kuntratt ta' servizz pubbliku ma' operaturi ekonomiċi skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

J.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
288	Riforma 1. Il-ħolqien ta' qafas għal mobbiltà urbana sostenibbli	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-mobbiltà urbana sostenibbli	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv dwar il-mobbiltà urbana sostenibbli				Q4	2022	Il-leġiżlazzjoni għal mobbiltà urbana sostenibbli għandha tinkludi: - miżuri biex jistimulaw it-tiġdid tal-flotta tat-trasport pubbliku b'vetturi nodfa u li jiżguraw standards ta' kwalità nazzjonali minima u aċċess għat-trasport pubbliku; - l-istabbiliment tal-Gwida għall-iżvilupp ta' Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli f'konformità mal-Istrateġija C għall-Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti (2020) 789/2020 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni) u l-valutazzjoni u l-verifika tal-kwalità tal-Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli - dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-muniċipalitajiet urbani jistabbilixxu żoni b'emissjonijiet baxxi, rotot preferenzjali (inklużi l-korsiji għall-karozzi tal-linja) għal

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										trasport pubbliku nadif; - miżuri biex jitnaqqas ir-riskju għas-sikurezza fit-toroq fil-livell urban u miżuri li jippermettu li jiġi limitat l-ispazju għall-karozzi privati u l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki ta' parkeġġ fil-livell lokali; - miżuri li jippermettu l-iżvilupp ta' infrastruttura li tinkoraġġixxi l-użu sikur u sigur tat-trasport pubbliku, tar-roti u tal-mixi; - miżuri li jippermettu l-implimentazzjoni ta' nodi intermodali biex jiġi ffaċilitat it-trasport fiż-żona urbana funzjonali/żona metropolitana. Il-leġiżlazzjoni għandha tiġi żviluppata f'konformità ma': - id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ewropew Nru 1370/2007, ir-Regolament Ewropew dwar is-Sikurezza Ġenerali (GSR) (2019/2144),

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										li għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Lulju 2022; - Il-politika urbana tar-Rumanija li għandha tinkludi dispożizzjonijiet dwar id-densità tal-popolazzjoni (l-iżgurar tal-effiċjenza tas-servizz tat-trasport pubbliku) u dwar l-aċċessibbiltà tal-popolazzjoni għas-servizzi tat-trasport (il-perċentwal tal-popolazzjoni li huwa inqas minn 0,5 km 'il bogħod minn linja tat-trasport pubbliku fejn il-frekwenza massima hija ta' 20 minuta); - l-istandards minimi tas-servizz għat-trasport kollettiv pubbliku għandhom jintlaħqu permezz ta' emendi/żidiet fil-Liġi Nru 92/2007 dwar is-servizzi tat-trasport pubbliċi tal-passiġġieri f'unitajiet amministrattivi u territorjali; - ir-riformi dwar is-sikurezza fit-toroq u l-mobbiltà reġjonali u urbana stabbilita taħt il-komponent tat-trasport

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										sostenibbli (l-istadji 65-68)
289	Riforma 1. Il-ħolqien ta' qafas għal mobbiltà urbana sostenibbli	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ordni ministerjali li tistabbilixxi struttura għall-għoti ta' assistenza teknika għall-iżvilupp ta' Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMPs) stabbiliti u operazzjonali	Dispożizzjoni fl-ordni ministerjali li tindika d-dħul fis-seħħ ta' struttura għall-għoti ta' assistenza teknika għall-iżvilupp ta' SUMPs				Q4	2022	Għandu jinħoloq Korp Nazzjonali taħt is-superviżjoni tal-Ministeru għall-Iżvilupp, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Amministrazzjoni u f'koordinazzjoni mal-ministeri kompetenti bħall-Ministeru tat-Trasport u l-Ministeru tal-Ambjent, u għandu jkun responsabbli biex jappoġġa lill-bliet biex ifasslu Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli u jivvalutaw u jivverifikaw il-kwalità tas-SUMPs. L-amministrazzjoni pubblika ċentrali għandha tappoġġa l-bliet fl-iżvilupp/l-aġġornament tas-SUMPs billi torganizza laqgħat regolari tal-Grupp Nazzjonali dwar l-ottimizzazzjoni tas-SUMPs fir-Rumanija, organizzati mill-Ministeru għall-Iżvilupp, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Amministrazzjoni li għandu ilaqqa' flimkien l-atturi

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										rilevanti (ir-rappreżentanti tal-amministrazzjoni pubblika ċentrali u lokali, l-akkademja, l-ambjent privat, l-NGOs). Il-Ministeru għall-Iżvilupp, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Amministrazzjoni għandu jimplimenta s-Segretarjat tal-Grupp Nazzjonali.
290	Riforma 1. Il-ħolqien ta' qafas għall-mobbiltà urbana sostenibbli	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti kollha tas-servizz pubbliku li jiskadu bejn l-2021 u l-2026 għal 40 kontea	Iffirmar tal-kuntratti				Q2	2026	L-iffirmar tal-kuntratti kollha tas-servizz pubbliku li jiskadu fl-2021-2026 wara proċeduri miftuħa ta' sejħiet għall-offerti fil-livell ta' residenzi tal-kontea, li jirrispettaw l-istandards minimi ta' servizz għat-trasport pubbliku kollettiv fil-livell nazzjonali, sabiex fit-tieni trimestru tal-2026 l-40 belt kapitali tal-kontea jkollhom kollha kuntratti tat-trasport pubbliku.
291	Riforma 1. Il-ħolqien ta' qafas għall-mobbiltà urbana sostenibbli	Mira	It-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja		kt CO_2 eq (is-sena bażi 1990)	266 371	159 8 23	Q2	2026	Il-mira għandha tikkwantifika t-tnaqqis tas-sustanzi li jniġġsu l-arja kif ippjanat fil-Programm Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja. Fil-livell tal-Aġenzija Nazzjonali għall-

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										Ħarsien tal-Ambjent (NEPA), l-Inventarju Nazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Gassijiet Serra huwa amministrat bħala komponent tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE. Il-parametru rigward il-livell storiku ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra użati għandu jkun l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq. Il-mira proposta għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra hija l-mira nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030 , li rispettivament jnaqqsu l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra b'40 %. Fit-total tal-emissjonijiet nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra, fil-livell tal-2019, is-settur tat-trasport domestiku jikkontribwixxi għal madwar 17 %. Il-mira għandha tiġi identifikata wkoll abbażi tan-

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										network ta' punti fissi għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja urbana żviluppat mill-Ministeru tal-Ambjent.
292	Riforma 1. Il-ħolqien ta' qafas għall-mobbiltà urbana sostenibbli	Mira	Tnaqqis ta' 25 % fl-għadd ta' persuni maqtula jew midruba serjament minħabba inċidenti fit-toroq fil-muniċipalitajiet urbani meta mqabbel mas-sena ta' referenza 2019		Perċentwal (%)	100 %	75 %	Q1	2026	Il-mira għandha l-għan li tikkwantifika l-miżuri għat-titjib tas-sikurezza tat-traffiku fl-ambjent urban. Il-mira hija li jitnaqqas b'25 % l-għadd ta' persuni maqtula jew midruba serjament f'inċidenti tat-traffiku fil-muniċipalitajiet urbani fl-2025 meta mqabbla mal-linja bażi tal-2019. Il-mira hija konformi ma' dik stabbilita fl-abbozz tal-aġġornament tal-Istrateġija Nazzjonali dwar is-Sikurezza fit-Toroq, li tipprevedi tnaqqis ta' 50 % fl-għadd ta' persuni midruba serjament jew maqtula b'riżultat ta' inċidenti fit-toroq sal-2030.
293	Riforma 1. Il-ħolqien ta' qafas għall-mobbiltà	Mira	Żieda ta' 20 % fil-volum totali annwali tal-passiġġieri li		L-għadd tal-passiġġieri li	1 763 000 000	2 115 600	Q2	2026	Il-mira tirreferi għaż-żieda ta' 20 % fil-volumi ta' passiġġieri li jużaw it-trasport pubbliku lokali fl-2025 meta mqabbel

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
	urbana sostenibbli		jużaw it-trasport pubbliku lokali fl-2026 meta mqabbel mal-2019		jużaw it-trasport pubbliku lokali					mal-2019. Dan ikun riżultat taż-żieda fl-għadd ta' vetturi maħsuba għat-trasport pubbliku fil-livell lokali, flimkien ma' miżuri li jiskoraġġixxu l-użu tal-vetturi privati,
294	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Stadju importanti	L-iffirmar ta' kuntratti għat-tiġdid tal-flotot tat-trasport pubbliku (l-akkwist ta' vetturi nodfa)	Iffirmar tal-kuntratti				Q4	2022	L-iskema ta' finanzjament għandha tistabbilixxi l-kriterji u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati għall-finanzjament għall-benefiċjarji li għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa għall-proposti miftuħa u trasparenti, li għandha tinkludi fost l-oħrajn l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin: - l-allinjament obbligatorju tal-investimenti mal-Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli/mal-Iżvilupp Sostenibbli Integrat/mal-Pjan Urban Ġenerali approvati jew li qed jiġu żviluppati; - li tiġi żgurata kopertura b'servizzi tal-mobbiltà fiż-żona funzjonali u periurbana.

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										li jiġi żgurat li t-trasport pubbliku jingħata prijorità u promozzjoni fit-traffiku lokali billi jiġu ppjanati rotot preferenzjali u korsiji għall-karozzi tal-linja fuq l-aktar arterji frekwentati/konġestjonati; - li dawn ikollhom kuntratt ta' servizz pubbliku ma' operaturi ekonomiċi skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007; - Il-klassifikazzjoni obbligatorja tal-vetturi mixtrija skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ewropew dwar is-Sikurezza Ġenerali — GSR (2019/2144), li għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Lulju 2022. - Il-kriterji għall-finanzjament ta' vetturi esklużivament b'emissjonijiet żero: karozzi tal-linja, trolleybuses li jużaw magna b'emissjonijiet żero jew batterija, trammijiet, u

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										minibuses. Għandha tingħata prijorità lill-investimenti implimentati f'żoni urbani jew rurali funzjonali.
295	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Mira	Vetturi b'emissjonijiet żero addizzjonali (karozzi tal-linja, trolleybuses li jużaw magna b'emissjonijiet żero jew batterija, trammijiet u minibuses) (għadd ta' vetturi)		Numru	1 618	2 186	Q4	2024	Il-mira tirreferi għall-għadd ta' vetturi addizzjonali b'emissjonijiet żero: karozzi tal-linja, trolleybuses li jużaw magna jew batterija b'emissjonijiet żero, trammijiet li qed jitħaddmu f'żoni urbani u minibuses (li jistgħu jinxtraw għal żoni rurali wkoll).
296	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Mira	Vetturi b'emissjonijiet żero addizzjonali (karozzi tal-linja, trolleybuses li jużaw magna		Numru	2 186	2 753	Q2	2026	Il-mira tirreferi għall-għadd ta' vetturi addizzjonali b'emissjonijiet żero li joperaw f'żoni urbani (ħlief għall-minibuses li jistgħu jinxtraw għal żoni rurali wkoll): L-għadd ta' karozzi tal-linja, trammijiet, trolleybuses li

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
			b'emissjonijiet żero jew batterija, trammijiet u minibuses) (għadd ta' vetturi)							jużaw magna b'emissjonijiet żero jew batterija u minibuses — 1 135 vettura nadifa ġdida b'emissjonijiet tal-egżost żero (200 xarabank, karozzi tal-linja tal-elettriku/tal-idroġenu ta' 12-18 m, 515-il xarabank tal-elettriku/tal-idroġenu ta' 10 m, 50 tramm, 50 trolleybus ta' 12-18 m, 320 minibus tal-elettriku/tal-idroġenu).
297	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Mira	Żieda fis-sehem ta' vjaġġi f'Unitajiet Territorjali Amministrattivi b'servizzi tat-trasport pubbliku lokali li jużaw vetturi b'emissjonijiet żero (karozzi tal-linja, trolleybuses li jużaw magna b'emissjonijiet żero jew batterija,		Perċentwal (%)	45,4 % [2019]	60 %	Q2	2026	Il-mira tirreferi għall-perċentwal ta' vjaġġi bit-trasport pubbliku b'emissjonijiet żero fil-livell lokali mill-vjaġġi totali bit-trasport pubbliku lokali (60 % fl-2025 apparagun ta' 45,4 % fl-2019).

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
			trammijiet) apparagun tal-2019							
298	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Stadju importanti	L-iffirmar ta' kuntratti għall-forniment ta' ITS/infrastruttura oħra tal-ICT	Iffirmar tal-kuntratti				Q4	2022	L-iskema għandha tistabbilixxi l-kriterji u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati għall-finanzjament tal-benefiċjarji li għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa għall-proposti miftuħa u trasparenti, li għandha tinkludi fost l-oħrajn l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin: - Allinjament obbligatorju tal-investimenti mal-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli/mal-Iżvilupp Sostenibbli Integrat/mal-Pjan Urban Ġenerali approvat; - li tiġi żgurata kopertura b'servizzi tal-mobbiltà fiż-żona funzjonali u periurbana. li jiġi żgurat li t-trasport pubbliku jingħata prijorità u promozzjoni fit-traffiku lokali billi jiġu ppjanati rotot preferenzjali u korsiji għall-karozzi tal-linja fuq l-aktar arterji

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										frekwentati/konġestjonati; L-azzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli taħt is-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (f'konformità mal-qasam ta' intervent 076 - Id-diġitalizzazzjoni tat-trasport urban) - Ġestjoni intelliġenti tat-traffiku - Soluzzjonijiet tal-iċċarġjar - Soluzzjonijiet integrati ta' parkeġġ intelliġenti - Ċentri ta' kontroll tat-traffiku - Sistemi ta' twissija għall-adattament tal-veloċità - Sistemi ta' sikurezza għaż-żona tax-xogħol - Sistema ta' dwal tat-traffiku interkonnessa - Monitoraġġ tal-ħinijiet u l-veloċità tal-ivvjaġġar - Sistemi tal-piż f'moviment - Sinjal ta' prijorità għall-użu ta' vetturi ta' emerġenza - Sinjali dinamiċi tal-messaġġi

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										- Pjanifikatur tal-ivvjaġġar għat-trasport pubbliku. - Sistemi integrati ta' informazzjoni għall-passiġġieri Tipi oħra ta' infrastrutturi tal-ICT (fil-bliet u l-muniċipalitajiet) - Il-kunċett ta' Bliet Intelliġenti/Raħal Intelliġenti għandhom ikunu eliġibbli wkoll fir-rigward tal-iżviluppi teknoloġiċi (f'konformità mal-qasam ta' intervent 021ter l-iżvilupp ta' servizzi u faċilitajiet ta' appoġġ speċjalizzati ħafna għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u n-negozji) bħal: - L-użu ta' droni biex jiġu spezzjonati żoni jew sitwazzjonijiet ta' riskju (iż-żoni muntanjużi). - Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sitwazzjoni f'Ħin Reali fil-belt

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										- Sistemi ta' ġestjoni intelliġenti għal sistemi spazjali ekoloġiċi. - L-estensjoni tas-sistema WiFi fi spazji pubbliċi. - Għamara urbana intelliġenti. - Sistema ta' monitoraġġ u sikurezza tal-ispazji pubbliċi. - Valorizzazzjoni tal-objettivi tal-patrimonju permezz tad-diġitizzazzjoni jew tar-rikostruzzjoni diġitali - Punt uniku ta' servizz għan-negozju. - Pjattaforma biex tattira l-investimenti. - Pjattaforma għall-komunikazzjoni maċ-ċittadini u għall-iffurmar ta' inizjattivi komunitarji - Ċentri ta' innovazzjoni tal-komunità lokali - L-iżvilupp jew il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. - Id-diġitalizzazzjoni tas-

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										sistema edukattiva. - Bażijiet tad-*data* metropolitani tas-Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika - Pjattaforma tad-*data* miftuħa - Impjegat taċ-ċivil virtwali. - Servizzi tal-"cloud" - Pjattaforma tas-Servizz Pubbliku Diġitali. - Sistemi ta' reġistrazzjoni u ta' ħruġ ta' dokumenti - Ċentru tad-*data* urban u monitoraġġ f'ħin reali tal-istat tal-belt. - App tal-belt (applikazzjoni li tinforma liċ-ċittadini u tidentifika problemi fil-livell lokali). - Ħlas online tat-taxxi. - Sistema tal-ippjanar online — sit web li jippermetti li ċ-ċittadini jiġu kkodifikati online minn diversi APL desks. - Kjoskijiet ta' informazzjoni tas-servizz pubbliku. - Pjattaforma online u/jew

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										applikazzjoni mobbli biex jiġi mmappjat il-konsum tal-enerġija fil-livell tal-viċinat jew tal-belt. - Grilja tal-elettriku intelliġenti li tista' tintuża f'żoni differenti ta' akkomodazzjonijiet kollettivi (Grilja Intelliġenti). - Awtomatizzazzjoni tas-sistemi ta' irrigazzjoni għall-ispazju ekoloġiku - Infrastruttura tas-sanità "intelliġenti". - Monitoraġġ f'ħin reali tal-istat tal-infrastruttura teknika u muniċipali u l-konsum.
299	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Mira	Unitajiet Territorjali Amministrattivi b'sistemi żviluppati/estiżi, operattivi — Sistemi Intelliġenti tat-Trasport u tal-e-Biljetti/infrastrutturi oħra tal-ICT		Numru	0	246	Q4	2024	L-għadd ta' Unitajiet Territorjali Amministrattivi b'sistemi żviluppati/estiżi, operattivi — Sistemi Intelliġenti tat-Trasport u tal-e-Biljetti/infrastrutturi oħra tal-ICT, f'konformità mar-rekwiżiti taħt l-istadju 298

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
300	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Mira	Unitajiet Territorjali Amministrattivi b'sistemi żviluppati/estiżi, operattivi — Sistemi Intelliġenti tat-Trasport u tal-e-Biljetti/infrastrutturi oħra tal-ICT)		Numru	246	491	Q2	2026	L-għadd ta' Unitajiet Territorjali Amministrattivi b'sistemi żviluppati/estiżi, operattivi — Sistemi Intelliġenti tat-Trasport u tal-e-Biljetti/infrastrutturi oħra tal-ICT, f'konformità mar-rekwiżiti taħt l-istadju 298.
301	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Stadju importanti	Iffirmar ta' kuntratti għall-bini ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi	Iffirmar tal-kuntratti				Q4	2022	L-iskema għandha tistabbilixxi l-kriterji u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati għall-finanzjament tal-benefiċjarji li għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa għall-proposti miftuħa u trasparenti, li għandha tinkludi fost l-oħrajn l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin: - l-allinjament obbligatorju tal-investimenti mal-Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli/mal-Iżvilupp Sostenibbli Integrat/mal-Pjan Urban Ġenerali approvati jew li qed jiġu żviluppati;

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										- li tiġi żgurata kopertura b'servizzi tal-mobbiltà fiż-żona funzjonali u periurbana. li jiġi żgurat li t-trasport pubbliku jingħata prijorità u promozzjoni fit-traffiku lokali billi jiġu ppjanati rotot preferenzjali u korsiji għall-karozzi tal-linja fuq l-aktar arterji frekwentati/konġestjonati; - li jkollhom kuntratt ta' servizz pubbliku ma' operaturi ekonomiċi skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. Sal-2026, il-bliet b'sede f'kontea (inkluż kull settur f'Bucharest) għandhom jiżguraw l-iżvilupp ta' mill-inqas 40 punt tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi aċċessibbli għall-pubbliku/għall-Unità Territorjali Amministrattiva.

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
302	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Mira	Punti tal-iċċarġjar addizzjonali għall-vetturi elettriċi		Numru	0	6 600 tunnel lata	Q4	2024	Mira intermedjarja għall-għadd ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, operattiva.
303	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Mira	Għadd addizzjonali ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi		Numru	6 600 tunnellata	13 200 tunnel lata	Q2	2026	L-għadd ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, operattivi.
304	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Stadju importanti	L-iffirmar ta' kuntratti għall-investimenti fl-infrastruttura taċ-ċikliżmu fil-livell lokali/metropolitan	Iffirmar tal-kuntratti				Q4	2022	L-iskema għandha tistabbilixxi l-kriterji u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati għall-finanzjament tal-benefiċjarji li għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa għall-proposti miftuħa u trasparenti, li għandha tinkludi fost l-oħrajn l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin: - l-allinjament obbligatorju tal-investimenti mal-Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli/mal-Iżvilupp Sostenibbli Integrat/mal-Pjan Urban Ġenerali approvati jew li qed jiġu żviluppati; - l-iżgurar ta' rotot preferenzjali għal trasport

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										pubbliku nadif għal toroq pubbliċi li jkollhom mill-inqas tliet korsiji f'kull direzzjoni (kundizzjoni li hija valida biss għal Unitajiet Territorjali Amministrattivi b'toroq pubbliċi li jkollhom mill-inqas tliet korsiji f'kull direzzjoni)
305	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Mira	Korsiji operattivi għar-roti (km) f'livell lokali/metropolitan		Kilometri (km)	0	546	Q4	2024	It-tul tal-korsiji operattivi għar-roti (km) inklużi l-miżuri tas-sikurezza fit-toroq, f'konformità mar-rekwiżiti tal-istadju 304.
306	Investiment 1. Mobbiltà urbana sostenibbli	Mira	Korsiji operattivi għar-roti (km) f'livell lokali/metropolitan		Kilometri (km)	546	1 091 tunnellata	Q2	2026	It-tul tal-korsiji kompluti u operattivi għar-roti (km), inklużi l-miżuri tas-sikurezza fit-toroq, f'konformità mar-rekwiżiti tal-istadju 304.

J.3. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għas-self

Riforma 2: Il-ħolqien ta' qafas ta' politika għal trasformazzjoni urbana sostenibbli

L-objettiv tar-riforma huwa li tippermetti lin-nies li jgħixu f'żoni urbani, inklużi dawk ta' komunitajiet marġinali/periferali, aċċess akbar għal servizzi ta' kwalità bħall-mobbiltà, l-akkomodazzjoni u servizzi pubbliċi oħrajn mogħtija fil-livell lokali.

Ir-riforma tiddefinixxi l-qafas li permezz tiegħu ċ-ċentri urbani u ż-żoni periurbani għandhom jikkoordinaw sabiex itejbu l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi ta' kwalità u integrati u jtejbu l-istandards tal-għajxien taċ-ċittadini tagħhom. Iż-żewġ pilastri ewlenin tar-riforma huma l-Att dwar iż-Żoni Metropolitani u l-Qafas ta' Politika Urbana tar-Rumanija. L-Att jiddefinixxi iż-żoni urbani funzjonali u r-responsabbiltajiet ewlenin tagħhom (jiġifieri l-mobbiltà, l-akkomodazzjoni u l-ippjanar spazjali); jistabbilixxi l-korpi għat-tmexxija u l-koordinazzjoni ta' inizjattivi ta' politika u l-investimenti f'livell urban funzjonali; jiżgura l-kapaċità fiskali tagħhom permezz ta' sorsi baġitarji trasparenti u prevedibbli; u jippermetti l-akkwist konġunt għall-forniment ta' oġġetti u servizzi f'livell urban funzjonali. Il-qafas jirfed l-istabbiliment ta' żoni urbani funzjonali u jkompli jiddefinixxi ir-responsabbiltajiet esklużivi fil-livell lokali kif ukoll dawk li huma kondiviżi mal-livell ċentrali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026. L-Att dwar iż-Żoni Metropolitani u l-Qafas ta' Politika Urbana tar-Rumanija għandhom jiġu approvati u jidħlu fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2022 u sal-31 ta' Diċembru 2022, rispettivament.

Riforma 3: Il-ħolqien ta' qafas ta' politika għal trasformazzjoni rurali sostenibbli: l-istabbiliment ta' konsorzji amministrattivi f'żoni rurali funzjonali

L-objettiv tar-riforma huwa li tippermetti lin-nies li jgħixu f'żoni rurali, inklużi dawk f'komunitajiet marġinali/periferali, aċċess akbar għal servizzi ta' kwalità bħall-mobbiltà, l-akkomodazzjoni u servizzi pubbliċi oħra mogħtija fil-livell lokali.

Ir-riforma għandha l-għan li tintegra l-politika u t-twassil tas-servizzi fl-unitajiet territorjali amministrattivi rurali sabiex ittejjeb il-benesseri f'żoni inqas densi[48]. B'mod partikolari, l-emendi fil-Kodiċi Amministrattiv għandhom jippermettu l-istabbiliment ta' konsorzji amministrattivi f'żoni rurali funzjonali li huma unitajiet amministrattivi rurali ġirien li huma ekonomikament u soċjalment integrati u li jiffaċċjaw sfidi u opportunitajiet simili għall-iżvilupp tagħhom (bħall-prossimità għar-riżorsi naturali komuni, l-esponiment għall-istess xokkijiet strutturali). Barra minn hekk, l-emendi għandhom jiddefinixxu r-reġim u r-responsabbiltajiet ġudizzjarji taż-żoni rurali funzjonali; jistabbilixxu korpi għat-tmexxija u l-koordinazzjoni ta' inizjattivi ta' politika u investimenti f'livell ta' żoni rurali funzjonali; jiżguraw il-kapaċità fiskali tagħhom permezz ta' sorsi baġitarji trasparenti u prevedibbli; u jippermettu l-integrazzjoni diġitali sħiħa tas-servizzi pubbliċi mogħtija mill-unitajiet amministrattivi, inkluż l-użu ta' akkwist konġunt għall-forniment ta' oġġetti u servizzi, f'livell ta' żona rurali funzjonali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026. L-emendi fil-Kodiċi Amministrattiv li jippermettu l-ħolqien ta' konsorzji amministrattivi f'żoni rurali funzjonali għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2022.

[48] L-unitajiet amministrattivi territorjali huma definiti bħala "rurali" skont il-"Manwal metodoloġiku dwar it-tipoloġiji territorjali — l-edizzjoni tal-2018" (magħrufa wkoll bħala l-metodoloġija DEGURBA) jew il-klassifikazzjoni mtejba tar-reġjuni żgħar mill-OECD (Fadic, M., et al. (2019), "L-ikklassifikar tar-reġjuni żgħar (TL3) ibbażat fuq il-popolazzjoni metropolitana, id-densità baxxa u d-distanza", Dokumenti ta' Ħidma tal-OECD dwar l-Iżvilupp Reġjonali, Nru 2019/06, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, https://doi.org/10.1787/b902cc00-en).

Riforma 4: Titjib fil-kwalità tal-akkomodazzjonijiet

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li titnaqqas il-privazzjoni gravi ta' akkomodazzjonijiet għall-kategoriji u l-gruppi vulnerabbli, speċjalment għall-persuni f'komunitajiet emarġinati f'żoni urbani u rurali.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Akkomodazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha, inkluż permezz tal-użu ta' mekkaniżmi bħal żoni metropolitani u konsorzji amministrattivi. Bl-istess mod, dawn id-dokumenti għandhom ikunu akkumpanjati minn immappjar tal-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni speċjalment f'komunitajiet u gruppi emarġinati, inklużi insedjamenti informali f'żoni urbani u rurali. Ir-riforma għandha tiżgura l-komplementarjetà mal-investimenti taċ-Ċentri Komunitarji Integrati eżistenti jew futuri (jiġifieri l-għoti ta' servizzi bażiċi edukattivi, soċjali u tal-kura tas-saħħa) iffinanzjati mill-FSE+ u l-Politika ta' Koeżjoni futura, u ma għandhiex twassal għal segregazzjoni soċjali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026. L-att leġiżlattiv biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Akkomodazzjoni u tal-Pjan ta' Azzjoni għandu jiġi adottat u jidħol fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma 5: Żvilupp tas-sistema tal-ippjanar — Kodiċi tal-Ippjanar Spazjali, l-Ippjanar Urban u l-Kostruzzjoni

L-objettiv tar-riforma huwa li ttejjeb l-ippjanar territorjali ġenerali permezz ta' dokumenti u proċeduri tal-ippjanar spazjali simplifikati u diġitalizzati, aktar aċċess u trasparenza tad-dokumenti tal-ippjanar spazjali u territorjali, u żieda fl-użu ta' soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija u sostenibbli fil-kostruzzjoni.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi tal-Ippjanar Spazjali għall-Ippjanar Urban. Il-kodiċi għandu jimplimenta s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-mod kif il-pjanijiet spazjali u dawk urbani ġenerali jiġu rrappurtati, aġġornati u trasposti fis-Sistemi ta' Informazzjoni Ġeografika kif ukoll miżuri biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u titjieb il-kwalità tal-arja, permezz ta' standards vinkolanti tal-kostruzzjoni fl-unitajiet territorjali amministrattivi kollha u fiż-żoni urbani u rurali funzjonali. Il-kodiċi għandu ugwalment jinkludi dispożizzjonijiet fid-dokumenti aġġornati tal-ippjanar urban li għandhom l-għan li jnaqqsu l-ħin u d-distanza tal-ivvjaġġar għall-popolazzjoni f'żoni urbani u rurali funzjonali. Pjattaforma tad-*data* ġdida, bħala parti mill-Osservatorju Territorjali, għandha tiċċentralizza mapep standardizzati u diġitalizzati u dokumenti strateġiċi li huma l-bażi tal-proċess tal-ippjanar urban u tipprovdi aċċess pubbliku għall-pjanijiet kollha, kif ukoll id-dokumenti tal-ippjanar spazjali u territorjali l-aktar reċenti.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026. Il-kodiċi tal-Ippjanar Spazjali, l-Ippjanar Urban u l-Kostruzzjoni għandu jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2022 u sat-30 ta' Ġunju 2023 għandha tkun operattiva pjattaforma tad-*data* operattiva li tippermetti aċċess diġitali sħiħ għad-dokumenti tal-ippjanar spazjali u territorjali, bħala parti mill-Osservatorju Territorjali.

Investiment 2, Il-bini ta' akkomodazzjonijiet għaż-żgħażagħ u għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżdied l-aċċess għall-akkomodazzjoni ta' kwalità għaż-żgħażagħ fil-bżonn u l-professjonisti fil-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni li jipprovdu dawn is-servizzi f'komunitajiet emarġinati u għal gruppi emarġinati.

L-investiment għandu jikkonsisti fil-bini ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni ġodda għaż-żgħażagħ minn komunitajiet u gruppi vulnerabbli f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-

Istrateġija Nazzjonali dwar l-Akkomodazzjoni u tal-Pjan ta' Azzjoni u għandu jkun akkumpanjat minn miżuri biex titrawwem l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tal-gruppi fil-mira. Id-djar għandhom jinbnew b'mod ugwali għall-professjonisti tas-saħħa u tal-edukazzjoni f'żoni urbani u rurali fejn komunitajiet u gruppi emarġinati qed jgħixu u fejn qabel ġew identifikati nuqqasijiet fl-għoti ta' servizzi edukattivi u tal-kura tas-saħħa. L-akkomodazzjonijiet mibnija ġodda għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit tal-bini b'użu ta' enerġija kważi żero skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 3, Ir-rijabilitazzjoni moderna ta' binjiet pubbliċi biex jitjieb it-twassil tas-servizz pubbliku minn unitajiet territorjali amministrattivi

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb it-twassil tas-servizzi pubbliċi lokali. L-investiment jiffinanzja r-rinnovazzjoni moderata tal-binjiet pubbliċi fil-livell lokali. Dan jikkonċerna biss dawk il-binjiet pubbliċi fil-bliet u l-muniċipalitajiet li huma maħsuba biex jingħataw servizzi pubbliċi liċ-ċittadini (eż. il-binjiet tal-kunsilli lokali, il-binjiet tas-servizzi soċjali). L-investiment għandu jikkonsisti fir-rinnovazzjoni ta' 1 306 818-il metru kwadru ta' superfiċe f'binjiet pubbliċi eliġibbli. Ir-rinnovazzjoni mistennija twassal għal tnaqqis ta' 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja, kif muri miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 4, Żvilupp/aġġornament fil-format tal-GIS fid-dokumenti tal-ippjanar spazjali u tal-ippjanar urban

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżdied l-aċċess diġitali għad-dokumenti tal-ippjanar spazjali u urban.

L-investiment jiffinanzja l-iżvilupp jew l-aġġornament tad-dokumenti tal-ippjanar spazjali u tal-ippjanar urban, inklużi l-pjanijiet ta' mobilità urbana sostenibbli. Id-dokumentazzjoni kollha għandha tiġi żviluppata f'format diġitali skont il-Kodiċi tal-Ippjanar Spazjali, l-Ippjanar Urban u l-Kostruzzjoni u vvalidata mill-korp ta' appoġġ nazzjonali. Id-dokumentazzjoni għandha tittella' fuq il-pjattaforma tal-Osservatorju Territorjali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

J.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tas-self

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
307	Riforma 2. Il-ħolqien ta' qafas ta' politika għal trasformazzjoni urbana sostenibbli — il-Politika Urbana tar-Rumanija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar iż-Żoni Metropolitani	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar iż-Żoni Metropolitani				Q2	2022	L-att dwar iż-Żoni Metropolitani għandu: - jiddefinixxi l-kriterji għad-delimitazzjoni taż-żoni metropolitani u l-kompetenzi ta' politika tiegħu, jiġifieri: il-mobbiltà, l-ippjanar spazjali, l-iżvilupp urban, l-akkomodazzjoni, u servizzi pubbliċi oħra mogħtija fil-livell lokali li jindirizzaw fost l-oħrajn, problemi oħra ta' komunitajiet marġinali/periferali, inklużi l-insedjamenti informali; - jistabbilixxi korp ta' koordinazzjoni fil-livell taż-żona metropolitana biex imexxi u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-politiki u l-investimenti fl-unitajiet territorjali amministrattivi li jappartjenu għaż-żona metropolitana, bil-għan li

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										jittejbu l-konnettività, l-ippjanar spazjali, l-iżvilupp ta' infrastruttura ekoloġika u l-aċċess għall-impjiegi, is-servizzi tas-saħħa u l-edukazzjoni, inkluż għal persuni f'żoni żvantaġġati/f'periferiji u wkoll biex jiġu żgurati aktar opportunitajiet ekonomiċi għal insedjamenti fiż-żona periurbana madwar il-qalba urbana, - jiżgura qafas trasparenti u prevedibbli (inklużi kriterji, metodoloġija) biex jiġi kostitwit il-baġit ta' kull żona metropolitana, ibbażat fuq il-kontribuzzjonijiet mill-unitajiet amministrattivi li jiffurmaw iż-żona urbana funzjonali u, fejn meħtieġ, minn trasferimenti mill-gvern ċentrali permezz ta'

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										programmi ta' żvilupp nazzjonali, iffinanzjati annwalment mill-baġit tal-Istat, abbażi ta' kriterji ta' prestazzjoni marbutin mal-objettivi ta' politika segwiti fil-livell ta' kull żona metropolitana, li jippermettu l-akkwist konġunt għall-forniment ta' oġġetti u servizzi f'livell ta' żona funzjonali
308	Riforma 2. Il-ħolqien ta' qafas ta' politika għal trasformazzjoni urbana sostenibbli	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Gvern li tistabbilixxi l-Qafas ta' Politika Urbana tar-Rumanija	Dispożizzjoni fid-Deċiżjoni tal-Gvern li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Qafas ta' Politika Urbana tar-Rumanija				Q4	2022	Id-Deċiżjoni tal-Gvern għandha: - tiddefinixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u lokali biex tiġi implimentata l-Politika Urbana Rumena - tintegra l-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli, inkluż billi tinforza soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, fid-dokumenti tal-ippjanar

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										urban - tagħmel operattivi l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni mnisslin mill-objettivi prijoritarji tal-Politika Urbana Rumena (jiġifieri l-mobbiltà mtejba, l-ippjanar spazjali mtejjeb, il-kundizzjonijiet imtejba tal-akkomodazzjonijiet, is-servizzi pubbliċi lokali għal komunitajiet emarġinati/periferali u aċċess għat-trasport pubbliku) - tistabbilixxi mekkaniżmu ta' finanzjament stabbli u prevedibbli għall-implimentazzjoni tal-politika urbana - tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni lokali billi tixpruna proġetti ta' żvilupp urban sostenibbli proposti fil-livell taż-żoni urbani funzjonali u allinjati mal-Pjanijiet ta' Żvilupp Urban

Seq. Num.	Mizura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										Integrat Sostenibbli.
309	Riforma 2. Il-ħolqien ta' qafas ta' politika għal trasformazzjoni urbana sostenibbli	Mira	Żieda fil-kwalità tal-ħajja fiż-żoni urbani		Perċentwal (%)	30,7 %	40 %	Q2	2026	Il-mira tirreferi għal żieda fil-kwalità tal-ħajja f'żoni urbani b'10 p.p. (jiġifieri żieda fil-perċentwal ta' persuni li jwieġbu pożittivament għad-dikjarazzjoni "jien inħossni sodisfatt li ngħix fil-belt: naqbel perfettament"), mill-Q2 tal-2020 (bħala linja bażi) sal-Q2 tal-2026, imkejla bl-użu ta' metodoloġija simili għal dik użata għall-istħarriġ dwar il-Kwalità tal-ħajja fil-bliet Ewropej. L-istħarriġ għandu jitwettaq minn fornitur estern.
310	Riforma 3. Il-ħolqien ta' qafas ta' politika għal trasformazzjoni rurali sostenibbli: l-istabbiliment ta' konsorzji amministrattivi f'żoni rurali funzjonali		Id-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li jemenda l-Kodiċi Amministrattiv u li jistabbilixxi konsorzji amministrat	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv				Q4	2022	Il-bidliet fil-Kodiċi Amministrattiv għandhom jistabbilixxu konsorzji amministrattivi f'żoni rurali funzjonali (kif definit skont il-metodoloġija ta' Grad ta' Urbanizzazzjoni (DEGURBA)) li juru xi grad ta' integrazzjoni ekonomika u soċjali, u/jew li jiffaċċjaw

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
			tivi f'unitajiet territorjali amministrattivi ġirien rurali jew li huma fil-bidi l-kbira rurali, li jeżistu bħala żoni rurali funzjonali.							sfidi u opportunitajiet simili għall-iżvilupp tagħhom (eż. prossimità għal riżorsi naturali komuni, esponiment għall-istess xokkijiet strutturali). Il-bidliet leġiżlattivi għandhom: - Jiddefinixxu r-reġim ġuridiku u r-responsabbiltajiet tal-konsorzji amministrattivi stabbiliti abbażi ta' approċċ funzjonali għaż-żoni rurali, bil-ħsieb li tittejjeb l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi soċjali, tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa, kif ukoll l-appoġġ għal dawk li jaħdmu għal rashom fl-agrikoltura (bħall-aċċess għas-swieq u kooperazzjoni akbar), u l-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-investimenti, li għandhom iwasslu għal titjib fil-koeżjoni territorjali, l-

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										integrazzjoni taż-żoni rurali u l-kapitalizzazzjoni sostenibbli tal-wirt naturali u kulturali. - Jistabbilixxu korp li jikkorrispondi għal kull konsorzju amministrattiv li għandu jwettaq attivitajiet speċifiċi għal aktar awtoritajiet pubbliċi lokali u għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-objettivi strateġiċi tal-awtoritajiet pubbliċi involuti. Il-korp għandu jamministra t-tipi ta' servizzi pubbliċi li ġejjin: l-ippjanar territorjali u urban; l-akkwist pubbliku; l-investimenti; il-ġestjoni tad-dominju pubbliku u privat; il-finanzjament u l-kontabilità; is-servizz ġuridiku; l-assistenza soċjali; ir-reġistru agrikolu; ir-reġistru ċivili; il-katast. - Jiżguraw bażit trasparenti u

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										prevedibbli, magħmul minn kontribuzzjonijiet mill-unitajiet amministrattivi li jiffurmaw il-konsorzji amministrattivi u t-trasferimenti mill-gvern ċentrali abbażi ta' kriterji ta' prestazzjoni trasparenti marbutin mal-objettivi ta' politika fil-livell taż-żona rurali funzjonali - Jagħmlu possibbli l-integrazzjoni diġitali sħiħa tas-servizzi pubbliċi mogħtija mill-unitajiet amministrattivi tal-konsorzji bil-ħsieb li jipprovdu servizzi pubbliċi fi żmien imnaqqas għaċ-ċittadini u l-imprendituri, inkluż permezz tal-akkwist konġunt għall-forniment ta' oġġetti u servizzi, fil-livell ta' żona rurali funzjonali.
311	Riforma 3. Il-ħolqien ta' qafas ta' politika għal	Mira	It-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni		Perċentwal	45,4 %	38 %	Q2	2026	Tnaqqis ta' mill-inqas 7,4 p.p. tar-rata tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali f'żoni

Seq. Num.	Mizura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
	trasformazzjoni rurali sostenibbli: l-istabbiliment ta' konsorzji amministrattivi f'żoni rurali funzjonali		soċjali fiż-żoni rurali							rurali, skont l-indikatur tal-EUROSTAT (ILC_PEPS13), bl-użu taċ-ċifra bażi tal-2020 ta' 45,4 %
312	Riforma 4. Titjib fil-kwalità tal-akkomodazzjonijiet	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Akkomodazzjoni u tal-Pjan ta' Azzjoni biex titnaqqas il-privazzjoni gravi ta' akkomodazzjonijiet	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Akkomodazzjoni u tal-Pjan ta' Azzjoni biex titnaqqas il-privazzjoni gravi ta' akkomodazzj				Q2	2022	L-att leġiżlattiv għandu jiżgura l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Akkomodazzjoni u tal-Pjan ta' Azzjoni bil-ħsieb li tittejjeb il-kwalità tal-akkomodazzjoni għall-kategoriji u l-gruppi vulnerabbli, titnaqqas il-privazzjoni gravi ta' akkomodazzjonijiet, speċjalment għal persuni f'komunitajiet marġinalizzati f'żoni urbani u rurali. L-istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni għandhom: - ikunu akkumpanjati minn immappjar tal-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni speċjalment f'komunitajiet u

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
				onijiet						gruppi emarġinati, inklużi insedjamenti informali, f'żoni urbani u rurali (skont il-verżjoni aġġornata tal-Atlas tal-Komunitajiet Marġinalizzati) - jiżguraw approċċ li jiżgura l-komplementarjetà/li jaqbel mal-investimenti taċ-Ċentri Komunitarji Integrati eżistenti jew futuri (jiġifieri t-twassil tal-edukazzjoni, is-servizzi soċjali u bażiċi tal-kura tas-saħħa) iffinanzjati mill-FSE+ u l-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni futura. - jiżguraw aċċess komplementari għall-edukazzjoni u s-servizzi tal-kura tas-saħħa f'komunitajiet emarġinati (kif identifikat fil-verżjoni aġġornata tal-Atlas tal-Komunitajiet Marġinalizzati) - ma għandhomx iwasslu għas-segregazzjoni soċjali

Seq. Num.	Mizura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										- jiżguraw il-possibbiltà li jintużaw żoni metropolitani, konsorzji amministrattivi u l-assoċjazzjonijiet tal-iżvilupp interkomunitarji għall-implimentazzjoni tal-investimenti.
313	Riforma 4. Titjib fil-kwalità tal-akkomodazzjonijiet	Mira	Perċentwal imnaqqas ta' iffullar eċċessiv fl-akkomodazzjonijiet		Perċentwal	45,1 %	39 %	Q2	2026	Tnaqqis fir-rata ta' iffullar eċċessiv fl-akkomodazzjonijiet b'6,1 p.p. skont l-indikatur tal-Eurostat (ILC_LVHO05A) bl-użu taċ-ċifra bażi tal-2020 ta' 45,1 %.
314	Riforma 4. Titjib fil-kwalità tal-akkomodazzjonijiet	Mira	Perċentwal imnaqqas tal-popolazzjoni li tgħix f'insedjamenti informali		Perċentwal	0	20 %	Q2	2026	Il-mira għandha timmira li tnaqqas is-sehem tal-popolazzjoni li tgħix f'insedjamenti informali li jinsabu f'żoni urbani funzjonali u li żżid l-integrazzjoni tagħhom fil-komunitajiet. L-għadd ta' persuni li jgħixu f'insedjamenti informali neqsin minn faċilitajiet ta' akkomodazzjoni jew mingħajrhom għandu jiġi stabbilit wara li jsir il-proċess

Seq. Num.	Mizura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										ta' mmappjar żviluppat f'konformità mal-liġi dwar l-ippjanar territorjali u urban.
315	Riforma 5. Żvilupp tas-sistema tal-ippjanar — Kodiċi tal-Ippjanar Spazjali, l-Ippjanar Urban u l-Kostruzzjoni	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Kodiċi tal-Ippjanar Spazjali, l-Ippjanar Urban u l-Kostruzzjoni	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi tal-Ippjanar Spazjali, l-Ippjanar Urban u l-Kostruzzjoni				Q1	2023	Il-kodiċi tal-Ippjanar Spazjali, l-Ippjanar Urban u l-Kostruzzjoni għandu jimplimenta, fost l-oħrajn: - it-tnaqqis tal-piż amministrattiv, it-tnaqqis tal-iskadenzi għall-ħruġ ta' atti amministrattivi, kif ukoll l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ġodda biex jiġu żgurati proċessi amministrattivi aktar effiċjenti, diġitalizzati u ta' kwalità fil-kostruzzjoni, inklużi strutturi tal-ippjanar fil-livell ta' żoni urbani funzjonali - l-aġġornament u t-traspożizzjoni fis-Sistemi ta' Informazzjoni Ġeografika (GIS) tal-pjanijiet spazjali u urbani ġenerali kollha u l-allinjament mal-prinċipji l-ġodda tal-Politika Urbana

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										Rumena (il-promozzjoni tat-trasport sostenibbli u t-titjib tas-sikurezza fit-toroq, l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura/l-infrastruttura ekoloġika u blu) inkluż fil-livell taż-żoni urbani u rurali funzjonali; - miżuri biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u titjieb il-kwalità tal-arja, permezz ta' standards vinkolanti għall-kostruzzjoni fl-unitajiet territorjali amministrattivi kollha u fiż-żoni urbani u rurali funzjonali - Dispożizzjonijiet konkreti fid-dokumenti aġġornati tal-ippjanar urban li għandhom l-għan li jnaqqsu l-ħin u d-distanza tal-ivvjaġġar għall-popolazzjoni f'żoni urbani u rurali funzjonali (l-implimentazzjoni tal-kunċett ta' "belt ta' kwarta", jiġifieri: enfasi fuq aċċess

Seq. Num.	Mizura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										akbar għall-faċilitajiet rilevanti). L-elaborazzjoni u l-adozzjoni ta' dokument ta' gwida/manwal biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-Kodiċi.
316	Riforma 5. Żvilupp tas-sistema tal-ippjanar — Kodiċi tal-Ippjanar Spazjali, l-Ippjanar Urban u l-Kostruzzjoni	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-pjattaforma tad-*data* diġitali urbana interoperabbli (bħala parti mill-Osservatorju Territorjali)	Dħul fis-seħħ tal-pjattaforma diġitali (bħala parti mill-Osservatorju Territorjali)				Q2	2023	Il-pjattaforma tad-*Data* standardizzata għandha tkun operattiva, bħala parti mill-Osservatorju Territorjali, u tippermetti: - Aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-ippjanar spazjali u territorjali l-aktar riċenti li jikkorrispondu għall-unitajiet amministrattivi territorjali kollha fil-pajjiż - il-possibbiltà għall-awtoritajiet pubbliċi lokali li joħorġu ċertifikati tal-ippjanar urban, permessi għall-bini, b'mod interoperabbli mal-bażijiet tad-*data* tal-awtoritajiet

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										pubbliċi rilevanti kollha (eż. l-awtorità tat-taxxa) u l-użu tal-infrastruttura disponibbli għall-Cloud tal-Gvern - it-twassil tad-*data* f'ħin reali (bħad-*data* dwar regolamenti urbani, ir-restrizzjonijiet kollha u l-użu permess tal-art) lill-partijiet interessati kollha, inkluż lill-pubbliku ġenerali, sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-ippjanar u l-permessi tal-bini - il-ġestjoni dinamika tal-ippjanar urban (l-aġġornament kontinwu tad-*data* filwaqt li jitqiesu l-bidliet li saru - pereżempju bidliet fl-indikaturi tal-Pjan Urban Ġenerali permezz tal-Pjanijiet Urbani għal Żoni) li jippermettu lill-unitajiet amministrattivi, inkluż f'żoni urbani u rurali funzjonali, li jikkoordinaw

Seq. Num.	Mizura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										l-implimentazzjoni ta' politiki bħall-enerġija, l-ambjent, l-akkomodazzjoni u t-trasport, fil-livell lokali.
317	Investiment 2. Il-bini ta' akkomodazzjoniji et għaż-żgħażagħ u għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti pubbliċi kollha għall-bini ta' akkomodazzjonijiet għaż-żgħażagħ li ġejjin minn komunitajiet u gruppi vulnerabbli, u għall-professjonisti tas-saħħa u l-edukazzjoni f'żoni urbani jew rurali	Iffirmar tal-kuntratti				Q4	2022	L-iskema ta' ffinanzjar b'għotjiet għandha titfassal abbażi tad-dispożizzjonijiet tal- tal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Akkomodazzjoni u tal-Pjan ta' Azzjoni, allinjata mal-ispeċifikazzjonijiet tal-istadju 312. L-iskema ta' ffinanzjar b'għotjiet għandha tkun miftuħa għall-Unitajiet Territorjali Amministrattivi/iż-Żoni Metropolitani/il-Konsorzji Amministrattivi u tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet obbligatorji li ġejjin: A) L-akkomodazzjonijiet għaż-żgħażagħ għandhom jingħataw lill-Unitajiet Territorjali

Seq. Num.	Mizura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										Amministrattivi/il-Konsorzji Amministrattivi/iż-Żoni Metropolitani abbażi ta' pjan ta' azzjoni integrat biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien taż-żgħażagħ f'komunitajiet u gruppi vulnerabbli u jittejbu l-akkomodazzjonijiet tagħhom, inklużi miżuri biex titrawwem l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tal-gruppi fil-mira. Iż-żgħażagħ li jibbenefikaw għandhom jissodisfaw b'mod kumulattiv il-kundizzjoni li jkunu ġejjin minn komunità/grupp vulnerabbli, ikollhom bejn it-18 u l-35 sena, bi dħul għal kull membru tal-

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										familja taħt il-paga medja fix-xahar skont l-ekonomija, ma jkollhomx akkomodazzjoni/ma kellhomx akkomodazzjoni, u li bħalissa qed jgħixu f'akkomodazzjoni ffullata żżejjed/ħażina. Il-kriterji jqisu wkoll jekk iż-żgħażagħ ikollhomx tfal li qed jindukraw/jgħixu fl-akkomodazzjoni tagħhom. B) L-unitajiet ta' akkomodazzjoni għall-professjonisti mediċi u edukattivi għandhom jingħataw lill-Unitajiet Territorjali Amministrattivi/il-Konsorzji Amministrattivi/iż-Żoni Metropolitani abbażi ta' pjan ta' azzjoni integrat

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										biex jittejbu s-servizzi mediċi jew edukattivi għall-komunitajiet u gruppi vulnerabbli kif identifikati fl-immappjar tal-ħtiġijiet speċjalment fil-komunitajiet u l-gruppi emarġinati. Bl-istess mod, l-investiment għandu jsir f'korrelazzjoni mal-investimenti fl-Edukazzjoni, is-Saħħa (eż. l-Iżvilupp ta' infrastruttura medika ta' qabel l-isptar bil-għan li jiżdied l-aċċess għal servizzi mediċi bażiċi) u għall-komponenti tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll mal-Investiment 3 tal-komponent attwali (ir-rinnovazzjoni moderata ta' binjiet pubbliċi), mal-

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										Programmi Operazzjonali (tal-2014–2020 u tal-2021–2027) jew programmi oħra.
318	Investiment 2. Il-bini ta' akkomodazzjonijiet għaż-żgħażagħ u għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni	Mira	Unitajiet ta' akkomodazzjoni mibnija għaż-żgħażagħ li ġejjin minn komunitajiet/gruppi vulnerabbli		Numru	0	4 418	Q2	2026	L-għadd ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni għaż-żgħażagħ li ġejjin minn komunitajiet/gruppi vulnerabbli, appoġġati minn miżuri komplementari bħal miżuri soċjali/edukattivi/tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ kollha identifikati preċedentement, skont ir-rekwiżiti tal-istadju 317. Binjiet ġodda għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit tal-bini b'użu ta' enerġija kważi żero skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
319	Investiment 2. Il-bini ta' akkomodazzjoniji et għaż-żgħażagħ u għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni	Mira	Unitajiet ta' akkomodazzjoni mibnija għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni		Numru	0	1 104	Q2	2026	L-għadd ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni mibnija għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni, fi bliet jew żoni rurali fejn l-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa mhuwiex biżżejjed minħabba n-nuqqas ta' professjonisti, kif identifikat fl-istadju 317. Binjiet ġodda għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit tal-bini b'użu ta' enerġija kważi żero skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija
320	Investiment 3. Riabilitazzjoni moderata ta' binjiet pubbliċi biex jitjieb it-twassil tas-servizz	Stadju importanti	Iffirmar tal-kuntratti għar-rinnovazzjoni moderata ta' binjiet	Iffirmar tal-kuntratti				Q4	2022	L-iskema għandha tistabbilixxi l-kriterji u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati għar-rinnovazzjoni moderata tal-binjiet pubbliċi li għandha

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
	pubbliku minn unitajiet territorjali amministrattivi		pubbliċi							tinkludi fost l-oħrajn il-kundizzjonijiet li ġejjin: - jkunu eliġibbli biss il-bliet u l-komuni - jkunu eliġibbli biss il-binjiet pubbliċi, peress li dawn jipprovdu servizzi pubbliċi lokali (eż. binjiet tal-kunsilli lokali, binjiet tas-servizzi soċjali) - Proġetti ta' modifika retroattiva moderata għandhom iwasslu għal tnaqqis ta' 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja, u dan għandu jintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. F'investimenti għar-rinnovazzjoni moderata ta' binjiet pubbliċi, l-ispejjeż ta' sistema li mhix effiċjenti fl-użu tal-enerġija ma għandhomx jaqbżu l-10 % tal-ispiża totali.
321	Investiment 3.	Mira	Superfiċe		Numru	0	653 4	Q4	2024	Il-mira tkopri ż-żona totali

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
	Riabilitazzjoni moderata ta' binjiet pubbliċi biex jitjieb it-twassil tas-servizz pubbliku minn unitajiet territorjali amministrattivi		f'metri kwadri ta' binjiet pubbliċi rinnovati		ta' metri kwadri		09			mibnija li għandha tiġi moderatament rinnovata murija f'metri kwadri u bi tnaqqis ta' 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja muri miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija
322	Investiment 3. Riabilitazzjoni moderata ta' binjiet pubbliċi biex jitjieb it-twassil tas-servizz pubbliku minn unitajiet territorjali amministrattivi	Mira	Superfiċe f'metri kwadri ta' binjiet pubbliċi rinnovati		Numru ta' metri kwadri	653 409	1 306 818	Q2	2026	Il-mira tkopri ż-żona totali mibnija li għandha tiġi moderatament rinnovata murija f'metri kwadri u bi tnaqqis ta' 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja muri miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija
323	Investiment 4. Żvilupp/aġġornament fil-format tal-GIS fid-dokumenti tal-ippjanar spazjali u tal-ippjanar urban	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti għall-iżvilupp/l-aġġornament ta' dokumentazzjoni tal-	L-iffirmar tal-kuntratti				Q4	2022	L-iskema għandha tistabbilixxi l-kriterji u l-kundizzjonijiet li jridu jintlaħqu għall-finanzjament tal-iżvilupp/l-aġġornament tal-ippjanar spazjali, tal-ippjanar urban u tal-pjanijiet ta' mobbiltà urbana

Seq. Num.	Mizura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
			ippjanar spazjali, tal-ippjanar urban u tal-pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli.							sostenibbli. L-abbozzar/l-aġġornament tad-dokumentazzjoni għandhom jiġu żviluppati f'format diġitali f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-istadju 288 u l-istadju 315. L-SUMP għandu jiġi approvat mill-Grupp Nazzjonali għall-ottimizzazzjoni tal-SUMP stabbilit skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-istadju 289 u d-dokumentazzjoni tal-ippjanar spazjali u urban għadha tittella' fuq il-pjattaforma tal-Osservatorju Territorjali. Għandha tiġi żgurata l-integrazzjoni mal-pjattaforma diġitali indikata fl-istadju 316.
324	Investiment 4. Żvilupp/aġġornament fil-format tal-GIS fid-dokumenti tal-ippjanar spazjali u	Mira	L-ippjanar spazjali, l-ippjanar urban u l-pjanijiet tal-mobbiltà		Numru	0	189	Q4	2024	Il-mira tkopri l-għadd totali ta' ppjanar spazjali, ippjanar urban u pjanijiet ta' mobbiltà urbana li għandhom jiġu żviluppati diġitalment u adottati.

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
	tal-ippjanar urban		urbana sostenibbli finalizzati u meħuda fuq il-pjattaforma tal-Osservatorju Territorjali.							Mal-100 dokument bi pjanijiet urbani ġenerali, 39 dokument bi Pjanijiet Urbani għal Żoni u 50 Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli Id-dokumentazzjoni kolha għandha tiġi ppubblikata fuq il-pjattaforma tal-Osservatorju Territorjali. L-investiment għandu jitwettaq f'konformità mar-rekwiżiti tal-istadju 323.
325	Investiment 4. Żvilupp/aġġornament fil-format tal-GIS fid-dokumenti tal-ippjanar spazjali u tal-ippjanar urban	Mira	L-ippjanar spazjali, l-ippjanar urban u l-pjanijiet tal-mobbiltà urbana sostenibbli finalizzati u meħuda fuq il-pjattaforma tal-Osservatorju		Numru	189	378	Q2	2026	Il-mira tkopri l-għadd totali ta' ppjanar spazjali, ippjanar urban u pjanijiet ta' mobbiltà urbana li għandhom jiġu żviluppati diġitalment u adottati. Għandhom jitfasslu 262 dokument bi pjanijiet urbani ġenerali (180 għall-komuni, 50 għall-bliet żgħar, 22 għall-bliet u 10 għall-bliet b'sede f'kontea (inkluża Bucharest); 5 Pjanijiet Spazjali tat-Territorju għall-Kontej; Dokumentazzjoni ta' Pjan (1)

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
			Territorjali.							għal Żona Territorjali; Dokumentazzjoni ta' Pjan (60) Urban għal Żona; u 50 Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli Id-dokumentazzjoni kolha għandha tiġi ppubblikata fuq il-pjattaforma tal-Osservatorju Territorjali. L-investiment għandu jitwettaq f'konformità mar-rekwiżiti tal-istadju 323.

K. KOMPONENT 11: IT-TURIŻMU U L-KULTURA

L-objettiv tal-komponent tat-Turiżmu u l-Kultura huwa li tiżdied il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali u li jinħolqu impjiegi ġodda speċjalment f'żoni rurali jiġifieri:

(1) il-promozzjoni sostenibbli tat-trasformazzjoni soċjoekonomika f'żoni rurali u żvantaġġati bl-iżvilupp ta' network tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet u li jappoġġaw l-investimenti fit-turiżmu lokali;

(2) l-appoġġ għall-mobbiltà sostenibbli billi jinħoloq network nazzjonali għar-Roti inklużi itinerarji ċiklabbli Ewropej; u

(3) it-tnaqqis tad-distakk fl-aċċess għall-kultura bejn iż-żoni rurali u urbani kbar.

Ir-riformi u l-investimenti għandhom jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż mogħtija lir-Rumanija fl-2019 u fl-2020 dwar il-ħtieġa li "l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq it-trasport sostenibbli, l-infrastruttura tas-servizzi diġitali" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2020) filwaqt li "jitqiesu d-disparitajiet reġjonali" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4 tal-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika DNSH (2021/C58/01).

K.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għas-self

<u>Riforma 1. L-Organizzazzjonijiet għall-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet (DMOs) jkunu operattivi</u>

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiżdied il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu Rumen u tiġi promossa t-trasformazzjoni soċjoekonomika sostenibbli f'żoni rurali u żvantaġġati billi jiġi adottat il-qafas meħtieġ għall-operazzjonalizzazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet.

L-implimentazzjoni ta' din ir-riforma għandha tikkonsisti fl-adozzjoni ta' qafas leġiżlattiv meħtieġ għall-funzjonament tal-Organizzazzjonijiet għall-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet u l-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni ddedikat għall-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali sabiex tiżdied il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu Rumen.

L-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni tal-Organizzazzjonijiet għall-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) inklużi fl-istudju "L-operazzjonalizzazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet".

Il-qafas leġiżlattiv meħtieġ għat-tħaddim tal-Organizzazzjonijiet tal-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet għandu jinkludi wkoll deskrizzjoni dettaljata tal-mekkaniżmu ta' finanzjament u mudell ta' governanza ċara. Il-pjan ta' azzjoni għandu jitwettaq f'konformità mal-ġabra ta' miżuri proposti fl-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet u għandu jkun konformi mar-riżultati tal-attività ta' mmappjar.

L-Organizzazzjoni tal-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet għandha tkun entità ġuridika li twettaq il-politika tal-iżvilupp turistiku ta' kull destinazzjoni speċifika, inkluża l-politika dwar il-kummerċjalizzazzjoni tad-destinazzjonijiet, skont id-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ, li tiġbor flimkien għadd ta' organizzazzjonijiet oħra, bħal: Operaturi tan-negozju, istituzzjonijiet tas-

settur pubbliku, assoċjazzjonijiet ta' professjonisti u impjegaturi u korpi regolatorji. L-organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet għandhom jitfasslu biex jiffurmaw network effettiv li jiffoka fuq il-vantaġġi kompetittivi lokali u għandhom jaħdmu fi sħubija mal-awtorità nazzjonali tat-turiżmu.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 1. Il-promozzjoni ta' 12-il rotta turistika/kulturali

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiġi żviluppata l-attrattività ta' destinazzjonijiet turistiċi magħżula billi jiġu żviluppati 12-il rotta turistika b'tema f'żoni żvantaġġati u rurali tar-Rumanija, u billi jinħolqu impjiegi ġodda fl-industrija tat-turiżmu.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha tinkludi appoġġ finanzjarju għall-promozzjoni tat-12-il rotta turistika u l-modernizzazzjoni/ir-riabilitazzjoni ta' siti turistiċi b'impatt nazzjonali u internazzjonali inklużi fit-12-il rotta identifikati fl-aħjar żoni ta' destinazzjoni. It-12-il rotta b'tema huma: Ir-rotta tal-Kastelli, ir-rotta tal-*Curia*, ir-rotta "Cula", ir-rotta tal-gastronomija Rumena tradizzjonali, ir-Rotta tal-knejjes iffortifikati, ir-Rotta tal-knejjes tal-injam, ir-rotta tal-monasteri tal-Moldova, ir-rotta ta' San Ladislau, ir-rotta tal-*castrum* Ruman, ir-rotta tal-Fortizza, ir-Restawr tal-pajsaġġ kulturali fid-Delta tad-Danubju, ir-rotta tal-irħula b'arkitettura tradizzjonali.

Is-siti turistiċi speċifiċi għandhom ikunu mill-inqas 225 u jintgħażlu wara l-immappjar ta' destinazzjonijiet ottimali għal kull Organizzazzjoni għall-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet, abbażi tal-kapaċità tagħhom li jattiraw turisti internazzjonali u nazzjonali u li jippromwovu trasformazzjoni soċjoekonomika sostenibbli/orjentata lejn l-ambjent f'żoni rurali u żvantaġġati.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

Investiment 2. Il-modernizzazzjoni/il-ħolqien ta' mużewijiet u monumenti

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżdied it-turiżmu kulturali bl-iżvilupp ta' mużewijiet u monumenti ddedikati għall-oppressjoni u l-kunflitt.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha tinkludi l-modernizzazzjoni u l-ħolqien tal-mużewijiet u tas-siti ta' kommemorazzjoni li ġejjin: il-Mużew Nazzjonali tal-istorja u l-olokawst tal-Lhud (Bucharest), il-mafkar tar-rivoluzzjoni tal-1989 (Timișoara), il-mafkar tal-vittmi (Sighet), il-ħabs tas-silenzju (Râmnicu Sărat), il-mafkar tal-ispostament furzat ta' persuni u l-industrijalizzazzjoni eċċessiva (Satu Mare), il-mużew dwar il-ħruxijiet tal-komuniżmu (Sfântu Guorghe), il-mużew tal-evidenza fotografika (Târgu Mureș), il-mużew tal-identitajiet Transilvani (Mutra).

Il-binjiet ġodda għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit għall-bini b'użu ta' enerġija kważi żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 2. Qafas għall-operazzjonalizzazzjoni tar-rotot tar-roti fil-livell nazzjonali

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku ta' bliet żgħar u żoni rurali billi tadotta qafas leġiżlattiv, istituzzjonali u ta' investiment għar-rotot tar-roti u forom sostenibbli ta' turiżmu.

L-implimentazzjoni ta’ din ir-riforma għandha tikkonsisti f’riforma regolatorja biex jiġu stabbiliti l-entitajiet rilevanti, il-kriterji għar-rotot tar-roti u l-inċentivi għall-promozzjoni tat-turiżmu bir-roti.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta’ Marzu 2022.

Investiment 3. L-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali taċ-Ċikliżmu

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jikkontribwixxi għall-mobbiltà sostenibbli billi jippromwovi ċ-ċikliżmu permezz ta' Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali taċ-Ċikliżmu ġdid.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha tinkludi studju dwar ir-rotot tat-turiżmu bir-roti fil-livell nazzjonali li għandu jifforma l-bażi għad-diġitalizzazzjoni tal-korsiji u r-rotot tar-rota u l-iżvilupp ta' Pjattaforma Nazzjonali tal-e-Rota b'applikazzjoni diġitali integrata għar-rotot kollha tat-turiżmu bir-roti u b'sit web apposta.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

Investiment 4. L-implimentazzjoni ta' 3 000 km ta' rotot tar-roti

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiġi żviluppat trasport sostenibbli permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura bir-rotot għar-roti.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha tinkludi l-iżvilupp ta' 3 000 km ta' rotot nazzjonali ġodda għar-roti madwar ir-Rumanija. Il-post tar-rotot għandu jkun prijorità tul ir-rotot turistiċi ewlenin.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 3. Ir-riforma tas-sistema ta' finanzjament għas-settur kulturali

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jinħoloq qafas legali u amministrattiv stabbli, prevedibbli u sostenibbli fit-tul għas-settur kulturali mhux pubbliku (privat/indipendenti) u għall-ħaddiema kulturali billi jinħolqu għodod għall-ġbir tad-*data* għall-politiki pubbliċi futuri, u jinbeda proċess li jikkontribwixxi għall-iżvilupp soċjoedukattiv u kulturali ta' żoni rurali u urbani żgħar.

L-implimentazzjoni ta' din ir-riforma għandha tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni dwar is-sistema ta' finanzjament għal proġetti kulturali u l-appoġġ għall-ħaddiema fis-setturi kulturali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Investiment 5. Żieda fl-aċċess għall-kultura f'żoni kulturalment depravati

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżdied l-aċċess għall-kultura f'muniċipalitajiet kulturalment żvantaġġati.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha tinkludi programm pilota ta' finanzjament bi sħubija mal-awtoritajiet lokali għall-appoġġ ta' programmi kulturali annwali jew pluriennali implimentati fil-livell lokali u programm pilota għall-finanzjament ta' proġetti ta' edukazzjoni kulturali, li l-benefiċjarji tagħhom se jkunu stabbilimenti edukattivi f'żoni rurali u bliet żgħar.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment 6. L-iżvilupp ta' sistema diġitali għall-proċessi ta' finanzjament kulturali

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiġi żviluppata sistema diġitali għall-għoti ta' finanzjament pubbliku fis-setturi kulturali.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha tinkludi l-iżvilupp ta' sistema diġitali li tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi għall-operaturi kulturali nazzjonali permezz ta' applikazzjonijiet simplifikati u diġitalizzati; tirreġistra s-sussidji kulturali pubbliċi kollha li diġà ngħataw sabiex jiġi evitat finanzjament doppju u tiġbor *data* dwar in-nefqa kulturali fil-

livell tal-muniċipalitajiet biex tippermetti li tittieħed deċiżjoni bbażata fuq l-evidenza fil-qasam tal-politika kulturali filwaqt li tippermetti aċċess trasparenti għall-informazzjoni mhux kunfidenzjali dwar proġetti kulturali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment 7. It-tħaffif tad-diġitalizzazzjoni tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-films

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jsaħħaħ il-kapaċità tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fil-produzzjoni tal-films u li jħaffef t-tranżizzjoni diġitali tal-produtturi u d-distributuri tal-films fir-Rumanija billi jżid il-kapaċitajiet tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni, tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-promozzjoni diġitali, inklużi t-teknoloġiji tal-arkivjar diġitali.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha tinkludi l-iżvilupp tal-kontenut u ż-żieda fil-kapaċità tan-negozju tal-produtturi u d-distributuri tal-films, li jikkombinaw il-finanzjament tal-proġetti u l-finanzjament tal-entità.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

K.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tas-self

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
326	Riforma 1. L-Organizzazzjonijiet għall-Ġestjoni tad-Destinazzjoni jiet (DMOs) jkunu operattivi	Stadju importanti	L-aħjar żoni ta' destinazzjoni għall-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet (DMOs) fir-Rumanija mmappjati	Ippubblikati ż-żoni ta' destinazzjoni ottimali kollha għad-DMOs reġjonali fir-Rumanija				Q1	2022	Iż-żoni ta' destinazzjoni ottimali għandhom jiġu identifikati mill-Organizzazzjonijiet ta' Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet abbażi tal-kriterji li ġejjin: - il-kapaċità tagħhom li jattiraw turisti internazzjonali - il-promozzjoni tat-trasformazzjoni soċjoekonomika sostenibbli/li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent f'żoni rurali u żvantaġġati, f'komplementarjetà mal-komponent tal-Fond Lokali (eż. fir-rigward taż-żoni rurali funzjonali); - il-potenzjal għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda.
327	Riforma 1. L-Organizzazzjonijiet għall-Ġestjoni tad-Destinazzjoni jiet (DMOs) jkunu operattivi	Stadju importanti	Pjan ta' azzjoni għall-użu tal-wirt kulturali biex tiżdied il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu Rumen	L-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-użu tal-wirt kulturali biex tiżdied il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu Rumen				Q1	2022	Il-pjan ta' Azzjoni għandu jkun konformi ma' diversi pakketti turistiċi tad-DMO. Il-pjan ta' Azzjoni għandu jkopri l-perjodu 2022-2026 u jinkludi objettivi annwali u pluriennali speċifiċi u l-azzjonijiet prinċipali li ġejjin: a) jistabbilixxu t-tipi ta' siti, b'impatt nazzjonali u internazzjonali, li għandhom jintużaw għall-

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										promozzjoni tat-turiżmu fir-Rumanija u għandhom jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' trasformazzjoni soċjoekonomika sostenibbli/li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent f'żoni rurali u żvantaġġati; u b) l-istabbiliment ta' rotot kulturali li huma r-riżultat tal-eżerċizzju ta' mmappjar. Għandu jagħti wkoll dettalji dwar l-atturi ewlenin, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom u r-riżultati mistennija.
328	Riforma 1. L-Organizzazzjonijiet għall-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet (DMOs) jkunu operattivi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-qafas leġiżlattiv b'Deċiżjoni tal-Gvern li għandu jinkludi deskrizzjoni ċara tal-mekkaniżmu ta' finanzjament biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' network tad-	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi għall-istabbiliment tad-DMOs				Q3	2022	Il-leġiżlazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni ċara tal-mekkaniżmu ta' finanzjament għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' network tad-DMOs reġjonali u lokali (Organizzazzjonijiet tal-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet) u mudell sod ta' governanza. L-elementi ewlenin tal-qafas legali għandhom ikunu: - l-għan tal-leġiżlazzjoni, id-definizzjoni tad-DMOs fuq livelli territorjali differenti kif ukoll id-DMOs tematiċi; - l-identifikazzjoni tal-Membri;

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
			DMOs u mudell ta' governanza ċara							- il-kriterji minimi biex destinazzjoni tkun eliġibbli biex tifforma DMO li tirrappreżenta d-destinazzjoni; - il-forma ta' organizzazzjoni – id-DMO għandu jkollha assemblea ġenerali, bord tad-diretturi u l-persunal li għandu jirrappreżenta l-parti eżekuttiva. Id-DMOs għandhom jiġu rreġistrati b'dispożizzjonijiet statutorji, biex ikollhom strateġija u pjan ta' azzjoni, biex ikollhom il-fondi biex jimplimentaw l-istrateġija. F'termini ta' membri, id-DMO għandha tkun korp rappreżentattiv tal-operaturi ekonomiċi fil-qasam tat-turiżmu tad-destinazzjonijiet, tal-assoċjazzjonijiet tat-turiżmu, u ta' partijiet interessati rilevanti oħra u l-awtoritajiet pubbliċi fil-livell lokali jew tal-kontea - Deskrizzjoni tal-attribuzzjonijiet tal-bord tad-diretturi u tal-assemblea ġenerali; - Sistema ta' votazzjoni u proċess

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										ta' teħid ta' deċiżjonijiet; - Mekkaniżmu ta' finanzjament; - L-objettivi tad-DMOs u l-monitoraġġ tar-riżultati b'responsabbiltajiet speċifiċi. Għandha tiġi stabbilita DMO filwaqt li jitqieu l-unitajiet ġeografiċi (il-kontej, il-muniċipalitajiet) bl-objettiv li jiġi promoss it-turiżmu lokali jew reġjonali.
329	Riforma 1. L-Organizzazzjonijiet għall-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet (DMOs) jkunu operattivi	Mira	DMOs stabbiliti		Numru	0	8	Q4	2023	Tmien (8) organizzazzjonijiet ta' Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti mill-Gvern (f'konformità mal-istadju 328) inklużi l-entitajiet rilevanti kollha attivi fit-turiżmu u l-kultura f'żona speċifika, u rregolati mill-Kumitat Eżekuttiv tad-DMO. Ir-responsabbiltà tar-riżultati tal-Organizzazzjonijiet għall-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet hija kondiviża mill-Ministeru tal-Ekonomija, l-Intraprenditorija u t-Turiżmu u l-Kumitat Eżekuttiv tad-DMOs L-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni tal-

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										Organizzazzjonijiet għall-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) inklużi fl-istudju "L-operazzjonalizzazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet".
330	Riforma 1. L-Organizzazzjonijiet għall-Ġestjoni tad-Destinazzjonijiet (DMOs) jkunu operattivi	Mira	Sehem akbar ta' turisti barranin attirati fil-kontej li huma parti mid-DMOs reġjonali		Perċentwal (%)	0	20	Q1	2026	L-għadd ta' turisti barranin għandu jiżdied b'mill-inqas 20 % sa tmiem l-2025, meta mqabbel mal-2019, fil-kontej li huma parti mid-DMOs reġjonali. Sors tad-*data*: L-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika u d-*data* miġbura mill-Ministeru tal-Ekonomija, l-Intraprenditorija u t-Turiżmu
331	Investiment 1. Il-promozzjoni tal-12-il rotta turistika/kulturali	Mira	Siti li għandhom jiġu inklużi fir-rotot kulturali		Numru	0	225	Q1	2022	Mill-inqas 225 sit għandhom jiġu inklużi fir-rotot kulturali u għandhom jintgħażlu abbażi tal-immappjar u jkunu ppożizzjonati prinċipalment f'żoni rurali u żvantaġġati biex jiġu attirati t-turisti u jinħolqu postijiet tax-xogħol ġodda fl-industrija tat-turiżmu. Is-"siti" huma l-punti ta'

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										attrazzjoni turistika (bħal kastelli, fortifikazzjonijiet, monasteri, djar tradizzjonali) li għandhom jiġu inklużi fit-12-il rotta kulturali u għandhom jintgħażlu minn kumitat, u għandhom ikunu bbażati fuq proċess ta' konsultazzjoni. Il-kriterji minimi tal-għażla huma: a) kriterji territorjali, ekonomiċi u soċjali inklużi t-tkabbir, l-impjiegi b'enfasi fuq reġjuni inqas żviluppati; b) il-kapaċità tal-proġett li jiġġenera impatt fuq l-attrattività tat-turiżmu u ż-żieda fil-parteċipazzjoni kulturali, il-karattru uniku fil-livell nazzjonali, il-vantaġġi komparattivi u kompetittivi. c) l-inklużjoni ta' siti relatati mat-tema tar-rotot li qabel kienu ffinanzjati fil-Programm Operattiv Reġjonali u l-Programm Nazzjonali għall-Iżvilupp Rurali d) l-inklużjoni ta' siti fil-Lista tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO jew fil-lista temporanja jew indikattiva, e) l-inklużjoni ta' siti fil-kategorija ta' bini storiku li ma jitqisux bħala monumenti storiċi. Dawk is-siti li attwalment

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										jipprovdu aċċess għat-turisti biss għandhom jiġu inklużi fir-rotot kulturali.
332	Investiment 1. Il-promozzjoni tal-12-il rotta turistika/kulturali	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti għall-promozzjoni tat-12-il rotta	L-iffirmar tal-kuntratti				Q3	2022	L-iffirmar ta' kuntratti għall-iżvilupp tat-turiżmu f'kull rotta kulturali. L-attivitajiet li ġejjin għandhom jiġu inklużi: - id-diġitizzazzjoni tas-siti inklużi fir-rotta -il-ħolqien ta' app apposta għall-viżitaturi - l-immarkar u s-sinjalar tar-rotta/tas-siti inklużi fir-rotta - il-ħolqien ta' offerta kulturali konġunta
333	Investiment 1. Il-promozzjoni ta' 12-il rotta turistika/kulturali	Stadju importanti	Il-ftuħ ta' 12-il rotta kulturali	Il-ftuħ ta' 12-il rotta kulturali aċċessibbli għat-turisti.				Q1	2024	Is-siti għandhom jinfetħu għall-pubbliku u r-rotot għandhom isiru funzjonali skont il-kuntratti tal-istadju 331. Is-siti fejn għandhom jitwettqu x-xogħlijiet ta' restawr għandhom ikunu miftuħa parzjalment biss, sakemm jitlesta r-restawr.
334	Investiment 1. Il-promozzjoni ta' 12-il rotta turistika/kulturali	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti għax-xogħlijiet ta' restawr/rinnovazzjoni tas-	L-iffirmar tal-kuntratti				Q1	2023	L-iffirmar ta' kuntratti għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ta' binjiet (kastelli, knejjes, fortizzi) inklużi fit-12-il rotta kulturali. Għas-siti li huma parti mit-12-il rotta kulturali b'xogħlijiet ta'

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
			siti inklużi fit-12-il rotta kulturali							restawr, għandhom jiġu inklużi dawn li ġejjin: - ir-restawr tal-binjiet, il-ħolqien, fejn meħtieġ, ta' triq ta' aċċess, post għar-riċeviment tal-viżitaturi. - l-istabbiliment ta' toroq ta' aċċess huma xogħlijiet b'intervent minimu li jippermettu tal-inqas aċċess għall-persuni bil-mixi. M'għandu jiġi inkluż l-ebda xogħol ta' asfaltar. Il-proġetti magħżula għandu jkollhom mill-inqas l-istudji ta' prefattibbiltà ffinalizzati, u l-istudju ta' fattibbiltà u d-dokumenti rilevanti kollha ffinalizzati qabel l-iffirmar tal-kuntratti ta' eżekuzzjoni. Għall-mużew u l-katina ta' kommemorazzjonijiet ddedikata għall-oppressjoni u l-kuntratti dwar il-kunflitti, għandhom jinkludu xogħlijiet ta' restawr tal-bini, ċentri għall-viżitaturi, id-diġitizzazzjoni. Il-mużewijiet u l-monumenti li ġejjin huma inklużi:

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										- il-Mużew Nazzjonali tal-istorja u l-olokawst tal-Lhud, Bucharest - il-mafkar tar-Rivoluzzjoni tal-89, Timișoara, il-mafkar tal-vittmi, Sighet - il-ħabs ta' silenzju, Râmnicu Sărat, il-mafkar tal-ispostament furzat ta' persuni u l-industrijalizzazzjoni eċċessiva, Satu Mare - il-mużew dwar il-ħruxijiet tal-komuniżmu, Sfântu Gheorghe - il-mużew tal-evidenzi fotografika, Târgu Mureș (li jippreżenta f'format diġitali l-arkivji kollha disponibbli inklużi dawk relatati mal-kunflitti u r-reġimi totalitarji) - il-mużew tal-identitajiet Transilvani (Mutra) Il-kuntratti għandhom jinkludu r-rekwiżit minimu ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija b'mill-inqas 50 % meta mqabbel mal-konsum annwali tal-enerġija qabel ir-

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										rinnovazzjoni tal-binjiet, li għandu jwassal għal żieda ta' 30 % fl-iffrankar tal-enerġija primarja meta mqabbel mal-istat ta' qabel ir-rinnovazzjoni u li jiżgura konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01). Il-kuntratti se jkunu bbażati fuq il-proċeduri miftuħa tal-offerti, u se jkun fihom l-elementi li ġejjin: - il-lista ta' attivitajiet li għandhom jitwettqu fir-rigward tal-iżvilupp tas-sit (ir-restawr, l-aċċess għall-viżitaturi, u l-attivitajiet kollha deskritti fid-dokument ewlieni) - l-iskadenzi għat-tlestija tax-xogħlijiet - il-mekkaniżmu ta' finanzjament ċar - ir-rekwiżiti u l-istandards tekniċi Il-lista ta' attivitajiet u l-elementi kollha ta' kull wieħed mill-kuntratti tax-xogħol se jiġu stabbiliti abbażi tad-deskrizzjoni tal-interventi (ippreżentata fid-dokument ewlieni) fid-dokumentazzjoni tal-akkwist,

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										skont l-ispeċifiċitajiet tax-xogħlijiet. Dawn l-elementi se jiġu deskritti fid-dokumenti tal-akkwist pubbliku.
335	Investiment 1. Il-promozzjoni ta' 12-il rotta turistika/kulturali	Mira	Infetħu s-siti riabilitati ġodda		Numru	0	225	Q2	2026	225 sit restawrati għandhom jinfetħu għat-turisti. Mit-12-il rotta kulturali, is-siti li ġejjin għandhom jiġu restawrati (li jippermetti li jkunu kompletament aċċessibbli għat-turisti u l-pubbliku): - ħames (5) kastelli - ħames (5) *curiae* - għaxar (10) knejjes tal-injam - ħames (5) "cula" (abitazzjonijiet ta' nobbli Rumeni) - ħames (5) monasteri tal-Moldova - ħames (5) knejjes/siti fir-rotta ta' San Ladislaus - ħames (5) *castra* Rumani - ħames (5) fortizzi - 30 dar tradizzjonali fid-Delta tad-Danubju - 150 dar rurali tradizzjonali

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
336	Investiment 2. Il-modernizzazzjoni/il-ħolqien ta' mużewijiet u monumenti	Stadju importanti	L-iffirmar ta' kuntratti għax-xogħlijiet tal-bini tal-mużewijiet	L-iffirmar tal-kuntratti				Q1	2023	L-iffirmar ta' kuntratti għax-xogħlijiet tal-bini tal-mużewijiet il-ġodda ddedikati għall-oppressjoni u l-kunflitti. Is-siti għandhom jintgħażlu abbażi tal-valur simboliku tagħhom u l-assoċjazzjoni tagħhom mar-reġimi totalitarji (postijiet li huma għeliem tal-kunflitti interetniċi u tal-iżvilupp ta' relazzjonijiet interkulturali tajbin). L-għoti ta' kuntratti għandu jsir abbażi ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva, u għandu jirrispetta l-proċeduri tal-bini b'użu ta' enerġija kważi żero. Il-binjiet ġodda għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit għall-bini b'użu ta' enerġija kważi żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Il-mużewijiet il-ġodda huma kif ġej: 1. MUTRA – il-Mużew tal-

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										Identitajiet u l-Kunflitti Transilvaniċi li għandu jinbena fil-periferija ta' Cluj-Napoca. Id-diġitalizzazzjoni tal-valuri kollha u l-akkwist ta' tagħmir tal-mużewijiet għandhom ikunu parti mill-iżvilupp. 2. Rapa Robilor, post ta' tifkira għall-persuni arrestati f'Aiud, fil-Kontea ta' Alba. Bħala parti minn dan il-proġett, għandu jinbena wkoll ċentru għall-viżitaturi fuq is-sit.
337	Investiment 2. Il-modernizzazzjoni/il-ħolqien ta' mużewijiet u monumenti	Mira	Infetħu mużewijiet mibnija ġodda u rinnovati		Numru	0	9	Q2	2026	Disa' (9) mużewijiet u monumenti mibnija ġodda għandhom jinfetħu għall-pubbliku: - Żewġ (2) mużewijiet – mibnijin ġodda - Seba' (7) mużewijiet – restawr, rinnovazzjoni, modernizzazzjoni.
338	Riforma 2. Qafas għall-operazzjonalizzazzjoni tar-rotot tar-roti fil-livell nazzjonali	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju dwar it-turiżmu bir-roti	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju dwar it-				Q1	2022	Il-qafas regolatorju (Deċiżjonijiet tal-Gvern) għall-operazzjonalizzazzjoni tar-rotot tar-roti għandu jinkludi l-elementi li ġejjin: - l-istabbiliment ta' istituzzjonijiet responsabbli għat-tħaddim u l-

Seq. Num.	Mizura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
				turiżmu bir-roti						monitoraġġ tal-infrastruttura tat-turiżmu bir-roti (inkluż iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għar-rotot tar-roti) - l-istabbiliment ta' tipoloġiji u karatteristiċi tar-rotot tar-roti; - inċentivi regolatorji għall-użu tat-turiżmu bir-roti.
339	Riforma 2. Qafas għall-operazzjonali zzazzjoni tar-rotot tar-roti fil-livell nazzjonali	Stadju importanti	Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għar-rotot tar-roti stabbilit u operattiv	L-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Gvern għall-istabbiliment taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għar-rotot tar-roti				Q2	2022	Iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali (NCC) għar-rotot tar-roti għandu jiġi stabbilit fil-Ministeru għall-Iżvilupp, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Amministrazzjoni. Iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandu jibda jopera u jħejji studju u l-applikazzjoni e-Rota.
340	Riforma 2. Qafas għall-operazzjonali zzazzjoni tar-rotot tar-roti fil-livell nazzjonali	Stadju importanti	Studju komprensiv dwar it-tqassim territorjali tar-rotot nazzjonali taċ-ċikliżmu	Studju ppubblikat				Q3	2022	L-istudju fil-fond għandu jistabbilixxi t-tqassim territorjali tal-korsiji għar-roti turistiċi (3 000 km ta' rotot tar-roti) abbażi ta' kriterji ewlenin (eż. it-tnaqqis tal-konġestjoni, il-promozzjoni tal-ekoturiżmu), jidentifika l-atturi rilevanti u jintegra l-inizjattivi eżistenti biex isaħħaħ il-wirt naturali u kulturali, f'konformità

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										mar-rekwiżiti tal-istadju 338. Abbażi tar-riżultati tal-istudju, għandu jitnieda l-proċess ta' akkwist għall-istabbiliment tal-mogħdijiet għaċ-ċikliżmu.
341	Investiment 3. L-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni taċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni tal-Velo	Stadju importanti	Il-pjattaforma nazzjonali integrata tal-eVelo u l-applikazzjoni tal-ismartphone	Żvilupp u pubblikazzjoni tal-pjattaforma u l-applikazzjoni				Q3	2022	L-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' applikazzjoni diġitali integrata għall-għoti ta' informazzjoni tematika relatata mat-turiżmu taċ-ċikliżmu. L-applikazzjoni integrata tinkludi l-istabbiliment tal-Pjattaforma Nazzjonali eVelo (sit web għar-rotot nazzjonali taċ-ċikliżmu), u applikazzjoni tematika tal-ismartphone, f'konformità mar-rekwiżiti taħt l-istadju importanti 340.
342	Investiment 4. Implimentazzjoni ta' 3 000 km ta' rotot taċ-ċikliżmu	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti għar-rotot taċ-ċikliżmu	Iffirmar tal-kuntratti				Q4	2022	L-iffirmar ta' kuntratti għall-kostruzzjoni ta' 3 000 km f'rotot ġodda għaċ-ċikliżmu, wara proċess ta' sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva. Il-proċess tal-offerti għandu jibda bil-pubblikazzjoni tal-iskema ta' finanzjament li għandha tistabbilixxi l-eliġibbiltà, il-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-kuntratti. L-iskema finanzjarja għandha tiġi żviluppata miċ-Ċentru Nazzjonali ta'

Seq. Num.	Mizura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										Koordinazzjoni għar-Rotot Velo. Wara t-tlestija tal-proċess ta' sejħa għall-offerti, ix-xogħlijiet għandhom jibdew fuq it-3 000 km f'rotot taċ-ċikliżmu.
343	Investiment 4. Implimentazzjoni ta' 3 000 km ta' rotot taċ-ċikliżmu	Mira	Kilometri ta' rotot taċ-ċikliżmu mibnija u aċċessibbli għaċ-ċikliżmu		Kilometri (km)	0	3 000	Q2	2026	Mill-inqas 3 000 km f'rotot taċ-ċikliżmu mibnija ġodda u aċċessibbli f'postijiet definiti abbażi tal-eżitu tal-istudju.
344	Riforma 3. Ir-riforma tas-sistema ta' finanzjament għas-settur kulturali	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar is-sistema ta' finanzjament għas-settur kulturali	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-qafas leġiżlattiv għall-finanzjament tas-settur kulturali				Q3	2022	L-istadju importanti jiffoka fuq l-iżgurar ta' sistema stabbli ta' finanzjament għall-proġetti kulturali. Il-liġi aġġornata għandha tistabbilixxi mekkaniżmu ta' finanzjament stabbli mill-baġit tal-istat għas-settur kulturali li jiffoka fuq: it-tnaqqis tad-distakk fl-aċċess għall-kultura bejn iż-żoni rurali/bliet żgħar u ż-żoni urbani kbar, l-appoġġ għad-diversità kulturali u l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-appoġġ għall-industriji kreattivi, iż-żieda fil-potenzjal ekonomiku tas-settur kulturali.

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										Il-liġijiet li għandhom jiġu approvati u jidħlu fis-seħħ huma: - Il-qafas leġiżlattiv dwar il-finanzjament mhux rimborsabbli tal-kultura (l-Ordinanza tal-Gvern 51/1998); - Il-finanzjament fil-qasam awdjoviżiv f'konformità mal-linji gwida Komunitarji. Il-bidliet leġiżlattivi se jkunu bbażati, fost l-oħrajn, fuq ir-riżultati pprovduti bl-immappjar tal-offerti pubbliċi u privati ta' servizzi kulturali fil-livell nazzjonali u lokali, fuq l-identifikazzjoni u l-provvista ta' sorsi ta' finanzjament addizzjonali prevedibbli u trasparenti, mekkaniżmu ta' governanza b'responsabbiltajiet ċari assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u lokali; Mekkaniżmu ta' żborż ta' finanzjament kundizzjonali għall-kisba ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni assoċjati mal-objettivi ta' politika.
345	Riforma 3. Ir-riforma tas-sistema ta'	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar l-istatut tal-	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul				Q1	2023	Qafas leġiżlattiv ġdid dwar l-istatut tal-ħaddiema kulturali għandu jidħol fis-seħħ u jinkludi firxa

Seq. Num.	Mizura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
	finanzjament għas-settur kulturali		ħaddiema kulturali	fis-seħħ tal-qafas leġiżlattiv għall-istatut tal-ħaddiema kulturali						wiesgħa ta' politiki u jipproponi miżuri konkreti li jindirizzaw l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw l-artisti u huma maħsuba biex jipproteġu l-artisti, bħal: - definizzjoni ċara ta' impjieg f'"xogħol artistiku" u "xogħol kulturali" kif definit fl-Istati Membri u fid-dokumenti tal-UE; - standards u rekwiżiti minimi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-oqfsa leġiżlattivi u tal-protezzjoni soċjali (eż. il-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-tassazzjoni u l-aċċess għas-sigurtà soċjali u benefiċċji oħra, remunerazzjoni ġusta); - dispożizzjonijiet fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali li jippermettu lill-ħaddiema kulturali jkollhom aċċess għall-benefiċċji, bħall-qgħad, il-protezzjoni tas-saħħa, is-self mill-banek, il-finanzjament, il-pensjoni. - għodod għall-identifikazzjoni (legali) tal-artist kulturali freelancer (artisti u professjonijiet relatati) u għall-

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										ħolqien ta' mekkaniżmi ta' inklużjoni fis-sistema tal-protezzjoni soċjali. - metodi oħra għat-titjib tal-istatus soċjoprofessjonali u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiem kulturali.
346	Investiment 5. Żieda fl-aċċess għall-kultura f'żoni kulturalment żvantaġġati	Stadju importanti	Firma tal-kuntratti ta' finanzjament	Iffirmar tal-kuntratti				Q1	2023	Għandhom jiġu ffirmati kuntratti bejn l-operaturi kulturali u l-korp ta' finanzjament pubbliku, sabiex jiġi stabbilit il-qafas legali għall-infiq tal-appoġġ għall-aċċess għall-kultura f'żoni rurali u urbani żgħar bi ftit li xejn servizzi kulturali pubbliċi, permezz ta' proġetti kulturali. Il-kuntratti għandhom jingħataw mill-Amministrazzjoni tal-Fond Kulturali Nazzjonali, wara proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva. Kriterji tal-għażla għall-għoti ta' kuntratti: Għadd/Tipi ta' benefiċjarji/parteċipanti, benefiċċji edukattivi fi żmien qasir, medju u twil, miri edukattivi (storja, ġeografija, loġika, eċċ.), kriterji artistiċi/kreattività, kriterji

Seq. Num.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										ekoloġiċi/tal-bijodiversità/tan-natura/ambjentali, kriterji ta' inklużjoni.
347	Investiment 5. Żieda fl-aċċess għall-kultura f'żoni kulturalment żvantaġġati	Mira	Lokalitajiet żgħar b'aċċess akbar għall-kultura		Numru	0	50	Q2	2024	50 lokalità b'popolazzjoni taħt il-50 000 abitant għandhom jibbenefikaw mill-implimentazzjoni ta' żewġ programmi pilota ta' finanzjament li għandhom iġibu magħhom l-iżvilupp ta' proġetti kulturali u/jew ta' edukazzjoni kulturali
348	Investiment 6. L-iżvilupp ta' sistema diġitali għall-proċessi ta' finanzjament kulturali	Stadju importanti	Sistema diġitali operazzjonalizzata	Pjattaformi u sistemi diġitali operazzjonalizzati				Q3	2023	Dan l-istadju importanti jirreferi għall-iżvilupp ta' sistemi diġitali li għandhom: jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament għall-operaturi kulturali nazzjonali permezz ta' applikazzjonijiet ta' finanzjament simplifikati u diġitalizzati, valutazzjoni tal-proġetti, kuntrattar, monitoraġġ u evalwazzjoni, żborż tal-finanzjament, valutazzjoni *ex post*; - jirreġistraw l-għotjiet kulturali pubbliċi kollha li diġà ngħataw bil-ħsieb li jiġi evitat il-finanzjament doppju; - jintużaw bħala strument għall-ġbir tad-*data* b'rabta mal-infiq

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										kulturali fil-livell ta' kwalunkwe u kull lokalità u reġjun, dwar il-kostijiet kulturali għal kull tip ta' proġett u jippermettu deċiżjoni bbażata fuq l-evidenza fil-qasam tal-politika kulturali; - jippermettu aċċess trasparenti għall-proġetti mhux kunfidenzjali, informazzjoni għall-promoturi tal-proġetti u l-pubbliku inġenerali.
349	Investiment 7. L-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-films	Stadju importanti	Firma tal-kuntratti ta' finanzjament	Iffirmar tal-kuntratti				Q3	2023	Għandhom jiġu ffirmati kuntratti ma' kumpaniji ta' produzzjoni u distribuzzjoni, wara sejħiet għall-offerti miftuħa u kompetittivi u l-kontrolli amministrattivi, inklużi l-kundizzjonijiet għall-għajnuna *de minimis*. Il-finanzjament għandu jiġi kkundizzjonat billi jiġi attirat/jinżamm għadd minimu ta' impjegati speċjalizzati fl-oqsma diġitali. L-attivitajiet eliġibbli jinkludu l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' editjar/postproduzzjoni għall-prodotti diġitali, il-ħolqien ta' mikropjattaformi tal-VoD, il-kummerċjalizzazzjoni, u d-diġitalizzazzjoni (l-akkwist ta' tagħmir tal-IT - editjar tal-vidjo,

Seq. Num.	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Trimestru	Sena	
										sottotitolar diġitali, arkivjar diġitali), l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' kontenut kulturali awdjoviżiv, it-taħriġ tal-persunal biex jinkisbu ħiliet diġitali. L-investiment li għandu jiġi appoġġat jinvolvi wkoll appoġġ għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-kontenut diġitali.
350	Investiment 7. L-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-films	Mira	Produtturi u distributuri tal-films b'aktar kompetenzi diġitali		Numru	0	40	Q1	2025	40 mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u persuni ġuridiċi oħra attivi fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-films fuq il-post li żviluppaw kontenut diġitali, kisbu kapaċità ta' ħiliet diġitali għall-editjar u għall-postproduzzjoni għall-prodotti diġitali.

L. IL-KOMPONENT 12: IL-KURA TAS-SAĦĦA

Il-komponent tal-Kura tas-Saħħa tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandu jikkonsisti fi tliet riformi u żewġ investimenti li jindirizzaw l-isfidi ewlenin fis-sistema tas-saħħa. Dawk ewlenin huma tnaqqis fir-rata ta' mortalità li tista' tiġi evitata, tnaqqis fid-disparitajiet reġjonali, soċjali u rurali-urbani fl-aċċess għal servizzi bażiċi tas-saħħa, żieda fl-aċċess għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità, it-titjib tal-infrastruttura tal-isptarijiet u ta' qabel l-isptar, u l-ottimizzazzjoni tal-infiq għall-kura tas-saħħa u l-ġestjoni tar-riżorsi.

Il-komponent għandu jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż tar-Rumanija dwar it-titjib tal-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-kosteffiċjenza tagħha, inkluż permezz taċ-ċaqliqa fid-direzzjoni tal-kura outpatient (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3, 2019). Jindirizza wkoll ir-rakkomandazzjoni dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, inkluż fl-oqsma tal-ħaddiema tas-saħħa u l-prodotti mediċi, u ttejjeb l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

L.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tal-fondi tas-saħħa pubblika

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiżdied l-effiċjenza tal-infiq fuq is-saħħa pubblika billi jiġu implimentati sensiela ta' bidliet leġiżlattivi u billi tiġi ppilotata skema ta' għotjiet biex jiġu ppremjati l-forniturі tal-kura tas-saħħa bl-aqwa prestazzjoni abbażi ta' kriterji oġġettivi u li jistgħu jitkejlu.

Din ir-riforma tikkonsisti f'żewġ partijiet. L-ewwel waħda għandha tiġi implimentata billi jitwettaq programm pilota mmirat biex ikun hemm stimolu tat-titjib tal-kwalità u l-kosteffettività tas-servizzi tas-saħħa permezz tal-ħolqien, il-pilotaġġ u l-implimentazzjoni ta' dawk il-mekkaniżmi finanzjarji li jippremjaw il-prestazzjoni tal-forniturі tal-kura tas-saħħa (permezz tal-"Fond għall-Kwalità tas-Servizz tas-Saħħa"). Għal dan il-għan, il-Ministeru għas-Saħħa, fi sħubija mal-aġenziji u l-korpi nazzjonali, u billi jibbenefika minn għarfien espert estern, għandu jiżviluppa indikaturi tal-kwalità tas-servizzi tas-saħħa, mudelli ta' pagament ibbażati fuq il-prestazzjoni u għodod diġitali għall-ġbir u l-monitoraġġ tal-indikaturi, għandu jistabbilixxi l-qafas leġiżlattiv meħtieġ, għandu jivvaluta r-rapporti tal-kwalità, u għandu jagħmel il-pagamenti skont il-mudelli żviluppati u r-riżultati tal-valutazzjonijiet. Bħala tali, sabiex tingħata spinta lill-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, il-pagamenti (premjijiet) imħallsa mill- "Fond għall-Kwalità tas-Servizzi tas-Saħħa" għandhom jingħataw lill-forniturі bl-ogħla indikaturi tal-kwalità. L-iskema għandha tkopri l-isptarijiet, fl-ewwel fażi, u mbagħad għandha tiġi estiża għal livelli oħra tas-sistema tal-kura tas-saħħa: outpatients u forniturі tal-kura tas-saħħa primarja, bil-ħsieb li din tiġi estiża għat-tipi kollha ta' forniturі tal-kura tas-saħħa, wara t-tmiem tal-programm pilota. It-tieni sottoriforma għandha tikkonsisti fl-iżvilupp ta' mudell ġdid ta' kuntratt qafas li jirregola l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-kura tas-saħħa u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu. L-effett mistenni ta' din ir-

riforma huwa li tnaqqas il-proporzjon kumplessiv tal-popolazzjoni li tirrapporta ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati.

Din ir-riforma għandha tkun iddedikata wkoll għal servizzi ta' informazzjoni u pubbliċità, inkluż għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni, li huma relatati ma' stqarrijiet għall-istampa ppubblikati fl-istampa bil-miktub u online, materjal ta' informazzjoni u pubbliċità dwar l-attivitajiet u r-riżultati miksuba, promozzjoni online (fuq is-sit web u fuq il-mezzi tal-midja soċjali). Il-materjali kkomunikati għandhom jiġu elaborati u promossi matul l-implimentazzjoni tar-riforma, ir-rappurtar dwar il-proċess, inkluż, fost l-oħrajn, l-adozzjoni tal-qafas leġiżlattiv, ir-riżultati ewlenin tal-proġett pilota, l-introduzzjoni tal-iskema għall-isptarijiet pubbliċi, u l-estensjoni tal-programm għall-outpatients u l-forniturи tal-kura tas-saħħa primarja. Ir-rappurtar pubbliku huwa metodu stabbilit sew għall-promozzjoni tal-mudell ibbażat fuq il-kwalità għall-għoti tal-kura tas-saħħa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 2. Żieda fil-kapaċità biex isiru investimenti fl-infrastruttura tas-saħħa

Ir-riforma għandha l-għan li żżid il-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet ċentrali u lokali biex jiġġestixxu b'mod effiċjenti l-proġetti tal-infrastruttura tas-saħħa billi jwaqqfu u jagħmlu operattiva l-Aġenzija Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura tas-Saħħa (ANDIS), bħala istituzzjoni pubblika b'personalità ġuridika u subordinata għall-Ministeru għas-Saħħa. Fil-kapaċità istituzzjonali sħiħa tagħha, l-ANDIS għandha tkun kapaċi tmexxi proġetti kbar ta' infrastruttura tas-saħħa pubblika, kif ukoll tipprovdi għarfien espert tekniku fuq talba tal-awtoritajiet lokali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha tikkonsisti fl-istabbiliment tal-ANDIS, id-dotazzjoni tagħha bi kwartieri ġenerali u persunal (inkluż il-ħatra ta' President u Bord tat-Tmexxija), attivitajiet ta' taħriġ tal-persunal u konsulenza u assistenza teknika għall-proġetti li jaqgħu taħt il-portafoll tal-ANDIS.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma 3. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tas-saħħa u r-riżorsi umani fis-saħħa

Ir-riforma għandha tinkludi tliet sottoriformi.

R.3.1 Ir-riforma tal-ġestjoni tas-servizz tas-saħħa

L-objettiv ta' din is-sottoriforma huwa li jittejbu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi tar-riżorsi umani fil-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa, fil-livelli kollha tas-sistema tas-saħħa Rumena.

Is-sottoriforma għandha tiġi implimentata permezz ta' bidla leġiżlattiva tal-liġi prinċipali li tirregola s-settur tas-saħħa (il-Liġi Nru 95 tal-2006). Għandhom jiġu adottati għadd ta' Deċiżjonijiet tal-Gvern sabiex jiġu rispettati l-bidliet f'din il-liġi. Sussegwentement, ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tal-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa għandu jsir programmi ta' taħriġ operattivi u akkreditati għar-riżorsi umani kkonċernati fil-ġestjoni (li jinkludu membri tal-kumitati ta' tmexxija tal-isptarijiet, kapijiet tas-sezzjonijiet, kapijiet ta' laboratorji fil-faċilitajiet tas-saħħa, diretturi eżekuttivi, it-tobba primarji, maniġers) għandhom jitwettqu f'kollaborazzjoni ma' dawk l-istituzzjonijiet akkademiċi b'portafoll ewlieni fil-qasam tat-taħriġ u l-iżvilupp tar-riżorsi umani responsabbli għall-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa. Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tar-riforma, il-Ministeru għas-Saħħa huwa mistenni jibbenefika minn assistenza teknika u konsulenza pprovduta minn esperti.

L-implimentazzjoni tas-sottoriforma għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2025.

R.3.2 L-iżvilupp tar-riżorsi umani fil-qasam tal-kura tas-saħħa

L-objettiv ta' din is-sottoriforma huwa li tissaħħaħ il-kapaċità tas-sistema tas-saħħa Rumena biex teduka, tirrekluta, iżżomm u timmotiva forza tax-xogħol lesta biex twieġeb għall-ħtiġijiet tas-saħħa attwali u futuri tal-popolazzjoni.

Is-sottoriforma għandha tikkonsisti fl-iżvilupp ta' qafas strateġiku ġdid kif ukoll fl-aġġustament tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-iżvilupp tar-riżorsi umani fis-saħħa, u r-rikonoxximent differenzjat tal-merti professjonali u l-benefiċċji tal-professjonisti tas-saħħa. Fi ħdan l-istess riforma hemm inklużi l-kostruzzjoni u t-tagħmir ta' żewġ ċentri għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet u attivitajiet relatati mat-taħriġ ta' 1 000 membru tal-persunal li jaħdmu f'faċilitajiet tas-saħħa pubblika li jipprovdu kura tas-saħħa primarja, komunitarja u outpatient, sptarijiet u faċilitajiet oħra tas-saħħa pubblika. Wara l-2026, it-taħriġ tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa għandu jkompli jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-istat.

L-implimentazzjoni tas-sottoriforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

R.3.3 Żieda fl-integrità, it-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet u r-riskji ta' korruzzjoni fis-sistema tas-saħħa

L-objettiv ta' din is-sottoriforma huwa li jittejbu d-definizzjoni u r-regolamentazzjoni tal-kunflitti ta' interess fis-sistema tas-saħħa Rumena u li l-persunal jingħata s-setgħa li jipprevjeni ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet ta' korruzzjoni u/jew kunflitt ta' interess.

Is-sottoriforma għandha tikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ġdid biex jipprijoritizza l-allokazzjonijiet baġitarji magħmula mill-Ministeru għas-Saħħa u d-Dar Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa (CNAS) u fl-għoti ta' taħriġ dwar l-integrità għal 3 000 membru tal-persunal li jaħdmu f'oqsma relatati mas-saħħa fl-amministrazzjoni ċentrali, l-istituzzjonijiet devoluti, il-ġestjoni tal-unitajiet tal-kura tas-saħħa, u l-persunal li jipprovdi kura diretta lill-pazjenti.

Din ir-riforma għandha tkun iddedikata wkoll għal servizzi ta' informazzjoni u pubbliċità, inkluż għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni, li huma relatati ma' stqarrijiet għall-istampa ppubblikati fl-istampa bil-miktub u online, materjal ta' informazzjoni u pubbliċità dwar l-attivitajiet u r-riżultati miksuba, promozzjoni online (fuq is-sit web u fuq il-mezzi tal-midja soċjali). Il-materjali kkomunikati għandhom jiġu elaborati u promossi matul l-implimentazzjoni tar-riforma, ir-rappurtar dwar il-proċess u dwar il-progress ewlieni miksub, bħall-adozzjoni tal-qafas leġiżlattiv, it-tlestija u l-operazzjonalizzazzjoni taċ-ċentru ta' eċċellenza, it-tnedija tal-programmi ta' taħriġ, il-bini u t-tagħmir ta' żewġ ċentri għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet.

L-implimentazzjoni tas-sottoriforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

<u>Investiment 1. Żvilupp ta' infrastruttura medika ta' qabel l-isptar</u>

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb l-aċċess għall-persuni f'żoni rurali żvantaġġati u emarġinati għall-kura tas-saħħa bażika, inklużi l-prevenzjoni u d-dijanjożi bikrija u s-servizzi ta' trattament, kif ukoll li jżid il-kumplessità tas-servizzi tas-saħħa fil-kura primarja, outpatient u komunitarja. L-investiment għandu jinkludi l-ħames sottoinvestimenti li ġejjin. Ir-reġjuni/muniċipalitajiet emarġinati huma dawk mingħajr jew b'aċċess limitat għall-kura tas-saħħa primarja. Il-klassifikazzjoni ta' reġjuni jew muniċipalitajiet emarġinati twettqet minn tim tal-Bank Dinji bbażat fuq l-analiżi tal-grad ta' privazzjoni f'termini ta' kapital uman, impjieg formali u kundizzjonijiet tal-għajxien inadegwati, ir-riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali u

aċċess imnaqqas għas-servizzi, is-saħħa u l-għoti ta' drittijiet fundamentali oħra li l-aċċess għalihom huwa limitat jew ineżistenti.

Il-kriterji ta' marġinalizzazzjoni u l-grad ta' marġinalizzazzjoni huma stabbiliti fil-livell reġjonali skont il-metodoloġiji għall-kalkolu tal-indiċi tal-iżvilupp uman lokali u l-indiċi tal-iżvilupp ippreżentat fl-Atlas taż-żoni rurali emarġinati u l-iżvilupp uman lokali fir-Rumanija, fl-Atlas taż-żoni urbani emarġinati fir-Rumanija u fl-Istudju ta' Sostanzjar għall-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Inklużjoni Soċjali u t-Tnaqqis tal-Faqar - skont il-Bank Dinji.

I.1.1 Prattiki ta' tobba tal-familja jew assoċjazzjonijiet ta' prattiki tal-kura primarja

Is-sottoinvestiment għandu jikkonsisti fir-rinnovazzjoni jew it-tagħmir ta' mill-inqas 3 000 assoċjazzjoni ta' prattiki jew prattiki ta' tobba tal-familja. Dan għandu jitwettaq abbażi ta' sejħa miftuħa u permezz ta' sistema ċentralizzata ta' akkwist.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

I.1.2 Unitajiet mediċi mobbli

Is-sottoinvestiment għandu jikkonsisti fl-akkwiżizzjoni ta' 10 karavans mediku mgħammra b'apparat mediku li jippermetti t-twettiq ta' attivitajiet ta' skrinjar tal-kanċer tas-sider u tal-kanċer ċervikali f'oqsma b'aċċess limitat għas-servizzi tal-kura tas-saħħa speċjalizzati. Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-karavans li għandhom jinxtraw għandhom ikunu l-aqwa teknoloġija disponibbli mil-lat ambjentali.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

I.1.3 Unitajiet ta' kura outpatient

L-investiment għandu jikkonsisti fir-riabilitazzjoni, il-modernizzazzjoni, l-estensjoni (inkluż permezz tal-kostruzzjoni ta' bini ġdid) ta' mill-inqas 30 unità għall-kura outpatient. L-għażla għandha tqis ukoll il-lista ta' proġetti li huma fil-lista ta' riżerva tas-sejħa għal proġetti fil-Programm Operattiv Reġjonali (2014–2020) u proġetti oħra skont il-livell ta' maturità tagħhom. Mill-inqas 20 unità tal-kura outpatient għandhom ikunu jinsabu f'reġjuni jew muniċipalitajiet inqas żviluppati (definiti bħala dawk ir-reġjuni/muniċipalitajiet fejn il-PDG/ras għal ras < 75 % tal-medja tal-EU-27).

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

I.1.4 Ċentri integrati tal-komunità

Is-sottoinvestiment għandu jikkonsisti fil-bini/rinnovazzjoni ta' 200 ċentru komunitarju integrat (iċ-ċentri komunitarji integrati huma parti mill-korp ta' programmi komunitarji tal-kura tas-saħħa mmexxija mill-Ministeru għas-Saħħa, bl-għan ewlieni li jiżdied l-aċċess għal servizzi mediċi ta' kwalità għall-popolazzjoni u b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli), kif ukoll li dawn ikunu kompletament attrezzati, f'konformità mar-rekwiżiti minimi stipulati fid-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 324/2019. L-infrastruttura u/jew il-bini għandhom jikkonformaw mal-kriterji tal-effiċjenza enerġetika. Il-bini l-ġdid għandu jikkonforma mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

I.1.5 Uffiċċji tal-ippjanar tal-familja

L-investiment għandu jikkonsisti fir-riabilitazzjoni jew it-tagħmir ta' 119-il prattika tal-ippjanar tal-familja b'punti ta' dijanjostika ta' kura għal mard trażmess sesswalment, scanner għall-ultrasound b'sondi ġinekoloġiċi ultraportabbli, mikroskopju, tagħmir tal-IT, refriġeratur, vetturi għat-trasport (elettriċi jew roti). L-investiment għandu jkopri wkoll il-kost tat-taħriġ tal-persunal mediku li jaħdem fil-kabinetti tal-ippjanar tal-familja.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2. Żvilupp tal-infrastruttura tal-isptarijiet pubbliċi

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiżdied is-sikurezza tal-pazjenti fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, permezz ta' interventi li jiżguraw in-nirien, il-bini strutturali u s-sikurezza sismika, kif ukoll it-titjib tar-rendiment tal-enerġija u l-prevenzjoni ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa. L-investiment għandu jinkludi l-erba' sottoinvestimenti li ġejjin u mill-inqas EUR 70 miljun minn dan l-investiment għandhom jiġu allokati għat-tagħmir tal-IT.

I.2.1 Infrastruttura ġdida tal-isptarijiet pubbliċi

Is-sottoinvestiment jikkonsisti f'finanzjament parzjali tal-bini ta' 25 sptar jew unità ta' sptar ġodda. Mill-25 sptar ġdid jew unità ta' sptar, 19-il binja għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali u 6 għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

I.2.2 Tagħmir u apparat mediku

Is-sottoinvestiment jikkonsisti fl-attrezzar ta' sptarijiet jew unitajiet tal-isptarijiet mibnija ġodda b'apparat mediku (bħal tagħmir għal dipartimenti speċifiċi u ġenerali għas-swali tal-kirurġija, kamra tat-trattament, kmamar ta' iżolament, inkluż għal mard infettiv u unitajiet tal-ħruq, kmamar tal-pazjenti, stazzjonijiet tal-infermerija, faċilitajiet ta' persunal mediku, kmamar għall-medikazzjoni, kmamar ta' preparazzjoni nodfa, kmamar tal-ICU, kmamar ta' iżolament tas-CCU, faċilitajiet ta' riabilitazzjoni, ġestjoni tal-iskart u l-ħżin, faċilitajiet ta' emerġenza u ta' risuxxitazzjoni) u tagħmir mediku (bħal: sodod, unitajiet ta' dekontaminazzjoni, tagħmir tal-IT, crash carts, defibrillaturi, pompi tal-infużjoni, sistemi ta' monitoraġġ fiżjoloġiku, inkluż console ċentrali, sistemi ta' monitoraġġ fiżjoloġiku għall-kura akuta, ventilaturi għall-unitajiet ta' kura intensiva, sistemi ta' skennjar għal skopijiet ġenerali).

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

I.2.3 Faċilitajiet ta' kura intensiva għat-trabi tat-twelid

Is-sottoinvestiment għandu jikkonsisti mill-modernizzazzjoni, l-estensjoni u l-forniment ta' tagħmir ġdid għal 25 unità ta' kura intensiva neonatali għall-pazjent kritiku għal dijanjosi bikrija, trattament ta' qabel it-twelid, neonatali u ta' wara t-twelid. B'mod speċifiku, is-sottoinvestiment għandu jkopri l-estensjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-isptarijiet iddedikata għal pazjenti kritiċi neonatali b'124 sodda addizzjonali (inklużi l-infrastruttura u t-tagħmir relatati), it-tagħmir ta' 90 sodda eżistenti b'apparat mediku adegwat, kif ukoll it-titjib tal-programm ta' skrinjar billi l-

infrastruttura eżistenti tiġi mgħammra b'apparat mediku rilevanti, l-akkwist ta' 12-il unità mobbli tal-kura intensiva neonatali u l-bini u t-tagħmir ta' tmien (8) ċentri ta' taħriġ reġjonali għal pazjenti kritiċi neonatali.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

I.2.4 Tagħmir u materjali biex jitnaqqas ir-riskju ta' infezzjonijiet nożokomjali

Is-sottoinvestiment għandu jikkonsisti fl-attrezzar ta' mill-inqas 25 sptar pubbliku b'tagħmir għall-kontroll mikrobijoloġiku tal-arja fil-blokok tal-operazzjonijiet u fl-unitajiet tal-kura intensiva permezz ta' faċilitajiet speċifiċi tal-arja kundizzjonata, kif ukoll faċilitajiet għad-diżinfettar tal-persunal mediku.

L-implimentazzjoni tas-sottoinvestiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

L.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
351	Riforma 1. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tal-fondi tas-saħħa pubblika	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ordni ministerjali għall-indikaturi tal-prestazzjoni u tal-kwalità li għandhom jintużaw għall-għażla tal-unitajiet mediċi li jibbenefikaw mill-Fond għall-Kwalità tas-Saħħa	Dispożizzjoni fl-ordni ministerjali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-ordni ministerjali li tadotta s-sett ta' indikaturi tal-kwalità tal-kura u l-metodoloġija neċessarja għall-għażla tal-faċilitajiet mediċi benefiċjarji				Q4	2022	Il-Ministeru għas-Saħħa għandu jiżviluppa u jadotta sett ta' indikaturi tal-proċess, indikaturi tal-eżitu u indikaturi speċifiċi għall-pazjent li għandhom jintużaw għall-evalwazzjoni tal-fornituri tal-kura tas-saħħa kif ukoll il-metodoloġija għall-għażla bbażata fuq il-prestazzjoni tal-istabbilimenti riċevituri. Is-sett ta' indikaturi għandu jinkludi indikaturi bħal: il-proporzjon ta' pazjenti b'avvenimenti avversi, it-titjib fl-iskala tal-uġigħ (punteġġ tal-Iskala Analogu Viżwali), ir-rata ta' infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptar, l-informazzjoni ta' kwalità disponibbli għall-pazjenti.
352	Riforma 1. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tal-fondi tas-saħħa pubblika	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Gvern għal mudell ġdid ta' kuntratt qafas li jirregola l-kundizzjonijiet għall-għoti ta'	Dispożizzjoni fid-Deċiżjoni tal-Gvern li tindika d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Gvern u tal-Ordni Konġunta tal-Ministeru għas-Saħħa				Q2	2023	Il-kuntratt qafas il-ġdid għandu jkollu l-għan li: - Itejjeb il-ġestjoni tal-Fond Nazzjonali ta' l-Assigurazzjoni tas-Saħħa - Iżid is-servizzi tal-kura outpatient biex titnaqqas il-pressjoni fuq is-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			assistenza medika, mediċini u apparat mediku, apparat ta' assistenza u teknoloġiji fil-qafas tas-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa	u tad-Dar Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa						sistema tal-isptarijiet - Jippromwovi l-forniment ta' servizzi preventivi u ta' dijanjożi bikrija, b'mod partikolari fil-livell tal-kura tas-saħħa primarja - Jiffaċilita s-servizzi remoti minn fornituri ta' servizzi mediċi - Inaqqas id-distakk rurali-urban f'termini ta' aċċess għall-kura medika billi joħloq inċentivi għal tobba tal-familja/speċjalisti biex jipprovdu servizzi f'żoni remoti u mhux moqdija biżżejjed. - Jestendi l-kopertura tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja, speċjalizzata u komunitarja biex tinkludi servizzi ta' prevenzjoni u dijanjosi bikrija Il-bidliet ewlenin jikkonċernaw il-proċeduri u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti mal-fornituri tas-servizzi, il-mekkaniżmi ta' finanzjament u l-pakketti ta' servizzi għall-persuni assigurati u mhux assigurati.
353	Riforma 1. Żieda	Stadju	Id-dħul fis-seħħ tal-	Il-proċess baġitarju				Q1	2024	Il-Ministeru għas-Saħħa għandu

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	fil-kapaċità għall-ġestjoni tal-fondi tas-saħħa pubblika	importanti	emenda leġiżlattiva meħtieġa biex tinkludi l-eżiti tar-reviżjoni tal-infiq tal-baġit fil-proċess baġitarju	jqis l-eżiti tar-reviżjoni tal-infiq fil-qasam tas-saħħa li tlesta fl-2023 mill-Ministeru għall-Finanzi.						jimplimenta fil-proċess baġitarju tiegħu l-eżitu tar-reviżjoni tal-infiq fil-qasam tas-saħħa mwettqa mill-Ministeru għall-Finanzi. Dan għandu jsir mis-sena ta' wara t-tlestija tal-analiżi tal-infiq.
354	Riforma 1. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tal-fondi tas-saħħa pubblika	Mira	It-titjib tal-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa billi jitnaqqas il-perċentwal ta' persuni li jirrapportaw ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati		Perċentwal	4,9	4,2	Q2	2026	Ħtieġa mhux issodisfata għal eżami u kura medika tista' tkun dovuta għal (1) raġunijiet finanzjarji, (2) listi ta' stennija u (3) il-ħtieġa li wieħed jivvjaġġa 'l bogħod wisq. L-indikatur tal-Eurostat li jistma l-livell ta' aċċessibbiltà għas-servizzi tal-kura tas-saħħa jqis it-tliet raġunijiet kollha. Il-kura medika, tirreferi għas-servizzi tal-kura tas-saħħa individwali (eżami jew trattament mediku, għajr kura dentali) ipprovduti minn tobba jew taħt is-sorveljanza diretta tagħhom jew ta' professjonijiet ekwivalenti, skont is-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali. Id-*data* tingħabar mill-Istatistika Ewropea tal-Istħarriġ dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tirreferi għal ħtiġijiet bħal dawn matul

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										it-12-il xahar preċedenti. Billi jitjieb l-aċċess għall-kura tas-saħħa, il-perċentwal ta' persuni li jirrapportaw ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati huwa mistenni li jonqos minn 4,9 % fl-2019 (linja bażi) għal 4,2 % fit-Q2 2026.
355	Riforma 2. Żieda fil-kapaċità biex isiru investimenti fl-infrastruttura tas-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-qafas leġiżlattiv li jistabbilixxi l-Aġenzija Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura fis-Saħħa (ANDIS)	Dħul fis-seħħ tal-qafas leġiżlattiv li jistabbilixxi l-Aġenzija Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura fis-Saħħa (ANDIS)				Q2	2022	Il-qafas leġiżlattiv għandu jistabbilixxi l-funzjonijiet li ġejjin għall-Aġenzija: — It-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti prijoritarji ta' investiment fl-infrastruttura tas-saħħa pubblika b'mod f'waqtu, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u fil-qafas tal-baġit approvat; — Il-ħruġ ta' struzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u standards metodoloġiċi applikabbli għat-tħejjija, l-implimentazzjoni u t-tlestija ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tas-saħħa pubblika; - L-għoti ta' assistenza speċjalizzata fil-qasam ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tas-saħħa pubblika lil ministeri, sptarijiet pubbliċi jew lil

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										awtoritajiet pubbliċi oħra; - L-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-programm pluriennali ta' proġetti ta' investiment ta' prijorità fl-infrastruttura tas-saħħa pubblika; - Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tas-saħħa pubblika; - It-twaqqif ta' ċentru ta' eċċellenza fil-ġestjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tas-saħħa pubblika; - L-istabbiliment ta' sħubiji u l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' finanzjament għal proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tas-saħħa pubblika. Il-President tal-ANDIS għandu jinħatar u r-reklutaġġ tal-persunal għall-15-il rwol ewlieni fl-organigramma finalizzata tal-ANDIS għandu jitlesta saż-żmien meta l-aġenzija ssir operattiva.
356	Riforma 3. Żieda fil-kapaċità	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-qafas leġiżlattiv	Dħul fis-seħħ tal-qafas leġiżlattiv għar-				Q2	2022	L-emendi huma mmirati lejn il-liġi prinċipali li tirregola s-settur tas-saħħa

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	għall-ġestjoni tas-saħħa u r-riżorsi umani fis-saħħa		għaż-żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tas-saħħa u r-riżorsi umani fis-saħħa	riforma tal-ġestjoni tas-servizz tas-saħħa u tar-riżorsi umani						(il-Liġi Nru 95 tal-2006, kif emendata). Barra minn hekk, għadd ta' Deċiżjonijiet tal-Gvern għandhom jidħlu fis-seħħ sabiex jiġu operazzjonalizzati l-bidliet f'din il-liġi. Id-dispożizzjonijiet prinċipali tal-partijiet tal-leġiżlazzjoni li għadhom kif ġew introdotti għandhom: - jaġġustaw il-kriterji ta' kompetenza għar-reġistrazzjoni f'kompetizzjonijiet għal karigi fil-ġestjoni tas-saħħa; - jaġġustaw il-kriterji tal-kwalità għall-programmi ta' taħriġ fil-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa; - jaġġornaw ir-rekwiżiti għall-iżvilupp professjonali kontinwu tal-professjonisti tas-saħħa; - jiżviluppaw u jsaħħu l-korp ta' esperti fil-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa; - jiżviluppaw l-awditjar u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' taħriġ fil-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa. Il-leġiżlazzjoni li għadha kif ġiet adottata għandha tgħin biex il-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa ssir professjonali

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										billi tiżviluppa kriterji ta' kompetenza għall-persunal speċjalizzat.
357	Riforma 3. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tas-saħħa u r-riżorsi umani fis-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni għall-qafas strateġiku għall-iżvilupp tar-riżorsi umani fis-saħħa	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni għall-qafas strateġiku għall-iżvilupp tar-riżorsi umani fis-saħħa permezz ta' Deċiżjoni tal-Gvern				Q2	2022	Il-liġi għandha tistabbilixxi qafas strateġiku ġdid għall-iżvilupp tar-riżorsi umani fis-saħħa, f'konformità mal-objettivi kumplessivi tas-sistema tas-saħħa. L-elementi ewlenin dwar il-qafas strateġiku għandhom ikunu: (i) riżorsi umani fis-saħħa - sorsi (ii) il-ġestjoni tar-riżorsi umani fis-saħħa, (iii) il-ġestjoni tal-motivazzjoni għar-riżorsi umani (iv) il-governanza tal-forza tax-xogħol fis-settur tas-saħħa
358	Riforma 3. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tas-saħħa u r-riżorsi umani fis-saħħa	Stadju importanti	L-iżvilupp tar-riżorsi umani fis-saħħa	Adozzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni settorjali għall-iżvilupp tar-riżorsi umani fis-saħħa b'ordni tal-Ministru għas-Saħħa				Q4	2022	Il-pjanijiet ta' azzjoni settorjali għall-iżvilupp tar-riżorsi umani fil-kura tas-saħħa primarja u komunitarja, il-kura ambulatorja u fl-isptarijiet u s-saħħa pubblika għandhom joperazzjonalizzaw il-qafas strateġiku biex jittrasformaw il-livell ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi tar-riżorsi umani fis-saħħa. Għandhom jiġu żviluppati ħames (5)

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										pjanijiet ta' azzjoni individwalizzati, u l-oqsma koperti jinkludu t-taħriġ inizjali, l-iżvilupp professjonali kontinwu, it-taħlita tal-ħiliet, il-kondiviżjoni tal-kompiti, it-trasferiment tal-kompiti. Il-pjanijiet ta' azzjoni huma mistennija li jkunu konformi mal-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti għall-ġestjoni tal-fondi tas-saħħa pubblika stabbiliti fir-Riforma 1. Il-persunal mediku kopert jinkludi tobba, infermiera, spiżjara, dentisti, qwiebel, infermiera tal-komunità, u kategoriji oħra ta' professjonisti tas-saħħa.
359	Riforma 3. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tas-saħħa u r-riżorsi umani fis-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' ordni tal-Ministru għas-Saħħa li tistabbilixxi qafas ta' rikonoxximent differenzjat tal-merti professjonali u l-ippremjar tal-professjonisti tas-	Dispożizzjoni fl-ordni tal-Ministru għas-Saħħa li tindika d-dħul fis-seħħ ta' qafas ta' rikonoxximent differenzjat tal-merti professjonali u l-ippremjar tal-				Q4	2023	L-ordni ministerjali għandha tiżgura l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas koerenti ta' rikonoxximent differenzjat tal-merti professjonali u l-ippremjar rispettiv tagħhom, ibbażat fuq indikaturi marbuta mal-prestazzjoni li jinkludu, fost l-oħrajn, ir-rati ta' kumplikazzjoni, ir-rati ta' mortalità, u l-livelli ta' sodisfazzjon tal-pazjenti.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			saħħa	professjonisti tas-saħħa						Il-kategoriji koperti jinkludu l-persunal mediku fl-isptarijiet u l-kura outpatient.
360	Riforma 3. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tas-saħħa u r-riżorsi umani fis-saħħa	Mira	Il-bini u t-tagħmir sħiħ ta' żewġ ċentri ġodda għall-iżvilupp tal-ħiliet għall-persunal tal-kura tas-saħħa pubblika			0	2	Q2	2024	Żewġ ċentri ta' żvilupp tal-ħiliet mibnija ġodda u kompletament mgħammra, iddedikati għal persunal li jaħdem fi stabbilimenti pubbliċi tal-kura tas-saħħa, għandhom isiru operattivi.
361	Riforma 3. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tas-saħħa u r-riżorsi umani fis-saħħa	Mira	Persuni li pparteċipaw f'taħriġ dwar il-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa		Numru	0	1 000	Q2	2025	1 000 membru tal-persunal tal-isptar (bħal: maniġers, membri tal-kumitati ta' ġestjoni, kapijiet tas-sezzjoni/tal-laboratorju/tal-farmaċija, maniġers tad-direttorati tas-saħħa pubblika tal-kontea u tal-uffiċċji tal-assikurazzjoni tas-saħħa tal-kontea, tobba tal-familja li jimmaniġġjaw prattiki individwali/raggruppati) għandhom jirċievu taħriġ. Għandha tingħata prijorità lill-professjonisti li jaħdmu f'żoni remoti u rurali. It-taħriġ għandu jinkludi, iżda mhuwiex limitat għall-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa, l-organizzazzjoni u l-finanzjament tas-sistemi tas-saħħa, il-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										politiki tas-saħħa, il-politiki dwar ir-riżorsi umani, il-komunikazzjoni dwar is-saħħa, il-ġestjoni tal-kwalità tas-servizzi tas-saħħa, il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa, id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni fis-saħħa. It-taħriġ għandu jsir fiż-żewġ ċentri ġodda għall-iżvilupp tal-ħiliet.
362	Riforma 3. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tas-saħħa u r-riżorsi umani fis-saħħa	Mira	Persuni li pparteċipaw f'taħriġ dwar l-immaniġġjar tar-riżorsi umani f'istituzzjonijiet tas-saħħa		Numru	0	1 000	Q2	2025	Il-kategoriji kkonċernati jinkludu persunal mill-istrutturi tar-riżorsi umani tal-isptarijiet, id-direttorati tas-saħħa pubblika tal-kontea u istituzzjonijiet oħra tas-servizzi tas-saħħa. It-taħriġ għandu jinkludi iżda mhuwiex limitat għar-reklutaġġ u l-għażla tar-riżorsi umani, mekkaniżmi finanzjarji u mhux finanzjarji biex jistimulaw il-persunal mediku, il-motivazzjoni tal-persunal mediku.
363	Riforma 3. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tas-saħħa u r-riżorsi umani fis-	Mira	Professjonisti tas-saħħa li pparteċipaw fi programmi ta' taħriġ dwar l-integrità		Numru	150	3 000	Q2	2025	3 000 persunal li jaħdmu f'oqsma relatati mas-saħħa fl-amministrazzjoni ċentrali, istituzzjonijiet devoluti, ġestjoni tal-unitajiet tal-kura tas-saħħa, u persunal li jipprovdi kura diretta lill-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	saħħa									pazjenti għandhom jitħarrġu f'diversi suġġetti relatati mal-integrità (bħal: prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-indirizzar tal-kunflitti ta' interess fis-sistema tal-kura tas-saħħa, il-protezzjoni tal-informaturi, it-trasparenza fl-għoti ta' kuntratti b'rabta mal-kura tas-saħħa). Il-programm ta' taħriġ għandu jiġi żviluppat f'konformità mal-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti għall-ġestjoni tal-fondi tas-saħħa pubblika stipulati fir-Riforma 1.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
364	Riforma 3. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tas-saħħa u r-riżorsi umani fis-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ordni konġunta tal-Ministeru għas-Saħħa u tad-Dar Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa (CNAS) għal mekkaniżmu li jipprijoritizza l-allokazzjonijiet tal-baġit li jsiru mill-Ministeru għas-Saħħa u d-Dar Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa (CNAS)	Dispożizzjoni fl-ordni konġunta tal-Ministeru għas-Saħħa u tad-Dar Nazzjonali għall-Assigurazzjoni tas-Saħħa (CNAS) li tindika d-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu ta' prijoritizzazzjoni tal-baġit				Q4	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu ta' prijoritizzazzjoni tal-baġit li għandu jinkludi: - ir-raġunament u l-iżvilupp tal-kriterji ta' prijoritizzazzjoni - il-mekkaniżmi ta' kollaborazzjoni bejn il-Ministeru għas-Saħħa u ċ-Ċentru Nazzjonali għall-Assigurazzjoni tas-Saħħa (CNAS) għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu - il-mekkaniżmi li permezz tagħhom il-kriterji tal-prijoritizzazzjoni tal-baġit għandhom jinfurmaw id-deċiżjonijiet ta' politika, l-evalwazzjoni tal-politiki u l-aġġustament kontinwu tal-kriterji.
365	Riforma 3. Żieda fil-kapaċità għall-ġestjoni tas-saħħa u r-riżorsi umani fis-saħħa	Stadju importanti	L-operazzjonalizzazzjoni tal-portal transparenta.ms.ro dwar l-użu tar-riżorsi pubbliċi	Pubblikazzjoni tad-*data* fuq il-portal transparenta.ms.ro rigward l-użu tar-riżorsi pubbliċi fis-saħħa				Q4	2024	L-użu tar-riżorsi pubbliċi għandu jsir aktar trasparenti permezz tal-aggregazzjoni ċentralizzata tad-*data* fuq il-portal transparenta.ms.ro. Id-*data* inkluża għandha tirreferi għall-użu tar-riżorsi fil-livell tal-istituzzjonijiet ċentrali u lokali, kif ukoll fil-livell tal-isptarijiet. B'mod aktar speċifiku, id-*data* li għandha tiġi

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										ppubblikata għandha tinkludi l-lista ta' ditti li ngħataw kuntratti pubbliċi, l-awtoritajiet kontraenti, u mappa tal-kuntratti mogħtija.
366	Investiment 1. Żvilupp ta' infrastruttura medika ta' qabel l-isptar	Stadju importanti	Adozzjoni ta' kriterji għall-prijoritizzazzjoni ta' investimenti f'ċentri integrati tal-komunità	Adozzjoni tal-Manwal taċ-Ċentri Komunitarji Integrati, inklużi linji gwida għall-prijoritizzazzjoni ta' investimenti f'ċentri komunitarji integrati permezz ta' ordni tal-Ministru għas-Saħħa.				Q4	2021	Iċ-Ċentri Komunitarji Integrati għandhom jibbenefikaw minn investimenti bbażati fuq linji gwida metodoloġiċi ta' prijorità li għandhom jiġu żviluppati mill-Ministeru għas-Saħħa b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi lokali. Dawn il-linji gwida ta' prijorità għandhom ikunu parti integrali tal-Manwal taċ-Ċentri Komunitarji Integrati. Il-prijoritizzazzjoni tal-unitajiet territorjali amministrattivi għandha tikkunsidra: - l-għadd ta' persuni vulnerabbli għal kull komunità (minimu ta' 500 persuna vulnerabbli mil-lat mediku, soċjali jew ekonomiku) - id-disponibbiltà ta' assoċjazzjoni ma' lokalitajiet vulnerabbli oħra - l-eżistenza ta' infermiera komunitarja

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										u ħaddiem soċjali/tekniku tal-assistenza soċjali - unitajiet territorjali amministrattivi mingħajr tabib tal-familja jew b'għadd insuffiċjenti ta' tobba tal-familja meta mqabbel mal-popolazzjoni - l-eżistenza ta' deċiżjoni tal-kunsill lokali biex jitwaqqfu ċentri komunitarji integrati - l-identifikazzjoni tal-lokalità bħala żona rurali marġinali
367	Investiment 1. Żvilupp ta' infrastruttura medika ta' qabel l-isptar	Mira	Prattiki ta' tobba tal-familja jew assoċjazzjonijiet ta' prattiki tal-kura tas-saħħa primarja mgħammra jew rinnovati, li jipprijoritizzaw prattiki li jinsabu f'reġjuni u muniċipalitajiet emarġinati		Numru	0	3 000	Q2	2023	Mill-inqas 3 000 assoċjazzjoni ta' prattiki/prattiki ta' tobba tal-familja għandhom ikunu mgħammra jew rinnovati abbażi ta' sejħa miftuħa. Dan għandu jsir permezz ta' tagħmir mediku akkwistat ċentralment (permezz tal-unità ċentrali tax-xiri tal-Ministeru għas-Saħħa jew l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Akkwist Ċentralizzat). Mill-inqas 75 % tal-kuntratti kollha ffirmati ma' assoċjazzjonijiet ta' prattiki/tobba tal-familja għandhom ikunu f'reġjuni jew muniċipalitajiet emarġinati (kif definit hawn fuq fid-deskrizzjoni tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										investiment). Il-kriterji għall-għażla ta' żoni mediċi li mhumiex moqdija tajjeb għandhom ikunu: (i) Karatteristiċi tal-popolazzjoni, (ii) Kopertura tal-popolazzjoni b'assigurazzjoni tas-saħħa, (iii) Disponibbiltà tar-riżorsi umani meħtieġa, (iv) Disponibbiltà ta' infrastruttura fiżika xierqa, (v) Aċċessibbiltà ġeografika.
368	Investiment 1. Żvilupp ta' infrastruttura medika ta' qabel l-isptar	Mira	Unitajiet mediċi mobbli mgħammra għall-iskrinjar tal-kanċer tas-sider u ċervikali		Numru	0	10	Q2	2023	10 unitajiet mediċi mobbli għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir għall-iskrinjar tal-kanċer tas-sider u ċervikali. Il-karavans mediċi għandhom iwettqu attivitajiet ta' skrinjar tal-kanċer tas-sider u ċervikali f'żoni b'aċċess limitat għal servizzi tal-kura tas-saħħa speċjalizzati, inklużi żoni żvantaġġati b'maġġoranza tal-popolazzjoni ta' Rom jew komunitajiet Rom. L-iskrinjar tal-karavans (unitajiet mobbli) għandu jiġi allokat liċ-ċentri reġjonali li attwalment qed iwettqu attivitajiet ta' skrinjar ċervikali u li diġà għandhom għarfien espert f'attivitajiet bħal dawn.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										Il-karavans li jridu jinxtraw għandhom ikunu l-aqwa teknoloġija disponibbli mil-lat ambjentali, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).
369	Investiment 1. Żvilupp ta' infrastruttura medika ta' qabel l-isptar	Mira	Faċilitajiet mibnija ġodda/rinnovati u mgħammra li jipprovdu kura outpatient		Numru	0	30	Q4	2024	Mill-inqas 30 unità ta' kura outpatient għandhom jiġu modernizzati, riabilitati, estiżi (inkluż permezz tal-kostruzzjoni ta' bini ġdid) u attrezzati. L-għażla għandha tqis ukoll il-lista ta' proġetti li huma fil-lista ta' riżerva tas-sejħa għal proġetti fil-Programm Operattiv Reġjonali (2014–2020) u proġetti oħra skont il-livell ta' maturità tagħhom. Mill-inqas 20 unità ta' kura outpatient għandhom ikunu jinsabu f'reġjuni jew muniċipalitajiet inqas żviluppati. Ir-reġjuni/muniċipalitajiet li ġejjin huma meqjusa bħala inqas żviluppati: Dawk ir-reġjuni/muniċipalitajiet fejn il-PDG/ras għal ras < 75 % tal-medja tal-EU-27 (skont id-definizzjoni tal-UE). L-investimenti għandhom jikkonsistu minn:

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										- riabilitazzjoni/modernizzazzjoni/estensjoni/dotazzjoni tal-infrastruttura eżistenti għal pazjenti outpatient; - titjib tal-aċċessibbiltà tal-ispazju għas-servizzi mediċi u għat-toroq ta' aċċess; - l-iżgurar/l-immodernizzar ta' utilitajiet ġenerali u speċifiċi (inkluż il-konnessjoni mal-utilitajiet dwar il-post tal-objettiv tal-investiment); - xiri ta' tagħmir għall-infrastruttura outpatient.
370	Investiment 1. Żvilupp ta' infrastruttura medika ta' qabel l-isptar	Mira	Ċentri komunitarji integrati mibnija ġodda/rinnovati u attrezzati, inkluż persunal adegwat		Numru	0	200	Q2	2025	200 ċentru komunitarju integrat li għadu kemm inbena jew ġie rinnovat. Il-funzjonalità taċ-ċentri komunitarji integrati tinkludi spazji għall-provvista ta' servizzi mediċi skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni speċifika u l-kwistjoni tal-gruppi vulnerabbli identifikati mill-perspettiva medika, soċjali u ekonomika. Kostijiet rikorrenti bħall-kostijiet tal-persunal ma għandhomx jiġu inklużi. L-infrastruttura u/jew il-bini għandhom jikkonformaw mal-kriterji tal-effiċjenza

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										enerġetika. Il-bini kollu mibni ġdid għandu jikkonforma mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Huwa stmat li 70 % tal-kostijiet biex jitwettaq dan l-investiment għandhom ikunu relatati mal-kostruzzjoni (li għandha titwettaq billi jkun hemm konformità mal-istandard NZEB+). Mill-inqas 100 ċentru komunitarju integrat għandhom ikunu jinsabu f'reġjuni u muniċipalitajiet emarġinati. Il-faċilitajiet għandhom ikunu mgħammra bit-tagħmir prinċipali li ġej: I. Tagħmir tal-funzjonalità tal-uffiċċju: skrivaniji, siġġijiet tal-uffiċċju, inkluż għal pazjenti, kabinetti għall-fajls, gwardarobbi, printer multifunzjonali (bi scanner), kompjuters/laptops b'aċċess għall-internet,

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										scooter/Roti/ATV/Karozza Elettrika, skont l-ispeċifiċitajiet tal-komunità u l-infrastruttura lokali — mill-inqas mezz wieħed ta' trasport għal kull ċentru komunitarju, struttura funzjonali tal-internet ta' 24 siegħa biex jiġu żgurati interventi fit-telemediċina. Il-mezzi tat-trasport imsemmija għandhom jintużaw biss għall-forniment ta' servizzi relatati mal-kura tas-saħħa f'żoni remoti. II. Tagħmir ta' konsultazzjoni: sufan għall-konsultazzjoni, mejda ġinekoloġika jew sufan għall-konsultazzjoni biex ikun fihom appoġġi għal eżami ostetriku u ġinekoloġiku, monitor tal-pressjoni tad-demm, stetoskopju, kit tal-mikrokirurġija kompluta, refriġeratur għall-prodotti organiċi, tagħmir għall-analiżi medika. III. Kit ta' assistenza medika (bħal: spfigmomanometru stetoskopiku, stetoskopju tal-fetu, ossimetru tal-impuls, termometru se għat-tfal u l-adulti, kit kirurġiku li jintrema, imwieżen tat-tfal u tal-adulti, tray tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										kliewi, kontenitur tal-iskart żgħir, test rapidu għal qsim tal-membrana tal-fetu, karta PH, kullar ċervikali universali, provvisti mediċi.);
371	Investiment 1. Żvilupp ta' infrastruttura medika ta' qabel l-isptar	Mira	Komunitajiet li mhumiex moqdija biżżejjed, inklużi r-Rom, għandhom aċċess għall-kura tas-saħħa komunitarja		Numru	0	300	Q2	2025	Mill-inqas 300 komunità emarġinata (kif definit hawn fuq fid-deskrizzjoni tal-investiment), inklużi komunitajiet b'maġġoranza tal-popolazzjoni Rom jew komunitajiet tar-Rom, għandu jkollhom aċċess għal servizzi mediċi permezz taċ-ċentri komunitarji integrati Minn 300 lokalità li għandhom jaċċessaw il-kura tas-saħħa komunitarja, 250 huma lokalitajiet rurali u 50 huma lokalitajiet minn żoni urbani.
372	Investiment 1. Żvilupp ta' infrastruttura medika ta' qabel l-isptar	Mira	Kabinetti għall-ippjanar tal-familja mgħammra jew mgħammra u rinnovati		Numru	0	119	Q4	2025	119-il kabinett għall-ippjanar tal-familja għandhom ikunu mgħammra u/jew riabilitati. Il-kabinetti għall-ippjanar tal-familja għandhom jgħaddu minn interventi ta' riabilitazzjoni u rinnovazzjoni u għandhom jiġu pprovduti b'laboratorju mediku u tagħmir tal-immaġni. L-unitajiet tas-saħħa li joperaw l-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										uffiċċji tal-ippjanar tal-familja għandhom jaċċessaw il-finanzjament u jimplimentaw il-proġett. Il-faċilitajiet għandhom ikunu mgħammra wkoll b'tagħmir (bħal: punt ta' kura flimkien mal-analizzatur — għal infezzjonijiet trażmessi sesswalment, scanner għall-ultrasound b'sondi ġinekoloġiċi ultraportabbli, mikroskopju, tagħmir tal-IT, refriġeratur, vetturi tat-trasport (elettriċi jew roti)).
373	Investiment 1. Żvilupp ta' infrastruttura medika ta' qabel l-isptar	Mira	Żieda fl-aċċess għall-kura tas-saħħa primarja		Numru	168	109	Q2	2025	Tnaqqis b'35 % (minn 168 għal 109) fl-għadd ta' komunitajiet rurali li mhumiex moqdija minn tabib tal-familja meta mqabbel ma' Frar 2021. Dawn il-komunitajiet għandhom, fejn possibbli, jinkludu komunitajiet b'popolazzjoni Rom. L-investimenti mmirati lejn l-infrastruttura medika ta' qabel l-isptar huma ppjanati li jkopru 3 000 kabinett tal-GPs u 200 ċentru komunitarju integrat, li flimkien jirrappreżentaw madwar 35 % tan-numru ta' GPs attivi fir-Rumanija (korrelatati mal-mira ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										tnaqqis ta' 35 % fil-komunitajiet mingħajr tabib li jagħmilha ta' GP).
374	Investiment 1. Żvilupp ta' infrastruttura medika ta' qabel l-isptar	Mira	Żieda fil-konsultazzjonijiet preventivi		Numru	1 100 000	1 265 000	Q2	2024	Żieda fl-għadd ta' konsultazzjonijiet preventivi bi 15 %, li jibdew mis-sena kalendarja wara l-perjodu stmat għat-tlestija tal-investimenti proposti fi prattiki mediċi u assoċjazzjonijiet ta' prattiki mediċi tal-familja (jiġifieri mit-30 ta' Ġunju 2024). L-għadd totali ta' konsultazzjonijiet preventivi li għandhom isiru bejn l-1 ta' Lulju 2023 u t-30 ta' Ġunju 2024 għandu jiżdied bi 15 %, meta mqabbel mad-*data* tal-2019. Il-mira ta' 15 % ġiet determinata b'referenza għall-konsultazzjonijiet dwar il-kura preventiva li saru fl-2019 (bejn wieħed u ieħor 1 100 000). Iż-żieda fil-perċentwal ġiet iddeterminata bħala madwar nofs il-proporzjon ta' GPs u ċentri komunitarji integrati li għandhom ikunu soġġetti għal rinnovazzjoni. B'mod aktar speċifiku, mill-inqas 35 % tal-kabinetti tal-prattikanti ta' qabel l-isptar għandhom

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										jibbenefikaw minn appoġġ taħt l-RRF, korrelatat ma' żieda ta' 15 % fl-għadd ta' servizzi).
375	Investiment 2. Żvilupp tal-infrastruttura tal-isptarijiet pubbliċi	Mira	Sptarijiet pubbliċi li jibbenefikaw minn tagħmir u materjal biex jitnaqqas ir-riskju ta' infezzjonijiet		Numru	0	25	Q2	2024	Mill-inqas 25 sptar pubbliku għandu jibbenefika minn tagħmir u materjali li jgħinu biex jitnaqqas ir-riskju ta' infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptar, bħal tagħmir għall-kontroll mikrobijoloġiku tal-arja fil-blokok tal-operazzjonijiet u fl-unitajiet tal-kura intensiva permezz ta' faċilitajiet speċifiċi tal-arja kundizzjonata, kif ukoll faċilitajiet għad-diżinfettar tal-persunal mediku (bħal: tagħmir ta' dekontaminazzjoni ambjentali, sterilizzazzjoni, reċipjenti tal-iskart)
376	Investiment 2. Żvilupp tal-infrastruttura tal-isptarijiet pubbliċi	Mira	Unitajiet ta' kura intensiva tat-trabi tat-twelid mgħammra, inkluż b'ambulanzi għat-trabi tat-twelid (għaċ-ċentri reġjonali)		Numru	0	25	Q4	2024	25 unità ta' kura intensiva għandhom jibbenefikaw minn investimenti f'infrastruttura kritika tal-pazjenti neonatali għal dijanjożi bikrija, trattament ta' qabel it-twelid/tat-trabi tat-twelid u ta' wara t-twelid. L-investiment għandu jikkonsisti minn: - l-estensjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-isptarijiet iddedikata

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										għall-pazjenti kritiċi neonatali (i) b'124 sodda addizzjonali — inklużi l-infrastruttura u t-tagħmir relatati; (ii) l-attrezzar ta' 90 sodda eżistenti b'tagħmir mediku adegwat - it-titjib tal-programm ta' skrinjar billi l-infrastruttura eżistenti tiġi mgħammra bi: mixer tal-ossiġnu tal-arja għall-kamra tal-ħlas u għat-taqsima ta' ħlas b'ċesarja, monitor SN, monitor SOC, fann tat-trasport b'FiO2 aġġustabbli ta' 21-100 %, inkubatur tat-trasport, apparat laser, shuttle ret-cam, oftalmoskopju indirett, inklużi strumenti - l-akkwist ta' 12-il unità tal-kura intensiva mobbli tat-trabi tat-twelid (Livell 3) - bini u tagħmir ta' tmien (8) ċentri ta' taħriġ reġjonali (100 metru kwadru kull wieħed) għall-pazjenti kritiċi neonatali. It-tagħmir għaċ-ċentri tat-taħriġ għandu jikkonsisti minn: - manikini u simulaturi didattiċi meħtieġa fil-programmi ta' taħriġ, bħal

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										simulatur kumpless, b'diversi moduli għal xenarji ta' ventilazzjoni mekkanika, simulatur tal-ultrasound kardijaku, simulatur aptiku virtwali, għall-endoskopija u l-kolonoskopija; - simulatur tal-bronkoskopija bbażat fuq ir-realtà virtwali, simulatur tal-ECMO; - simulatur ta' emerġenza avvanzat u mudell ta' risuxxitazzjoni għal anomaliji konġenitali fit-trabi tat-twelid; - manikin ta' ventilazzjoni mekkanika. Dan għandu jtejjeb il-perċentwal ta' trabi tat-twelid b'kundizzjonijiet kritiċi li jkollhom aċċess għal kura medika xierqa minn 64 % għal 83 % (titjib stmat ta' 30 % meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali).
377	Investiment 2. Żvilupp tal-infrastruttura tal-isptarijiet pubbliċi	Mira	Kostruzzjoni ta' unitajiet/sptarijiet ġodda tas-saħħa pubblika u/jew l-attrezzar tagħhom		Numru	0	25	Q2	2026	Mill-inqas 25 unità/sptar tas-saħħa pubblika għandhom jinbnew u/jew jiġu attrezzati b'finanzjament parzjali permezz tal-RRF. Mill-25 unità/sptar tas-saħħa pubblika, mill-inqas tliet proġetti għandhom jitlestew permezz

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura fis-Saħħa (ANDIS) li għadha kif ġiet stabbilita, li nħolqot taħt ir-Riforma 2. L-investimenti għandhom jikkonsistu minn: - Investiment f'infrastruttura ġdida tal-isptarijiet pubbliċi biex: (i) tipprovdi servizzi mediċi ġodda; (ii) ittejjeb il-kwalità tas-servizzi tas-saħħa eżistenti - Investiment f'tagħmir u tagħmir mediku għal infrastruttura tas-saħħa mibnija ġdida, bħal: sodod, unitajiet ta' dekontaminazzjoni, tagħmir tal-IT (mill-inqas EUR 70 miljun), crash carts, defibrillaturi, pompi tal-infużjoni, sistemi ta' monitoraġġ fiżjoloġiku (inkluż console ċentrali), sistemi ta' monitoraġġ fiżjoloġiku għall-kura akuta, ventilaturi għall-unitajiet ta' kura intensiva, sistemi ta' skennjar għal skopijiet ġenerali. Minn tal-inqas EUR 570 miljun mill-allokazzjoni ta' EUR 1 089 miljun jew il-binjiet mibnija ġodda għandhom

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Dan ir-rekwiżit mhuwiex applikabbli għal proġetti fejn l-investiment jikkonsisti biss fix-xiri ta' tagħmir ġdid. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-informazzjoni dwar l-ispejjeż ipprovduta għal dan l-investiment, u komplementari għall-kriterji diġà msemmija, għandhom jintlaħqu wkoll il-miri li ġejjin: • mill-inqas 1 500 sodda f'bini NZEB • mill-inqas 1 300 sodda f'bini NZEB+ (bini li jilħaq domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB)) • mill-inqas 5 500 sodda għandhom ikunu mgħammra

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										• mill-inqas 5 500 sodda għandu jkollhom tagħmir tal-IT ġdid Il-25 sptar u unità tal-isptar għandhom jintgħażlu mil-lista li ġejja (inklużi t-tliet proġetti li għandhom ikunu tlestew permezz tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura fis-Saħħa (ANDIS) li għadha kif ġiet stabbilita — maħluqa taħt ir-Riforma 2): 1. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea ta' Alba Iulia — rilokazzjoni u modernizzazzjoni tal-attività tat-taqsima tal-onkoloġija u t-twaqqif tal-kompartiment tal-kardjoloġija ta' intervent 2. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea ta' Alba Iulia — Bini u attrezzar tas-sezzjoni tal-mard infettiv 3. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea ta' Pitești — Laboratorju tar-Radjoterapija 4. L-Isptar Muniċipali Kliniku "Dr. G. Curteanu" Oradea — Bini u attrezzar tas-sezzjonijiet tal-Mard Infettiv u tal-Pnewmoloġija

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										5. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea ta' Bistriṭa — estensjoni tal-padiljun tal-isptar permezz tal-kostruzzjoni ta' bini ġdid 6. L-Istitut ta' Emerġenza għal Mard Kardjovaskulari "Prof Dr CC Iliescu" Bucharest — kostruzzjoni ta' sede ġdida 7. L-Isptar tal-Ostetrija u tal-Ġinekoloġija "Filantropia" Bucharest — estensjoni tal-isptar 8. L-Isptar Kliniku tal-Psikjatrija "Prof. dr. Alexandru Obregia" Bucharest — Kostruzzjoni ta' Ċentru Psikjatriku Pedjatriku 9. L-Isptar Kliniku "Sfânta Maria" Bucharest — Kostruzzjoni ta' Ċentru għat-Trapjanti Multiorganu 10. L-Isptar Kliniku tal-Pnewmoloġija, Constanța — Kostruzzjoni ta' Klinika tal-Padiljun tal-Pulmonoloġija 11. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea ta' Sibiu — sptar ġdid 12. L-Isptar ta' Emerġenza Muniċipali,

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										Timișoara — kostruzzjoni u tagħmir ta' taqsima tal-maternità ġdida 13. L-Isptar ta' Emerġenza għat-tfal "Louis Turcanu", Timișoara — l-attrezzar ta' sptar ġdid b'tagħmir mediku 14. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea ta' Vaslui — Kostruzzjoni ta' taqsimiet ġodda għall-mard infettiv, il-psikjatrija, il-mard kroniku 15 L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea ta' Focsani-Vrancea — sptar ġdid 16. Iċ-Ċentru reġjonali tal-mard ċerebrovaskulari u n-newrokirurġija, Cluj — sptar ġdid 17. L-Isptar tal-Ġenekoloġija Ostetrika, Buftea — Estensjoni u attrezzar; dekostruzzjoni ta' bini eżistenti 18. Il-paviljun multitrawma ġdid, Brașov 19. Il-paviljun multitrawma ġdid, Craiova 20. Il-paviljun ġdid għall-kirurġija tat-trawma, Pitesti 21. Il-paviljun multitrawma ġdid, Sibiu

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										22. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea ta' Alba Iulia — Bini u attrezzar tas-sezzjoni tal-psikjatrija kronika 23. L-Isptar kliniku għall-mard infettiv u pnewmofiżjoloġija, Brașov — sezzjoni ġdid tal-bini 24. Iċ-ċentru ta' trapjant multiorganu, Cluj — sptar ġdid 25. L-Istitut onkoloġiku reġjonali, Timisoara — sptar ġdid 26. L-Isptar Polikliniku Muniċipali, li jispeċjalizza fil-kardjoloġija u l-onkoloġija, Constanța — sptar ġdid 27. Il-bini ta' sezzjonijiet ta' ostetrija u ġinekoloġija, neonatoloġija, kirurġija tat-tfal u pedjatrija, Arad — unitajiet ġodda 28. L-Istitut ta' Emerġenza "Niculae Stăncioiu" għall-mard Kardjovaskulari Cluj-Napoca — sezzjoni ġdida 29. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea ta' Miercurea Ciuc — Kostruzzjoni ta' bini ġdid għat-taqsimiet dwar il-Pnewmoloġija u l-mard infettiv

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										30. L-Isptar ta' Emerġenza Reġjonali, Brașov — sptar ġdid 31. L-Isptar ta' Emerġenza Universitarju, Bucharest — modernizzazzjoni, kostruzzjoni, riabilitazzjoni tal-infrastruttura 32. L-Isptar "Prof. Dr. Agrippa lonescu", Balotești — titjib tal-infrastruttura 33. L-Isptar ta' Emerġenza "Prof. Dr Dimitre Gerota", Bucharest — sptar ġdid 34. L-Isptar Muniċipali "Dr Teodor Andrei", Lugoj — sptar ġdid 35. Paviljun mediku, Constanța — unità ġdida 36. L-Istitut Reġjonali għall-mediċina kardjovaskulari, Miroslava — sptar ġdid 37. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea, Piatra Neamț — sptar ġdid 38. Iċ-Ċentru Zerlendi għad-Dijanjostika u t-Trattament tat-Tuberkuloži, Bucharest — sptar ġdid 39. L-Isptar tat-Tfal "Dr. Victor

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										Gomoiu", Bucharest — ċentru ġdid ta' eċċellenza fl-onkopedjatrija 40. L-Isptar Monoblokk Pedjatriku, Cluj — sptar ġdid 41. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea, Târgu Mures — unità ġdida tal-isptar 42. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea, Arad — Riabilitazzjoni tas-servizzi tal-isptar fil-mediċina kardjovaskulari 43. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea, Arad — taqsima ġdida tar-radjoterapija 44. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea "Sf. Apostol Andrei", Constanța — Estensjoni ta' sezzjoni esterna għall-pedjatrija u n-neonatoloġija tat-tfal 45. L-Isptar ta' Emerġenza ta' Ilfov, Ilfov — Blokka operattiva u swali newrokirurġiċi u blokk kirurġiku ġenerali multifunzjonali 46. L-Isptar ta' Emerġenza tal-Kontea, Giurgiu — sptar ġdid, l-ewwel stadju (sezzjonijiet tal-onkoloġija u l-kardjoloġija) 47. Ċentru mediku ta' emerġenza, Voluntari — unità ġdida

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										48. L-Istitut ta' Emerġenza għall-Mard u t-Trapjanti Kardjovaskulari, Târgu Mures — unità ġdida 49. L-Isptar Muniċipali ta' Bacău — twaqqif u attrezzar ta' unità ġdida tal-ħruq Il-lista finali tal-isptarijiet u l-unitajiet tal-isptarijiet għandha tiddependi wkoll fuq il-metodoloġija għall-prijoritizzazzjoni tal-investimenti fl-infrastruttura.

M. IL-KOMPONENT 13: RIFORMI SOĊJALI

Dan il-komponent jinkludi sett ta' riformi u investimenti biex tissaħħaħ is-sigurtà soċjali fir-Rumanija.

L-objettiv tal-komponent huwa li jappoġġa lil dawk l-aktar vulnerabbli, inklużi l-ħaddiema, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni inattivi u l-anzjani, billi jżid l-aċċess għas-servizzi soċjali. Ir-riformi li jappoġġaw l-investimenti jinkludu bidliet regolatorji biex tiġi evitata s-separazzjoni tat-tfal mill-familji tagħhom, biex jiġi indirizzat il-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni għall-persuni b'diżabilità, biex tinbeda l-implimentazzjoni tal-Introjtu Minimu ta' Inklużjoni, biex jitnaqqas ix-xogħol mhux iddikjarat u biex il-persuni inattivi jkunu jistgħu jsibu impjieg. Il-miżuri għandhom bl-istess mod jappoġġaw ir-riforma tas-servizzi tal-kura fit-tul għall-anzjani kif ukoll it-twaqqif ta' mekkaniżmu oġġettiv li jistabbilixxi l-paga minima. L-investimenti komplementari huma relatati mal-ħolqien ta' network ta' ċentri ta' matul il-jum għat-tfal f'riskju ta' separazzjoni, riabilitazzjoni u rinnovazzjoni tas-servizzi soċjali ta' persuni b'diżabilità, il-ħolqien ta' pjattaforma diġitali biex tiġi implimentata s-sistema ta' kupuni għall-ħaddiema domestiċi, u l-ħolqien ta' ċentri ta' kura ta' matul il-jum u ta' riabilitazzjoni għall-anzjani.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jikkontribwixxu biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tar-Rumanija tal-aħħar sentejn biex "tiżdied il-kopertura u l-kwalità tas-servizzi soċjali u titlesta r-riforma tal-introjtu minimu ta' inklużjoni" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3, 2019), "jiġi żgurat l-iffissar tal-paga minima abbażi ta' kriterji oġġettivi, konsistenti mal-ħolqien tal-impjiegi u l-kompetittività" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3, 2019) u "jiġu estiżi l-miżuri ta' protezzjoni soċjali u l-aċċess għal servizzi essenzjali għal kulħadd" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

M.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

<u>Riforma 1. Il-ħolqien ta' qafas legali ġdid għall-prevenzjoni tas-separazzjoni tat-tfal mill-familji tagħhom</u>

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tipprevjeni s-separazzjoni tat-tfal mill-familji tagħhom, speċjalment f'familji vulnerabbli. Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv ġdid li għandu joħloq qafas għall-implimentazzjoni ta' miżuri (inkluż pereżempju konsulenza u appoġġ għall-ġenituri u t-tfal, ċentri ta' ġurnata għat-tfal f'riskju ta' separazzjoni mill-ġenituri, ċentri ta' matul il-jum għat-tfal b'diżabilità) għall-prevenzjoni effettiva tas-separazzjoni tat-tfal mill-familja u li jappoġġa l-familja fit-trobbija u l-indukrar tat-tfal f'riskju ta' separazzjoni. L-att leġiżlattiv għandu jinkludi: sors stabbli identifikat ta' finanzjament għall-miżuri, mekkaniżmu ta' governanza b'responsabbiltajiet ċari assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u lokali u mekkaniżmu ta' żborż ta' finanzjament kundizzjonali fuq il-kisba tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni assoċjati mal-objettivi tal-politika.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

<u>Riforma 2. Riforma tas-sistema ta' protezzjoni għall-adulti b'diżabilità</u>

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tavvanza l-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni għall-persuni b'diżabilità u tipprevjeni l-istituzzjonalizzazzjoni tagħhom.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv għall-approvazzjoni tal-Gwida għall-Aċċellerazzjoni tal-Proċess ta' Deistituzzjonalizzazzjoni tal-persuni kollha b'diżabilità attwalment istituzzjonalizzati sabiex jiġi definit "perkors tal-għajxien indipendenti" għal kull persuna. L-att leġiżlattiv għandu jinvolvi sors stabbli identifikat ta' finanzjament għall-miżuri ppjanati fil-linja gwida flimkien ma' mekkaniżmu ta' żborż li jiddependi fuq il-kisba ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni assoċjati mal-objettivi ta' politika u struttura ta' governanza b'responsabbiltajiet ċari assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u lokali. L-att leġiżlattiv għandu jkun ibbażat ukoll fuq immappjar komplut tas-sitwazzjoni individwali tal-persuni kollha b'diżabbiltà u attwalment istituzzjonalizzati fir-Rumanija bl-objettiv li jiġi definit "perkors tal-għajxien indipendenti" għal kull persuna, magħmula f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni tal-każijiet minn awtorità/entità indipendenti.

Ir-riforma dwar il-prevenzjoni tal-proċess ta' istituzzjonalizzazzjoni għall-persuni b'diżabilità għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li jinforza l-Istrateġija Nazzjonali adottata għall-Prevenzjoni tal-Istituzzjonalizzazzjoni, u l-miżuri għal "perkors ta' għajxien indipendenti" għall-akbar maġġoranza possibbli tal-persuni kollha b'diżabilità.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 3. Implimentazzjoni tal-Introjtu Minimu ta' Inklużjoni (VMI)

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tittejjeb l-assistenza soċjali u jitnaqqas il-faqar għal dawk l-aktar vulnerabbli, filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Aġenzija Nazzjonali tal-Pagamenti u l-Ispezzjoni Soċjali, l-amministrazzjonijiet pubbliċi lokali, u l-benefiċjarji.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi li għandhom jistabbilixxu r-regoli metodoloġiċi għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-VMI filwaqt li jżommu mill-inqas l-istess livell ta' adegwatezza għall-benefiċċji u l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà kif previsti fil-Liġi 196/2016, il-leġiżlazzjoni applikabbli attwali, bl-għan li jitnaqqas il-faqar, jiġu stimulati l-impjiegi permezz ta' miżuri ta' attivazzjoni u tiżdied il-kisba tal-edukazzjoni. Il-ħlas ta' introjtu minimu ta' inklużjoni għandu jkun iffinanzjat mill-baġit tal-Istat Rumen. Il-pjattaforma diġitali għall-appoġġ ta' din ir-riforma għandha tiġi żviluppata taħt il-pilastru II – il-komponent 7. Trasformazzjoni diġitali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Riforma 4. L-introduzzjoni ta' kards tax-xogħol u l-formalizzazzjoni tax-xogħol għall-ħaddiema domestiċi

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jitnaqqas ix-xogħol mhux iddikjarat, jiġu pprovduti inċentivi biex jiġi fformalizzat ix-xogħol u biex persuni inattivi jkunu jistgħu jsibu impjieg.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv għat-twaqqif ta' sistema ta' kupuni tax-xogħol biex tingħata spinta lill-impjiegi formali. Din is-sistema ta' kupuni għandha toħloq inċentivi biex jinħoloq impjieg formali għall-ħaddiema domestiċi li bħalissa huma rreġistrati bħala qiegħda jew inattivi. Ir-riforma għandha l-għan li tistabbilixxi sistema ta' ħlas u reġistrazzjoni ta' persuni li jwettqu attivitajiet domestiċi abbażi ta' kupuni tax-xogħol, mixtrija mir-riċevitur u sussegwentement skambjati ma' flus mill-fornitur tal-unitajiet domestiċi, wara tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet relatati, biex b'hekk jinkiseb l-istatus ta' persuna assigurata fis-sistema tas-sigurtà soċjali u tal-assigurazzjoni tas-saħħa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Marzu 2026.

Riforma 5. L-iżgurar tal-iffissar tal-paga minima

L-objettiv tar-riforma huwa li jiġi stabbilit mekkaniżmu li jistabbilixxi l-paga minima li jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u konsistenti mal-ħolqien tal-impjiegi u l-kompetittività tal-pajjiż.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv li jistabbilixxi mekkaniżmu ġdid u formula li tistabbilixxi b'mod oġġettiv il-livell tal-paga minima b'mod sistematiku, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u b'kont meħud tal-azzjonijiet tal-Unjoni.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Marzu 2024.

Investiment 1. Il-ħolqien ta' network ta' ċentri ta' matul il-jum għat-tfal f'riskju ta' separazzjoni

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jipprevjeni s-separazzjoni tat-tfal mill-familja tagħhom. Qabel l-investiment, it-tfal u l-ħtiġijiet tal-familja għandhom jiġu mmappjati mas-servizzi u l-faċilitajiet ta' infrastruttura disponibbli għat-tfal f'riskju ta' separazzjoni mill-familji, b'mod partikolari f'komunitajiet vulnerabbli. L-investiment għandu jikkonsisti minn operar ta' network ta' 150 ċentru tas-servizz ta' matul il-jum, mill-inqas 10 % f'komunitajiet b'popolazzjoni Rom sinifikanti, biex tiġi evitata s-separazzjoni tat-tfal mill-familji tagħhom. Minn fost il-150 ċentru tas-servizz ta' matul il-jum, 145 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero skont il-linji gwida nazzjonali. 5 għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 2. Ir-riabilitazzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali għall-persuni b'diżabilità

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb is-servizzi soċjali pprovduti lill-persuni b'diżabilità biex jappoġġaw id-deistituzzjonalizzazzjoni tagħhom. L-investimenti għandhom jagħmlu possibbli l-bidu tal-operat ta' 55 servizz komunitarju ġdid għall-persuni b'diżabilità (ċentri ta' matul il-jum, servizzi ta' assistenza u appoġġ, u ċentri ta' servizz ta' rkupru newromotorju tal-pazjenti) li għandhom jipprovdu attivitajiet għal mill-inqas 4 870 persuna b'diżabilità fi żmien erba' (4) snin, biex ikunu jistgħu jkollhom għajxien indipendenti. Mill-55 servizz komunitarju ġdid, 45 għandhom ikunu bini ġdid b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB), skont il-linji gwida nazzjonali. 10 għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Bl-istess mod, l-investiment għandu jippermetti l-modernizzazzjoni ta' 50 ċentru komunitarju ieħor (ċentri ta' matul il-jum u ċentri ta' rkupru newromotorju għall-persuni b'diżabilità) permezz ta' programm nazzjonali għall-finanzjament ta' investimenti bħar-riabilitazzjoni, il-konsolidazzjoni, il-modernizzazzjoni, u l-forniment ta' servizzi bbażati fil-komunità. Sussegwentement, 25 ċentru ta' matul il-jum u 25 ċentru ta' servizzi outpatient ta' rkupru tan-newromobbiltà għandhom jibdew joperaw permezz ta' sejħa miftuħa għal proviżjonament ta' servizzi soċjali pubbliċi li għandhom jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà għal dawn l-investimenti, inkluża l-kundizzjoni li jiġu akkomodati mill-inqas 1 000 persuna b'diżabilità, fis-sena.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3. L-operazzjonalizzazzjoni tal-introduzzjoni ta’ kards tax-xogħol għal xogħol domestiku

L-objettiv ta’ dan l-investiment huwa li joperazzjonalizza s-sistema ta’ kupuni tax-xogħol billi jiżgura aċċess sempliċi u diġitali għall-utenti kollha: ħaddiema u benefiċjarji tas-servizz.

L-investiment għandu jippermetti lill-Aġenzija Nazzjonali Rumena għall-Impjiegi (ANOFM) tipprovdi u timmaniġġja pjattaforma diġitali funzjonali għall-kupuni għall-ħaddiema domestiċi, li hija mistennija tippermetti, fost l-oħrajn: it-twettiq b’mod diġitali tat-tranżazzjonijiet kollha relatati mal-kupuni (bħax-xiri, l-ikkodifikar tal-ħinijiet tax-xogħol), l-ikkodifikar tad-dettalji tal-attività tal-ħaddiema domestiċi (bħan-numru ta’ sigħat, it-tip ta’ attività domestika mwettqa), u l-iżgurar tal-interoperabbiltà ma’ bażijiet tad-*data* rilevanti oħra (bħall-bażijiet tad-*data* tal-Ministeru għall-Finanzi, tal-Ministeru għax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali, tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2023.

M.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
378	Riforma 1. Il-ħolqien ta' qafas legali ġdid għall-prevenzjoni tas-separazzjoni tat-tfal mill-familji tagħhom	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv meħtieġ biex jipprevjeni s-separazzjoni tat-tfal mill-familja u l-appoġġ għall-familji vulnerabbli	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv meħtieġ biex jipprevjeni s-separazzjoni tat-tfal mill-familja u l-appoġġ għall-familji vulnerabbli				Q4	2022	Il-liġi l-ġdida għandha toħloq qafas għall-implimentazzjoni ta' miżuri (inkluż pereżempju konsulenza u appoġġ għall-ġenituri u t-tfal, ċentri ta' matul il-jum għat-tfal f'riskju ta' separazzjoni mill-ġenituri, ċentri ta' matul il-jum għat-tfal b'diżabilità) biex tipprevjeni b'mod effettiv is-separazzjoni tat-tfal mill-familja u tappoġġa lill-familja fit-trobbija u l-indukrar tat-tfal f'riskju ta' separazzjoni. L-att leġiżlattiv għandu jinkludi: - sors stabbli identifikat ta' finanzjament għall-miżuri - mekkaniżmu ta' governanza

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										b'responsabbiltajiet ċari assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u lokali; - mekkaniżmu ta' żborż ta' finanzjament kundizzjonali fuq il-kisba tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni assoċjati mal-objettivi tal-politika.
379	Riforma 1. Il-ħolqien ta' qafas legali ġdid għall-prevenzjoni tas-separazzjoni tat-tfal mill-familji tagħhom	Mira	It-tnaqqis tan-numru ta' tfal separati mill-familja u li jaqgħu fis-sistema tal-protezzjoni soċjali		Numru	12 139	6 100	Q2	2026	Tnaqqis fin-numru ta' tfal separati mill-familja u li jaqgħu fis-sistema tal-protezzjoni soċjali meta mqabbel mal-31.12.2020 .
380	Riforma 2. Riforma tas-sistema ta' protezzjoni għall-adulti b'diżabilità	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi għall-implimentazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-Gwida għall-	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv				Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi għall-implimentazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-Gwida għall-Aċċellerazzjoni tal-Proċess ta' Deistituzzjonalizzazzjoni

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			Aċċellerazzjoni tal-Proċess ta' Deistituzzjonalizzazzjoni							, tal-persuni kollha b'diżabilità attwalment istituzzjonalizzati sabiex jiġi definit "perkors tal-għajxien indipendenti" għal kull persuna, u dan isir abbażi ta' approċċ ta' ġestjoni tal-każijiet. Il-gwida biex jitħaffef il-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni se tiġi annessa mal-Istrateġija Nazzjonali, u t-tnejn li huma jkunu approvati permezz ta' Deċiżjoni tal-Gvern. L-att leġiżlattiv għandu bl-istess mod jinvolvi: - sors stabbli identifikat ta' finanzjament għall-miżuri ppjanati fil-linja gwida - mekkaniżmu ta' governanza b'responsabbiltajiet ċari assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										fil-livell nazzjonali u lokali; - mekkaniżmu ta' żborż ta' finanzjament kundizzjonali fuq il-kisba ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni assoċjati mal-objettivi ta' politika. L-att leġiżlattiv għandu jkun ibbażat fuq immappjar sħiħ tas-sitwazzjoni individwali tal-persuni kollha b'diżabilità u attwalment istituzzjonalizzati fir-Rumanija.
381	Riforma 2. Riforma tas-sistema ta' protezzjoni għall-adulti b'diżabilità	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali adottata għall-prevenzjoni tal-	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali adottata għall-				Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali adottata għall-Prevenzjoni tal-Istituzzjonalizzazzjoni li tipprovdi miżuri għal "perkors ta' għajxien indipendenti" għall-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			istituzzjonalizzazzjoni	prevenzjoni tal-istituzzjonalizzazzjoni						maġġoranza tal-persuni b'diżabilità u li bħalissa huma istituzzjonalizzati. L-att leġiżlattiv għandu jinkludi: - sors stabbli identifikat ta' finanzjament għall-miżuri ppjanati; - mekkaniżmu ta' governanza b'responsabbiltajiet ċari assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u lokali; - mekkaniżmu ta' żborż ta' finanzjament kundizzjonali fuq il-kisba ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni assoċjati mal-objettivi ta' politika.
382	Riforma 2. Riforma tas-sistema ta' protezzjoni	Mira	Persuni b'diżabilità istituzzjonalizzati li jirċievu		Numru	0	8 455	Q2	2026	Mill-inqas 8 455 (50 % taċ-ċifra f'Diċembru 2020) persuna istituzzjonalizzata

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	għall-adulti b'diżabilità		appoġġ personalizzat biex jiddeistituzzjonalizzaw ruħhom u jimplimentaw il-"perkors tal-għajxien indipendenti" tagħhom							b'diżabilità li tirċievi appoġġ fid-dawl tad-deistituzzjonalizzazzjoni u li qed timplimenta l-"perkors tal-għajxien indipendenti" tagħha
383	Riforma 2. Riforma tas-sistema ta' protezzjoni għall-adulti b'diżabilità	Mira	Tnaqqis fl-għadd totali ta' persuni b'diżabilità istituzzjonalizzati (meta mqabbel mad-data tal-31.12.2020)		Numru	16 911	11 500	Q2	2026	Tnaqqis fl-għadd ta' persuni b'diżabilità istituzzjonalizzati, wara li jirċievu l-appoġġ rilevanti, abbażi ta' approċċ ta' ġestjoni tal-każijiet, biex imexxu 'l quddiem il-"perkors tal-għajxien indipendenti" tagħhom għal 11 500 minn 16 911.
384	Riforma 3. Implimentazzjoni tal-Introjtu Minimu ta' Inklużjoni (VMI)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tapprova r-regoli ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika r-regoli ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tal-VMI				Q3	2022	Il-liġi għandha tistabbilixxi r-regoli metodoloġiċi għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-VMI filwaqt li jinżamm tal-inqas l-istess livell ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			tal-VMI							adegwatezza għall-benefiċċji u l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà kif previsti fil-liġi attwali (il-Liġi 196/2016) bl-għan li jitnaqqas il-faqar, jiġu stimulati l-impjiegi permezz ta' miżuri ta' attivazzjoni u tiżdied il-kisba tal-edukazzjoni.
385	Riforma 3. Implimentazzjoni tal-Introjtu Minimu ta' Inklużjoni (VMI)	Mira	Għadd ta' benefiċjarji tal-familja eliġibbli addizzjonali tal-iskema mtejba		Numru	189 000	245 700	Q2	2024	Familji eliġibbli addizzjonali li jirċievu l-iskema mtejba (ikkalkulata abbażi tal-istima tal-għadd ta' familji benefiċjarji skont il-liġi aġġornata), minbarra r-riċeventi eliġibbli attwali tal-Introjtu Minimu Garantit, jiġifieri 189 000 familja fil-31 ta' Diċembru 2020. Il-ħlas ta' introjtu minimu/introjtu ta' appoġġ għall-familji għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-Istat.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
386	Riforma 3. Implimentazzjoni tal-Introjtu Minimu ta' Inklużjoni (VMI)	Mira	Il-benefiċjarju tal-Introjtu Minimu ta' Inklużjoni jirċievi mill-inqas miżura ta' attivazzjoni waħda		% (Perċentwal)	0	60 %	Q2	2025	Mill-inqas 60 % tal-benefiċjarji tal-introjtu minimu ta' inklużjoni matul l-aħħar 12-il xahar għandhom ikunu rċevew mill-inqas miżura ta' attivazzjoni waħda. Il-miżura ta' attivazzjoni għandha tikkonsisti minn: proposti ta' impjiegi, attivitajiet ta' taħriġ skont il-ħtiġijiet identifikati abbażi tal-prinċipji tal-ġestjoni tal-każijiet (skont il-proġett INTESPO ffinanzjat mill-FSE),
387	Riforma 4. L-introduzzjoni tal-kards tax-xogħol u l-formalizzazzjoni tax-xogħol għax-xogħol domestiku	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni, u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħha, għas-sistema ta' kupuni għall-ħaddiema domestiċi	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' kupuni tax-xogħol				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi għat-twaqqif tas-sistema ta' kupuni tax-xogħol biex tingħata spinta lill-impjieg formali tal-ħaddiema domestiċi li bħalissa huma rreġistrati bħala qiegħda jew inattivi.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
388	Riforma 4. L-introduzzjoni tal-kards tax-xogħol u l-formalizzazzjoni tax-xogħol għax-xogħol domestiku	Mira	Benefiċjarji (ingaġġar ta' ħaddiema domestiċi)		Numru	0	10 000	Q4	2024	Mill-inqas 10 000 benefiċjarju għandhom jimpjegaw ħaddiema domestiċi permezz tas-sistema tal-kupuni.
389	Riforma 4. L-introduzzjoni tal-kards tax-xogħol u l-formalizzazzjoni tax-xogħol għax-xogħol domestiku	Mira	Benefiċjarji (ingaġġar ta' ħaddiema domestiċi)		Numru	10 000	30 000	Q1	2026	Mill-inqas 30 000 benefiċjarju għandhom jimpjegaw ħaddiema domestiċi permezz tas-sistema tal-kupuni.
390	Riforma 4. L-introduzzjoni tal-kards tax-xogħol u l-formalizzazzjoni tax-xogħol għax-xogħol domestiku	Mira	Ħaddiema/fornituri domestiċi li qabel kienu rreġistrati bħala qiegħda jew inattivi jipprovdu servizzi permezz ta' kards tax-xogħol		Numru	0	20 000	Q4	2024	Mill-inqas 20 000 ħaddiem/fornitur domestiku li qabel kienu rreġistrati bħala qiegħda jew inattivi jipprovdu servizzi permezz ta' kards tax-xogħol

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
391	Riforma 4. L-introduzzjoni tal-kards tax-xogħol u l-formalizzazzjoni tax-xogħol għax-xogħol domestiku	Mira	Ħaddiema/fornituri domestiċi li qabel kienu rreġistrati bħala qiegħda jew inattivi jipprovdu servizzi permezz ta' kards tax-xogħol		Numru	20 000	60 000	Q1	2026	Mill-inqas 60 000 ħaddiem/fornitur domestiku li qabel kienu rreġistrati bħala qiegħda jew inattivi jipprovdu servizzi permezz ta' kards tax-xogħol
392	Riforma 5. Żgurar tal-iffissar tal-paga minima	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tar-regolament li jirregola s-sistema l-ġdida għall-iffissar tal-paga minima	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv				Q1	2024	L-att leġiżlattiv għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ġdid u formula biex jiġi ffissat b'mod oġġettiv il-livell tal-paga minima b'mod sistematiku, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u billi jitqiesu l-azzjonijiet tal-Unjoni.
393	Investiment 1. Il-ħolqien ta' network ta' ċentri ta' matul il-jum għat-tfal f'riskju ta' separazzjoni	Stadju importanti	It-twassil ta' mmappjar tal-ħtiġijiet, is-servizzi disponibbli u l-faċilitajiet ta'	L-immappjar tal-ħtiġijiet, is-servizzi disponibbli u l-faċilitajiet infrastrutturali pprovduti				Q2	2023	Għandu jingħata mmappjar tas-servizzi u l-infrastruttura disponibbli għat-tfal f'riskju ta' separazzjoni mill-familji, b'mod partikolari f'komunitajiet

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			infrastruttura għat-tfal f'riskju ta' separazzjoni mill-familji, b'mod partikolari f'komunitajiet vulnerabbli.							vulnerabbli. Iċ-ċentri ta' matul il-jum għandhom jinbnew abbażi tar-riżultati ta' dan l-immappjar sabiex jirrispondu għall-ħtiġijiet identifikati, b'mod partikolari ta' komunitajiet vulnerabbli (bħal persuni bi dħul baxx, persuni b'diżabbiltà, persuni minn komunitajiet emarġinati, inklużi r-Rom, persuni li ġejjin minn passat ta' migrazzjoni). L-immappjar għandu jidentifika bl-istess mod il-viċinati mċaħħda/segregati bil-ħsieb li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-komunitajiet vulnerabbli/emarġinati (bħal-livell baxx ta' introjtu, rati għoljin ta' qgħad, livell baxx ta' edukazzjoni).

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
394	Investiment 1. Il-ħolqien ta' network ta' ċentri ta' matul il-jum għat-tfal f'riskju ta' separazzjoni	Mira	Ċentri ta' matul il-jum għall-prevenzjoni tas-separazzjoni tat-tfal mill-familja		Numru	0	150	Q4	2024	Il-bidu tal-operat ta' network ta' 150 ċentru tas-servizz ta' matul il-jum, tal-inqas 10 % minnhom f'komunitajiet b'popolazzjoni sinifikanti ta' Rom, biex tiġi evitata s-separazzjoni tat-tfal mill-familji. 145 binja minn fost il-bini mibni ġdid għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit tal-bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali. Ħames (5) binjiet minn fost il-bini mibni ġdid għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.
395	Investiment 2. Ir-riabilitazzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali għall-persuni b'diżabilità	Mira	Servizzi komunitarji modernizzati għal persuni b'diżabilità		Numru	0	50	Q4	2024	L-għadd ta' servizzi komunitarji modernizzati (ċentri ta' matul il-jum u ċentri ta' rkupru newromotorju għall-persuni b'diżabilità) permezz ta' programm nazzjonali għall-finanzjament ta' investimenti bħar-riabilitazzjoni, il-konsolidazzjoni, il-modernizzazzjoni, u l-forniment ta' servizzi bbażati fil-komunità. Sussegwentement, 25 ċentru ta' matul il-jum u 25 ċentru ta' servizzi outpatient ta' rkupru tan-newromobbiltà għandhom jibdew joperaw permezz ta' sejħa miftuħa għal proviżjonament ta' servizzi soċjali pubbliċi li għandhom jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà għal

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										dawn l-investimenti, inkluża l-kundizzjoni li jiġu akkomodati mill-inqas 1 000 persuna b'diżabilità, fis-sena.
396	Investiment 2. Ir-riabilitazzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali għall-persuni b'diżabilità	Mira	Servizzi komunitarji ġodda għall-persuni b'diżabilità		Numru	0	55	Q4	2025	Jibdew joperaw 55 servizz komunitarju ġdid (45 binja ġdida b'użu ta' enerġija qrib iż-żero u 10 binjiet b'użu ta' kważi żero enerġija +) għall-persuni b'diżabilità (ċentri ta' matul il-jum, servizzi ta' assistenza u appoġġ, u ċentri ta' servizz ta' rkupru newromotorju tal-pazjenti) li għandhom jipprovdu attivitajiet għal mill-inqas 4 870 persuna b'diżabilità fi żmien erba' (4) snin, biex ikun jista' jkollhom għajxien indipendenti. L-10 binjiet ġodda b'Użu ta' Enerġija Qrib iż-Żero+ għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit tal-bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.
397	Investiment 3. L-operazzjonalizzazzjoni tal-introduzzjoni ta' kards tax-xogħol għal xogħol domestiku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' pjattaforma diġitali funzjonali għall-użu ta' kupuni għall-ħaddiema domestiċi	Pjattaforma diġitali operazzjonali				Q4	2023	It-twettiq tal-pjattaforma diġitali funzjonali għall-kupuni għall-ħaddiema domestiċi, li hija mistennija li tippermetti, fost l-oħrajn li - Isiru t-tranżazzjonijiet kollha relatati mal-kupuni (ix-xiri, l-ikkodifikar tal-ħinijiet tax-xogħol) b'mod diġitali - L-ikkodifikar diġitali tad-dettalji tal-attività tal-ħaddiema domestiċi (numru ta' sigħat, tip ta' attività domestika mwettqa), l-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										interoperabbiltà ma' bażijiet tad-*data* rilevanti oħra (bħall-bażijiet tad-*data* tal-Ministeru għall-Finanzi, il-Ministeru għax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali, tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi).

M.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

Riforma 6. Titjib tal-leġiżlazzjoni dwar l-ekonomija soċjali

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li timmobilizza aktar il-potenzjal tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali biex jinnovaw u jikkontribwixxu għall-isfidi soċjali u ambjentali.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata billi tiġi emendata l-Liġi Nru 219/2015 dwar l-ekonomija soċjali u r-regoli ta' implimentazzjoni bl-għan li tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' reġistrazzjoni tal-intrapriżi soċjali, filwaqt li tiġi żgurata l-integrazzjoni effettiva tagħhom mal-politiki tal-impjiegi, kif ukoll miżuri attivi ta' impjieg, inkluż il-proviżjonament ta' miżura biex tittejjeb is-sostenibbiltà tal-istrutturi tal-ekonomija soċjali, pereżempju permezz ta' reġimi preferenzjali tal-akkwist pubbliku għal oġġetti u servizzi mwettqa minn intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma 7. Riforma tas-servizzi tal-kura fit-tul għall-anzjani

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb il-kwalità tas-servizzi tal-kura fit-tul għall-anzjani.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv tal-istrateġija, inklużi politiki dwar it-tixjiħ attiv, ħtiġijiet mediċi għall-kura fit-tul, u servizzi bbażati fil-komunità għall-anzjani. L-att leġiżlattiv għandu jinkludi *inter alia*: sors stabbli identifikat ta' finanzjament għall-miżuri, mekkaniżmu ta' governanza b'responsabbiltajiet ċari assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u lokali, mekkaniżmu ta' żborż ta' finanzjament kundizzjonali fuq il-kisba tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni assoċjati mal-objettivi tal-politika u r-reviżjoni ta' standards minimi ta' kwalità tas-servizzi ta' kura fit-tul. L-att leġiżlattiv għandu jkun ibbażat ukoll fuq immappjar komplut fil-livell komunitarju (livell ta' kunsill lokali/belt/kontea) tal-popolazzjoni anzjana potenzjalment dipendenti jew f'riskju (eż. faqar, saħħa, mhux akkumpanjata, livell għoli ta' dipendenza) bil-ħsieb li jiġi stabbilit it-tip ta' servizzi ta' kura fit-tul meħtieġa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 4. Il-ħolqien ta' network ta' ċentri ta' kura ta' matul il-jum u ta' riabilitazzjoni għall-anzjani

L-objettiv tal-investiment huwa li jagħti aċċess għal servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità għall-anzjani permezz ta' network ta' ċentri ta' kura ta' matul il-jum u ta' riabilitazzjoni. L-investiment għandu jagħmilha possibbli li jibda jopera network ta' 71 ċentru ta' servizz ta' matul il-jum. Iċ-ċentri għandhom jipprovdu servizzi ta' assistenza soċjali u ta' riabilitazzjoni, u kull wieħed għandu jkollu mill-inqas tim mobbli ta' fornituri ta' servizzi għall-anzjani li ma jkunux jistgħu jattendu ċ-ċentru. Dan għandu jkun ibbażat fuq l-immappjar li għandu jitwettaq f'konformità mal-Istrateġija Nazzjonali għall-Kura fit-Tul.
L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

M.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
398	Riforma 6. Titjib tal-leġiżlazzjoni dwar l-ekonomija soċjali	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Liġi Nru 219/2015 dwar l-ekonomija soċjali u r-regoli ta' implimentazzjoni	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Liġi Nru 219/2015 dwar l-ekonomija soċjali u r-regoli ta' implimentazzjoni				Q2	2022	Il-modifiki regolatorji għandhom jinvolvu: - Proċedura ta' reġistrazzjoni simplifikata tal-intraprizi soċjali - Tqegħid fil-mira aħjar tal-attivitajiet ekonomiċi u tal-użu tal-forza tax-xogħol sabiex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli u tal-komunitajiet emarġinati - Miżura identifikata biex ittejjeb is-sostenibbiltà tal-Istrutturi tal-Ekonomija Soċjali, eż. reġimi preferenzjali tal-akkwist pubbliku għall-prodotti u s-servizzi.
399	Riforma 7. Riforma tas-servizzi tal-kura fit-tul għall-anzjani	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv biex tiġi				Q4	2022	Liġi għall-istrateġija adottata, inklużi miżuri ta' tixjiħ attiv, kif ukoll miżuri li jkopru l-ħtiġijiet mediċi tal-kura fit-tul, u servizzi bbażati fil-komunità għall-anzjani.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			Nazzjonali għall-Kura fit-Tul	appoġġata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali adottata għall-Kura fit-Tul						Il-liġi għandha tinkludi: - sors stabbli identifikat ta' finanzjament għall-miżuri - mekkaniżmu ta' governanza b'responsabbiltajiet ċari assenjati lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u lokali; - mekkaniżmu ta' żborż ta' finanzjament kundizzjonali fuq il-kisba ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni assoċjati mal-objettivi ta' politika - ir-reviżjoni ta' standards minimi ta' kwalità, L-att leġiżlattiv għandu jkun ibbażat fuq immappjar komplut fil-livell komunitarju (livell ta' kunsill lokali/belt/kontea) tal-popolazzjoni anzjana potenzjalment dipendenti jew f'riskju (eż. faqar, saħħa, mhux akkumpanjata, livell għoli ta' dipendenza).
400	Investiment 4. Il-ħolqien ta' network ta'	Mira	L-operazzjonalizzazzjoni taċ-		Numru	0	71	Q2	2026	Il-bidu tal-operat ta' network ta' 71 ċentru ta' servizz ta' matul il-jum. Iċ-ċentri

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	ċentri ta' kura ta' matul il-jum u ta' riabilitazzjoni għall-anzjani		ċentri tal-kura ta' matul il-jum u ta' riabilitazzjoni għall-anzjani							għandhom jipprovdu servizzi ta' riabilitazzjoni u assistenza soċjali, u kull wieħed għandu jkollu mill-inqas tim mobbli ta' fornituri ta' servizzi għall-persuni anzjani li ma jistgħux jattendu ċ-ċentru. Dan għandu jkun ibbażat fuq l-immappjar li għandu jitwettaq f'konformità mal-istadju importanti 399 - Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Kura fit-Tul.

N. IL-KOMPONENT 14: GOVERNANZA TAJBA

L-objettivi tal-komponent huma, permezz ta' sett wiesa' ta' riformi u investimenti, (i) li tittejjeb il-governanza b'sistema ta' teħid ta' deċiżjonijiet prevedibbli, infurmata u parteċipatorja, (ii) li jiġi żgurat l-għoti ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità minn grupp ta' impjegati taċ-ċivil professjonali u mħarrġa sew li jirrispondu b'mod adegwat għall-isfidi, il-ħtiġijiet u l-aspettattivi taċ-ċittadini u n-negozji. Dan għandu jsaħħaħ ir-reżiljenza u l-kapaċità ta' adattament għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

L-objettivi speċifiċi tal-komponent huma kif ġej:

1. Koordinazzjoni, formulazzjoni u implimentazzjoni aħjar tal-politiki tal-gvern, aktar trasparenza u fiduċja fis-settur pubbliku.

2. Immaniġġjar effettiv tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku.

3. Politika koerenti dwar il-pagi tas-settur pubbliku, marbuta mal-prestazzjoni u sostenibbli fit-tul (Paga unitarja u ġusta).

4. It-tisħiħ tal-indipendenza tal-ġudikatura, it-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja u ż-żieda fl-effiċjenza fil-ġudikatura.

5. Sistema nazzjonali ta' akkwist pubbliku aktar effiċjenti, inkluż bit-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet/entitajiet kontraenti, f'qafas legali flessibbli u koerenti.

6. It-titjib tal-proċessi tal-politika pubblika/tat-teħid tad-deċiżjonijiet permezz ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

7. Żieda fir-reżiljenza tal-intrapriżi tal-istat minħabba l-operazzjonalizzazzjoni tal-prinċipji ta' governanza korporattiva.

Il-komponent huwa magħmul minn disa' riformi u ħames investimenti.

Il-miżuri inklużi fil-komponent huma mistennija jindirizzaw sett ta' sfidi enfasizzati mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex tiżdied l-effiċjenza tal-akkwist pubbliku u tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u sostenibbli tal-istrateġija nazzjonali tal-akkwist pubbliku; tittejjeb il-kwalità u l-prevedibbiltà tat-teħid tad-deċiżjonijiet inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet xierqa mal-partijiet ikkonċernati, valutazzjonijiet tal-impatt effettivi u proċeduri amministrattivi simplifikati u involviment adegwat tas-sħab soċjali (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3, ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4, ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 5 2019 u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

N.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1.1 It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bit-tisħiħ tal-kapaċità għall-koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta' koordinazzjoni, kif ukoll bit-tisħiħ tal-għodod biex tiżdied il-kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni

L-objettiv tar-riforma huwa li ttejjeb l-ippjanar tal-politiki tal-gvern fit-terminu qasir u medju (billi tiżviluppa mekkaniżmi ta' ppjanar strateġiku istituzzjonali u torbothom mal-ipprogrammar tal-baġit), issaħħaħ is-sistema ta' analiżi tal-impatt regolatorju preliminari

(permezz ta' aġġustamenti proċedurali u istituzzjonali), ittejjeb il-kapaċitajiet tal-ippjanar u l-formulazzjoni tal-politika pubblika (permezz ta' mekkaniżmi ġodda għall-ġestjoni tal-istrateġiji tal-gvern, it-taħriġ jew l-iskambju tal-esperjenzi, u billi tintroduċi l-kunċett ta' governanza innovattiva), u ssaħħaħ il-koordinazzjoni fiċ-Ċentru tal-Gvern ta' politiki ta' natura orizzontali b'saħħitha u li tinvolvi għadd kbir ta' partijiet ikkonċernati (bħall-Patt Ekoloġiku).

L-azzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom jitwettqu bħala parti minn din ir-riforma:

(1) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-metodoloġiji u l-proċeduri biex jittejbu r-raġunament u l-ippjanar tal-politika pubblika u s-simplifikazzjoni amministrattiva (sal-31 ta' Marzu 2022). B'riżultat ta' dan, mill-inqas 50 % tal-inizjattivi leġiżlattivi proposti, inklużi fil-Pjan ta' Ħidma Annwali tal-Gvern (GAWP - Government Annual Work Plan), għandhom jiġu approvati fl-iskeda ta' żmien ippjanata sal-31 ta' Marzu 2026, u 25 % tal-għodod ta' preżentazzjoni u motivazzjoni (jiġifieri memoranda ta' spjegazzjoni/noti biex jissostanzjaw bħala akkumpanjament tal-abbozzi ta' regolamenti) għandhom jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità stabbiliti (jiġifieri huma vvalutati f'livell eċċellenti jew sodisfaċenti) skont il-metodoloġija tal-Gvern adottata fl-ewwel rapport annwali dwar il-valutazzjoni tal-impatt regolatorju (adottat fl-2019) sal-31 ta' Diċembru 2024.

(2) Il-ħolqien u l-operazzjonalizzazzjoni ta' sistema ġdida ta' ġestjoni strateġika u ppjanar strateġiku fil-ministeri kollha, filwaqt li l-istrateġiji u l-pjanijiet strateġiċi żviluppati fil-livell ministerjali għandhom isegwu d-dispożizzjonijiet tal-metodoloġiji adottati skont l-azzjoni (1) ta' hawn fuq u għandhom jittellgħu fuq il-pjattaforma ta' monitoraġġ tal-Pjanijiet Strateġiċi Istituzzjonali (ISP - Institutional Strategic Plans) peress li hija estiża għall-ministeri kollha (sat-30 ta' Ġunju 2023). B'riżultat ta' dan, il-ministeri kompetenti kollha għandhom ikunu ppjanaw il-baġits tagħhom għal kull programm u mill-inqas tliet ministeri għandhom ikunu esegwew/implimentaw ukoll baġits għal kull programm sat-30 ta' Ġunju 2025.

(3) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv li jagħmel operattiva struttura biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu regolatorju effettiv għall-kontroll tal-kwalità sal-31 ta' Marzu 2022.

(4) It-twaqqif tal-linja bażi eżistenti tal-innovazzjoni fil-livell tal-gvern ċentrali (il-ministeri kompetenti u s-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern) u t-tlestija ta' Pjan ta' Azzjoni għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' innovazzjoni u l-ħolqien ta' ambjent regolatorju li jippermetti li l-amministrazzjoni pubblika tkun innovattiva (il-31 ta' Diċembru 2022).

(5) It-titjib tal-kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-iżvilupp tal-involviment tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet billi jissaħħaħ il-qafas leġiżlattiv u proċedurali għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva ta' inizjattivi ta' gvern miftuħ (Inizjattiva ta' Gvern Miftuħ). Dan għandu jinkiseb permezz ta':

(i) Aġġornamenti tal-qafas legali, estensjoni tal-pjattaforma tal-IT, bini tal-kapaċità għall-impjegati taċ-ċivil, adozzjoni ta' Strateġija ta' Gvern Miftuħ. B'riżultat ta' dan, għandu jkun hemm żieda ta' 20 % fl-għadd ta' abbozzi ta' atti leġiżlattivi soġġetti għall-konsultazzjoni pubblika u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-livell ċentrali sat-30 ta' Ġunju 2026.

(ii) Taħriġ organizzat għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex iżidu l-kapaċità u l-ħiliet tagħhom biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċessi ta' konsultazzjoni pubblika. Bħala riżultat ta' din l-azzjoni, 800 rappreżentant tal-

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jitħarrġu sal-31 ta' Diċembru 2025.

(6) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-linji gwida għall-użu u l-infurzar xierqa tar-Reġistru Uniku ta' Trasparenza tal-Interessi (RUTI) immirati biex ikun hemm implimentazzjoni xierqa tar-reġistru pubbliku (sat-30 ta' Settembru 2022).

(7) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-Metodoloġija għall-użu tad-Digrieti ta' Emerġenza li għandhom jispeċifikaw iċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jintużaw dawn id-digrieti u kif l-impatt tagħhom għandu jiġi vvalutat (*ex post*, *ex ante*) kif ukoll il-proċeduri assoċjati għat-tħejjija u l-approvazzjoni tagħhom (sat-30 ta' Settembru 2022).

(8) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi għal-Liġi 24/2000 dwar it-teknika leġiżlattiva biex tiġi żgurata l-pubblikazzjoni tat-test sħiħ tal-liġijiet wara li jkunu sarulhom emendi, li attwalment mhux qed isir b'mod sistematiku (sat-30 ta' Settembru 2022).

Riforma 2 It-tisħiħ tal-koordinazzjoni fiċ-ċentru tal-gvern permezz ta' approċċ integrat u koerenti għat-tibdil fil-klima u inizjattivi ta' żvilupp sostenibbli

L-objettivi tar-riforma huma dawn li ġejjin: (i) li tiżgura l-effiċjenza u l-effettività tal-miżuri u l-politiki ekoloġiċi billi tagħmel operattiv mekkaniżmu għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew fir-Rumanija; u (ii) li tirriforma l-amministrazzjoni pubblika billi tippromwovi u tikkoordina politika pubblika koerenti għall-iżvilupp sostenibbli fil-livelli kollha u fis-setturi kollha tal-istat b'enfasi fuq it-trasformazzjoni diġitali u żżid ir-rilevanza/l-użu tal-approċċ xjentifiku fil-politiki pubbliċi dwar l-iżvilupp sostenibbli.

Dan għandu jinkiseb permezz tat-twaqqif u l-operazzjonalizzazzjoni ta' Kumitat Interistituzzjonali dwar il-Klima b'mandat li jipprijoritizza l-azzjoni klimatika u jwettaq monitoraġġ tal-progress annwali sat-30 ta' Ġunju 2022. Bħala riżultat ta' din l-azzjoni, 90 % tal-prijoritajiet stabbiliti mill-Kumitat Interistituzzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima għall-2025, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fil-Pjan Integrat għall-Enerġija u l-Klima, għandhom jinkisbu sal-31 ta' Marzu 2026 u 2 000 uffiċjal pubbliku għandhom jiġu kkwalifikati bħala "esperti tal-iżvilupp sostenibbli" fl-istituzzjonijiet pubbliċi, fil-livell ċentrali u lokali, sat-30 ta' Settembru 2025.

Riforma 3. L-iżvilupp ta' mmaniġġjar tal-prestazzjonijiet tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku

L-objettiv tar-riforma huwa li timmodernizza l-ġestjoni tas-servizz ċivili, tippromwovi sistema ġdida ta' reklutaġġ trasparenti u inklużiva, bl-użu ta' qafas ta' kompetenza xieraq għar-realtajiet tas-settur pubbliku, marbut direttament mal-ħtiġijiet istituzzjonali u l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tal-komunità tan-negozju li jaqdu. Dawn il-miżuri ta' riforma għandhom jimxu id f'id ma' diġitalizzazzjoni b'saħħitha tas-settur pubbliku u l-akkwiżizzjoni ta' ħiliet diġitali fost l-impjegati taċ-ċivil.

L-azzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom jitwettqu bħala parti minn din ir-riforma:

(1) It-twettiq ta' analiżi *ex post* tal-kompetizzjoni nazzjonali (pilota) għall-għażla ta' żewġ kategoriji ta' servizz pubbliku fl-amministrazzjoni ċentrali (sat-30 ta' Ġunju 2023).

(2) It-twettiq ta' mill-inqas żewġ kompetizzjonijiet ta' reklutaġġ ta' impjegati taċ-ċivil nazzjonali kull sena għal minimu ta' tliet (3) kategoriji/gradi tas-servizz pubbliku (sal-31 ta' Diċembru 2023).

(3) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' żewġ atti leġiżlattivi dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani: (i) waħda li tintroduċi bidliet fil-ġestjoni tal-karriera tal-impjegati taċ-ċivil biex tibbażaha fuq il-meritokrazija, u (ii) oħra fuq il-ġestjoni tal-persunal kuntrattwali fl-amministrazzjoni pubblika (sal-31 ta' Diċembru 2024).

(4) L-operazzjonalizzazzjoni tal-oqfsa ta' kompetenza fl-amministrazzjoni pubblika ċentrali, li għandha tinkludi t-tħejjija u l-adozzjoni tal-att leġiżlattiv u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu (sal-31 ta' Diċembru 2025).

Riforma 4. L-iżvilupp ta' sistema ta' paga ġusta u unitarja fis-settur pubbliku

L-objettiv tar-riforma huwa li tiġi żgurata politika tal-pagi ġusta u fiskalment sostenibbli billi jingħalaq id-distakk fil-pagi attwali fis-sistema baġitarja, tiġi restawrata l-ġerarkija tal-funzjonijiet fl-oqsma ta' attività u bejniethom, tiġi rieżaminata s-sistema ta' bonus, u tiġi stabbilita sistema ta' inċentivi tal-prestazzjoni.

L-azzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom jitwettqu bħala parti minn din ir-riforma:

(1) It-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt ġenerali tal-Liġi dwar il-Paga Unitarja, inkluża valutazzjoni tal-impatt fiskali tal-liġi l-ġdida (sal-31 ta' Marzu 2022);

(2) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-qafas legali l-ġdid dwar ir-remunerazzjoni tal-impjegati taċ-ċivil (il-Liġi dwar il-Paga Unitarja) (sat-30 ta' Ġunju 2023);

Riforma 5. L-iżgurar tal-indipendenza tal-ġudikatura, it-tisħiħ tal-kwalità u l-effiċjenza tagħha

L-objettiv tar-riforma huwa li ssaħħaħ l-indipendenza tal-maġistrati, tagħmel il-funzjonament tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji aktar effiċjenti, f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti tal-MKV, tar-rapporti tal-GRECO u tal-opinjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u r-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt.

L-azzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom jitwettqu bħala parti minn din ir-riforma:

(1) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-liġi li tapprova l-istrateġija għall-iżvilupp tal-ġudikatura 2022-2025 (sal-31 ta' Marzu 2022). L-istrateġija għandha tinkludi żewġ pilastri: (i) politiki biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura u jissaħħaħ l-istat tad-dritt; u (ii) politiki biex tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali rigward ir-riżorsi, il-proċessi u l-ġestjoni, u politiki dwar il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi fil-ġudikatura.

(2) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-liġi li temenda s-setgħat tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Assi Maqbuda (sal-31 ta' Marzu 2022).

(3) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-"liġijiet dwar il-Ġustizzja" (liġijiet dwar l-istatus tal-maġistrati, l-organizzazzjoni ġudizzjarja, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura) (sat-30 ta' Ġunju 2023). Il-liġijiet il-ġodda dwar il-ġustizzja għandhom jipprevedu fost l-oħrajn dan li ġej: (i) it-tisħiħ tal-indipendenza tal-imħallfin u l-prosekuturi; (ii) l-ammissjoni għall-professjoni u l-avvanz fil-karriera għal raġunijiet meritokratiċi, flimkien mat-tisħiħ tar-rwol tal-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura fl-organizzazzjoni u t-tmexxija ta' eżamijiet u kompetizzjonijiet; (iii) il-funzjonament effiċjenti tal-qrati, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura kif ukoll l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku; (iv) ir-responsabbiltà effettiva tal-maġistrati, iżda wkoll il-protezzjoni tagħhom kontra kull interferenza u abbuż; (v) li l-ispezzjoni ġudizzjarja ssir aktar effettiva, filwaqt li jiġu żgurati garanziji akbar ta' indipendenza u imparzjalità.

(4) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali sabiex jiġu allinjati mal-Kostituzzjoni tar-Rumanija, b'segwitu għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali (sal-31 ta' Diċembru 2022).

(5) Sessjonijiet ta' taħriġ (300 b'kollox) organizzati għall-imħallfin, il-prosekuturi u l-iskrivana tal-qorti biex itejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja (sal-31 ta' Diċembru 2025).

Riforma 6. L-intensifikar tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni

L-objettiv tar-riforma huwa li tintensifika l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, billi tadotta l-qafas strateġiku nazzjonali għall-prevenzjoni u r-repressjoni tagħha, billi ssaħħaħ il-kapaċità tal-istituzzjoni kompetenti biex tiġġieled kontriha, jiġifieri l-NAD, billi tirkupra l-ħsara u r-rikavat mill-kriminalità, issaħħaħ l-integrità fis-servizz taċ-ċivil u tiżgura sistema effiċjenti għad-dikjarazzjonijiet tal-assi u l-interessi, filwaqt li tiżviluppa u timplimenta l-istrateġija l-ġdida kontra l-korruzzjoni.

L-azzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom jitwettqu bħala parti minn din ir-riforma:

(1) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li japprova Strateġija Nazzjonali ġdida Kontra l-Korruzzjoni (sal-31 ta' Diċembru 2021). B'riżultat ta' dan, sal-31 ta' Diċembru 2025 għandhom jiġu implimentati mill-inqas 70 % tal-miżuri previsti fl-istrateġija l-ġdida kontra l-korruzzjoni u għandha tinkiseb żieda ta' 50 % fil-valur tal-assi maqbuda ġestiti mill-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Assi Maqbuda.

(2) Il-ksib ta' rata ta' okkupazzjoni ta' 85 % tal-karigi ta' prosekutur tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (sat-30 ta' Ġunju 2023).

(3) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-liġi li tittrasponi d-direttiva dwar il-protezzjoni tal-informaturi (sal-31 ta' Marzu 2022).

Riforma 7. Evalwazzjoni u aġġornament tal-leġiżlazzjoni dwar il-qafas tal-integrità

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li ssaħħaħ l-integrità fis-servizz taċ-ċivil u li tagħmel id-diġitalizzazzjoni u t-trasparenza aktar effiċjenti billi tipprovdi r-riżorsi meħtieġa għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-interessi f'format diġitali b'firma elettronika ċċertifikata.

L-azzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom jitwettqu bħala parti minn din ir-riforma:

(1) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-liġijiet konsolidati dwar l-integrità (sal-31 ta' Diċembru 2024).

(2) Rieżami tal-kodiċijiet ta' etika u kondotta għall-Gvern, flimkien ma' dawk eżistenti għas-servizz taċ-ċivil u l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' infurzar (sal-31 ta' Diċembru 2024).

Riforma 8. Ir-riforma tas-sistema nazzjonali tal-akkwist pubbliku

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb l-effiċjenza tas-sistema tal-akkwist pubbliku u li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u sostenibbli tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Akkwist Pubbliku, kif approvata mid-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 901/2015.

L-azzjonijiet li ġejjin għandhom jitwettqu taħt din ir-riforma:

(1) L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-emenda tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ir-rimedji (il-Liġi Nru 101/2016) sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess tal-għoti ta' kuntratti (sal-31 ta' Marzu 2022).

(2) L-adozzjoni u dħul fis-seħħ tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Akkwist Pubbliku aġġornata inklużi miżuri orizzontali ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (sat-30 ta' Ġunju 2023).

(3) L-operazzjonalizzazzjoni tal-korpi ċentralizzati tal-akkwist (CPBs - centralised procurement bodies) għall-awtoritajiet lokali (sal-31 ta' Diċembru 2025).

(4) Taħriġ speċjalizzat fil-qasam tal-akkwist pubbliku pprovdut lil mill-inqas 350 persuna (kemm impjegati taċ-ċivil kif ukoll persunal kuntrattwali) (sal-31 ta' Diċembru 2023).

(5) Interkonnessjoni u interoperabbiltà ma' bażijiet tad-*data* oħra tas-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (SEAP) (sal-31 ta' Diċembru 2023).

(6) L-operazzjonalizzazzjoni tas-sistema tal-akkwist elettroniku inklużi formoli elettroniċi, valutazzjoni awtomatizzata tal-kwalifiki, katalogi elettroniċi, fatturazzjoni elettronika, pagament elettroniku (sal-31 ta' Marzu 2025).

Riforma 9: It-titjib tal-qafas proċedurali għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' governanza korporattiva fl-intrapriżi tal-istat

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tittejjeb il-governanza korporattiva tal-intrapriżi kollha tal-istat fir-Rumanija billi jiġu infurzati l-istandards tal-OECD.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ tal-emendi għal-Liġi 11/2016, li jneħħu l-eċċezzjonijiet kollha għall-konformità mal-istandards ta' governanza korporattiva, inkluż għall-intrapriżi tal-istat fil-livell lokali. Dawn l-emendi għandhom jinfurzaw separazzjoni bejn il-funzjonijiet regolatorji u ta' sjieda, ineħħu kwalunkwe vantaġġ dirett jew indirett li jista' jirriżulta mis-sjieda tal-Istat, kemm jekk f'termini ta' regoli/regolamenti tas-suq, finanzjament, tassazzjoni, jew akkwist pubbliku, u jiżguraw li kull intrapriża tal-Istat tara li jkollha profittabilità.

Ir-riforma għandha tistabbilixxi u tħaddem ukoll task force fiċ-Ċentru tal-Gvern biex tiżgura l-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-istandards ta' governanza korporattiva, filwaqt li jkollha r-responsabbiltà aħħarija li tiżgura proċedura tal-għażla trasparenti u kompetittiva għall-approvazzjoni tal-ħatra tal-membri tal-bord tal-amministrazzjoni, għall-monitoraġġ, u għall-evalwazzjoni u l-kontrolli. It-task force għandha tippubblika rappurtar regolari tal-indikaturi tal-prestazzjoni u tinforza sanzjonijiet għall-intrapriżi tal-istat li ma jikkonformawx mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. Tabella Operattiva ta' Monitoraġġ b'miri finanzjarji u mhux finanzjarji u indikaturi tal-prestazzjoni għall-kategoriji kollha ta' kumpaniji pubbliċi (inklużi setturi ewlenin bħat-trasport, l-enerġija, l-utilitajiet pubbliċi) għandha tiġi żviluppata, ippubblikata kull sena u tintuża ċentralment għar-rappurtar u l-monitoraġġ tal-progress fil-kisba tal-prestazzjoni għall-kategoriji kollha tal-intrapriżi tal-Istat.

F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-Rumanija talbet appoġġ tekniku permezz tal-istrument dwar l-assistenza teknika għall-implimentazzjoni tar-riforma biex ittejjeb il-qafas dwar il-governanza korporattiva f'intrapriżi tal-istat. Hija meħtieġa assistenza teknika bil-ħsieb li tiġi emendata l-leġiżlazzjoni rilevanti (il-Liġi Nru 11/2016 u d-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 722/2016) u l-politika ta' parteċipazzjoni azzjonarja tal-istat (inkluża l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati kollha), u biex jinħoloq il-qafas istituzzjonali xieraq sabiex il-funzjoni ta' azzjonist tal-istat tiġi ċċentralizzata taħt struttura/istituzzjoni waħda. L-assistenza teknika hija meħtieġa wkoll għall-iżvilupp tal-kapaċità istituzzjonali fil-qasam tal-immaniġġjar tal-intrapriżi tal-istat (żieda tal-għarfien espert tad-dipartimenti tal-governanza korporattiva fil-ministeri li jimmaniġġjaw l-intrapriżi tal-istat), u l-kapaċità għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tat-taskforce l-ġdida stabbilita fiċ-ċentru tal-gvern.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026. Il-leġiżlazzjoni aġġornata għall-intrapriżi tal-Istat (inklużi dawk fil-livell lokali) għandha tidħol fis-seħħ sal-

31 ta’ Diċembru 2022. It-task force permanenti biex tiżgura l-monitoraġġ u l-infurzar tal-applikazzjoni tal-istandards ta’ governanza korporattiva għandha tkun operattiva sal-31 ta’ Diċembru 2022. It-Tabella Operattiva ta’ Monitoraġġ għandha tkun operattiva sat-30 ta’ Ġunju 2023.

Investiment 1 L-ottimizzazzjoni tal-infrastruttura ġudizzjarja biex jiġi garantit l-aċċess għall-ġustizzja u l-kwalità tas-servizzi

L-objettiv ta’ dan l-investiment huwa li jtejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja.

Dan għandu jinkiseb permezz tal-bini ta’ tliet (3) binjiet ġodda tal-qorti, li għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta’ bini b’użu ta’ enerġija qrib iż-żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta’ ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. L-aċċess għall-bini għandu jiġi adattat għall-persuni b’diżabilità u dan l-adattament għandu jkun akkumpanjat minn konformità mal-istandards ta’ protezzjoni tekniċi u kontra n-nirien, inkluża r-reżiljenza sismika. Għandha tingħata prijorità lill-postijiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji f’partijiet tar-Rumanija li huma ekonomikament inqas żviluppati.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment 2 L-iżvilupp tal-infrastruttura loġistika (mhux tal-IT) meħtieġa għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-irkupru tar-rikavati u l-ħsara mill-kriminalità, inkluż it-taħriġ f’dawn l-oqsma

L-objettiv ta’ dan l-investiment huwa li jespandi l-kapaċità ta’ ħżin tal-ANABI permezz tal-bini/l-iżvilupp ta’ tliet (3) imħażen ġodda għall-ħżin ta’ proprjetà maqbuda li għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta’ bini b’użu ta’ enerġija qrib iż-żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta’ ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Settembru 2025.

Investiment 3 Ħolqien ta’ strutturi ta’ sħubija lokali bejn il-gvernijiet lokali u s-soċjetà ċivili

L-objettiv tal-investiment huwa li jtejjeb l-istabbiltà, il-prevedibbiltà u l-appoġġ għas-sħubija fir-rigward tal-formulazzjoni tal-politika pubblika, bl-għan minn naħa waħda, li jistimula sħubijiet ta’ ħidma permanenti bejn l-amministrazzjoni pubblika u s-soċjetà ċivili u min-naħa l-oħra li jtejjeb il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-involviment attiv fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet filwaqt li jżid id-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-NGOs bħala prerekwiżiti għat-titjib tal-kwalità u l-prevedibbiltà tat-teħid tad-deċiżjonijiet b’impatt pożittiv fuq il-kwalità tas-servizzi pubbliċi offruti liċ-ċittadini u lin-negozji.

B’riżultat ta’ dan, mill-inqas 50 sħubija bejn l-awtoritajiet tal-amministrazzjoni pubblika lokali (LPA - local public administration) u l-NGOs għandhom jiġu stabbiliti u jkunu operattivi u mill-inqas 15-il inizjattiva kollaborattiva u funzjonali tas-settur mhux governattiv għandhom isiru operattivi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Marzu 2026.

Investiment 4. Żieda fil-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex irawmu ċittadinanza attiva, biex jinvolvu ruħhom professjonalment fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta’ politiki pubbliċi dwar id-drittijiet soċjali indirizzati mill-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u biex iwettqu monitoraġġ tar-riformi relatati

Iż-żieda fil-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex irawmu ċittadinanza attiva, biex jinvolvu ruħhom professjonalment fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' politiki pubbliċi dwar id-drittijiet soċjali indirizzati mill-NRDP u biex iwettqu monitoraġġ tar- riformi relatati.

Bħala riżultat ta' dan l-investiment, għandhom jiġu stabbiliti mill-inqas 15-il inizjattiva kollaborattiva u funzjonali tas-settur mhux governattiv (networks, koalizzjonijiet, pjattaformi, gruppi ta' organizzazzjonijiet inklużi gruppi ta' riflessjoni, strutturi analitiċi u ta' riċerka) biex tiġi żgurata l-kontinwità fil-proċessi ta' konsultazzjoni pubblika, jiġifieri l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' mill-inqas 15-il riforma tal-politika pubblika/nazzjonali f'oqsma b'funzjoni soċjali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment 5. Monitoraġġ u implimentazzjoni tal-pjan

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiġi stabbilita u ssir operattiva s-sistema integrata tal-IT, parti mill-cloud tal-gvern u konnessa ma' sistemi oħra nazzjonali u tal-UE użati għall-fini tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

L-investiment jikkonsisti f'żewġ fażijiet:

- fl-ewwel fażi, is-sistema għandha tiġi żviluppata u għandha tippermetti l-ġbir ta' *data* għall-finijiet ta' rapportar (kif previst fit-tabelli ta' valutazzjoni tal-RRF), il-monitoraġġ tal-progress biex jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri, it-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni, is-sommarju tal-awditjar u l-applikazzjonijiet għall-pagament, il-komunikazzjoni tar-rekwiżiti għall-partijiet ikkonċernati, il-monitoraġġ tal-komplementaritajiet ma' sorsi oħra ta' finanzjament, it-twettiq ta' evalwazzjoni *ex ante* biex jiġi evitat ir-riskju ta' finanzjament doppju, l-iżgurar tal-verifika *ex ante* u *ex post* tal-proċeduri tal-akkwist imwettqa mill-benefiċjarji tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u l-iżgurar tal-identifikar u l-korrezzjoni f'waqthom tal-irregolaritajiet, il-frodi u l-kunflitt ta' interess.
- fit-tieni fażi, għandha titħejja u ssir operattiva l-interkonnessjoni ma' sistemi oħra ta' ġestjoni u kontroll tal-fondi Ewropej u mill-baġit nazzjonali u l-integrazzjoni mal-cloud tal-gvern.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021, qabel ma titressaq l-ewwel talba għall-ħlas lill-Kummissjoni Ewropea.

N.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
401	Riforma 1. It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bit-tisħiħ tal-kapaċità għall-koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta' koordinazzjoni, kif ukoll bit-tisħiħ tal-għodod biex tiżdied il-kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-metodoloġiji u l-proċeduri biex jittejbu r-raġunament u l-ippjanar tal-politika pubblika u s-simplifikazzjoni amministrattiva	Dispożizzjoni fil-liġijiet u fid-deċiżjonijiet tal-gvern li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġijiet u d-deċiżjonijiet tal-gvern rispettivament għat-titjib tar-raġunament u l-ippjanar tal-politika pubblika u s-simplifikazzjoni amministrattiva				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-atti leġiżlattivi li ġejjin: (1) Deċiżjoni tal-Gvern li tistabbilixxi l-proċeduri għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-aġġornament ta' strateġiji tal-gvern; (2) Deċiżjoni tal-Gvern li tistabbilixxi l-proċeduri għall-ippjanar strateġiku u l-ipprogrammar baġitarju biex tiġi żgurata rabta adegwata bejn il-prijoritajiet tal-politika u l-formulazzjoni tal-baġit. Il-programmi baġitarji ministerjali għandhom jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tar-reviżjonijiet tal-infiq (li huma introdotti taħt it-taqsima tal-komponent tar-Riforma tat-taxxa u l-pensjonijiet ta' dan id-dokument) u skont il-metodoloġija żviluppata f'kooperazzjoni mal-Ministeru

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										għall-Finanzi (MoF). (3) Deċiżjoni tal-Gvern dwar l-aġġornament tal-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-impatt *ex ante* tal-abbozz tar-regolament. Il-fokus tal-metodoloġija aġġornata għandu jkun fuq l-introduzzjoni tal-innovazzjoni u l-prinċipji "diġitali b'mod awtomatiku" kif ukoll proċeduri speċifiċi għal implimentazzjoni msaħħa u rappurtar annwali. (4) Deċiżjoni tal-Gvern dwar l-approvazzjoni tal-Metodoloġija "One in, one out" bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv. (5) Deċiżjoni tal-Gvern dwar il-qafas proċedurali u metodoloġiku għall-valutazzjoni *ex post* tar-regolamenti.
402	Riforma 1. It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-	Stadju importanti	Sistema ġdida ta' ġestjoni strateġika u	Is-sistema l-ġdida hija operattiva fil-ministeri				Q2	2023	L-istrateġiji u l-pjanijiet strateġiċi żviluppati fil-livell ministerjali għandhom isegwu d-dispożizzjonijiet tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	deċiżjonijiet bit-tisħiħ tal-kapaċità għall-koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta' koordinazzjoni, kif ukoll bit-tisħiħ tal-għodod biex tiżdied il-kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni		ppjanar strateġiku hija operattiva fil-ministeri kollha	kompetenti kollha						metodoloġiji msemmija fl-istadju importanti 401 u għandhom jittellgħu fuq il-pjattaforma ta' monitoraġġ tal-Pjanijiet Strateġiċi Istituzzjonali (ISP) peress li din tiġi estiża għall-ministeri kollha.
403	Riforma 1. It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bit-tisħiħ tal-kapaċità għall-koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta' koordinazzjoni, kif ukoll bit-tisħiħ tal-	Mira	Mill-inqas 3 ministeri ppjanati u implimentati baġits għal kull programm		Numru	0	3	Q2	2025	Mill-inqas tliet (3) Ministeri ppjanaw u implimentaw baġits għal kull programm billi applikaw il-metodoloġija tal-Ippjanar Strateġiku Istituzzjonali (ISP - Institutional Strategic Planning) bl-appoġġ tas-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern (GSG - General Secretariat of the Government) u l-Ministeru għall-Finanzi (MoF - Ministry

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	għodod biex tiżdied il-kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni									of Finances). L-għan huwa li jikkomplementa l-ippjanar tal-baġit tal-programm b'eżekuzzjoni attwali tal-baġit ministerjali bbażata fuq il-programmi. Il-programmi baġitarji ministerjali għandhom jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tar-rieżamijiet tal-infiq (li huma introdotti taħt it-taqsima tal-komponent tar-riforma tat-Taxxa u l-pensjonijiet ta' dan id-dokument).
404	Riforma 1. It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet billi tissaħħaħ il-kapaċità għall-koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta' koordinazzjoni, kif	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv li jħaddem struttura li tiżgura l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu effettiv u regolatorju	Dispożizzjoni f'liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi li tħaddem l-istruttura regolatorja tal-kontroll tal-kwalità				Q1	2022	L-att leġiżlattiv għandu jkun ibbażat fuq l-istudju mwettaq mis-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kontroll tal-kwalità fiċ-Ċentru tal-Gvern. L-istruttura l-ġdida għandha twettaq skrutinju regolatorju tal-kwalità tal-evalwazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-impatt. Dan għandu jkun magħmul

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	ukoll billi jissaħħu l-għodod biex tiżdied il-kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni.		tal-kontroll tal-kwalità							minn bord ta' esperti appoġġat minn segretarjat tekniku, simili għall-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju li bħalissa huwa attiv fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea. L-att leġiżlattiv għandu jistabbilixxi dan li ġej: (1) il-proċedura tal-għażla għall-esperti tal-bord; (2) ir-regoli u l-proċeduri għall-bord u għas-segretarjat tekniku (inklużi d-deskrizzjonijiet tal-karigi); (3) linji gwida dwar kif għandha tiġi vvalutata l-kwalità tad-dokumenti; (4) strateġija ta' komunikazzjoni fil-Gvern u lil hinn minnu; (5) taħriġ.
405	Riforma 1. It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bit-tisħiħ tal-kapaċità għall-	Stadju importanti	Pjattaforma operattiva tal-IT għall-monitoraġġ tal-innovazzjoni	Il-pjattaforma tal-IT hija żviluppata u operattiva				Q4	2024	Il-pjattaforma tal-IT għall-monitoraġġ tal-innovazzjoni fl-amministrazzjoni pubblika għandha tiġi żviluppata u ssir operattiva. Il-pjattaforma tal-IT għandha tiġġenera

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta' koordinazzjoni, kif ukoll bit-tisħiħ tal-għodod biex tiżdied il-kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni		fl-amministrazzjoni pubblika							awtomatikament rapporti annwali ta' monitoraġġ dwar il-progress irreġistrat mill-istituzzjonijiet Rumeni f'termini ta' riżultati tanġibbli innovattivi u kapaċitajiet ta' innovazzjoni.
406	Riforma 1. It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bit-tisħiħ tal-kapaċità għall-koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta' koordinazzjoni, kif ukoll bit-tisħiħ tal-għodod biex tiżdied il-kwalità tal-	Mira	800 rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mħarrġa biex iżidu l-kapaċità amministrativa u d-diġitalizzazzjoni tal-istrutturi	Rappreżentanti mħarrġa	Numru	0	800	Q4	2025	Is-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern għandu jwettaq sessjonijiet ta' taħriġ annwali għall-persunal tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex iżid il-kapaċità u l-ħiliet tagħhom biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċessi ta' konsultazzjoni pubblika. It-taħriġ għandu jkollu l-għan li juża l-pjattaforma diġitali e-consultare.gov.ro, kif ukoll mekkaniżmi/proċeduri oħra

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni		tagħhom							pprovduti mill-qafas legali.
407	Riforma 1. It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bit-tisħiħ tal-kapaċità għall-koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta' koordinazzjoni, kif ukoll bit-tisħiħ tal-għodod biex tiżdied il-kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni	Mira	Il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati tjiebu permezz ta' żieda ta' 20 % fl-għadd ta' abbozzi ta' atti leġiżlattivi soġġetti għall-konsultazzjoni pubblika u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-livell		Perċentwal (%)	0 [2020]	20	Q2	2026	Sabiex tiżdied il-kwalità tal-proċess ta' konsultazzjoni, minbarra t-taħriġ għar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (ipprovdut taħt il-Mira 406), għandhom jitwettqu sensiela ta' attivitajiet kif ġej: - Għandu jiġi adottat qafas legali aġġornat biex tiġi standardizzata l-implimentazzjoni tar-regolamenti fil-qasam tal-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-aċċess liberu għall-informazzjoni ta' interess pubbliku. - Il-pjattaforma tal-IT eżistenti www.e-consultare.gov.ro għandha tiġi estiża biex isservi bħala portal ta' informazzjoni "one-stop

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			ċentrali							shop" fil-livell tal-gvern għaċ-ċittadini dwar l-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni u bħala għodda għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress annwali. - Programmi ta' taħriġ/appoġġ metodoloġiku għandhom jinħolqu u jiġu pprovduti għas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tar-regolamenti fil-qasam tal-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-aċċess liberu għall-informazzjoni ta' interess pubbliku għall-impjegati taċ-ċivil minn awtoritajiet ċentrali (ministeri) u lokali (kunsilli tal-kontea u muniċipalitajiet). - L-istrateġija ta' Gvern Miftuħ għandha tiġi adottata. - Programmi ta' taħriġ/appoġġ metodoloġiku għandhom jinħolqu u jiġu pprovduti

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' gvern miftuħ għall-impjegati taċ-ċivil minn awtoritajiet ċentrali (ministeri) u lokali (kunsilli tal-kontej u muniċipalitajiet). - Għandhom jiġu ppubblikati rapporti ta' progress annwali b'linji gwida u rakkomandazzjonijiet addizzjonali. Il-kisba ta' din il-mira għandha tkun ibbażata fuq l-indikaturi stabbiliti fit-tabella operattiva (parti mill-valutazzjoni tal-progress annwali).
408	Riforma 1. It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bit-tisħiħ tal-kapaċità għall-koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta'	Mira	25 % tal-għodod ta' preżentazzjoni u motivazzjoni jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità stabbiliti (jiġifieri		Perċentwal (%)	10	25	Q4	2024	Il-kwalità tal-leġiżlazzjoni għandha tiġi vvalutata abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-ewwel rapport annwali tas-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern dwar il-valutazzjoni tal-impatt regolatorju adottat fl-2019. Il-linja bażi għall-2019 kienet ta' 10 %, jiġifieri l-għadd ta' għodod ta' preżentazzjoni u

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	koordinazzjoni, kif ukoll bit-tisħiħ tal-għodod biex tiżdied il-kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni		huma vvalutati f'livell eċċellenti jew sodisfaċenti) skont il-metodoloġija tal-Gvern							motivazzjoni jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità stabbiliti (jiġifieri huma vvalutati f'livell eċċellenti jew sodisfaċenti). Hemm erba' (4) livelli ta' kwalità: Eċċellenti, sodisfaċenti, parzjalment sodisfaċenti u mhux issodisfata. Fuq terminu medju dan għandu jsir mill-bord tal-iskrutinju (rifless fl-istadju importanti 404).
409	Riforma 1. It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bit-tisħiħ tal-kapaċità għall-koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta' koordinazzjoni, kif ukoll bit-tisħiħ tal-għodod biex tiżdied il-	Mira	Mill-inqas 50 % tal-inizjattivi leġiżlattivi proposti, inklużi fil-Pjan ta' Ħidma Annwali tal-Gvern (GAWP), ikunu ġew approvati sal-		Perċentwal (%)	35	50	Q1	2026	Mill-inqas 50 % tal-inizjattivi leġiżlattivi proposti, inklużi fil-Pjan ta' Ħidma Annwali tal-Gvern (GAWP), għandhom jiġu approvati sal-iskadenza stabbilita għal dik l-inizjattiva fil-GAWP. Il-GAWP jistabbilixxi l-aġenda leġiżlattiva tal-gvern (jiġifieri, interventi leġiżlattivi proposti għas-sena fil-gvern). L-objettiv ta' din il-mira huwa doppju: (i) li jappoġġa ppjanar leġiżlattiv

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni		iskadenza stabbilita							koerenti u fattibbli, u (ii) li jżid il-kapaċità ta' implimentazzjoni tal-gvern, sabiex il-prijoritajiet leġiżlattivi jiġu segwiti u approvati kif ippjanat oriġinarjament. Il-valutazzjoni ta' din il-mira għandha ssir fir-rigward tal-linja bażi ta' 35 % (jiġifieri l-approvazzjoni tal-livell tal-2020 tal-inizjattivi sal-iskadenza stabbilita).
410	Riforma 1. It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bit-tisħiħ tal-kapaċità għall-koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta' koordinazzjoni, kif ukoll bit-tisħiħ tal-	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' linji gwida għall-użu u l-infurzar xierqa tar-Reġistru Uniku ta' Trasparenza tal-Interessi (RUTI)	Dispożizzjoni fil-linji gwida li tindika d-dħul fis-seħħ tal-linji gwida għall-użu u l-infurzar tar-RUTI				Q3	2022	Il-linji gwida u l-proċeduri assoċjati għandhom jimplimentaw b'mod xieraq ir-reġistru pubbliku maħluq mill-Gvern fl-2016 li jelenka l-laqgħat ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet (tal-gvern) ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, u jservi wkoll bħala reġistru volontarju għall-gruppi ta' interess.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	għodod biex tiżdied il-kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni									
411	Riforma 1. It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bit-tisħiħ tal-kapaċità għall-koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta' koordinazzjoni, kif ukoll bit-tisħiħ tal-għodod biex tiżdied il-kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Metodoloġija għall-użu ta' Digrieti ta' Emerġenza	Dispożizzjoni fid-Deċiżjoni tal-Gvern li tindika d-dħul fis-seħħ tal-metodoloġija għall-użu ta' Digrieti ta' Emerġenza				Q3	2022	Id-Deċiżjoni tal-Gvern dwar il-Metodoloġija għall-użu ta' Digrieti ta' Emerġenza (Eos - Emergency Ordinances) għandha tispeċifika ċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jintużaw dawn id-digrieti u kif l-impatt tagħhom għandu jiġi vvalutat (*ex post*, *ex ante*) kif ukoll il-proċeduri assoċjati għat-tħejjija u l-approvazzjoni tagħhom u r-rwol tas-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern u tal-Ministeru għall-Ġustizzja biex jiżguraw li jinżamm kontroll u jsir kontroll tal-kwalità ġenerali.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
412	Riforma 1. It-titjib tal-prevedibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bit-tisħiħ tal-kapaċità għall-koordinazzjoni tal-politika u l-analiżi tal-impatt fil-livell tal-gvern u l-ministeri ta' koordinazzjoni, kif ukoll bit-tisħiħ tal-għodod biex tiżdied il-kwalità tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi biex tiġi żgurata l-pubblikazzjoni tat-test sħiħ tal-liġijiet wara l-emendi	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi għall-pubblikazzjoni tat-test sħiħ tal-liġijiet wara l-emendi				Q3	2022	L-emendi għal-Liġi 24/2000 dwar it-teknika leġiżlattiva għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni tat-test sħiħ tal-liġi wara li jkunu saru emendi għaliha, li bħalissa mhux qed isiru b'mod sistematiku.
413	Riforma 2. It-tisħiħ tal-koordinazzjoni fiċ-ċentru tal-gvern permezz ta' approċċ integrat u koerenti għat-tibdil fil-klima u inizjattivi ta' żvilupp sostenibbli	Stadju importanti	L-operazzjonalizzazzjoni ta' Kumitat Interistituzzjonali dwar il-Klima	Tħaddim tal-Kumitat Interistituzzjonali dwar il-Klima				Q2	2022	Il-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima għandu jiffoka, skont il-mandat propost tiegħu, fuq (i) l-istabbiliment ta' politiki annwali ta' prijorità fil-qasam tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-iskeda

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										ta' żmien tar-Rumanija permezz tal-Pjan Integrat Nazzjonali fl-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima (PNIESC), (ii) il-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri fl-attivitajiet tal-PNIESC, (iii) l-approvazzjoni tal-indikaturi għall-kejl tal-impenji klimatiċi tar-Rumanija. Il-prijoritajiet għall-Kumitat għandhom jiġu stabbiliti u deċiżi fil-laqgħat tiegħu, u dawn jistgħu jkunu ta' natura leġiżlattiva, finanzjarja jew fiskali, relatati mal-iżvilupp ta' politiki pubbliċi għal investimenti ekoloġiċi, jew jistabbilixxu l-qafas metodoloġiku jew amministrattiv. Il-prijoritajiet għandhom jiġu approvati formalment kull sena mill-Gvern u għandu jiġi adottat

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										Pjan ta' Azzjoni dwar il-passi biex tinkiseb kull prijorità proposta, skadenzi ċari għat-twettiq ta' kull pass u l-istituzzjonijiet responsabbli.
414	Riforma 2. It-tisħiħ tal-koordinazzjoni fiċ-ċentru tal-gvern permezz ta' approċċ integrat u koerenti għat-tibdil fil-klima u inizjattivi ta' żvilupp sostenibbli	Mira	Il-kisba ta' 90 % tal-prijoritajiet stabbiliti mill-Kumitat Interistituzzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima għall-2025		Perċentwal (%)	0	90	Q1	2026	90 % tal-prijoritajiet stabbiliti mill-Kumitat Interistituzzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima għall-2025 għandhom jintlaħqu. Il-prijoritajiet għandhom jiġu approvati fil-Kumitat Interistituzzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima (CISC) f'Diċembru 2024.
415	Riforma 2. It-tisħiħ tal-koordinazzjoni fiċ-ċentru tal-gvern permezz ta' approċċ integrat u koerenti għat-tibdil fil-klima u inizjattivi ta' żvilupp sostenibbli	Mira	Uffiċjali pubbliċi kwalifikati bħala "esperti fl-iżvilupp sostenibbli" fl-istituzzjonijiet pubbliċi fil-livell ċentrali		Numru	0	2 000	Q3	2025	Il-mira għandha tintlaħaq permezz tal-passi li ġejjin: (1) Għandu jiġi prodott rapport li jivvaluta l-ħtiġijiet u l-livell ta' ħiliet fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli fost l-amministraturi pubbliċi fil-livell ċentrali u lokali; (2) L-emendi leġiżlattivi li jissupplimentaw l-Anness 5 tal-Kodiċi Amministrattiv bil-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			u lokali							funzjoni ta' "espert fl-iżvilupp sostenibbli" għandhom jiġu adottati u jidħlu fis-seħħ; (3) Għandu jiġi żviluppat programm ta' taħriġ u pprovdut minn istituzzjonijiet pubbliċi, privati u akkademiċi.
416	Riforma 3. L-iżvilupp ta' mmaniġġjar tal-prestazzjonijiet tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku	Stadju importanti	Analiżi *ex post* tal-kompetizzjoni nazzjonali (pilota) għall-għażla ta' żewġ kategoriji ta' servizz taċ-ċivil fl-amministrazzjoni ċentrali	Rapport ta' analiżi *ex post* ippubblikat				Q2	2023	Il-kompetizzjoni nazzjonali (pilota) għall-għażla ta' żewġ kategoriji ta' servizz taċ-ċivil fl-amministrazzjoni ċentrali għandha tiġi organizzata u kkompletata skont il-proċeduri approvati mill-Gvern. Wara li jkun twettaq il-proġett pilota, għandha titwettaq analiżi *ex post* dwar ir-riżultati u l-impatt miksub li għandu jservi biex tiġi aġġustata l-kompetizzjoni ta' reklutaġġ nazzjonali usa'.
417	Riforma 3. L-iżvilupp ta' mmaniġġjar tal-prestazzjonijiet tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku	Stadju importanti	Tlestija ta' mill-inqas żewġ kompetizzjonijiet	Tlestija ta' żewġ kompetizzjonijiet nazzjonali ta'				Q4	2023	Għandu jitwettaq dan li ġej: (1) L-approvazzjoni mill-Gvern tal-proċedura għall-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-kompetizzjoni nazzjonali

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			nazzjonali ta' reklutaġġ ta' impjegati taċ-ċivil kull sena għal minimu ta' tliet (3) kategoriji/gradi tas-servizz taċ-ċivil	reklutaġġ ta' impjegati taċ-ċivil						estiża għall-kategoriji l-oħra tas-servizz taċ-ċivil ġenerali fl-amministrazzjoni pubblika (minbarra dawk soġġetti għall-proġett pilota) skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ. (2) Analiżijiet imwettqa abbażi tal-ġbir tad-*data*, studji, stħarriġiet, pjanijiet ta' reklutaġġ biex jiġi stabbilit kif għandha titħaddem il-kompetizzjoni nazzjonali mwettqa qabel ma jitħejja l-abbozz tal-att leġiżlattiv. (3) L-organizzazzjoni u t-tlestija ta' żewġ ċikli tal-kompetizzjoni nazzjonali.
418	Riforma 3. L-iżvilupp ta' mmaniġġjar tal-prestazzjonijiet tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' żewġ atti leġiżlattivi dwar l-immaniġġjar tar-riżorsi umani	Dispożizzjoni fil-liġijiet li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġijiet tal-atti leġiżlattivi dwar l-immaniġġjar tar-riżorsi				Q4	2024	L-atti leġiżlattivi li ġejjin għandhom jiġu adottati u jidħlu fis-seħħ: (1) l-introduzzjoni ta' bidliet fl-immaniġġjar tal-karriera tal-impjegati taċ-ċivil abbażi tal-meritokrazija, u b'mod partikolari l-iżvilupp ta' politika ta' mobbiltà

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
				umani						orizzontali/rotazzjonali u l-istrutturar tal-karrieri għal impjegati taċ-ċivil li jservu b'mod aktar immirat. (2) ġestjoni ta' persunal kuntrattwali fl-amministrazzjoni pubblika.
419	Riforma 3. L-iżvilupp ta' mmaniġġjar tal-prestazzjonijiet tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku	Stadju importanti	Oqfsa ta' kompetenza operazzjonali fl-amministrazzjoni pubblika ċentrali	Qafas ta' kompetenza operattiv				Q4	2025	L-istadju importanti jinkludi d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu. L-abbozz ta' att leġiżlattiv dwar l-oqfsa ta' kompetenza ġenerali għall-impjegati taċ-ċivil għandu jintuża fl-implimentazzjoni tal-proġett pilota. Il-proposta leġiżlattiva għandha timmira lejn l-implimentazzjoni f'fażijiet tal-oqfsa ta' kompetenza fl-istituzzjonijiet pubbliċi u għandha tkun ibbażata fuq il-mudell/id-disinn żviluppat mill-proġett SIPOCA 136. Ir-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										rapport dwar l-azzjonijiet ta' reklutaġġ u għażla fis-servizz taċ-ċivil għandu jikkonferma l-użu ta' proċeduri ġodda. Wara t-tlestija tal-proġett pilota, sabiex jiġi aġġustat u kkalibrat mill-ġdid l-att normattiv, wara l-analiżi *ex post*, għandu jintuża l-appoġġ tekniku mitlub mill-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. L-implimentazzjoni għandha tinkiseb permezz tal-passi li ġejjin: (1) Kjarifika ta' rwoli speċifiċi għall-impjieg u tħejjija għall-introduzzjoni tal-qafas ta' kompetenza. (2) Simplifikazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-impjiegi u l-korrelazzjoni tal-infrastruttura tal-ICT mal-proċessi tal-immaniġġjar tar-riżorsi umani. (3) Evalwazzjoni tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										prestazzjoni professjonali abbażi tal-kompetenzi. L-implimentazzjoni tal-qafas għandha tkun soġġetta għal aġġornament regolari.
420	Riforma 4. L-iżvilupp ta' sistema ta' paga ġusta u unitarja fis-settur pubbliku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali l-ġdid dwar ir-remunerazzjoni tal-impjegati taċ-ċivil (il-Liġi dwar il-Paga Unitarja)	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar ir-remunerazzjoni tal-impjegati taċ-ċivil				Q2	2023	Il-liġi l-ġdida dwar ir-remunerazzjoni tal-impjegati taċ-ċivil (il-Liġi dwar il-Paga Unitarja) għandha tistabbilixxi metodoloġija ta' kalkolu b'mod unifikat biex iżżid l-ekwità fil-pagi fis-settur baġitarju (applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali), trattament mhux diskriminatorju fid-determinazzjoni tal-bonusijiet u r-rabta tal-prestazzjoni mas-salarju mħallas. Il-metodoloġija proposta għall-kalkolu mill-ġdid tas-salarji għandha tkun fiskalment sostenibbli u tkun ibbażata fuq: - reviżjoni tal-koeffiċjenti ta' klassifikazzjoni għal kull

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										familja tal-funzjoni tal-bagit okkupazzjonali; - l-introduzzjoni mill-ġdid ta' skali tal-paga għall-gvern lokali, li jikkorrispondu għal funzjonijiet pubbliċi u kuntrattwali; - reviżjoni tas-sistema ta' bonusijiet u limitu massimu tal-ammont ta' bonusijiet għal 20 % tas-salarju bażiku. Il-qafas legali l-ġdid għandu jiġi implimentat fl-istess ħin għall-kategoriji okkupazzjonali kollha, sabiex jiġi evitat li jitfaċċaw żbilanċi ġodda fis-sistema tal-pagi pubbliċi.
421	Riforma 5. L-iżgurar tal-indipendenza tal-ġudikatura, it-tisħiħ tal-kwalità u l-effiċjenza tagħha	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tapprova l-istrateġija għall-iżvilupp tal-ġudikatura 2022-2025	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi li tapprova l-istrateġija għall-iżvilupp tal-ġudikatura				Q1	2022	Il-Ministeru għall-Ġustizzja għandu jħejji l-istrateġija l-ġdida fuq il-bażi ta' analiżi interna u proposti li jirċievi matul il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika, li warajh l-istrateġija għandha tiġi approvata u tidħol fis-seħħ. L-istrateġija għandha tinkludi

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										żewġ pilastri: (1) l-ewwel pilastru jikkonċerna politiki li jsaħħu l-indipendenza tal-ġudikatura u jsaħħu l-istat tad-dritt. Ir-riżultati tal-politiki li jikkonċernaw it-tisħiħ tal-istat tad-dritt għandhom jiġu vvalutati b'mod oġġettiv permezz ta' indikaturi ta' kisba dedikati, li għandhom jiġu żviluppati fil-qafas tal-istrateġija. Il-miżuri u l-indikaturi għandhom jitħejjew b'kunsiderazzjoni tas-sejbiet tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt. (2) it-tieni pilastru għandu jinkludi politiki biex tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali rigward ir-riżorsi, il-proċessi u l-ġestjoni, u għandu jinkludi politiki dwar il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi fil-ġudikatura, bħal: (a) l-użu effiċjenti tar-riżorsi umani (eż.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										l-ammont ta' xogħol); (b) il-politika ta' ottimizzazzjoni tal-infrastruttura tal-qorti, inkluża l-infrastruttura fiżika; (c) trasformazzjoni diġitali – permezz tal-miżuri li ġejjin: - l-interazzjoni diġitali tal-litigant u kwalunkwe entità interessata mal-ġudikatura, - firma elettronika u siġill elettroniku. - disponibbiltà ta' komunikazzjoni tad-*data* mtejba għall-fajl elettroniku (li hija għażla għal-litiganti biex jaċċessaw elettronikament il-fajls ġudizzjarji). - elaborazzjoni ta' strateġija settorjali transġudizzjarja għad-diġitalizzazzjoni tal-arkivju fiżiku. Il-progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġija għandu jiġi mmonitorjat u vvalutat bl-użu ta' sett ta' indikaturi żviluppati

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										abbażi ta' riżorsi oġġettivi bħat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-KE.
422	Riforma 5. L-iżgurar tal-indipendenza tal-ġudikatura, it-tisħiħ tal-kwalità u l-effiċjenza tagħha	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi li temenda s-setgħat tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Assi Maqbuda	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi għall-emendar tas-setgħat tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Assi Maqbuda				Q2	2022	L-att leġiżlattiv għandu jittrasponi d-Direttiva (UE) 2019/1153 kif ukoll jintroduċi diversi bidliet relatati mal-estensjoni tal-mandat istituzzjonali, li jindirizzaw kwistjonijiet bħal: l-amministrazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-proprjetà maqbuda u l-kollaborazzjoni ma' korpi rilevanti oħra fil-proċess tal-irkupru tad-danni.
423	Riforma 5. L-iżgurar tal-indipendenza tal-ġudikatura, it-tisħiħ tal-kwalità u l-effiċjenza tagħha	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-"Liġijiet dwar il-ġustizzja" (liġijiet dwar l-istatus ta' maġistrati, l-organizzazzj	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġijiet tal-ġustizzja				Q2	2023	Il-liġijiet il-ġodda dwar il-ġustizzja għandhom jipprevedu dan li ġej: (1) it-tisħiħ tal-indipendenza tal-imħallfin u l-prosekuturi; (2) l-ammissjoni fil-professjoni u l-avvanz fil-karriera għal raġunijiet meritokratiċi,

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			onijiet ġudizzjarji, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura)							flimkien mat-tisħiħ tar-rwol tal-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura fl-organizzazzjoni u t-tmexxija ta' eżamijiet u kompetizzjonijiet; (3) il-funzjonament effiċjenti tal-qrati, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura kif ukoll l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku; (4) ir-responsabbiltà effettiva tal-maġistrati, iżda wkoll il-protezzjoni tagħhom kontra kwalunkwe interferenza u abbuż; (5) li l-ispezzjoni ġudizzjarja ssir aktar effettiva, filwaqt li jiġu żgurati garanziji akbar ta' indipendenza u imparzjalità.
424	Riforma 5. L-iżgurar tal-indipendenza tal-ġudikatura, it-tisħiħ tal-kwalità u l-effiċjenza tagħha	Stadju importanti	Emenda tal-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				Q4	2022	L-emendi meħtieġa tal-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali għandhom jiġu adottati u jidħlu fis-seħħ sabiex id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										Proċedura Kriminali li daħlu fis-seħħ fl-2014 jinġiebu f'konformità mad-dispożizzjonijiet Kostituzzjonali, skont id-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali dwar l-aspetti tal-kostituzzjonalità tal-bidliet reċenti li saru fil-Kodiċi Kriminali u l-proċedura Kriminali.
425	Riforma 5. L-iżgurar tal-indipendenza tal-ġudikatura, it-tisħiħ tal-kwalità u l-effiċjenza tagħha	Mira	Mill-inqas 6 000 impjegat taċ-ċivil fis-settur tal-ġustizzja (imħallfin, prosekuturi u skrivana tal-qorti) ikunu attendew it-taħriġ biex itejbu l-kwalità u l-effiċjenza		Numru	0	6 000	Q4	2025	Għandhom jiġu organizzati sessjonijiet ta' taħriġ għall-maġistrati u l-iskrivani tal-qorti biex titjieb il-kwalità tas-sistema ġudizzjarja u ssir aktar effiċjenti. Għandu jiġi organizzat it-taħriġ li ġej: (1) l-unifikazzjoni tal-ġuristi lingwisti fir-rigward tal-kodiċijiet il-ġodda (il-Kodiċi Ċivili, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali),

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			tas-sistema tal-ġustizzja							(2) l-akkwist pubbliku, il-liġi amministrattiva, il-proċedura tat-taxxa, (3) il-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji ċivili u kriminali, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar id-drittijiet fundamentali, (4) l-immaniġġjar tax-xogħol tal-iskrivana tal-qorti, (5) il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, (6) l-eżekuzzjoni ta' sentenzi kriminali. It-300 sessjoni ta' taħriġ għandu jkollhom fil-mira madwar 6 000 imħallef, prosekutur u skrivan tal-qorti.
426	Riforma 6. L-intensifikar tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li japprova Strateġija Nazzjonali	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi li tapprova l-				Q4	2021	L-objettivi ġenerali tal-istrateġija l-ġdida kontra l-korruzzjoni għandhom ikunu: (1) It-tnaqqis tal-impatt tal-korruzzjoni fuq iċ-ċittadini; (2) It-tisħiħ tal-ġestjoni tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			ġdida Kontra l-Korruzzjoni	Istrateġija Kontra l-Korruzzjoni						integrità u l-kapaċità amministrattiva għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; (3) It-tisħiħ tal-integrità f'oqsma ta' prijorità; (4) Ittejjeb il-prestazzjoni tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni b'mezzi kriminali u amministrattivi; (5) Iżżid l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-korruzzjoni. L-objettivi speċifiċi tal-istrateġija l-ġdida kontra l-korruzzjoni għandhom ikunu: (1) it-taħriġ tal-prattikanti involuti fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali; (2) l-allokazzjoni tar-riżorsi meħtieġa għall-funzjonament ottimali tal-NAD (id-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni), l-istruttura ta' appoġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, is-Servizz Tekniku u t-tisħiħ

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										tal-uffiċjali tal-pulizija ġudizzjarja; (3) il-promozzjoni tal-unifikazzjoni tal-prattika ġudizzjarja fil-korruzzjoni. F'dan ir-rigward, l-NAD għandu jwettaq analiżi tal-prattika ġudizzjarja li tikkonċerna każijiet ta' korruzzjoni. L-istrateġija l-ġdida għandha tistabbilixxi oqsma ta' prijorità ġodda: il-korruzzjoni ambjentali, ir-rabta bejn il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u l-integrità fil-protezzjoni tal-assi kulturali. Għandha tirrevedi wkoll il-leġiżlazzjoni dwar l-integrità u għalhekk għandu jsir titjib possibbli fir-rigward tal-leġiżlazzjoni speċifika dwar: - kunflitti ta' interess, inkompatibilitajiet; - dikjarazzjoni tal-assi; - revolving door (pantouflage);

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										- il-konsulent tal-etika; - l-istandard ġenerali għall-pubblikazzjoni *ex officio* ta' informazzjoni ta' interess pubbliku fil-livell tal-awtoritajiet pubbliċi ċentrali u lokali (sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni).
427	Riforma 6. L-intensifikar tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Mira	Żieda fil-valur tal-assi maqbuda ġestiti mill-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Assi Maqbuda		Perċentwal (%)	0	50	Q4	2025	Iż-żieda fil-valur tal-assi maqbuda ġestiti mill-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Assi Maqbuda għandha tinkiseb wara l-emendi leġiżlattivi rigward il-konsolidazzjoni tal-mandat legali tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Assi Maqbuda (ANABI) (l-istadju importanti 422) u l-bini tal-imħażen (il-mira 446) għall-ħażna ta' proprjetà maqbuda. Il-linja bażi għal din il-mira għandha tkun il-valur tal-assi maqbuda, ġestiti mill-Aġenzija, f'Ġunju 2021 (madwar EUR 45 miljun).

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
428	Riforma 6. L-intensifikar tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Mira	Tlestija ta' mill-inqas 70 % tal-miżuri previsti fl-istrateġija l-ġdida kontra l-korruzzjoni		Perċentwal (%)	0	70	Q4	2025	L-istrateġija tipprevedi l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ komprensiv simili għal dak użat b'suċċess fiċ-ċiklu 2016-2020. Dan jinvolvi rappurtar regolari, missjonijiet ta' valutazzjoni tal-konformità fl-istituzzjonijiet pubbliċi, rapporti ta' evalwazzjoni annwali, ivvalidati u minn esperti pubbliċi u privati. Il-mekkaniżmu ta' valutazzjoni tal-konformità tal-istrateġija jinkludi: - il-missjonijiet ta' rieżami bejn il-pari mwettqa f'istituzzjonijiet pubbliċi minn timijiet ta' esperti minn awtoritajiet indipendenti, istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni, l-amministrazzjoni pubblika, l-isfera tan-negozju u s-soċjetà ċivili (din l-għodda qed tirreplika parzjalment l-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										esperjenza internazzjonali, eż. il-GRECO). - il-prestazzjoni ta' awditi esterni intermedji u finali rigward l-implimentazzjoni tal-istrateġija. L-evalwazzjonijiet esterni janalizzaw l-objettivi tal-istrateġija, l-impatt tagħha, l-effiċjenza u l-effettività tal-miżuri ta' implimentazzjoni u s-sostenibbiltà tar-riżultati tagħha.
429	Riforma 6. L-intensifikar tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Mira	Il-ksib ta' rata ta' okkupazzjoni ta' 85 % tal-karigi ta' prosekutur tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni		Perċentwal (%)	0	85	Q2	2023	Il-ksib ta' rata ta' okkupazzjoni ta' 85 % tal-karigi ta' prosekutur tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni
430	Riforma 6. L-intensifikar tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-protezzjoni	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-informaturi. Il-liġi għandha tittrasponi d-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			tal-informaturi	fis-seħħ tal-liġi						Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur tal-liġi tal-Unjoni, u għandha tinkludi dispożizzjonijiet addizzjonali, speċifiċi għall-kuntest nazzjonali, sabiex jiġu indirizzati b'mod effiċjenti kwistjonijiet ta' politika ta' integrità.
431	Riforma 7. Evalwazzjoni u aġġornament tal-leġiżlazzjoni dwar il-qafas tal-integrità	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġijiet konsolidati dwar l-integrità	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar l-integrità				Q4	2024	Liġijiet konsolidati dwar l-integrità għandhom jidħlu fis-seħħ. L-aġġornament tal-leġiżlazzjoni dwar l-integrità għandu jitwettaq abbażi ta' evalwazzjoni u analiżi minn qabel tal-liġijiet tal-integrità, flimkien ma' raggruppament inizjali tal-atti normattivi. Fit-tieni fażi tal-proġett, il-liġijiet eżistenti għandhom jew ikunu unifikati u aġġornati, jew għandhom jiġu proposti atti normattivi ġodda.
432	Riforma 7.	Stadju	Verżjoni	Dispożizzjoni				Q4	2024	Ir-rieżami tal-kodiċijiet tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	Evalwazzjoni u aġġornament tal-leġiżlazzjoni dwar il-qafas tal-integrità	importanti	riveduta approvata tal-kodiċi ta' etika u kondotta għall-Gvern, flimkien ma' dawk eżistenti għas-servizz tać-ċivil u l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' infurzar	fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-verżjoni riveduta tal-kodiċijiet ta' etika u kondotta għall-Gvern						etika għandu: - jiċċara l-implikazzjonijiet għall-membri tal-Gvern tad-dispożizzjonijiet attwali dwar il-kunflitti ta' interess indipendentement minn jekk kunflitt bħal dan jistax jiġi żvelat ukoll minn dikjarazzjonijiet tal-assi u l-interessi - jestendi d-definizzjoni lil hinn mill-interessi finanzjarji personali - jintroduċi rekwiżit ta' divulgazzjoni *ad hoc* meta jista' jinħoloq kunflitt bejn interessi privati speċifiċi ta' membru tal-Gvern individwali fir-rigward ta' kwistjoni li tkun qed tiġi kkunsidrata fi proċedimenti Governattivi jew f'xogħol ieħor relatat mal-mandat tagħhom; - jistabbilixxi sett robust ta' restrizzjonijiet dwar rigali, ospitalità, favuri u benefiċċji

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										oħra għall-membri, u jiżgura li s-sistema futura tkun mifhuma u infurzabbli kif suppost. - jintroduċi regoli dwar kif il-membri tal-Gvern jinvolvu ruħhom mal-lobbisti u ma' partijiet terzi oħra li jkollhom l-iskop li jinfluwenzaw il-proċess leġiżlattiv
433	Riforma 8. Ir-riforma tas-sistema nazzjonali tal-akkwist pubbliku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emenda tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ir-rimedji (Liġi Nru 101/2016)	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar ir-rimedji				Q1	2022	L-emenda leġiżlattiva għal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ir-rimedji (il-Liġi Nru 101/2016) għandha tintroduċi l-obbligu li l-kuntratt jiġi ffirmat mal-offerent rebbieħ immedjatament wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill Nazzjonali għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (CNSC), qabel riżoluzzjoni tal-qorti f'każ ta' lment kontra Deċiżjoni tal-Kunsill.
434	Riforma 8. Ir-riforma tas-sistema nazzjonali tal-akkwist pubbliku.	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Istrateġija tal-Akkwist	Dispożizzjoni fid-deċiżjoni tal-Gvern li				Q2	2023	L-objettivi tal-Istrateġija futura għandhom ikunu konformi mal-prijoritajiet strateġiċi

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			Pubbliku inklużi miżuri orizzontali ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza	tindika d-dħul fis-seħħ tal-Istrateġija tal-Akkwist Pubbliku						deskritti fl-istrateġija tal-akkwist pubbliku tal-Kummissjoni Ewropea. Konsegwentement, il-miżuri li għandhom jiġu inklużi fil-pjan ta' azzjoni tal-Istrateġija futura għandhom jiffukaw fuq is-sitt prijoritajiet ta' politika strateġiċi tal-Istrateġija tal-Kummissjoni, bl-għan li jtejbu l-prattiki tal-akkwist pubbliku b'mod kollaborattiv billi jaħdmu mal-awtoritajiet pubbliċi l-oħra u ma' partijiet ikkonċernati oħra. L-istrateġija u l-miżuri eżatti tagħha, flimkien mal-iskeda ta' implimentazzjoni assoċjata u l-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet għandhom jiġu miftiehma mill-Kumitat Interministerjali dwar l-Akkwist Pubbliku.
435	Riforma 8. Ir-riforma tas-sistema nazzjonali tal-akkwist pubbliku	Mira	Korpi ċentralizzati tal-akkwist li		Għadd ta' korpi ċentraliz	3 [2021]	7	Q4	2025	Erba' (4) CPBs lokali addizzjonali għandhom jiġu kkonfigurati u pprovduti bi

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			jkunu operazzjonali (CPBs) għall-awtoritajiet lokali		zati tal-akkwisti li jkunu operazzjonali					strumenti operazzjonali u b'għarfien espert. Il-kategoriji eżatti ta' oġġetti/servizzi/xogħlijiet li għandhom ikunu soġġetti għal akkwist ċentralizzat għandhom jiġu stabbiliti wara l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-benefiċjarji ta' kull CPB, iżda jistgħu jinkludu dan li ġej: (i) provvisti għall-uffiċċju, (ii) karburant, (iii) tagħmir tal-IT, (iv) servizzi ta' komunikazzjoni (v) servizzi ta' ġestjoni tal-faċilitajiet (vi) servizzi ta' mobilità.
436	Riforma 8. Ir-riforma tas-sistema nazzjonali tal-akkwist pubbliku	Mira	Taħriġ speċjalizzat fil-qasam tal-akkwist pubbliku pprovdut		Numru	0	350	Q4	2023	Għandu jiġi pprovdut taħriġ speċjalizzat fil-qasam tal-akkwist pubbliku lil mill-inqas 350 persuna (kemm impjegati taċ-ċivil kif ukoll persunal kuntrattwali) speċjalment għall-impjegati ta' intrapriżi tal-istat.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										It-taħriġ speċjalizzat għandu jikkontribwixxi biex tiżdied il-kapaċità amministrattiva tax-"xerrejja l-kbar" u awtoritajiet kontraenti oħra li jimplimentaw proġetti ta' investiment iffinanzjati permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u b'hekk l-enfasi mpoġġija fuq l-SOEs.
437	Riforma 8. Ir-riforma tas-sistema nazzjonali tal-akkwist pubbliku	Stadju importanti	Is-sistema tas-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (SEAP) hija interkonnessa u interoperabbli ma' bażijiet tad-*data* oħrajn	Sistema SEAP interkonnessa u interoperabbli				Q4	2023	Is-sistema tas-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (SEAP) għandha tkun interkonnessa u ssir interoperabbli ma' bażijiet tad-*data* oħrajn: L-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tan-Negozju, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku, il-Bord Nazzjonali għall-Ilmenti, il-Ministeru għall-Intern, il-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										Ministeru għall-Ġustizzja, bl-użu tal-informazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-kontrolli u l-proċeduri tal-akkwist għall-benefiċċju tal-parteċipanti fil-proċedura.
438	Riforma 8. Ir-riforma tas-sistema nazzjonali tal-akkwist pubbliku	Stadju importanti	Sistema operattiva tal-akkwist elettroniku	Sistema tal-akkwist elettroniku operattiva				Q1	2025	Dawn li ġejjin għandhom jitlestew u jitħaddmu taħt is-SEAP (sistema tal-akkwist elettroniku): (1) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' formoli ġodda (formoli elettroniċi) previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1780 tat-23 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1986; (2) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' formoli elettroniċi fl-evalwazzjoni tal-offerti fi proċeduri ta' akkwist

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										pubbliku; (3) l-espansjoni tal-funzjonalitajiet tas-sistema dinamika tal-akkwist pubbliku (SAD), li saret operattiva f'Marzu 2021, b'faċilitajiet li jippermettu valutazzjoni awtomatizzata tal-kwalifiki, inklużjoni tal-katalogu elettroniku; (4) kuntratti elettroniċi, fatturazzjoni elettronika, pagament elettroniku u għodod għall-ġestjoni tal-kuntratti (addenda, rapporti ta' aċċettazzjoni, pagamenti).
439	Riforma 9. It-titjib tal-qafas proċedurali għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' governanza korporattiva fl-intrapriżi tal-istat	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni aġġornata għall-intrapriżi tal-istat	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar l-intrapriżi tal-istat				Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi 11/2016 emendata, li tneħħi l-eċċezzjonijiet kollha, inkluż għall-intrapriżi tal-istat fil-livell lokali. Dawn l-emendi għandhom (i) jisseparaw il-funzjonijiet regolatorji u ta' sjieda (ii) ineħħu kwalunkwe vantaġġ dirett jew indirett li jista' jirriżulta mis-sjieda tal-istat, kemm jekk f'termini ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										regoli/regolamenti tas-suq, finanzjament, tassazzjoni, jew akkwist pubbliku (iii) jiżguraw li kull intrapriża tal-istat tara li jkollha profittabilità.
440	Riforma 9. It-titjib tal-qafas proċedurali għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' governanza korporattiva fl-intrapriżi tal-istat	Stadju importanti	L-operazzjonalizzazzjoni tat-task force fiċ-Ċentru tal-Gvern għall-Koordinazzjoni u l-Monitoraġġ tal-Politika tal-Governanza Korporattiva	Dispożizzjoni fid-Deċiżjoni tal-Prim Ministru li tindika d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Prim Ministru dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tat-Task Force fis-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern				Q4	2022	Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' bord ta' esperti indipendenti, tiġi stabbilita taskforce permanenti f'konformità mal-istandards ta' governanza korporattiva tal-OECD, u ssir operattiva (jiġifieri b'riżorsi u mandat legali) biex tiżgura l-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-istandards ta' governanza korporattiva, ikollha r-responsabbiltà aħħarija li tiżgura proċedura tal-għażla trasparenti u kompetittiva għall-approvazzjoni tal-ħatra tal-membri tal-bord tal-amministrazzjoni, timmonitorja, tevalwa, tikkontrolla, u tippubblika

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										rappurtar regolari tal-indikaturi tal-prestazzjoni u tinforza sanzjonijiet għal intrapriżi tal-istat li ma jkunux konformi ma' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.
441	Riforma. 9. It-titjib tal-qafas proċedurali għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' governanza korporattiva fl-intrapriżi tal-istat	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tat-Tabella Operattiva ta' Monitoraġġ b'miri finanzjarji u mhux finanzjarji u indikaturi tal-prestazzjoni għall-kategoriji kollha ta' kumpaniji pubbliċi (inklużi setturi ewlenin bħat-trasport, l-	Tabella operattiva ta' monitoraġġ ippubblikata b'*data* rilevanti dwar id-dinamika tal-indikaturi tal-prestazzjoni				Q2	2023	It-Tabella Operattiva ta' Monitoraġġ għandha tiġi żviluppata, ippubblikata kull sena u tintuża ċentralment għar-rappurtar u l-monitoraġġ tal-progress fil-kisba tal-indikaturi tal-prestazzjoni (finanzjarji u mhux finanzjarji) għall-kategoriji kollha tal-SOEs. Il-prijorità għandha tingħata lill-kumpaniji kollha f'setturi ewlenin bħat-trasport, l-enerġija, l-utilitajiet pubbliċi. Għal dan, għandhom jittieħdu l-passi li ġejjin: - Issir evalwazzjoni tal-intrapriżi kollha tal-istat b'rakkomandazzjonijiet għall-bejgħ jew l-elenkar tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			enerġija, l-utilitajiet pubbliċi)							assi tal-intrapriżi tal-istat; - Jiġu identifikati objettivi finanzjarji u mhux finanzjarji u tabella ta' valutazzjoni għall-monitoraġġ tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni finanzjarji u mhux finanzjarji għall-kategoriji kollha tal-SOEs inklużi dawk f'setturi bħat-trasport tal-enerġija, l-utilitajiet pubbliċi, operabbli mit-Task Force; - It-Task Force tapprova l-objettivi finanzjarji u mhux finanzjarji kollha u l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni għall-SOEs kollha, inklużi dawk fis-setturi tal-enerġija u tat-trasport
442	Riforma 9. It-titjib tal-qafas proċedurali għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta'	Mira	Tnaqqis ta' ħatriet *interim*/temporanji fuq il-bordijiet		Perċentwal (%)	0	50	Q4	2023	It-tnaqqis ta' ħatriet temporanji fil-maniġment ta' intrapriżi tal-istat fil-livell ċentrali għandu jiġi kkalkulat b'referenza għal-livell bażi li għandu jiġi

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	governanza korporattiva fl-intrapriżi tal-istat		maniġerjali b'50 % għall-intrapriżi tal-istat fil-livell ċentrali							ddeterminat fl-analiżi mwettqa fl-2022.
443	Riforma 9. It-titjib tal-qafas proċedurali għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' governanza korporattiva fl-intrapriżi tal-istat	Mira	Intrapriżi tal-istat ċentrali kkwotati/mikrija/ristrutturati fil-qasam tal-enerġija u t-trasport		Numru	0	3	Q2	2026	Mill-inqas tliet (3) intrapriżi tal-istat ċentrali kkwotati/mikrija/ristrutturati fil-qasam tal-enerġija u t-trasport, minbarra l-kwotazzjoni ta' mill-inqas 15 % tal-ishma ta' Hidroelectrica li hija indirizzata fil-Mira 122 fit-taqsima tal-Komponent tal-Enerġija ta' dan id-dokument.
444	Riforma 9. It-titjib tal-qafas proċedurali għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' governanza korporattiva fl-intrapriżi tal-istat	Mira	Tnaqqis ta' 10 % fil-ħatriet *interim*/temporanji fuq il-bordijiet maniġerjali għall-intrapriżi tal-		Perċentwal (%)	0	10	Q4	2023	It-tnaqqis ta' ħatriet temporanji fil-maniġment ta' intrapriżi tal-istat fil-livell lokali għandu jiġi kkalkulat b'referenza għal-livell bażi (2020) li għandu jiġi ddeterminat fl-analiżi mwettqa fl-2022.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			istat fil-livell lokali							
445	Investiment 1. L-ottimizzazzjoni tal-infrastruttura ġudizzjarja biex jiġi garantit l-aċċess għall-ġustizzja u l-kwalità tas-servizzi	Mira	Sedi tal-qrati mibnija skont standards ekoloġiċi		Numru	0	3	Q2	2026	L-investiment jikkonċerna l-bini ta' tliet (3) binjiet ġodda tal-qorti, li għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. L-aċċess għall-bini għandu jiġi adattat għall-persuni b'diżabilità u dan l-adattament għandu jkun akkumpanjat minn konformità mal-istandards ta' protezzjoni tekniċi u kontra n-nirien, inkluża r-reżiljenza sismika. Għandha tingħata prijorità lill-postijiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji f'partijiet tar-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										Rumanija li huma ekonomikament inqas żviluppati.
446	Investiment 2. L-iżvilupp tal-infrastruttura loġistika (mhux tal-IT) meħtieġa għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-irkupru tar-rikavati u l-ħsara mill-kriminalità, inkluż it-taħriġ f'dawn l-oqsma	Mira	Isiru operazzjonali mħażen għall-ħażna ta' proprjetà maqbuda		Numru	0	3	Q3	2025	It-tlestija tax-xogħlijiet ta' riabilitazzjoni/kostruzzjoni għal tliet (3) imħażen tal-assi maqbuda li għandhom jikkonformaw mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit tal-bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.
447	Investiment 3 Ħolqien ta' strutturi ta' sħubija lokali bejn il-gvernijiet lokali u s-soċjetà ċivili	Mira	Sħubijiet bejn l-awtoritajiet lokali tal-amministrazzjoni pubblika (LPA) u l-NGOs stabbiliti u		Numru	0	50	Q1	2026	50 sħubija ġdida għandhom jiġu konklużi bejn organizzazzjonijiet mhux governattivi u awtoritajiet lokali tal-amministrazzjoni pubblika għall-iżvilupp ta' proġetti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' komunitajiet lokali.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			operattivi							Pjanijiet ta' intervent konkreti li jinvolvu s-sħubijiet għandhom jiġu definiti fil-livell ta' kull komunità, u għandhom jipprijoritizzaw oqsma bħall-indirizzar tad-diskriminazzjoni, l-ibbaġitjar u l-governanza b'mod parteċipattiv, li jiġu moqdija komunitajiet vulnerabbli (bħar-Rom, il-persuni mingħajr dar), l-indirizzar tal-faqar u t-tranżizzjoni ekoloġika. Il-pjanijiet ta' intervent għandhom jinkludu miri assoċjati, riżultati tanġibbli fuq terminu qasir u twil, baġits, u impenn vis-à-vis proċessi ta' konsultazzjoni regolari, trasparenti u inklużivi, li jipprevedu assenjazzjoni ċara tar-rwoli lill-partijiet involuti). Il-pjanijiet ta' intervent għandhom jipprevedu wkoll strumenti ta' ħidma mmirati lejn l-iżvilupp tal-kapaċità

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										interna tal-amministrazzjoni, involuta fis-sħubija, biex taqdi liċ-ċittadini tagħha. Il-prijoritizzazzjoni tal-pjanijiet ta' intervent għandha tkun soġġetta għal konsultazzjoni kollaborattiva u pubblika. L-implimentazzjoni ta' kull pjan ta' intervent għandha tiġi mmonitorjata għal mill-inqas sentejn wara l-konklużjoni ta' kull pjan. Il-kooperazzjoni fost il-partijiet u r-regolarità/l-effiċjenza tal-proċess ta' konsultazzjoni għandhom jiġu ddokumentati matul il-perjodu kollu tal-investiment.
448	Investiment 4. Żieda fil-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex irawmu ċittadinanza attiva, biex jinvolvu ruħhom professjonalment fl-ippjanar u l-	Mira	Jibdew joperaw inizjattivi kollaborattivi u funzjonali tas-settur mhux governattiv		Numru	0	15	Q1	2026	Għandhom jiġu stabbiliti mill-inqas 15-il inizjattiva kollaborattiva u funzjonali tas-settur mhux governattiv (networks, koalizzjonijiet, pjattaformi, gruppi ta' organizzazzjonijiet inklużi gruppi ta' riflessjoni, strutturi analitiċi u ta' riċerka) biex jiġu

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	implimentazzjoni ta' politiki pubbliċi dwar id-drittijiet soċjali indirizzati mill-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u biex iwettqu monitoraġġ tar-riformi relatati									żgurati l-parteċipazzjoni u l-kontribut effettiv tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-proċessi ta' konsultazzjoni pubblika. L-objettiv ta' dawn l-inizjattivi għandu jkun il-monitoraġġ tal-ħolqien, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' mill-inqas 15-il politika pubblika/riforma nazzjonali b'sinifikat għall-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u f'oqsma ta' importanza soċjali (bħas-saħħa, l-edukazzjoni, it-tranżizzjoni ekoloġika). Il-mekkaniżmi ta' kollaborazzjoni għandhom jiġu stabbiliti u jsiru operattivi permezz ta' ftehimiet ta' sħubija, li għandhom jistabbilixxu strateġija ta' azzjoni definita, b'riżultati u skedi ta' żmien konkreti u definiti, iffukati fuq l-iżgurar tal-involviment attiv fil-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										proċessi ta' konsultazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' politika pubblika nazzjonali speċifika. Il-monitoraġġ ta' inizjattivi bħal dawn għandu jsir permezz ta' mill-inqas 15-il rapport ta' monitoraġġ estern li għandhom jitħejjew għal kull inizjattiva fuq bażi regolari. L-appoġġ ipprovdut għandu jkopri l-infiq għall-implimentazzjoni teknika u finanzjarja tal-proġett, il-kostijiet operazzjonali diretti u indiretti assoċjati mal-azzjonijiet previsti fil-proġett (jiġifieri l-organizzazzjoni ta' konsultazzjonijiet, azzjonijiet ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni, ġbir u pproċessar tad-*data*, għarfien espert f'oqsma differenti.)
449	Investiment 4. Żieda fil-kapaċità tal-	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-	Dispożizzjoni fil-liġi li				Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi ġdida dwar id-djalogu soċjali,

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex irawmu ċittadinanza attiva, biex jinvolvu ruħhom professjonalment fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' politiki pubbliċi dwar id-drittijiet soċjali indirizzati mill-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u biex iwettqu monitoraġġ tar-riformi relatati		leġiżlazzjoni dwar id-djalogu soċjali, li tipprevedi djalogu soċjali u negozjar kollettiv sinifikanti u f'waqthom, f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet tal-ILO	tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi għad-djalogu soċjali						innegozjata mas-sħab soċjali. Il-liġi għandha tindirizza n-nuqqasijiet fil-proċess tad-djalogu soċjali kif enfasizzat fir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż rilevanti u tkun konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol maħruġa f'April 2018 u msemmija fil-premessa 25 tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2020. Barra minn hekk, il-Liġi għandha tipprevedi Reviżjoni tad-definizzjoni tas-setturi ekonomiċi bħala bażi għall-ftehim kollettiv fil-livell settorjali.
450	Investiment 5. Monitoraġġ u implimentazzjoni tal-pjan	Stadju importanti	Awditjar u Kontrolli: informazzjoni għall-monitoraġġ tal-	Rapport tal-awditjar li jikkonferma l-funzjonalitajiet ta' sistema				Q4	2021	Għandha tkun stabbilita u operattiva sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza	ta' repożitorju						qabel l-ewwel talba għall-pagament (ħlief għall-finanzjament minn qabel). Is-sistema għandha tinkludi, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin: (a) il-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri; (b) tiġbor, taħżen u tiżgura l-aċċess għad-*data* meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d)(i) sa (iii) tar-Regolament RRF.
451	Investiment 5. Monitoraġġ u implimentazzjoni tal-pjan	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' Digriet Governattiv li jippromulga l-mandat legali tal-Ministeru għall-Investimenti u l-Proġett Ewropew	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tad-Digriet ta' Emerġenza tal-Gvern dwar il-mekkaniżmu finanzjarju, ta' implimentazz				Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ ta' Digriet Governattiv li jippromulga l-qafas istituzzjonali għall-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u l-attivitajiet imwettqa mill-istituzzjonijiet kostitwenti li jinkarigaw lill-MIPE bis-setgħa u l-mandat li jeżerċita l-kompiti kollha ta' monitoraġġ, verifika, kontroll u rkupru, it-tfassil u l-iffirmar ta' applikazzjonijiet għall-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda taż-żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			(MIPE), il-Ministeru għall-Finanzi (MoF) u l-Awtorità tal-Awditjar (AA)	joni, ta' kontroll u ta' awditjar, inkluż mandat ċar lil tliet istituzzjonijiet						pagament ippreżentati lill-Kummissjoni Ewropea, id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u s-sommarju tal-awditjar. L-istess qafas għandu jinkariga wkoll lill-MoF bid-doveri fir-rigward tal-iffirmar tal-ftehim tas-self u l-ftehim ta' finanzjament flimkien mal-MIPE, u wkoll biex jispeċifika l-attivitajiet li l-awtorità tal-awditjar għandha twettaq bħala parti mill-mandat tagħha għall-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza.

O. IL-KOMPONENT 15: L-EDUKAZZJONI

Dan il-komponent tal-Pjan Rumen għall-Irkupru u r-Reżiljenza jikkonsisti f'sitt (6) sottokomponenti li jindirizzaw l-isfidi ewlenin fis-sistema edukattiva. Is-sottokomponenti jirriżultaw mill-proġett "Rumanija Mgħallma", li huwa l-istrateġija kumplessiva għar-riforma tas-sistema edukattiva fir-Rumanija. Is-sottokomponenti huma dawn li ġejjin:

i. L-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal: l-iżvilupp ta' sistema unitarja, inklużiva u ta' kwalità għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, li ttejjeb l-aċċess għat-tfal sa sitt (6) snin u l-parteċipazzjoni tagħhom, abbażi ta' kooperazzjoni interistituzzjonali effettiva u mekkaniżmu ta' koordinazzjoni transsettorjali;

ii. Tluq bikri mill-iskola: ir-riforma tal-edukazzjoni obbligatorja billi tiżdied l-awtonomija tal-iskejjel fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola, permezz ta' programmi ta' inklużjoni soċjali u l-għoti ta' opportunitajiet indaqs;

iii. Edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni doppja: il-ħolqien ta' perkors professjonali sħiħ għall-edukazzjoni teknika għolja;

iv. Diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni: id-diġitalizzazzjoni tal-proċess edukattiv, anki permezz ta' bidliet fil-qafas legali, biex jingħataw lok approċċi integrati u jittejbu l-ħiliet diġitali kemm għall-istudenti kif ukoll għall-għalliema;

v. Infrastruttura: l-aġġornament tal-infrastruttura tal-iskejjel u l-universitajiet f'żoni urbani u rurali, inkluż billi jiġi emendat u ssimplifikat il-qafas regolatorju biex jiġu żgurati standards ta' sikurezza u kwalità li jirrispettaw l-ambjent;

vi. Il-governanza tal-iskejjel: ir-riforma tal-governanza tal-edukazzjoni ta' qabel l-università u l-professjonalizzazzjoni tal-ġestjoni tagħha, b'awtonomija akbar fl-iskejjel, biex jiġu żgurati l-istabbiltà, il-konsistenza u l-kompetenza.

Il-komponent jinkludi sitt (6) riformi u 18-il investiment, kif ukoll riforma kumplessiva għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-proġett "Rumanija Mgħallma".

Il-komponent għandu jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż indirizzata lir-Rumanija dwar it-titjib tal-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni, b'mod partikolari għar-Rom u gruppi żvantaġġati oħra, u dwar it-titjib tal-ħiliet, inklużi dawk diġitali, b'mod partikolari billi tiżdied ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni għolja (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3, 2019). Għandu jindirizza wkoll ir-rakkomandazzjoni dwar it-tisħiħ tal-ħiliet u t-tagħlim diġitali u l-iżgurar ta' aċċess ugwali għall-edukazzjoni (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

O.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1. Elaborazzjoni u adozzjoni tal-pakkett leġiżlattiv għall-implimentazzjoni tal-proġett "Rumanija Mgħallma"

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-pakkett leġiżlattiv għall-implimentazzjoni tal-proġett "Rumanija Mgħallma", li huwa l-istrateġija kumplessiva għar-riforma tas-sistema edukattiva tar-Rumanija. Ir-riformi u l-investimenti sussegwenti kollha huma partijiet integrali ta' din l-istrateġija.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fil-passi li ġejjin li jwasslu għall-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-pakkett leġiżlattiv għall-implimentazzjoni ta' "Rumanija Mgħallma": it-twaqqif ta' grupp ta' ħidma interministerjali kkoordinat mill-Prim Ministru, li għandu jwettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġett; Deċiżjoni tal-Gvern li tapprova l-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni; u t-tħejjija tal-pakkett leġiżlattiv f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati ewlenin.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

i. L-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal:

Riforma 2. Sistema unitarja, inklużiva u ta' kwalità għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal

L-objettiv tar-riforma huwa li jittejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal mit-twelid sal-bidu tal-edukazzjoni primarja, b'enfasi partikolari fuq it-tfal minn gruppi soċjoekonomikament żvantaġġati.

Ir-riforma tinkludi l-adozzjoni ta' Programm Qafas Intersettorjali għall-iżvilupp ta' servizzi unitarji, inklużivi u ta' kwalità għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal, b'responsabbiltajiet ċari għall-ministeri involuti (il-Ministeru għall-Edukazzjoni, il-Ministeru għax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali, il-Ministeru għas-Saħħa u l-Ministeru għall-Iżvilupp, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Amministrazzjoni), kif ukoll pjanijiet ta' implimentazzjoni operazzjonali annwali. Il-programm Qafas Intersettorjali għandu jiġi adottat b'Ordni Ministerjali u jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2022.

Ir-riforma tinkludi wkoll l-adozzjoni ta' qafas leġiżlattiv aġġornat għat-twaqqif, l-organizzazzjoni u l-operat ta' servizzi komplementari ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal.

Din ir-riforma hija mistennija li żżid ir-rata ta' parteċipazzjoni ta' tfal ta' 0-3 snin fis-servizzi tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal għal 19 % sal-31 ta' Diċembru 2025. Barra minn hekk, ir-rata ta' parteċipazzjoni ta' dawk bejn it-tliet (3) snin u s-sitt (6) snin fis-servizzi tal-edukazzjoni hija mistennija li tiżdied għal 91 % sal-31 ta' Diċembru 2025.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Din ir-riforma għandha tkun ikkomplementata minn tliet (3) investimenti relatati:

Investiment 1. Bini, attrezzar u operazzjonalizzazzjoni ta' 110 nursery

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiżdied il-kapaċità tas-sistema għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal billi jiġu pprovduti nurseries biex jitjiebu l-aċċess u l-parteċipazzjoni f'servizzi standard għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. L-investimenti jinvolvu l-bini, l-attrezzar u l-operazzjonalizzazzjoni ta' 110 nursery effiċjenti fl-enerġija fil-livell nazzjonali, li jipprovdu servizz standard għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal għal kull 5 000 sa 10 000 abitant, għal massimu ta' 4 500 tifel u tifla.

Il-110 nursery b'kapaċità ta' bejn 50 u 110 post (li jifilħu jżommu 2, 3 jew 5 gruppi) għandhom jinbnew minn operaturi pubbliċi. B'mod partikolari, huma mistennija jinbnew nursery kbira waħda, żewġ nurseries medji u 107 nursery żgħar. Bini mibni ġdid għandu jikkonforma mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija

Dan l-investiment għandu jinkiseb permezz tal-għoti ta' għotjiet lill-operaturi pubbliċi, b'distribuzzjoni territorjali, għal servizzi ta' nurseries, edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2. It-twaqqif, l-attrezzar u l-operazzjonalizzazzjoni ta' 412-il servizz komplementari għal gruppi żvantaġġati

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jżid il-kapaċità tas-sistema għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-kwalità tagħha, li jtejjeb ir-rati ta' parteċipazzjoni, kemm fil-livell ta' qabel il-primarja kif ukoll f'dak ta' qabel l-iskola, billi jaqdi l-ħtiġijiet ta' madwar 20 000 tifel u tifla minn kuntesti żvantaġġati.

L-investiment għandu jinkludi l-azzjonijiet li ġejjin:

1. L-iżvilupp tal-metodoloġija għall-għoti tal-għotjiet lill-operaturi pubbliċi u privati biex jitwaqqfu u jiġu attrezzati 412-il servizz komplementari;
2. L-allokazzjoni pass wara pass, ta' żewġ lottijiet ta' 200 u 212-il unità/lott rispettivament, lill-operaturi pubbliċi u privati ta' għotjiet biex jitwaqqfu, jiġu attrezzati u joperaw 412-il servizz komplementari;
3. It-tlestija biex jitwaqqfu, jiġu attrezzati u joperaw 412-il servizz komplementari.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

Investiment 3. Żvilupp ta' programm qafas għat-taħriġ kontinwu ta' professjonisti f'servizzi għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa l-professjonalizzazzjoni tal-persunal li jaħdem fis-servizzi għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal skont l-approċċi promossi mill-kurrikulu għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal adottat fl-2019 u, ukoll, għall-professjonalizzazzjoni tal-persunal attiv għall-monitoraġġ tal-kwalità tas-servizzi għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal għal tfal taħt it-tliet (3)snin,

L-investiment għandu jikkonsisti minn:

1. It-tfassil, l-għoti u l-implimentazzjoni ta' kuntratt ta' assistenza teknika għat-tħejjija, l-akkreditazzjoni, it-twettiq u s-segwitu ta' żewġ programmi ta' taħriġ kontinwu, jiġifieri:
   – programm ta' taħriġ għall-ħarrieġa fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal: l-implimentazzjoni ta' kurrikulu speċifiku, b'moduli għall-persunal li jgħallem u li ma jgħallimx, inkluż modulu tal-edukazzjoni diġitali;
   – programm wieħed ta' taħriġ għall-ħarrieġa (minn tliet setturi: soċjali, tal-edukazzjoni u tas-saħħa), biex tiġi mmonitorjata l-kwalità tas-servizzi għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal;
2. L-iżvilupp tal-metodoloġija għall-għoti ta' 42 għotja lill-fornituri tat-taħriġ biex iwettqu l-programmi ta' taħriġ, bl-użu ta' ħarrieġa mħarrġa skont il-kuntratt ta' assistenza teknika;
3. L-allokazzjoni tat-42 għotja għat-taħriġ ta' 19 950 membru tal-persunal (persunal li jgħallem u li ma jgħallimx, 475 għal kull kontea) li jaħdmu f'servizzi standard u komplementari għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal, filwaqt li tingħata prijorità lil dawk fis-servizzi li għadhom kif ġew stabbiliti.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

ii. Tluq bikri mill-iskola:

Riforma 3. Riforma tas-sistema edukattiva obbligatorja għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola

L-objettivi ta' din ir-riforma huma (a) li jiġi implimentat il-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni biex jitnaqqas l-assenteiżmu, jitjiebu l-eżiti tal-evalwazzjonijiet, tinkiseb rata ogħla ta' parteċipazzjoni fl-eżamijiet nazzjonali u perċentwal ogħla ta' studenti li jlestu l-edukazzjoni obbligatorja, billi jintuża approċċ deċentralizzat u tiżdied l-awtonomija tal-iskejjel fl-użu tar-riżorsi; u (b) li twettaq monitoraġġ, permezz tal-għodda tal-IT tal-

Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni, tal-istudenti f'riskju ta' tluq bikri mill-iskola u tappoġġa l-iskejjel fil-ġbir ta' *data* rilevanti, fit-twettiq ta' taħriġ u pjanijiet ta' ħidma individwalizzati.

Dawn l-objettivi għandhom jinkisbu permezz tad-dħul fis-seħħ ta' Deċiżjoni tal-Gvern għall-implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali għat-Tluq Bikri mill-Iskola, sal-31 ta' Diċembru 2021, u permezz tal-użu intensifikat tal-għodda tal-IT tal-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni, fil-livell nazzjonali, permezz ta' ordni ministerjali li għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2022.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Din ir-riforma għandha tkun ikkomplementata minn żewġ investimenti relatati:

Investiment 4. Appoġġ lill-istabbilimenti edukattivi b'riskju għoli ta' tluq bikri mill-iskola

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola permezz tal-użu tal-metodoloġija tal-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni u l-għodda tal-IT biex jiġu allokati riżorsi finanzjarji lill-iskejjel għall-appoġġ tal-istudenti għat-tranżizzjoni minn edukazzjoni sekondarja inferjuri għal edukazzjoni sekondarja superjuri. Il-mira aħħarija hija t-tnaqqis fit-tluq bikri mill-iskola.

L-investiment għandu jitwettaq bil-passi li ġejjin:

1. Allokazzjoni ta' għotjiet ta' tliet (3) snin f'żewġ lottijiet matul l-2022 u l-2023 lil minimu ta' 2 500 skola. L-allokazzjoni għandha tkun ibbażata fuq preselezzjoni ta' istituzzjonijiet f'riskju ta' tluq bikri mill-iskola żviluppata mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.
2. It-traċċar tal-implimentazzjoni permezz ta' żewġ miri finali li jipprevedu tnaqqis ta' 10 % fil-livell nazzjonali ta' skejjel bi prijorità għolja fl-Indiċi Kompost ta' Vulnerabbiltà għat-tluq bikri mill-iskola fi tmiem l-għotjiet ta' tliet (3) snin (it-30 ta' Ġunju 2026), u d-diġitalizzazzjoni ta' 2 500 skola inklużi fil-programm ta' tluq bikri mill-iskola (il-31 ta' Diċembru 2023).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 5. Taħriġ għall-utenti tas-Sistema Integrata Rumena ta' Informazzjoni dwar l-Edukazzjoni (SIIR) u l-għodda tal-IT tal-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija (MATE) u l-interventi sistemiċi biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiġi żviluppat u implimentat taħriġ għall-utenti fl-iskejjel tas-Sistema Integrata Rumena ta' Informazzjoni dwar l-Edukazzjoni (SIIR) u l-għodda tal-IT tal-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija (għodda tal-IT MATE). Il-moduli ta' taħriġ għandhom jitfasslu skont il-ħtiġijiet u l-ħiliet tal-istudenti (edukazzjoni inklużiva), approċċi ta' tagħlim iċċentrati fuq l-istudent, it-titjib tal-kundizzjonijiet tat-tagħlim; il-forniment ta' taħriġ għall-użu tal-modulu tal-kompjuter MATE; l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-istudenti u l-għalliema; it-titjib tal-ħiliet soċjoemottivi tal-istudenti biex itemmu sal-aħħar l-edukazzjoni obbligatorja.

45 000 għalliem għandhom ikunu temmew it-taħriġ speċifiku sa Marzu 2023.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

iii. Edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (Sistema doppja):

Riforma 4. Ħolqien ta' perkors professjonali sħiħ għall-edukazzjoni teknika għolja

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiġi żviluppata edukazzjoni doppja ffukata fuq il-ħtiġijiet tal-istudenti u allinjata mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, kemm billi jiżdied l-għadd ta' oqsma,

kwalifiki u gradwati, kif ukoll billi jiġi żgurat perkors edukattiv komplut għall-istudenti rreġistrati għal edukazzjoni sekondarja doppja, sabiex ikunu jistgħu javvanzaw għall-programmi tal-edukazzjoni tat-tielet livell (kwalifika 3-7).

Ir-riforma għandha tikkonsisti minn:

- Id-dħul fis-seħħ tal-qafas leġiżlattiv bil-metodoloġija għall-organizzazzjoni tal-perkors doppju komplut b'durata ta' erba' (4) snin, b'aċċess għall-edukazzjoni terzjarja li tibda mis-sena skolastika 2023-2024.
- L-iżvilupp tar-regolamentazzjoni tal-Bakkalawrjat il-ġdid inklużi l-gradwati tal-edukazzjoni doppja. Wara l-promozzjoni tagħhom, il-gradwati għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw programmi ta' studju universitarji. Il-bakkalawrjat unitarju għandu jiġi applikat fir-Rumanija mis-sessjoni ta' Ġunju 2027 'il quddiem.

Il-qafas leġiżlattiv għall-organizzazzjoni tar-rotta kompluta tal-edukazzjoni doppja għandu jidħol fis-seħħ sat-30 ta' Settembru 2022. L-implimentazzjoni tar-riforma għandha tiġi segwita permezz taż-żieda fil-proporzjoni ta' studenti rreġistrati fil-perkors professjonali, vis-à-vis l-għadd totali ta' studenti tal-iskola sekondarja, minn 17 % għal 40 % sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Din ir-riforma għandha tkun ikkomplementata minn erba' (4) investimenti relatati[49]:

Investiment 6. L-iżvilupp ta' 10 konsorzja reġjonali u l-iżvilupp u l-attrezzar ta' 10 kampusijiet vokazzjonali

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali ta' kwalità, billi jiġu żviluppati sħubiji ma' operaturi ekonomiċi jew sħab rilevanti oħra biex il-VET jiġu adattati għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

L-investiment għandu jikkonsisti mill-istabbiliment ta' 10 konsorzja reġjonali, li kull waħda minnhom tikkonsisti f'mill-inqas it-tipi ta' entitajiet li ġejjin: l-awtoritajiet pubbliċi lokali, in-negozji lokali, l-iskejjel professjonali u tekniċi, l-universitajiet tekniċi, biex jappoġġjaw lil min iħaddem biex ikollu rwol attiv fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali tal-istudenti; u l-bini, fl-ambitu tal-konsorzji reġjonali msemmija hawn fuq, ta' 10 kampusijiet vokazzjonali integrati, sekondarji superjuri u universitarji għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

Ir-riżultati tal-investiment għandhom ikunu:

- 10 konsorzji integrati u operattivi ta' edukazzjoni doppja marbuta mar-rekwiżiti tal-operaturi ekonomiċi fiż-żona kkonċernata. Il-proċess tal-għażla għandu jkun ibbażat fuq metodoloġija unitarja żviluppata mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, applikabbli fil-livell nazzjonali biex jiġu identifikati l-istrutturi ta' sħubija reġjonali l-aktar xierqa u li jħallu impatt. Preferibbilment, kull struttura ta' sħubija għandha tkun tinsab f'reġjun ta' żvilupp distint wieħed, sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni ġeografika ugwali fil-livell nazzjonali. L-10 konsorzji professjonali reġjonali magħżula għandhom jiġu appoġġati permezz ta' skema ta' għotjiet biex jiġu żgurati l-aħjar kundizzjonijiet ta' taħriġ għall-istudenti u biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju għal tul ta' żmien ta' erba' (4) snin. Għandha tingħata prijorità lil studenti tal-iskola sekondarja minn kuntesti żvantaġġati, inklużi r-Rom.
- 10 kampusijiet vokazzjonali integrati mħallta (skejjel sekondarji u universitajiet tekniċi), bl-objettiv li tiġi pprovduta infrastruttura fiżika moderna għall-akkomodazzjoni vokazzjonali integrata mħallta l-istrutturi/konsorzji tas-sħubija reġjonali. L-implimentazzjoni għandha ssir fil-livell lokali, u l-bliet u l-muniċipalitajiet huma

[49] L-investimenti 13 u 14 huma inklużi fit-Taqsima O.3.

mistennija jipparteċipaw f'sejħiet għat-twettiq ta' proġetti tal-infrastruttura fit-territorju tagħhom.

Bini mibni ġdid għandu jikkonforma mal-objettiv li tintlaħaq domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Ma tagħmilx ħsara sinifikanti" (Do no significant harm) (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti previsti għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream[50]; (ii) attivitajiet fl-ambitu tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jkollhom emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[51] ; (iii) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart tal-landfill, inċineraturi[52] u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[53]; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Il-kampusijiet vokazzjonali għandhom jinbnew sat-30 ta' Settembru 2025 u l-konsorzji ta' edukazzjoni doppja għandhom jibdew jiffunzjonaw b'kapaċità sħiħa sal-31 ta' Marzu 2026. It-traċċar tal-implimentazzjoni għandu jiġi żgurat mill-istudenti rreġistrati fil-perkors doppju sħiħ, li jiżdiedu min-numru tal-linja bażi ta' 1 847 fl-2020, għal 3 000 student f'Ġunju 2026. Is-sostenibbiltà tal-programmi ta' finanzjament wara l-2026 għandha tiġi żgurata permezz tal-baġit tal-istat.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 7. It-trasformazzjoni tal-iskejjel sekondarji agrikoli f'ċentri ta' professjonalizzazzjoni

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa 57 kulleġġ agrikolu, li għandhom jiġu organizzati f'ħames (5) ċentri reġjonali li jikkorrispondu għal ħames (5) universitajiet agrikoli stabbiliti fir-Rumanija. L-iskema ta' finanzjament għall-kulleġġi agrikoli, b'limitu massimu ta' ħames (5) snin, għandha tkopri mill-inqas it-tipi ta' attivitajiet li ġejjin:

[50] Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Ma tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[51] Meta l-attività appoġġata jkollha emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[52] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[53] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- Il-modernizzazzjoni, it-tiġdid u l-estensjoni tal-laboratorji tal-iskejjel, il-workshops u l-laboratorji tal-IT, il-canteens, l-akkomodazzjoni għall-istudenti.
- Ix-xiri ta' materjal bijoloġiku, tagħmir agrikolu u makkinarju għat-twettiq ta' xogħlijiet agrikoli.
- Taħriġ għall-għalliema bbażat fuq kurrikuli speċifiċi relatati mal-agrikoltura żviluppati mill-Ministeru għall-Agrikoltura u l-Ministeru għall-Edukazzjoni.

Kull skola agrikola għandha tkun attrezzata b'laboratorju tal-IT, li għandu jinkludi simulaturi u software meħtieġa għal attivitajiet teoretiċi u prattiċi ta' tagħlim/apprendiment.

Fir-rigward tar-rinnovazzjonijiet, il-kuntratti għandhom jinkludu rekwiżit minimu ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija għat-tisħin b'mill-inqas 50 % meta mqabbel mal-konsum annwali tal-enerġija għat-tisħin qabel ir-rinnovazzjoni tal-bini, li għandu jwassal għal żieda ta' 30 % fl-iffrankar tal-enerġija primarja meta mqabbel mal-istat ta' qabel ir-rinnovazzjoni. F'dan il-kuntest, mill-inqas 90 % tal-kostijiet relatati mar-rinnovazzjoni għandhom jappartjenu għal titjib fl-effiċjenza enerġetika.

Il-kuntratti għandhom jeħtieġu wkoll li bini mibni ġdid għandu jikkonforma mal-objettiv li tinkiseb domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

iv. Diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni:

Riforma 5. Adozzjoni tal-qafas leġiżlattiv għad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni

Ir-riforma għandha l-għan li tiżgura l-qafas legali meħtieġ għall-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali għall-istudenti billi tiddefinixxi l-profil tal-kompetenza għall-professjonisti tal-edukazzjoni, tirrevedi l-kurrikulu obbligatorju tal-iskola u l-pjan qafas għad-dixxiplini tal-ICT għal-livelli kollha tal-iskola.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata bid-dħul fis-seħħ tal-qafas leġiżlattiv għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u l-kontenut edukattivi u għat-twettiq ta' valutazzjonijiet online. Barra minn hekk, permezz ta' din ir-riforma għandhom jiġu stabbiliti standards minimi u ottimali biex tiġi żgurata l-kwalità tal-attivitajiet edukattivi online. Ir-riforma mistennija tallinja s-sistema edukattiva mal-qafas Ewropew DigComp għall-kompetenzi diġitali għall-istudenti, inkluż billi taġġorna l-kurrikulu, u tiżviluppa materjal għat-tagħlim diġitali. Fl-aħħar nett, ir-riforma għandha tħaddem ir-rabtiet bejn il-profil tal-kompetenzi tal-għalliem u l-kurrikulu għat-taħriġ vokazzjonali inizjali, it-taħriġ vokazzjonali kontinwu u dak għat-taħriġ tal-ħiliet.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Din ir-riforma għandha tkun ikkomplementata minn erba' (4) investimenti relatati[54]:

Investiment 8. Programm ta' taħriġ waqt is-servizz għall-persunal tat-tagħlim

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiġu żviluppati ħiliet ta' pedagoġija diġitali għall-għalliema inklużi dawk relatati mal-ġbir u l-użu effiċjenti tal-għodod u r-riżorsi disponibbli. Fil-mira tal-investiment hemm l-attivitajiet speċifiċi kollha li jvarjaw bejn it-tagħlim, il-valutazzjoni, il-komunikazzjoni mal-ġenituri, il-ħolqien u l-iskambju ta' kontenut u riżorsi diġitali.

[54] L-investimenti 12 u 13 huma inklużi fit-Taqsima O.3.

L-investiment għandu jiġi implimentat permezz tal-iżvilupp ta' korsijiet tematiċi ta' taħriġ, għall-iżvilupp tal-kompetenzi tal-litteriżmu diġitali u l-pedagoġija diġitali b'mod partikolari għall-għalliema f'żoni rurali u ambjenti żvantaġġati oħra. Il-qafas Ewropew DigComp għall-kompetenzi diġitali u l-istandards tal-ħiliet diġitali rikonoxxuti internazzjonalment (ECDL) għandhom jitqiesu għat-tfassil tal-programm ta' taħriġ. Huwa mistenni li 100 000 għalliem għandhom jipparteċipaw fil-programmi ta' taħriġ. It-taħriġ fil-ħiliet diġitali għandu jiġi kkomplementat minn pjattaforma għall-ġbir ta' lezzjonijiet multimedjali biex iservu bħala mudelli ta' prattika tajba għal kull qasam tal-kurrikulu/dixxiplina tat-tagħlim, għal livelli differenti ta' edukazzjoni. 50 000 għalliem għandhom jibbenefikaw mill-iskambju permezz tal-pjattaforma ddedikata. Għandu jinħoloq qafas għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-applikazzjoni prattika tal-ħiliet miksuba, biex tiġi żgurata l-valutazzjoni tal-ħiliet diġitali u biex jinbdew azzjonijiet korrettivi biex jiġi żgurat l-effett fit-tul tal-programm ta' taħriġ.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

Investiment 9. L-iżgurar ta' tagħmir u riżorsi tat-teknoloġija diġitali għall-iskejjel

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżgura l-infrastruttura meħtieġa u r-riżorsi teknoloġiċi għall-iskejjel ta' qabel l-università b'enfasi fuq żoni żvantaġġati (speċjalment żoni rurali), li jippermettu l-aċċess tal-istudenti għat-teknoloġija permezz ta' laboratorji tal-IT u tagħmir apposta.

L-investiment għandu jikkonsisti f'għotjiet għall-modernizzazzjoni ta' mill-inqas 5 200 laboratorju tal-informatika, l-iżvilupp ta' aktar minn 1 100 ċentru teknoloġiku (bħala laboratorji intelliġenti) u għall-iżgurar tal-infrastruttura u t-tagħmir diġitali għal aktar minn 3 600 skola li mhumiex koperti minn xi programm ta' finanzjament ieħor. Il-laboratorji intelliġenti għandhom jippermettu l-litteriżmu diġitali u teknoloġiku tal-istudenti, l-edukazzjoni tal-għalliema kemm għall-ħiliet diġitali bażiċi kif ukoll għal dawk avvanzati u l-kompetenzi meħtieġa fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jużaw teknoloġiji ġodda 4.0 u jiżviluppaw il-kreattività applikata permezz tal-istampar 3D u s-software tad-disinn 3D.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

v. Infrastruttura[55]:

Riforma 6. Qafas regolatorju aġġornat biex jiġu żgurati standards ta' disinn, kostruzzjoni u dotazzjoni li jirrispettaw l-ambjent fis-sistema edukattiva ta' qabel l-università

L-objettivi ta' din ir-riforma huma (a) li jiżdiedu l-kwalità u s-sikurezza tal-ambjenti tat-tagħlim, inkluż ir-regolamentazzjoni dwar il-materjal tat-tagħlim, l-għamara, u t-tagħmir tat-tagħmir tal-laboratorju u l-workshops teknoloġiċi; u (b) li jiżviluppa u jadotta l-qafas legali għat-trawwim tat-tranżizzjoni lejn bini ekoloġiku fl-iskejjel.

Fil-kuntest tat-tranżizzjoni lejn bini ekoloġiku u intelliġenti, l-awtoritajiet Rumeni għandhom jaġġornaw il-leġiżlazzjoni dwar id-disinn, id-dotazzjoni u l-operat tal-iskejjel, inkluż ir-regolamentazzjoni dwar il-materjal tat-tagħlim, l-għamara u t-tagħmir tal-laboratorji tal-laboratorju u tax-xjenza u għandhom jiżviluppaw Metodoloġija għall-operat u l-organizzazzjoni tal-iskejjel ekoloġiċi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Din ir-riforma għandha tkun akkumpanjata minn 3 investimenti f'infrastruttura relatata mal-iskola:

[55] L-investiment 17 huwa inkluż fit-Taqsima O.3.

Investiment 10. Żvilupp ta’ networks ta’ skejjel ekoloġiċi u xiri ta’ minibuses ekoloġiċi

L-objettiv ta’ dan l-investiment huwa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-iskejjel preuniversitarji permezz tat-tranżizzjoni lejn skejjel ekoloġiċi u mobbiltà ekoloġika (minibuses elettriċi). Sabiex tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn sistema edukattiva sostenibbli, il-Ministeru tal-Edukazzjoni għandu jibda jiżviluppa network ta’ skejjel sostenibbli u favur l-ambjent. 300 000 m^2 taż-żona skolastika għandhom jibbenefikaw minn bidliet strutturali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà (iżolament termali, pannelli solari, ippjanar tal-ispazju ekoloġiku, ġbir selettiv) u 46 400 m^2 ta’ żona ekoloġika ġdida tal-iskola preuniversitarja. Il-metodoloġija għall-għażla tal-Iskejjel Ekoloġiċi tista’ tikkunsidra kriterji bħal: id-disponibbiltà tal-iskola; in-numru ta’ studenti; id-distribuzzjoni ġeografika ekwa tal-premjijiet; id-distribuzzjoni rurali u urbana ġusta tal-premjijiet; il-livell ta’ tniġġis taż-żona; esperjenza preċedenti fl-implimentazzjoni tal-proġetti u fit-twettiq ta’ proġetti/attivitajiet ambjentali.

Bini mibni ġdid għandu jikkonforma mal-objettiv li tinkiseb domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta’ NZEB skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta’ ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

Għar-rinnovazzjonijiet, il-kuntratti għandhom jinkludu rekwiżit minimu ta’ tnaqqis fil-konsum tal-enerġija għat-tisħin b’mill-inqas 50 % meta mqabbel mal-konsum annwali tal-enerġija għat-tisħin qabel ir-rinnovazzjoni tal-bini, li għandu jwassal għal żieda ta’ 30 % fl-iffrankar tal-enerġija primarja meta mqabbel mal-istat ta’ qabel ir-rinnovazzjoni. F’dan il-kuntest, mill-inqas 90 % tal-kostijiet għandhom jappartjenu għal titjib fl-effiċjenza fl-enerġija.

It-3 200 minibus tal-iskola huma maħsuba għat-trasport ta’ studenti minn lokalitajiet iżolati f’żoni rurali. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni għandu jwettaq analiżi fil-livell nazzjonali, bl-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi lokali, biex jidentifika sitwazzjonijiet li fihom ikun meħtieġ it-trasport ta’ studenti lejn skejjel f’lokalitajiet oħra. Dan l-investiment jikkumplimenta wkoll ir-riforma 2 dwar il-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola, billi jiżgura mezzi ta’ mobilità għall-istudenti f’żoni b’popolazzjoni baxxa, u jiffaċilita l-aċċess tagħhom għal edukazzjoni ta’ kwalità.

Il-minibuses elettriċi għandhom jinxtraw u jintużaw sat-30 ta’ Ġunju 2023 u l-bini ekoloġiku għandu jitlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025.

Investiment 11. Forniment ta’ faċilitajiet għal klassijiet ta’ qabel l-università u laboratorji/workshops tal-iskola

L-objettiv ta’ dan l-investiment huwa li jipprovdi l-faċilitajiet meħtieġa biex jintlaħqu l-istandards ta’ kwalità fil-klassijiet u fil-laboratorji/workshops tal-iskejjel, inkluż il-forniment ta’ faċilitajiet ta’ tagħlim speċjalizzati u tagħmir għal tfal tal-iskola u studenti żvantaġġati bi bżonnijiet edukattivi speċjali.

Il-provvista tal-faċilitajiet meħtieġa għall-klassijiet u l-laboratorji tal-iskejjel għandha titwettaq fuq bażi deċentralizzata fil-livell skolastiku, l-ispettorati tal-iskejjel tal-kontea u l-awtoritajiet pubbliċi lokali. 75 000 klassi u 10 000 laboratorju tax-xjenza tal-iskejjel/għandhom ikunu mgħammra.

L-investimenti għandhom jingħataw prijorità għal dawk l-istabbilimenti edukattivi mingħajr ebda investiment f’tagħmir tal-klassi u tal-laboratorju fl-aħħar 10 snin.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2024.

Investiment 12. Appoġġ għal konsorzji ta’ skejjel rurali

Dan l-investiment huwa indirizzat lil studenti minn villaġġi u muniċipalitajiet żgħar bil-ħsieb li jittejjeb l-aċċess tagħhom għal edukazzjoni ta' kwalità fi ħdan kampusijiet moderni tal-iskejjel rurali.

3 konsorzji ta' skejjel rurali għandhom jinħolqu biex isaħħu l-ambjent edukattiv rurali billi jiżguraw l-aħjar kundizzjonijiet ta' tagħlim u jirrispettaw il-prinċipju tal-ġustizzja soċjali.

It-tliet konsorzji għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' skema ta' għotjiet immexxija mill-Ministeru tal-Investiment u l-Proġetti Ewropej, li għandu jagħżel it-tliet Gruppi ta' Azzjoni Lokali jew assoċjazzjonijiet ta' Gruppi ta' Azzjoni Lokali li jissodisfaw mill-inqas żewġ kriterji: (a) juru t-tnaqqis demografiku tal-mikroreġjun fuq perjodu minimu ta' 7 snin; (b) jistgħu jippreżentaw ftehim sod tal-awtoritajiet pubbliċi lokali lill-proġett tal-kampus tal-iskola rurali.

Sussegwentement, għandhom jiġu żviluppati 3 kampusijiet moderni b'kapaċità ta' 300–1 500 post. Il-kampusijiet għandhom jiġu pprovduti b'faċilitajiet edukattivi moderni, workshops u laboratorji, faċilitajiet ta' wara l-iskola, kmamar u grawnds sportivi, faċilitajiet għal attivitajiet mhux formali, faċilitajiet tal-kċina u ta' akkomodazzjoni għall-istudenti u l-għalliema, u faċilitajiet għall-għalliema. Il-kampusijiet għandu jkollhom ukoll flotta li tipprovdi trasport ta' kuljum u vjaġġi skolastiċi għat-tfal tal-iskola.

Bini mibni ġdid għandu jikkonforma mal-objettiv li tinkiseb domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

vi. Il-governanza tal-iskejjel:

Riforma 7. Ir-riforma tal-governanza tas-sistema edukattiva ta' qabel l-università u l-professjonalizzazzjoni tal-maniġment

L-objettivi ta' din ir-riforma huma li l-iskejjel jibbenefikaw minn ġestjoni aktar effiċjenti u awtonomija akbar. Ir-riforma tal-governanza għandha żżid il-kapaċità fil-livell tal-iskejjel biex jiġu implimentati r-riformi kollha proposti għall-edukazzjoni.

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni għandu jiffirma kuntratt ta' assistenza teknika biex iwettaq analiżi tal-governanza fis-sistema edukattiva ta' qabel l-università, inklużi rakkomandazzjonijiet u pjan għar-ristrutturar tal-ġestjoni tas-sistema, f'qafas ta' awtonomija akbar tal-iskejjel.

Il-pjan għandu jistabbilixxi wkoll pjan pilota li jiffoka fuq l-oqfsa tal-arkitettura tal-kurrikulu f' 60 skola, biex jiġi ttestjat l-impatt tal-bidliet sistemiċi sabiex jiġu aġġustati, ikkoreġuti u adattati għall-ħtiġijiet qabel ma jiżdiedu.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Din ir-riforma għandha tkun ikkomplementata b'investiment wieħed[56].

[56] L-investiment 18 huwa inkluż fit-Taqsima O.3.

O.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
452	Riforma 1. Elaborazzjoni u adozzjoni tal-pakkett leġiżlattiv għall-implimentazzjoni tal-proġett "Rumanija Edukata"	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ tal-pakkett leġiżlattiv għall-implimentazzjoni tal-proġett "Rumanija Edukata"	Dispożizzjoni fil-pakkett leġiżlattiv li tindika d-dħul fis-seħħ tal-proġett "Rumanija Edukata"				Q3	2023	Il-pakkett leġiżlattiv għandu jiżgura l-konsistenza ma' regolamenti legali oħra maħruġa f'dawn l-aħħar snin u mar-rekwiżiti ta' ambjent soċjoekonomiku li jinbidel b'mod kostanti, u għandu jinkludi: - It-twaqqif ta' grupp ta' ħidma interministerjali kkoordinat mill-Prim Ministru, li għandu jissorvelja l-proġett "Rumanija edukata". Ir-rapporti ta' monitoraġġ ta' kull tliet xhur għandhom jiġu ppubblikati. - L-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Gvern li tistabbilixxi skadenzi u responsabbiltajiet, għall-implimentazzjoni tal-proġett "Rumanija Edukata"; - Miżuri leġiżlattivi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-proġett "Rumanija Edukata". Għandhom jiġu organizzati

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										konsultazzjonijiet għat-tħejjija tal-pakkett leġiżlattiv mal-imsieħba soċjali, rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet tal-ġenituri, organizzazzjonijiet tan-negozju u mhux governattivi, komunitajiet lokali, awtoritajiet/entitajiet pubbliċi oħra, tfal tal-iskola, studenti, għalliema, esperti.
453	Riforma 2. Sistema edukattiva unitarja, inklużiva u ta' kwalità fil-bidu tat-tfulija	Stadju Importanti	- Dħul fis-seħħ tal-Ordni Ministerjali (MO) li tadotta l-Programm Qafas Transsettorjali - Id-dħul fis-seħħ tal-MO li jirregola l-istabbiliment, l-organizzazzjoni u l-operat ta' servizzi komplementari ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal	- Dispożizzjoni fil-MO li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Programm Qafas Transsettorjali - Dispożizzjoni fil-MO li tindika d-dħul fis-seħħ tar-regolament għall-istabbiliment, l-organizzazzjoni u l-operat ta' servizzi komplementari ta'				Q4	2022	L-Ordni Ministerjali, iffirmata mill-Ministru tal-Edukazzjoni, il-Ministru tax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali, il-Ministru tas-Saħħa u l-Ministru tal-Iżvilupp, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Amministrazzjoni għandha tadotta u topera matul l-ewwel sena tal-Programm Qafas Transsettorjali l-iżvilupp ta' servizzi edukattivi unitarji, inklużivi u ta' kwalità bikrija fit-tfulija. Id-Deċiżjoni dwar l-Ordni Ministerjali għandu jkun fiha: - Il-programm Qafas

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
				edukazzjoni bikrija tat-tfal						Transsettorjali (ISFP) bir-responsabbiltajiet ta' kull Ministeru. - Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Operattiva Annwali (AOIP) biex jiġi implimentat l-ISFP. Dawn il-pjanijiet annwali għandhom jiddefinixxu l-iskadenzi u r-responsabbiltajiet u jiċċaraw l-aspetti tal-kooperazzjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri. Pass ieħor għandu jkun l-adozzjoni ta' Ordni Minsterjali li tirregola l-istabbiliment, l-organizzazzjoni u l-operat ta' servizzi komplementari ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal sal-31 ta' Diċembru 2022, sabiex titħejja t-tnedija tal-iskema ta' għotjiet.
454	Riforma 2. Sistema ta' edukazzjoni tat-tfal fl-ewwel snin tat-tfulija	Mira	Ir-rata ta' parteċipazzjoni ta' dawk bejn it-0 u t-3		Perċentwali (%)	14,1	19	Q4	2025	Ir-rata ta' parteċipazzjoni ta' dawk bejn iż-0 u t-3 snin f'servizzi ta' edukazzjoni bikrija

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	bikrija, unitarja, inklużiva u ta' kwalità għat-tfal		sena f'servizzi ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal							tat-tfal għandha tiżdied b' 4,9 punti perċentwali. L-indikatur "parteċipazzjoni fl-indukrar formali tat-tfal 0–3" għandu jittieħed mill-istħarriġ tal-EU-SILC. L-għadd possibbli ta' postijiet fis-servizzi standard u komplementari li għadhom kif inbnew/ġew stabbiliti sal-31 ta' Diċembru 2025 huwa ta' madwar 15 000.
455	Riforma 2. Sistema ta' edukazzjoni tat-tfal fl-ewwel snin tat-tfulija bikrija, unitarja, inklużiva u ta' kwalità għat-tfal	Mira	Ir-rata ta' parteċipazzjoni ta' dawk bejn it-3 u s-6 snin f'servizzi ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal		Perċentwali (%)	88	91	Q4	2025	Ir-rata ta' parteċipazzjoni ta' dawk bejn it-3 u s-6 sena f'servizzi ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal għandha tiżdied b' 3 punti perċentwali. Il-kalkoli tar-rata ta' parteċipazzjoni għandhom jitfasslu kull sena mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika (INS) abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-istabbilimenti tal-edukazzjoni fl-ewwel snin tat-tfulija.
456	Investiment 1. Kostruzzjoni, tagħmir	Stadju Importanti	L-iffirmar ta' kuntratti ma' operaturi pubbliċi	Iffirmar tal-kuntratti				Q2	2022	L-iffirmar ta' kuntratti, b'distribuzzjoni territorjali, għal

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	u operazzjonalizzazzjoni ta' 110 crèches		(muniċipalitajiet) għall-kostruzzjoni, it-tagħmir u l-operazzjonalizzazzjoni ta' 110 crèches							servizzi ta' kindergartens, ta' qabel l-iskola, ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal. L-iskema ta' għotja għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin: (i) l-eżistenza ta' strateġija lokali għall-iżvilupp ta' dawn is-servizzi; (ii) in-numru ta' tfal sa 3-il sena meta mqabbel mal-kapaċità ta' kopertura tas-servizzi eżistenti f'raġġ massimu ta' 2/3 km; (iii) in-numru ta' talbiet pendenti mill-ġenituri għal dawn is-servizzi (mill-inqas 50); (iv) analiżi tal-ħtiġijiet, li tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-komunitajiet emarġinati; (v) bini mibni ġdid għandu jikkonforma mal-objettiv li tinkiseb domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB) skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										tal-enerġija.
457	Investiment 1. Kostruzzjoni, tagħmir u operazzjonalizzazzjoni ta' 110 crèches	Mira	Crèches ġodda, mgħammra u operazzjonalizzati		Numru	0	110	Q4	2025	110 crèches għandhom jinbnew wara t-tnedija tal-iskema tal-għotja għall-kostruzzjoni (u t-tagħmir) tagħhom, b'konformità mar-rekwiżiti tal-istadju 453 Il-110 crèches b'kapaċità li tvarja minn 50 sa 110 post (li jakkomodaw 2, 3 jew 5 grupp) minn operaturi pubbliċi. Bini mibni ġdid għandu jikkonforma mal-objettiv li tinkiseb domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Il-crèches mibnijin ġodda għandhom ikunu jistgħu jipprovdu appoġġ edukattiv għal massimu ta' 4 500 tifel u tifla. Huwa previst li jinbnew crèches kbar, żewġ crèches medji u 107 crèches żgħar.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
458	Investiment 2. It-twaqqif, it-tagħmir u l-operazzjonalizzazzjoni ta' 412 servizz komplementari għal gruppi żvantaġġati	Stadju Importanti	L-iffirmar ta' kuntratti għall-istabbiliment, it-tagħmir u l-operazzjonalizzazzjoni ta' servizzi komplementari għal gruppi żvantaġġati	Iffirmar tal-kuntratti				Q1	2023	Il-Ministeru tal-Edukazzjoni huwa responsabbli għat-tħejjija u t-tnedija tal-applikazzjoni għall-iskema ta' għotjiet u għall-konsulenza u l-monitoraġġ tal-benefiċjarji għat-twaqqif, it-tagħmir u l-operazzjonalizzazzjoni ta' servizzi komplementari għal gruppi żvantaġġati. Is-servizzi komplementari għandhom jiġu stabbiliti, mgħammra u operazzjonalizzati b'riżultat tal-implimentazzjoni f'fażijiet tal-iskema ta' għotjiet (2 pagamenti parzjali ta' 200 u 212 unità rispettivament). Dawn is-servizzi huma mistennija li jiġu stabbiliti fi spazji pprovduti mill-komunità/diversi vannijiet pubbliċi u privati tal-edukazzjoni, mil-lokalitajiet remoti/żvantaġġati fejn faċilità edukattiva hija 'l bogħod wisq mid-domiċilju tat-tfal u n-numru ta' tfal minn 0 sa 6 snin huwa

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										baxx ħafna, minħabba li dawn ir-raġunijiet mhumiex ġustifikati biex jibnu nursery/kindergarten, sabiex jiġi żgurat id-dritt għall-edukazzjoni għat-tfal mit-twelid sa 6 snin kemm jista' jkun qrib id-dar tagħhom. Is-servizzi komplementari jistgħu jkunu ludotheque, ċentru tal-logħob, ċentru multifunzjonali, eċċ. u għandhom ikunu mgħammra b'imwejjed u siġġijiet tat-tfal; Saqqijiet tat-tfal; Materjali u tagħmir edukattiv, inkluż tagħmir diġitali (laptop, tablets intelliġenti, kameras u vidjows diġitali, twapet diġitali għal attivitajiet edukattivi, settijiet diġitali ta' kitba u tpinġija, eċċ.); kabinetti ta' materjal u ġugarelli u xkafef tal-librerija; għamara tal-banju, inkluż ħrieqi li jbiddlu l-għamara; Għamara għall-ispazji amministrattivi (uffiċċji, siġġijiet, kabinetti); Għamara u tagħmir tal-kċina.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										Kull servizz komplementari għandu jkollu 2 klassijiet/gruppi li jridu jiġu stabbiliti u mgħammra. Għalhekk, is-servizzi komplementari għandhom ikunu jistgħu jipprovdu appoġġ edukattiv għal mhux aktar minn 50 tifel u tifla mit-twelid sa 6 snin għal kull servizz, għal massimu ta' 20 600 tifel u tifla.
459	Investiment 2. It-twaqqif, it-tagħmir u l-operazzjonalizzazzjoni ta' 412 servizz komplementari għal gruppi żvantaġġati	Mira	Servizzi komplementari stabbiliti, mgħammra u operattivi		Numru	0	412	Q1	2024	Mill-inqas 412-il servizz komplementari stabbiliti, mgħammra u operazzjonalizzati skont id-dispożizzjonijiet tal-istadju importanti 458.
460	Investiment 3. Żvilupp ta' programm qafas għat-taħriġ kontinwu ta' professjonisti f'servizzi ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal	Mira	Ħarrieġa fl-oqsma tal-kurrikulu u l-monitoraġġ imħarrġa		Numru	0	420	Q2	2024	420 ħarrieġa (168 ħarrieġa kurrikulari u 252 ħarrieġa fil-monitoraġġ tas-servizzi tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal) għandhom jitħarrġu u jiġu evalwati taħt żewġ programmi u għandhom jirċievu ċertifikati speċifiċi. Żewġ programmi ta' taħriġ kontinwu għandhom jiġu

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										implimentati: - programm ta' taħriġ għall-ħarrieġa fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal: L-implimentazzjoni ta' kurrikulu speċifiku, b'moduli għall-persunal tat-tagħlim u mhux tat-tagħlim, inkluż modulu tal-edukazzjoni diġitali; - programm wieħed ta' taħriġ għall-ħarrieġa (minn tliet setturi: Soċjali, tal-edukazzjoni u tas-saħħa), biex tiġi mmonitorjata l-kwalità tas-servizzi tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal. Għandha tingħata prijorità lil dawk li jaħdmu fis-servizzi li għadhom kif ġew stabbiliti.
461	Investiment 3. Żvilupp ta' programm qafas għat-taħriġ kontinwu ta' professjonisti f'servizzi ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal	Mira	Persunal imħarreġ, li jaħdem f'servizzi edukattivi standard u komplementari fit-tfulija bikrija, filwaqt li jagħti prijorità lil dawk fis-servizzi li		Numru	0	19 950	Q4	2025	19 950 persuna li jaħdmu f'servizzi edukattivi standard u komplementari fil-bidu tat-tfulija (persunal tat-tagħlim u mhux tat-tagħlim), li jagħtu prijorità lil dawk f'servizzi li għadhom kif ġew stabbiliti għandhom jiġu

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
			għadhom kif ġew stabbiliti							mħarrġa. Għandha tingħata prijorità lil dawk li jaħdmu fis-servizzi li għadhom kif ġew stabbiliti (jekk dawn jitħaddmu). Barra minn hekk, it-tlestija tal-programm ta' taħriġ 1 tista' tkun ta' vantaġġ għal dawk li għandhom jiġu impjegati f'dawk is-servizzi ġodda. Ir-riċevituri ta' dan it-taħriġ (475 persunal tat-tagħlim u mhux tat-tagħlim għal kull għotja għal kull kontea) għandhom ilestu l-programmi ta' taħriġ definiti minn qabel mill-assistenza teknika, li għandhom jiġu pprovduti minn qabel, u għandhom jiġu evalwati u jirċievu ċertifikati speċifiċi.
462	Riforma 3. Riforma tas-sistema edukattiva obbligatorja għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Gvern li tistabbilixxi l-implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola	Dispożizzjoni fid-Deċiżjoni tal-Gvern li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Programm Nazzjonali biex jitnaqqas it-tluq				Q4	2021	Għandha tidħol fis-seħħ Deċiżjoni tal-Gvern li timplimenta l-Programm Nazzjonali biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, inkluża l-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
				bikri mill-iskola						fl-Edukazzjoni fl-iskejjel inklużi fil-programm, b'miri marbuta biż-żmien, ibbażati fuq l-evidenza u kosteffettivi. Il-programm Nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni għandu jippermetti approċċ integrat u sistemiku fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali.
463	Riforma 3. Riforma tas-sistema edukattiva obbligatorja għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ tal-Ordni Ministerjali (MO) għall-użu tal-għodda MATE fil-livell nazzjonali	Dispożizzjoni fil-MO li tindika d-dħul fis-seħħ tal-użu fil-livell nazzjonali tal-għodda MATE fl-iskejjel kollha fl-edukazzjoni primarja u sekondarja baxxa				Q4	2022	L-Ordni Ministerjali għandha tipprevedi l-użu tal-modulu tal-IT MATE fil-livell nazzjonali. Il-modulu tal-IT jidentifika r-riskji, filwaqt li l-Programm Nazzjonali jinkludi unitajiet edukattivi bi grad għoli ta' riskju ta' tluq bikri mill-iskola (ir-rata taż-żgħażagħ li ma spiċċawx l-iskola sekondarja inferjuri u li la huma fl-edukazzjoni u lanqas fit-taħriġ), dawk li għandhom jirċievu għotjiet.
464	Investiment 4. Appoġġ lill-istabbilimenti edukattivi b'riskju	Stadju Importanti	Sejħa miftuħa għal proġetti għall-appoġġ tal-istudenti għat-	Pubblikazzjoni tas-sejħa				Q4	2021	Sejħa għal proġetti biex jingħataw għotjiet għal stabbilimenti edukattivi għall-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	għoli ta' tluq bikri mill-iskola		tranżizzjoni minn edukazzjoni sekondarja baxxa għal edukazzjoni sekondarja għolja, abbażi ta' 5 indikaturi definiti fil-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni							appoġġ tal-istudenti għat-tranżizzjoni minn edukazzjoni sekondarja baxxa għal edukazzjoni sekondarja għolja, abbażi ta' 5 indikatur definiti fil-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni. L-indikaturi kollha huma kkalkulati fuq il-bażi ta' piż li janalizza l-kwantità, jiġifieri l-għadd ta' studenti u għalliema, jew il-kwalità, jiġifieri l-marki miksuba fil-valutazzjoni nazzjonali. Abbażi tal-indiċi tal-vulnerabbiltà dwar it-Tluq Bikri mill-Iskola, l-iskejjel MATE ġew ikklassifikati fi tliet kategoriji, skont il-prijorità tal-intervent: Għoli, medju u baxx. L-unitajiet edukattivi ta' prijorità għolja, li jeħtieġu intervent immedjat, huma kkunsidrati bħala dawk li jirċievu punteġġ totali bejn 3,5 u 5 u li għandhom diversi elementi ta' vulnerabbiltà, bħal għadd kbir ta' għalliema sostituti, rata

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										għolja ta' tluq bikri mill-iskola, rata baxxa ta' parteċipazzjoni u riżultati baxxi ta' valutazzjoni nazzjonali. Dawn l-iskejjel għandhom jingħataw prijorità għall-finanzjament. L-attivitajiet eliġibbli għandhom jinkludu: - attivitajiet pedagoġiċi u ta' appoġġ - attivitajiet ekstrakurrikulari - xogħlijiet minuri u xiri ta' oġġetti, - għotjiet għal studenti fi gruppi vulnerabbli biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni minn edukazzjoni sekondarja baxxa għal edukazzjoni sekondarja għolja, biex titlesta l-edukazzjoni obbligatorja, - sħubiji ma' NGOs għal appoġġ u/jew attivitajiet extrakurrikulari. L-iskejjel għandhom isiru

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										responsabbli għall-eżiti tal-istudenti u għal aġġornamenti regolari dwar il-progress miksub, billi jittrasferixxu dik l-informazzjoni fis-sistema ta' ġbir tad-*data* MATE.
465	Investiment 4. Appoġġ lill-istabbilimenti edukattivi b'riskju għoli ta' tluq bikri mill-iskola	Mira	Stabbilimenti edukattivi li jingħataw l-iskema ta' għotjiet (Lott 1)		Numru	0	750	Q1	2022	750 stabbilimenti edukattivi għandhom jirċievu għotjiet għall-appoġġ ta' studenti għat-tranżizzjoni minn edukazzjoni sekondarja baxxa għal edukazzjoni sekondarja għolja, abbażi ta' 5 indikaturi definiti fil-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni. L-indikaturi kollha huma kkalkulati fuq il-bażi ta' piż li janalizza l-kwantità, jiġifieri l-għadd ta' studenti u għalliema, jew il-kwalità, jiġifieri l-marki miksuba fil-valutazzjoni nazzjonali. Abbażi tal-indiċi tal-vulnerabbiltà dwar it-Tluq Bikri mill-Iskola, l-iskejjel MATE ġew ikklassifikati fi tliet kategoriji, skont il-prijorità tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										intervent: Għoli, medju u baxx. L-unitajiet edukattivi ta' prijorità għolja, li jeħtieġu intervent immedjat, huma kkunsidrati bħala dawk li jirċievu punteġġ totali bejn 3,5 u 5 u li għandhom diversi elementi ta' vulnerabbiltà, bħal għadd kbir ta' għalliema sostituti, rata għolja ta' tluq bikri mill-iskola, rata baxxa ta' parteċipazzjoni u riżultati baxxi ta' valutazzjoni nazzjonali. Dawn l-iskejjel għandhom jingħataw prijorità għall-finanzjament. L-attivitajiet eliġibbli għandhom jinkludu: - attivitajiet pedagoġiċi u ta' appoġġ - attivitajiet ekstrakurrikulari - xogħlijiet minuri u xiri ta' oġġetti, - għotjiet għal studenti fi gruppi vulnerabbli biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni minn edukazzjoni

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										sekondarja baxxa għal edukazzjoni sekondarja għolja, biex titlesta l-edukazzjoni obbligatorja, - sħubiji ma' NGOs għal appoġġ u/jew attivitajiet extrakurrikulari. L-iskejjel għandhom isiru responsabbli għall-eżiti tal-istudenti u għal aġġornamenti regolari dwar il-progress miksub, billi jittrasferixxu dik l-informazzjoni fis-sistema ta' ġbir tad-*data* MATE.
466	Investiment 4. Appoġġ lill-istabbilimenti edukattivi b'riskju għoli ta' tluq bikri mill-iskola	Mira	Stabbilimenti edukattivi li jingħataw l-iskema ta' għotjiet (Lott 2)		Numru	750	1 750	Q2	2023	1 000 stabbiliment edukattiv addizzjonali għandhom jirċievu għotjiet għall-appoġġ ta' studenti għat-tranżizzjoni minn edukazzjoni sekondarja baxxa għal edukazzjoni sekondarja għolja, abbażi ta' 5 indikaturi definiti fil-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni. L-indikaturi kollha huma kkalkulati fuq il-bażi ta' piż li janalizza l-kwantità, jiġifieri l-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										għadd ta' studenti u għalliema, jew il-kwalità, jiġifieri l-marki miksuba fil-valutazzjoni nazzjonali. Abbażi tal-indiċi ta' vulnerabbiltà dwar l-ESL, l-iskejjel MATE ġew ikklassifikati fi tliet kategoriji, skont il-prijorità tal-intervent: Għoli, medju u baxx. L-unitajiet edukattivi ta' prijorità għolja, li jeħtieġu intervent immedjat, huma kkunsidrati bħala dawk li jirċievu punteġġ totali bejn 3,5 u 5 u li għandhom diversi elementi ta' vulnerabbiltà, bħal għadd kbir ta' għalliema sostituti, rata għolja ta' tluq bikri mill-iskola, rata baxxa ta' parteċipazzjoni u riżultati baxxi ta' valutazzjoni nazzjonali. Dawn l-iskejjel għandhom jingħataw prijorità għall-finanzjament. L-attivitajiet eliġibbli jinkludu: - attivitajiet pedagoġiċi u ta' appoġġ

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										- attivitajiet ekstrakurrikulari - xogħlijiet minuri u xiri ta' oġġetti, - għotjiet għal studenti fi gruppi vulnerabbli biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni minn edukazzjoni sekondarja baxxa għal edukazzjoni sekondarja għolja, biex titlesta l-edukazzjoni obbligatorja, - sħubiji ma' NGOs għal appoġġ u/jew attivitajiet extrakurrikulari. L-iskejjel għandhom isiru responsabbli għall-eżiti tal-istudenti u għal aġġornamenti regolari dwar il-progress miksub, billi jittrasferixxu dik l-informazzjoni fis-sistema ta' ġbir tad-*data* MATE.
467	Investiment 4. Appoġġ lill-istabbilimenti edukattivi b'riskju għoli ta' tluq bikri mill-iskola	Mira	Stabbilimenti edukattivi inklużi fil-programm ta' tluq bikri mill-iskola bi klassijiet diġitalizzati		Numru	0	2 500	Q4	2023	2 500 stabbilimenti edukattivi inklużi fil-programm ta' tluq bikri mill-iskola għandhom jiġu diġitalizzati bis-sħiħ permezz tal-akkwist tat-tagħmir meħtieġ

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										(tablets, printers, routers).
468	Investiment 4. Appoġġ lill-istabbilimenti edukattivi b'riskju għoli ta' tluq bikri mill-iskola	Mira	Tnaqqis fl-għadd ta' skejjel b'riskju għoli ta' tluq bikri mill-iskola		Numru	2 500	1 875	Q2	2026	L-għadd ta' skejjel b'riskju għoli ta' tluq bikri mill-iskola għandu jitnaqqas b'625. L-indiċi tal-Vulnerabbiltà għandu jintuża biex jikkonferma tnaqqis ta' 25 % f'koorti ta' prijorità għolja ta' intervent, b'linja bażi f'Q2 2022, eżatt qabel ma jiġi allokat il-lott 1 tal-għotjiet.
469	Investiment 5. Taħriġ għall-utenti tas-Sistema Integrata Rumena ta' Informazzjoni dwar l-Edukazzjoni (SIIIR) u l-għodda tal-IT tal-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija (MATE) u interventi sistemiċi biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola	Mira	L-utenti tas-Sistema Integrata ta' Informazzjoni tal-Edukazzjoni Rumena (SIIR) u l-għodda tal-IT MATE mħarrġa		Numru	0	45 000	Q1	2023	Mill-inqas 45 000 utent għandhom jitħarrġu biex jużaw l-għodda tal-IT SIIR u MATE. Il-moduli tal-kors ta' taħriġ għandhom jitfasslu apposta biex: - il-ħtiġijiet u l-ħiliet tal-istudenti (edukazzjoni inklużiva), approċċi ta' tagħlim iċċentrati fuq l-istudent, kompetenza interkulturali u valutazzjoni formattiva; - it-titjib tal-kundizzjonijiet tat-tagħlim;

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										- jipprovdi taħriġ għall-użu tal-modulu tal-kompjuter MATE; - l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-istudenti u l-għalliema, li jistgħu jiġu adattati għal studenti minn gruppi żvantaġġati. - it-titjib tal-ħiliet soċjoemozzjonali tal-istudenti għat-tlestija tal-edukazzjoni obbligatorja.
470	Riforma 4. Ħolqien ta' rotta professjonali sħiħa għall-edukazzjoni teknika għolja	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Gvern li tapprova l-Metodoloġija għall-organizzazzjoni tar-rotta doppja kompleta u l-kwalifiki l-ġodda li jirriżultaw mir-rotta doppja kompleta	Dispożizzjoni fid-Deċiżjoni tal-Gvern li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Metodoloġija għall-organizzazzjoni tar-rotta doppja kompleta u l-kwalifiki l-ġodda li jirriżultaw mir-rotta doppja				Q3	2022	Il-metodoloġija l-ġdida għandha: - timmira li ttejjeb l-eżiti edukattivi fit-taħriġ vokazzjonali u edukattiv (ETV); - tiżgurat perkors edukattiv komplet għall-istudenti rreġistrati taħt programmi ta' edukazzjoni sekondarja doppja u tat-tielet livell (kwalifika 3–7).

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
				kompleta						- tiżgura l-korrispondenza bejn il-livelli tal-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki, l-atti ta' edukazzjoni/kwalifika li għandhom jinħarġu, it-tip ta' programmi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali fir-Rumanija li permezz tagħhom jistgħu jinkisbu l-livelli ta' kwalifiki, il-livelli ta' referenza tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, kif ukoll il-kondizzjonijiet ta' aċċess li jikkorrispondu għal kull livell ta' kwalifika.
471	Riforma 4. Ħolqien ta' rotta professjonali sħiħa għall-edukazzjoni teknika għolja	Mira	Sehem ta' studenti rreġistrati fir-rotta professjonali, fir-rigward tal-popolazzjoni tal-istudenti rreġistrati fl-edukazzjoni sekondarja		Perċentwali (%)	17 %	40 %	Q2	2026	Żieda ta' 23 % fis-sehem ta' studenti rreġistrati fir-rotta professjonali, fir-rigward tal-popolazzjoni tal-istudenti rreġistrati fl-edukazzjoni sekondarja. Skont id-*data* mill-SIIR, fis-sena skolastika 2020–2021, 98 430 student ġew irreġistrati fir-rotta professjonali ta' 3 snin, li jirrappreżentaw madwar 17 %

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										tal-għadd totali ta' studenti tal-iskola sekondarja. Bl-apparenza tar-rotta doppja kompleta, huwa stmat li hemm żieda fl-attrazzjoni tar-rotta professjonali, sabiex tiġi rreġistrata, fis-sena skolastika 2025–2026, żieda sa 40 % fl-għadd ta' studenti rreġistrati fir-rotta professjonali (studenti mill-IPT, skejjel sekondarji teknoloġiċi, inkluża r-rotta doppja kompleta), meta mqabbel mal-għadd totali ta' studenti tal-iskola sekondarja.
472	Investiment 6. L-iżvilupp ta' 10 konsorzji reġjonali u l-iżvilupp u t-tgħammir ta' 10 kampusijiet vokazzjonali	Mira	10 kampusijiet vokazzjonali integrati li għadhom kif inbnew		Numru	0	10	Q3	2025	10 għandhom jinbnew kampusijiet vokazzjonali integrati għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Kull konsorzju għandu jirċievi għotja biex jiżviluppa l-infrastruttura tal-kampus. Il-kampusijiet għandhom jappartjenu għaċ-ċentri ta' edukazzjoni doppja. Bini mibni ġdid għandu jikkonforma mal-objettiv li

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										tinkiseb domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Kull kampus vokazzjonali integrat mibni għandu jkun mgħammar għal sessjonijiet ta' ħidma diġitali, abbażi ta' kunċett ta' diġitalizzazzjoni adattat għall-profil tal-iskejjel sekondarji teknoloġiċi u l-universitajiet. Għalhekk, l-universitajiet u l-iskejjel sekondarji teknoloġiċi li għandhom ikunu involuti fl-istruttura ta' sħubija relatata maċ-ċentri ta' edukazzjoni doppja għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn għotjiet dedikati.
473	Investiment 6. L-iżvilupp ta' 10 konsorzji reġjonali u l-iżvilupp u t-tgħammir	Mira	Konsorzji integrati, kompluti u operattivi ta' edukazzjoni doppja marbuta mar-rekwiżiti		Numru	0	10	Q1	2026	10 konsorzji ta' edukazzjoni doppja, li kull waħda minnhom tikkonsisti f'mill-inqas it-tipi ta' entitajiet li ġejjin: L-awtoritajiet

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	ta' 10 kampusijiet vokazzjonali		tal-operaturi ekonomiċi fiż-żona kkonċernata							pubbliċi lokali, in-negozji lokali, l-iskejjel professjonali u tekniċi, l-universitajiet tekniċi, biex jappoġġjaw lil min iħaddem biex ikollu rwol attiv fit-taħriġ tal-istudenti. Il-proċess tal-għażla għandu jkun ibbażat fuq metodoloġija unitarja żviluppata mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, applikabbli fil-livell nazzjonali biex jiġu identifikati l-istrutturi ta' sħubija reġjonali l-aktar xierqa u li jħallu impatt. Il-kriterji tal-għażla għandhom ikunu kif ġej: - Kull struttura ta' sħubija li għandha tkun il-bażi tal-ħolqien tal-konsorzju tal-edukazzjoni doppja huwa magħmul mit-tipi ta' entitajiet li ġejjin: Unitajiet ta' edukazzjoni vokazzjonali u teknika inklużi universitajiet doppji, teknoloġiċi, aġenti ekonomiċi u ATUs, sħab

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										nazzjonali/Ewropej rilevanti oħra li jistgħu jżidu l-valur tal-konsorzju; - Konsorzji ta' edukazzjoni doppja jipparteċipaw bħala strutturi funzjonali, abbażi ta' ftehim ta' kollaborazzjoni miftiehem qabel is-sottomissjoni tal-offerta ta' parteċipazzjoni; - Il-potenzjal ekonomiku u demografiku offrut miż-żona fejn għandu jopera l-konsorzju tal-edukazzjoni doppja; - Preferibbilment, kull struttura ta' sħubija għandha tkun tinsab fir-reġjun ta' żvilupp 1/each, sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni ġeografika ugwali fil-livell nazzjonali. - Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "Do No Significant Harm" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										f'termini ta' referenza għal sejħiet futuri għal proġetti għandu jkun fihom lista ta' esklużjoni.
474	Investiment 6. L-iżvilupp ta' 10 konsorzji reġjonali u l-iżvilupp u t-tgħammir ta' 10 kampusijiet vokazzjonali	Mira	Studenti rreġistrati fir-rotta doppja sħiħa		Numru	1 847	3 000	Q2	2026	Iż-żieda b'mill-inqas 60 % tan-numru ta' studenti rreġistrati fir-rotta doppja sħiħa. Fl-2020, 1 847 student iggradwaw ir-rotta doppja. Wara l-miżuri ta' appoġġ għaċ-ċentri ta' edukazzjoni doppja, huwa stmat li 3 000 student għandhom ilestu r-rotta doppja sħiħa. Kull kampus vokazzjonali integrat mibni għandu jkun mgħammar għal sessjonijiet ta' ħidma diġitali, abbażi ta' kunċett ta' diġitalizzazzjoni adattat għall-profil tal-iskejjel sekondarji teknoloġiċi u l-universitajiet. Għalhekk, it-trasformazzjoni diġitali għandha tiġi żgurata.
475	Investiment 7. It-trasformazzjoni tal-iskejjel sekondarji agrikoli f'ċentri ta'	Mira	57 skola agrikola appoġġati permezz ta' għotjiet		Numru	0	57	Q3	2025	57 skola agrikola għandhom jiġu appoġġati biex: - jimmodernizzaw, iġeddu u

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	professjonalizzazzjoni									jestendu l-laboratorji tal-iskejjel, il-workshops u l-laboratorji tal-IT, il-kantins, l-akkomodazzjoni għall-istudenti. - Jixtru materjal bijoloġiku, tagħmir agrikolu u makkinarju għat-twettiq ta' xogħlijiet agrikoli. - Taħriġ għall-għalliema bbażat fuq kurrikuli speċifiċi relatati mal-agrikoltura żviluppati b'mod konġunt mill-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Ministeru tal-Edukazzjoni Kull skola agrikola għandha tkun mgħammra b'laboratorju tal-IT li għandu jinkludi simulaturi u software meħtieġa għal attivitajiet teoretiċi u prattiċi ta' tagħlim. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Ministeru tal-Agrikoltura għandhom ikunu responsabbli biex jipprovdu għotjiet u nefqa materjali biex itejbu l-kwalità

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										tal-edukazzjoni sekondarja agrikola, filwaqt li jżidu l-attrattività tal-offerti edukattivi. Il-kuntratti għandhom jinkludu rekwiżit minimu ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija għat-tisħin b'mill-inqas 50 % meta mqabbel mal-konsum annwali tal-enerġija għat-tisħin qabel ir-rinnovazzjoni tal-bini, li għandu jwassal għal żieda ta' 30 % fl-iffrankar tal-enerġija primarja meta mqabbel mal-istat ta' qabel ir-rinnovazzjoni. F'dan il-kuntest, mill-inqas 90 % tal-ispejjeż relatati mar-rinnovazzjoni għandhom jappartjenu għal titjib fl-effiċjenza enerġetika. Bini mibni ġdid għandu jikkonforma mal-objettiv li tinkiseb domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										tal-enerġija. Tipi ta' xogħlijiet meħtieġa biex jiġi żgurat it-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija kemm għal bini ġdid kif ukoll għal dak qadim: - konnessjoni man-network tal-gass naturali u installazzjoni ta' bojlers li jaħdmu bil-gass u/jew sostituzzjoni ta' bojlers eżistenti li jaħdmu bil-fatham u li jaħdmu bil-gass, skont il-każ, fil-każ ta' bini qadim; - installazzjoni ta' bojlers tat-tisħin fil-każ ta' bini ġdid; - installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi għal bini ġdid li għandu art disponibbli għall-użu ta' din is-sistema ta' tisħin.
476	Investiment 7. It-trasformazzjoni tal-iskejjel sekondarji agrikoli f'ċentri ta' professjonalizzazzjoni	Mira	Għadd ta' studenti rreġistrati fl-iskejjel sekondarji agrikoli		Numru	18 000	20 000	Q3	2025	In-numru ta' studenti rreġistrati fit-57 skola teknoloġika għolja, bi profil predominanti agrikolu, fis-sena skolastika 2025–2026 għandu jiżdied b' 11,1 % meta mqabbel mas-sena skolastika

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										2020–2021.
477	Riforma 5. Adozzjoni tal-qafas leġiżlattiv għad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni	Stadju Importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-Ordni Ministerjali (MO) biex jiġu żgurati standards biex l-iskejjel jiġu mgħammra b'tagħmir u riżorsi teknoloġiċi għal skopijiet edukattivi online u biex jiġi żgurat impatt sostenibbli tal-investimenti proposti	Dispożizzjoni fil-MO li tindika d-dħul fis-seħħ tal-qafas leġiżlattiv għall-istandards tat-tagħmir				Q1	2022	L-ordni Ministerjali l-ġdida għandha tiddefinixxi l-istandards minimi tat-tagħmir tekniku għall-iskejjel biex tiġi żgurata l-kwalità tal-attivitajiet edukattivi mwettqa fl-ambjent virtwali u permezz tat-teknoloġija virtwali.
478	Riforma 5. Adozzjoni tal-qafas leġiżlattiv għad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni	Stadju Importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi l-profil tal-għalliem futur dwar il-kompetenza diġitali u kif għandha tiġi vvalutata l-kompetenza diġitali fl-eżamijiet tal-iskola	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li jistabbilixxi l-profil tal-għalliem futur f'termini ta' kompetenzi diġitali u valutazzjoni tal-kompetenzi diġitali				Q2	2022	Il-liġi l-ġdida li tistabbilixxi l-profil tal-għalliem futur dwar il-kompetenza diġitali u kif għandha tiġi vvalutata l-kompetenza diġitali fl-eżamijiet tal-iskola għandha: - Tistabbilixxi l-profil tal-ħiliet diġitali tal-professjonist fl-edukazzjoni, kif ukoll il-mekkaniżmu għall-validazzjoni tal-kompetenza diġitali tal-għalliema fl-eżamijiet tal-iskola,

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										f'konformità mal-Qafas Ewropew tal-Kompetenza Diġitali tal-Edukaturi[57]. - Tintegra fil-Pjan Qafas tal-Edukazzjoni, moduli tal-Programmi Psikopedagoġiċi u Master għat-Taħriġ għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali tal-għalliema futuri u għall-familjarizzazzjoni u l-użu ta' metodi u tekniki moderni ta' tagħlim skont il-Qafas DigCompEdu. - L-istabbiliment ta' qafas għall-ispezzjoni fl-iskejjel (monitoraġġ u evalwazzjoni ta' attivitajiet ta' tagħlim virtwali) Tistabbilixxi metodoloġiji ta' valutazzjoni għall-ambjent online, il-prestazzjoni tal-iskejjel tal-istudenti, inkluż l-iżvilupp ta' pjattaforma għall-valutazzjoni

[57] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC107466

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										sigura tal-kompetenzi tal-istudenti.
479	Riforma 5. Adozzjoni tal-qafas leġiżlattiv għad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi l-Qafas Nazzjonali ta' Referenza għall-Ħiliet Diġitali għall-edukazzjoni ta' qabel l-università	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Qafas Nazzjonali ta' Referenza għall-Ħiliet Diġitali				Q2	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li għandha tistabbilixxi l-Qafas Nazzjonali ta' Referenza għat-titjib tal-ħiliet diġitali tal-istudenti preuniversitarji f'konformità mad-DigComp: Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini[58].
480	Investiment 8. Programm ta' taħriġ fis-servizz għall-persunal tat-tagħlim	Mira	Għalliema mħarrġa għat-tagħlim online billi jtejbu l-ħiliet speċifiċi tal-pedagoġija diġitali		Numru	0	100 000	Q3	2025	Mill-inqas 100 000 għalliem huma mħarrġa fl-edukazzjoni diġitali integrata u fit-tranżizzjoni diġitali.
481	Investiment 8. Programm ta' taħriġ fis-servizz għall-persunal tat-tagħlim	Mira	Għalliema li jippubblikaw materjal edukattiv miftuħ fuq il-pjattaforma eduka.cred għall-iskambju ta' prattiki		Numru	0	50 000	Q3	2025	Mill-inqas 50 000 għalliem li jipparteċipaw fit-taħriġ skont l-istadju 480, għandhom jipproduċu materjal edukattiv miftuħ ippubblikat fuq pjattaforma li jkun fih ġabra ta' lezzjonijiet multimedjali biex iservu bħala mudelli ta' prattika tajba għal kull qasam tal-

[58] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC106281

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										kurrikulu/dixxiplina tat-tagħlim għal livelli differenti ta' edukazzjoni.
482	Investiment 9. L-iżgurar ta' tagħmir u riżorsi tat-teknoloġija diġitali għall-iskejjel	Mira	Skejjel b'riżorsi teknoloġiċi ġodda biex jgħammru l-laboratorji tal-IT		Numru	0	5 200	Q3	2024	Mill-inqas 5 200 skola b'riżorsi teknoloġiċi ġodda għal-laboratorji tal-IT skont ir-rekwiżiti tal-istadju importanti 477.
483	Investiment 9. L-iżgurar ta' tagħmir u riżorsi tat-teknoloġija diġitali għall-iskejjel	Mira	Skejjel b'infrastruttura u tagħmir tat-teknoloġija		Numru	0	3 600	Q4	2024	Mill-inqas 3 600 skola b'infrastruttura u tagħmir teknoloġiċi ġodda skont ir-rekwiżiti fl-477.
484	Investiment 9. L-iżgurar ta' tagħmir u riżorsi tat-teknoloġija diġitali għall-iskejjel	Mira	Laboratorji Intelliġenti mixtrija għal unitajiet ta' edukazzjoni sekondarja u sekondarja		Numru	0	1 100	Q1	2025	Mill-inqas 1 100 Smart Labs miksuba skont ir-rekwiżiti tal-istadju importanti 477.
485	Riforma 6. Qafas regolatorju aġġornat biex jiġu żgurati standards ta' disinn, kostruzzjoni u dotazzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent fis-sistema	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-qafas leġiżlattiv biex tiżdied il-kwalità tal-ambjenti tat-tagħlim	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-qafas leġiżlattiv il-ġdid biex tiżdied il-kwalità tal-ambjenti tat-tagħlim				Q2	2022	Fil-kuntest tat-tranżizzjoni lejn bini ekoloġiku u intelliġenti, hemm bżonn ta' riforma tal-qafas regolatorju dwar id-disinn, id-dotazzjoni u l-operat tal-iskejjel. Il-liġi l-ġdida għandha tinkludi: - Regoli dwar id-disinn u l-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	edukattiva ta' qabel l-università									operat ta' bini għall-iskejjel u l-iskejjel sekondarji (Normattiv 010/1997); - Aġġornament/abbozzar ta' dotazzjonijiet minimi billi jiġu aġġornati l-atti leġiżlattivi li ġejjin: Dotazzjoni minima għall-Klassijiet V sa VIII, approvata bl-Ordni Ministerjali 3486/2006, Regoli minimi ta' dotazzjoni għall-edukazzjoni primarja Ordni Ministerjali 3263/2006, standards u regolamenti ta' qabel l-iskola, l-Anness 1 Standards għall-materjali tat-tagħlim, u 0 Anness 2 dwar l-istandards minimi tat-tagħmir, approvati mill-Ordni Ministerjali 3850/2010 Il-qafas regolatorju għall-implimentazzjoni ta' investimenti fit-tranżizzjoni lejn bini ekoloġiku għandu jkun ikkomplementat minn regolamenti dwar il-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										funzjonament tal-iskejjel ekoloġiċi u minn metodoloġiji għall-operat u l-organizzazzjoni ta' skejjel ekoloġiċi, inkluż kurrikulu adattat, li għandu jistabbilixxi għeliem għat-tagħlim għat-trawwim tal-imġiba tal-istudenti li jirrispettaw l-ambjent naturali.
486	Investiment 10. Żvilupp ta' networks ta' skejjel ekoloġiċi u xiri ta' minibuses ekoloġiċi	Mira	Minibuses elettriċi mixtrija u użati		Numru	0	3 200	Q2	2023	3 200 mini-bus elettrika għandhom jinxtraw u jintużaw għat-trasport ta' studenti li jappartjenu għal lokalitajiet iżolati, b'mod partikolari f'żoni rurali. Il-kriterji kkunsidrati għall-għażla tal-benefiċjarji għandhom jinkludu l-għadd ta' studenti li jivvjaġġaw minn post għall-ieħor, id-distanza tal-ivvjaġġar, id-distribuzzjoni ġeografika ugwali, il-konnessjoni elettrika tal-iskejjel jew ir-rieda li jiġi installat stazzjon tal-iċċarġjar. Għandha titnieda proċedura ta' ħlas pubbliku għall-minibuses elettriċi permezz tal-ISJ/UAT (l-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										Ispettorati tal-Iskejjel tal-Kontea/Unitajiet Amministrattivi u Territorjali).
487	Investiment 10. Żvilupp ta' networks ta' skejjel ekoloġiċi u xiri ta' minibuses ekoloġiċi	Mira	Żona tal-iskola ta' qabel l-università riabilitata biex issir Skejjel Ekoloġiċi		Numru ta' m^2	0	300 000	Q4	2025	Il-Ministeru tal-Edukazzjoni għandu jiżviluppa network ta' skejjel sostenibbli u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent b'kurrikulu bbażat l-aktar fuq l-edukazzjoni ambjentali. 300 000 m^2 għandhom jibbenefikaw minn xogħlijiet ta' rinnovazzjoni (iżolament termali, pannelli solari, laboratorji tax-xjenzi naturali, spazji ekoloġiċi, faċilitajiet għall-ġbir selettiv tal-iskart). L-għażla ta' skejjel ekoloġiċi għandu jkollha l-għan li tiżgura kopertura nazzjonali, kemm żoni rurali kif ukoll urbani. Għar-rinnovazzjonijiet, il-kuntratti għandhom jinkludu rekwiżit minimu ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija għat-tisħin b'mill-inqas 50 % meta mqabbel mal-konsum annwali tal-enerġija għat-tisħin qabel ir-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										rinnovazzjoni tal-bini, li għandu jwassal għal żieda ta' 30 % fl-iffrankar tal-enerġija primarja meta mqabbel mal-istat ta' qabel ir-rinnovazzjoni.
488	Investiment 10. Żvilupp ta' networks ta' skejjel ekoloġiċi u xiri ta' minibuses ekoloġiċi	Mira	Żona ġdida ta' Skola Ekoloġika mibnija u operattiva		Numru ta' m^2	0	46 400	Q4	2025	46 400 m^2 skejjel ekoloġiċi għandhom jinbnew f'żoni identifikati ta' tkabbir tal-popolazzjoni minn ditti speċjalizzati tal-kostruzzjoni. L-iskejjel ekoloġiċi huma skejjel bi prestazzjoni għolja fl-użu tal-enerġija, li jinbnew b'aktar dawl naturali, ventilazzjoni aħjar u materjali ekoloġiċi tal-bini, bħal twapet u żebgħa minn materjali naturali u riċiklabbli. L-ispejjeż operattivi għall-enerġija u l-ilma fi skola ekoloġika jistgħu jitnaqqsu b' 20 % sa 40 %. Permezz tat-tip ta' kostruzzjoni u faċilitajiet eżistenti, l-iskejjel ekoloġiċi jnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju u l-konsum tal-ilma b'sa 32 %. Bini mibni ġdid għandu

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										jikkonforma mal-objettiv li tinkiseb domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.
489	Investiment 11. Forniment ta' faċilitajiet għal klassijiet ta' qabel l-università u laboratorji/workshops tal-iskola	Stadju Importanti	Il-ftuħ ta' sejħa għall-offerti biex il-klassijiet jiġu mgħammra	Pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta				Q3	2022	Sejħa għall-offerti miftuħa biex jiġu mgħammra l-klassijiet tal-iskejjel ta' qabel l-università abbażi tal-istandards minimi għat-tagħmir tal-klassijiet/laboratorji/workshops tal-iskejjel. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tagħhom, il-Ministeru tal-Edukazzjoni għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-benefiċjarji dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet. Għandha tingħata prijorità lill-istabbilimenti edukattivi li ma bbenefikawx minn dan it-tip ta' investiment fl-aħħar 10 snin.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
490	Investiment 11. Forniment ta' faċilitajiet għal klassijiet ta' qabel l-università u laboratorji/workshops tal-iskola	Stadju Importanti	Ftuħ ta' sejħa għall-offerti biex jiġu mgħammra laboratorji/workshops xjentifiċi	Pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta				Q3	2022	Sejħa għall-offerti miftuħa biex jiġu mgħammra l-laboratorji tax-xjenza tal-iskejjel preuniversitarji abbażi tal-istandards minimi għat-tagħmir tal-klassijiet/laboratorji/kabinetti tal-iskola. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tagħhom, il-Ministeru tal-Edukazzjoni għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-benefiċjarji dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet. Il-kabinetti tal-iskejjel u l-laboratorji kollha, għajr il-laboratorji tal-ITC, għandhom ikunu mgħammra b'għamara, materjali u tagħmir għall-użu didattiku, abbażi tal-istandards tad-dotazzjoni approvati fir-riforma tal-6. Għandha tingħata prijorità lill-istabbilimenti edukattivi li ma bbenefikawx minn dan it-tip ta' investiment fl-aħħar 10 snin u li

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										jinsabu f'żoni rurali.
491	Investiment 11. Forniment ta' faċilitajiet għal klassijiet ta' qabel l-università u laboratorji/workshops tal-iskola	Mira	Klassijiet ta' qabel l-università mgħammra		Numru	0	75 000	Q2	2024	75 000 klassi ta' qabel l-università għandhom ikunu mgħammra skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-istadju importanti 489. Id-dotazzjoni tal-klassijiet, tal-laboratorji u tal-kabinetti tal-iskejjel għandha ssir fuq il-bażi tal-istandards tad-dotazzjoni approvati fir-Riforma R6. L-iskejjel b'għamara danneġġjata u dawk li fihom l-għamara ma nbidlitx fl-aħħar 10 snin għandhom jingħataw prijorità.
492	Investiment 11. Forniment ta' faċilitajiet għal klassijiet ta' qabel l-università u laboratorji/workshops tal-iskola	Mira	Laboratorji/kabinetti mgħammra		Numru	0	10 000	Q2	2024	10 000 laboratorji tax-xjenza għandhom ikunu mgħammra skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-istadju importanti 490.
493	Investiment 12. Skema ta' għotjiet għal konsorzji ta' skejjel rurali	Mira	Tlestija ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' dotazzjoni ta' konsorzji ta' skejjel		Numru	0	3	Q2	2026	Għandhom jinħolqu tliet konsorzji ta' skejjel rurali biex jissaħħaħ l-ambjent edukattiv rurali billi jiġu żgurati l-aħjar

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
			rurali							kundizzjonijiet għat-tagħlim, filwaqt li tiġi rispettata l-ekwità soċjali. Il-konsorzji għandhom jintgħażlu mill-inqas abbażi ta' żewġ kriterji: i) jekk jagħtu prova tat-tnaqqis demografiku għall-aħħar seba' snin tal-mikroreġjun fil-mira tagħhom u ii) juru impenn bil-miktub tal-awtoritajiet pubbliċi lokali responsabbli miż-żona fil-mira. Kull konsorzju għandu jibni l-infrastruttura meħtieġa biex jiżgura l-kwalità tal-proċess edukattiv, li għandu jinkludi l-ħolqien ta' kampus modern b'kapaċità ta' 300–1 500 post, inkluż il-forniment ta' faċilitajiet ta' wara l-iskola, kmamar u grawnds sportivi, faċilitajiet għall-prattika ta' workshops, laboratorji, spazji għal attivitajiet mhux formali, spazji għall-kċina u l-akkomodazzjoni għall-istudenti u l-għalliema. Bini mibni ġdid għandu

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										jikkonforma mal-objettiv li tinkiseb domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. L-għażla tal-iskejjel għandha tagħti prijorità lill-iskejjel li jinsabu f'żoni rurali, remoti u sottożviluppati.
494	Riforma 7. Ir-riforma tal-governanza tas-sistema edukattiva ta' qabel l-università u l-professjonalizzazzjoni tal-maniġment	Stadju Importanti	L-iffirmar tal-kuntratt ta' assistenza teknika għall-iżvilupp tal-Pjan ta' Azzjoni għar-Riforma tal-Governanza, inkluż il-programm ta' taħriġ u kkowċjar għall-maniġers u l-ispetturi	Firma tal-kuntratt				Q1	2022	Ir-riforma tal-governanza għandha tkun ibbażata fuq l-analiżi funzjonali tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u għandha titwettaq fuq żewġ livelli: I Riforma tal-ġestjoni u II. Deċentralizzazzjoni Il-Ministeru tal-Edukazzjoni għandu jikkuntratta assistenza teknika esterna għal: - l-analiżi tal-governanza attwali tas-sistema edukattiva ta' qabel l-università;

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										- il-forniment ta' Rakkomandazzjonijiet u Pjan għat-titjib tal-ġestjoni tal-iskejjel permezz ta' programm pilota; - il-forniment ta' linji gwida għat-tfassil tal-programm ta' taħriġ u kkowċjar. Sabiex tiżdied il-kapaċità tas-sistema ta' ġestjoni tal-edukazzjoni ta' qabel l-università u biex tiżdied l-awtonomija tal-iskejjel, għandu jitfassal pjan ta' miżuri.
495	Riforma 7. Ir-riforma tal-governanza tas-sistema edukattiva ta' qabel l-università u l-professjonalizzazzjoni tal-maniġment	Stadju Importanti	Pubblikazzjoni u implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għar-Riforma tal-Governanza, inkluż il-programm ta' taħriġ u kkowċjar għall-maniġers u l-ispetturi	Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għar-Riforma tal-Governanza				Q1	2023	Il-pjan ta' Azzjoni għall-Governanza għandu jirririforma l-politiki tar-riżorsi umani/ir-reklutaġġ ta' maniġers edukattivi u għandu jiddaħħal gradwalment billi: - Reviżjoni tal-metodoloġija tal-kompetizzjoni tad-Direttur biex torbotha mal-metodoloġija għall-valutazzjoni ta' maniġers

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										edukattivi ta' qabel l-università u tgħin biex il-funzjoni ta' direttur issir aktar attraenti fost il-professjonisti. - It-trasferiment tal-kompetenzi mill-Ispettorati tal-Iskola tal-Kontea għad-Direttorati tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Kontea u l-Ispezzjoni Sottoordinata tal-Iskola ta' ARACIP. - Skema ta' għotjiet għall-appoġġ tal-iskejjel għall-ippilotar tal-approċċ, ibbażata fuq applikazzjoni li għandha tiġi evalwata minn esperti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni. L-iskejjel li jipparteċipaw fil-programm pilota għandhom l-ewwel jikkonsultaw lill-Bord tal-istudenti u l-ġenituri. Il-programm pilota li jinvolvi s-60 skola għandu jikkunsidra l-kurrikuli tal-iskejjel, il-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										governanza u l-ġestjoni u jidentifika oqsma fejn il-ġestjoni u l-kwalità tat-tagħlim/tagħlim jistgħu jittejbu.

O.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

vii. Edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (Sistema doppja):

Investiment 13. It-tgħammir tal-laboratorji tal-IT fl-iskejjel tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV)

L-objettiv tal-investiment huwa li jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-iskejjel li jappartjenu għan-network tal-ETV u jiffaċilita t-tagħlim elettroniku. Dan jinkludi investimenti f'infrastrutturi diġitali għat-tagħlim u għodod tat-tagħlim diġitali għal 909 skola tal-ETV.

L-investiment jinkludi wkoll ix-xiri ta' tagħmir tal-IT fil-klassi u jkopri t-tagħmir infrastrutturali sottostanti meħtieġ biex jintuża t-tagħmir tat-tagħlim diġitali. L-implimentazzjoni tal-investimenti għandha ssir permezz tal-Ispettorat tal-Iskola tal-Kontea jew permezz ta' awtoritajiet lokali jew skejjel li huma mistennija jniedu sejħiet għall-forniment ta' tagħmir tal-IT u laboratorji fl-unitajiet tal-edukazzjoni tal-ETV.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

Investiment 14. It-tgħammir ta' sessjonijiet ta' ħidma tal-prattika fl-iskejjel tal-ETV

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiġu mgħammra sessjonijiet ta' ħidma fl-iskejjel fi ħdan l-unitajiet tal-edukazzjoni tal-ETV, inklużi unitajiet ta' taħriġ doppju (u esklużi dawk bi profil agrikolu, li huma soġġetti għall-Investiment 7).

Permezz tal-iskema ta' finanzjament, kull waħda mid-909 skola tal-ETV għandha tibbenefika minn għotja ta' ammont massimu ta' EUR 100 000 sabiex tgħammar il-workshops tal-prattika skont l-ispeċjalizzazzjoni u l-ħtiġijiet konkreti tagħhom. Terz tal-investiment għandu jkun iddedikat biex il-workshops jiġu mgħammra b'tagħmir diġitali.

L-akkwist għandu jsir permezz tal-Ispettorati tal-Iskejjel tal-Kontea jew permezz tal-unitajiet/skejjel territorjali amministrattivi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

viii. Diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni:

Investiment 15. Skola Online: Pjattaforma ta' valutazzjoni u żvilupp tal-kontenut

Dan l-investiment għandu l-għan li jipprovdi approċċ integrat għall-attivitajiet ta' tagħlim online jew f'sitwazzjonijiet speċjali billi jiżgura l-komplementarjetà tas-sigħat online ma' pjattaformi ta' tagħlim, manwali diġitali u materjali ta' appoġġ meħtieġa għal proċess komplut u kumpless. Għalhekk, għandha tinħoloq ekosistema diġitali għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali fil-livell tal-iskejjel kif ukoll qafas sottostanti għall-valutazzjoni u l-ittestjar mill-bogħod.

L-investiment għandu jiġi implimentat permezz ta' sejħa kompetittiva għal proġetti għall-iżvilupp tar-Riżorsi Edukattivi Miftuħa. L-investiment għandu jiffinanzja: i) l-espansjoni tal-pjattaforma diġitali attwali għall-kotba akkademiċi biż-żieda ta' appoġġ għat-tagħlim għad-dixxiplini kollha u l-klassijiet kollha tal-edukazzjoni sekondarja, ii) il-ħolqien ta' kontenut edukattiv diġitali għal tliet livelli differenti ta' approfondiment tal-għarfien (rimedju, aċċessibbli, prestazzjoni), iii) l-iżvilupp ta' riżorsi edukattivi inklużivi għal studenti b'diżabilità, atleti, studenti li jiddaħħlu l-isptar u iv) l-iżvilupp ta' pjattaforma għall-valutazzjoni bbażata fuq l-aħjar prattiki Ewropej.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

Investiment 16. Id-diġitalizzazzjoni tal-universitajiet u t-tħejjija tagħhom għall-professjonijiet diġitali tal-futur

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb il-komunikazzjoni bejn l-universitajiet u l-istudenti u li joħloq il-kundizzjonijiet għal ħidma f'tim fl-ambjent diġitali, li jawtomatizza l-proċessi amministrattivi interni fl-universitajiet, li jtejjeb il-ġestjoni tas-sistema tal-kontenut edukattiv u li joħloq infrastruttura tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni biex jiġu indirizzati t-teknoloġiji avvanzati.

L-investiment għandu jiġi implimentat permezz ta' żewġ azzjonijiet:

i. Id-diġitalizzazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tar-Retturi (CNR) li għandha tinkiseb permezz tal-operazzjonalizzazzjoni ta' pjattaforma nazzjonali integrata li għandha tgħaqqad 11 ċentru universitarju bil-għan li tittrasforma l-universitajiet f'ċentri reġjonali għall-iżvilupp ekonomiku, il-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xogħol, u tnaqqas id-distakk bejn l-ambjent ekonomiku u l-awtoritajiet lokali. Il-kapaċità tas-CNR li jirrappreżenta l-universitajiet Rumeni fil-livell nazzjonali u internazzjonali għandha tiżdied permezz tal-applikazzjoni/l-iżvilupp/l-użu ta' teknoloġiji diġitali fl-ispazju akkademiku bl-użu ta' prinċipji bħal Prattika Tajba - Ħajja Akkademika Intelliġenti u l-Applikazzjonijiet Diġitali Governanza Intelliġenti, Nies Intelliġenti, u Influwenza Intelliġenti. Il-kunċett ta' kampus intelliġenti jintegra mudelli ġodda ta' tagħlim, kondiviżjoni intelliġenti tar-riżorsi u l-użu tal-bini u t-trasport. F'termini ta' kondiviżjoni intelliġenti tar-riżorsi, l-aħjar prattiki jikkonċernaw il-kondiviżjoni tal-kapaċità ta' ħżin tal-IT bejn l-universitajiet, il-forniment liberu ta' riżorsi edukattivi, u l-iskambju ta' informazzjoni. Il-kunċett ta' smart campus għandu jintuża għall-edukazzjoni għolja permezz tal-IT. Kampus intelliġenti għandu jiġi espress f'erba' oqsma: It-tagħlim, il-qsim, il-bini u t-trasport, fejn dawn it-temi kollha jistgħu jkunu kemm materjali kif ukoll immaterjali. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni tas-CNR għandha tinkiseb ukoll permezz tal-operazzjonalizzazzjoni ta' pjattaforma diġitali interattiva unika għat-tfassil, l-iżvilupp, l-integrazzjoni, l-akkwist u l-ġestjoni ta' bażijiet ta' *data* fil-livell nazzjonali. Dawn il-bażijiet ta' *data* għandhom jinkludu: Riżorsi edukattivi u ta' riċerka ta' universitajiet Rumeni, studenti, gradwati, ftehimiet istituzzjonali tal-universitajiet Rumeni ma' universitajiet barra mill-pajjiż, kollaborazzjonijiet ta' universitajiet Rumeni f'alleanzi/networks ta' universitajiet, kontribuzzjonijiet tal-universitajiet Rumeni għall-kapaċità ta' innovazzjoni Ewropea, kollaborazzjonijiet mal-ambjent soċjoekonomiku fil-livell reġjonali, nazzjonali u internazzjonali, sistemi interkonnessi li jippermettu aċċess, ħżin, kondiviżjoni, użu mill-ġdid u integrazzjoni ma' sistemi Ewropej (eż. Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa - EOSC).

ii. L-għoti ta' għotjiet lil 60 università għal diversi tipi ta' investimenti:
- l-operazzjonalizzazzjoni taċ-Ċentri Diġitali Universitarji
- programmi ta' taħriġ dwar il-kompetenza diġitali
- l-iżvilupp ta' ħiliet intraprenditorjali tal-istudenti għas-settur diġitali
- programmi ta' gwida għall-karriera għall-istudenti bil-ħsieb li jagħżlu impjiegi emerġenti fl-ICT
- programmi ta' taħriġ għal ħiliet ġodda ta' tagħlim/valutazzjoni f'sistema ibrida
- l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali avvanzati għal 1 000 student universitarju tal-ewwel grad u tal-masters
- it-taħriġ għall-iżvilupp ta' ħiliet professjonali u diġitali ta' baċellerat, masters u studenti dottorali permezz tal-parteċipazzjoni fi programmi ta' taħriġ, marbuta mal-

Qafas Ewropew ta’ Kompetenza Diġitali; l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali tal-persunal tat-tagħlim u tar-riċerka permezz tal-parteċipazzjoni fi proġetti ta’ riċerka u prattika, marbuta mal-Qafas Ewropew għall-Kompetenza Diġitali tal-Għalliema; l-iżvilupp ta’ ħiliet diġitali avvanzati ta’ speċjalisti fil-qasam tal-IT għal teknoloġiji emerġenti - Quantum Computing, Intelliġenza Artifiċjali, Blockchain, Internet tal-Oġġetti; it-twettiq ta’ programmi ta’ taħriġ ta’ titjib tal-ħiliet permezz ta’ Ċentri ta’ Innovazzjoni Diġitali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025.

ix. Infrastruttura:

Investiment 17. L-iżgurar tal-infrastruttura universitarja (djar, kantins, faċilitajiet ta’ rikreazzjoni)

L-objettiv ta’ dan l-investiment huwa l-kostruzzjoni/titjib ta’ 3 tipi ta’ infrastruttura f’campuses universitarji, f’konformità mal-istandards ta’ sikurezza u kwalità, biex tiġi żgurata d-dimensjoni soċjali/inklużiva tal-edukazzjoni għolja.

L-investiment għandu jkopri:

- Il-kostruzzjoni ta' 5 020 u l-estensjoni/modernizzazzjoni ta’ 14 500 post ta’ rikreazzjoni u qari f’kampusijiet universitarji, li għandhom jiġu ffinalizzati sal-31 ta’ Marzu 2024;
- Il-kostruzzjoni ta' 3 500 u l-estensjoni/modernizzazzjoni ta’ 3 125 kantins fil-kampusijiet universitarji, li għandhom jiġu ffinalizzati sat-30 ta’ Ġunju 2024;
- Kostruzzjoni ta' 4 600 u estensjoni/modernizzazzjoni ta’ 14 530 binja ta’ akkomodazzjoni f’campuses universitarji, għal studenti minn ambjenti soċjoekonomiċi żvantaġġati, b’diżabilitajiet, xi minoranzi etniċi jew familji b’ġenitur wieħed, eċċ. li għandhom jingħataw prijorità fil-kisba ta’ post fuq kampusijiet tal-università mibnija ġodda. Ix-xogħlijiet għandhom jiġu ffinalizzati sat-30 ta’ Settembru 2024.

Mira finali tindika li mill-inqas 40 % tal-faċilitajiet ġodda u modernizzati għandhom ikunu diretti lejn studenti minn ambjenti żvantaġġati, sat-30 ta’ Settembru 2025.

Bini mibni ġdid għandu jikkonforma mal-objettiv li tinkiseb domanda għall-enerġija primarja (PED) mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta’ NZEB skont il-linji gwida nazzjonali, li għandu jiġi żgurat permezz ta’ ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

Fir-rigward tar-rinnovazzjonijiet, il-kuntratti għandhom jinkludu rekwiżit minimu ta’ tnaqqis fil-konsum tal-enerġija għat-tisħin b’mill-inqas 50 % meta mqabbel mal-konsum annwali tal-enerġija għat-tisħin qabel ir-rinnovazzjoni tal-bini, li għandu jwassal għal żieda ta’ 30 % fl-iffrankar tal-enerġija primarja meta mqabbel mal-istat ta’ qabel ir-rinnovazzjoni. F’dan il-kuntest, mill-inqas 90 % tal-ispejjeż għandhom jappartjenu għal titjib fl-effiċjenza enerġetika.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Settembru 2025.

x. Il-governanza tal-iskejjel:

Investiment 18. Programm ta’ taħriġ u kowċing għall-maniġers u l-ispetturi tal-iskejjel

L-objettiv ta’ dan l-investiment huwa li jiġi żviluppat programm aġġornat ta’ taħriġ u taħriġ għall-maniġers u l-ispetturi biex jipprofessjonalizzaw il-ġestjoni edukattiva. Il-programm ta’ taħriġ għandu jitfassal abbażi ta’ rakkomandazzjonijiet magħmula minn esperti li għandhom iwettqu analiżi funzjonali tal-governanza tas-sistema edukattiva u tal-aħjar prattiki Ewropej.

Taħriġ għall-maniġers tal-iskejjel (6 176 direttur u 2 924 deputat direttur) u spetturi tal-iskejjel (900), għal perjodu ta’ sena u nofs, bil-għan li jiġu promossi t-tmexxija u l-ġestjoni istituzzjonali, finanzjarja u tar-riżorsi umani, l-amministrazzjoni u l-leġiżlazzjoni biex jgħinu fl-iżvilupp tal-kapaċità tal-istituzzjoni edukattiva tagħhom biex iżidu l-prestazzjoni tal-

istudenti. Il-programm ta’ taħriġ u kkowċjar, b’funzjonijiet ta’ mentoraġġ u kontroll, għandu jkollu l-għan speċifiku li joħloq il-ħiliet meħtieġa għall-ġestjoni tas-sistema edukattiva f’ambjent deċentralizzat permezz ta’ fornituri ta’ taħriġ akkreditati b’esperti fir-Riżorsi Umani.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Marzu 2026.

O.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
496	Investiment 13. It-tgħammir tal-laboratorji tal-IT fl-iskejjel tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV)	Mira	Skejjel edukattivi ETV mgħammra b'laboratorji tal-kompjuter		Numru	0	909	Q3	2023	909 skejjel tal-ETV għandhom ikunu mgħammra b'infrastrutturi diġitali u għodod għat-tagħlim. L-investiment jinkludi x-xiri ta' tagħmir tal-klassi (bħal proġekters, sistemi ta' reġistrazzjoni vidjo, sistemi ta' awdjo, kameras u tagħmir tal-awdjo biex jiġu rreġistrati l-lezzjonijiet, tagħmir ta' software għall-arkivjar ta' riżorsi diġitali għat-tagħlim) u jkopri tagħmir infrastrutturali sottostanti (bħal elettroinstallazzjonijiet, networks LAN u wi-fi) meħtieġ biex jintuża t-tagħmir tat-tagħlim diġitali.
497	Investiment 14. It-tgħammir ta' sessjonijiet ta' ħidma tal-prattika fl-iskejjel tal-ETV	Mira	Unitajiet edukattivi tal-ETV mgħammra b'laboratorji ta' prattika funzjonali		Numru	0	909	Q3	2023	909 unitajiet edukattivi tal-ETV mgħammra b'laboratorji ta' prattika funzjonali. L-awtoritajiet lokali għandhom iniedu skemi ta' appoġġ biex jgħammru sessjonijiet ta' ħidma fl-iskejjel fi ħdan l-unitajiet tal-edukazzjoni tal-ETV, inklużi unitajiet ta' taħriġ doppju u eskużi dawk bi profil agrikolu, permezz ta' kunsilli tal-kontea u sindki.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
										Permezz tal-iskema ta' finanzjament, kull skola tal-ETV għandha tibbenefika minn għotja sa EUR 100 000 biex tgħammar il-workshops tal-prattika skont l-ispeċjalizzazzjoni u l-ħtiġijiet konkreti tagħhom. EUR 30 miljun tal-investiment għandhom jiġu ddedikati biex il-workshops jiġu mgħammra b'tagħmir diġitali (simulaturi).
498	Investiment 15. Skola Online: Pjattaforma ta' valutazzjoni u żvilupp tal-kontenut	Stadju Importanti	L-ePlatform tal-Evalwazzjoni tal-Istudenti Online hija operattiva	Il-pjattaforma elettronika għall-valutazzjoni sigura tal-ħiliet tat-tfal tal-iskola hija operattiva u tintuża għall-valutazzjonijiet tal-istudenti kollha (minbarra l-istudenti tal-ETV)				Q1	2024	L-ePlatform tal-Valutazzjoni tal-Istudenti Online għandha ssir operattiva. L-iżvilupp tal-pjattaforma għandu jqis l-għadd medju ta' oġġetti fi kwalunkwe klassi tas-suġġett, prodott xjentifiku (fejn għandhom ikunu meħtieġa ħiliet psikopometriċi) u software (imfassal skont l-analiżi tal-ħtiġijiet xjentifiċi u l-iskema xjentifika żviluppata minn esperti f'dan il-qasam (ittestjar tal-kurrikulu, ħiliet). Is-software għandu jinkludi wkoll applikazzjoni tal-klijent mobbli (għall-istudenti u l-għalliema), kif ukoll karatteristiċi ta' superviżjoni online.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
499	Investiment 15. Skola Online: Pjattaforma ta' valutazzjoni u żvilupp tal-kontenut	Mira	Riżorsi Edukattivi Miftuħa (OER) żviluppati (materjali tat-tagħlim)		Numru	0	67 000	Q1	2025	Ġew żviluppati 67 000 Riżorsi Edukattivi Miftuħa (OER) (materjali tat-tagħlim). L-iżvilupp tal-OER għandu jiffoka fuq: I) l-espansjoni tal-pjattaforma diġitali attwali għall-kotba akkademiċi billi jiżdied l-appoġġ għat-tagħlim għad-dixxiplini kollha u l-klassijiet kollha tal-edukazzjoni sekondarja; II) il-ħolqien ta' kontenut edukattiv diġitali għal tliet livelli differenti ta' approfondiment tal-għarfien (rimedju, aċċessibbli, prestazzjoni); III) l-iżvilupp ta' riżorsi edukattivi inklużivi għal studenti b'diżabilità, atleti, studenti li jiddaħħlu l-isptar. L-OERs relatati ma' dan l-investiment għandhom jiġu żviluppati minn professjonisti b'esperjenza, filwaqt li dawk taħt l-investiment I8 huma esperimentali, li huma parti mill-evalwazzjoni finali tal-għalliema li jipparteċipaw fil-programm.
500	Investiment 16. Id-diġitalizzazzjoni tal-universitajiet u	Stadju Importanti	Iffirmar ta' kuntratti għal għotjiet għal ċentri	Iffirmar tal-kuntratti				Q2	2022	L-iffirmar ta' kuntratti għal għotjiet lil 60 università għall-finanzjament ta' miżuri integrati biex tittejjeb l-infrastruttura diġitali u jiġu

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
	t-tħejjija għall-professjonijiet diġitali tal-futur		teknoloġiċi innovattivi fl-universitajiet							żviluppati l-kompetenzi tal-istudenti u l-persunal tat-tagħlim tal-università: - l-operazzjonalizzazzjoni taċ-Ċentri Diġitali Universitarji, - programmi ta' taħriġ dwar il-kompetenza diġitali, - l-iżvilupp ta' ħiliet intraprenditorjali tal-istudenti għas-settur diġitali, - programmi ta' gwida għall-karriera għall-istudenti bil-ħsieb li jagħżlu impjiegi emerġenti fl-ICT, - programmi ta' taħriġ għal ħiliet ġodda ta' tagħlim/valutazzjoni f'sistema ibrida, żvilupp ta' ħiliet diġitali avvanzati għal 1 000 student universitarju tal-ewwel grad u ta' master.
501	Investiment 16. Id-diġitalizzazzjoni tal-universitajiet u t-tħejjija tagħhom għall-	Stadju Importanti	Iffirmar ta' kuntratti għal skema ta' għotjiet għad-diġitalizzazzjoni tal-Kunsill	Iffirmar tal-kuntratti				Q4	2022	L-għotjiet għandhom jingħataw għad-diġitalizzazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tar-Retturi (NCR). Id-diġitalizzazzjoni tal-NCR għandha tinkiseb permezz ta': a) Infrastruttura tan-network

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
